 MT

Il-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

Brussell, 14.7.2004
COM(2004) 486 finali

2004/0155 (COD)2004/0159 (COD)
Annessi tekniċi

Proposta għal

# DIRETTIVI TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL

**li jirriformulaw id-Direttiva 2000/12/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ta' l-20 ta' Marzu 2000 rigward il-bidu u l-eżerċizzju tan-negozju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-Direttiva tal-Kunsill 93/6/KEE tal-15 ta' Marzu 1993 dwar l-adegwatezza ta' kapital ta' ditti ta' l-investiment u l-istituzzjonijiet ta' kreditu.**

(ippreżentati mill-Kummissjoni)

{SEC(2004) 921}

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

-

Proposta għal

**DIRETTIVA TAL-KUNSILL**

**dwar […]**

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu […] tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni[1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew[2],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[3],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[4],

Billi:

(1) [Kapital inizjali…].

(2) [Kapital inizjali…],

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

*Artikolu 1*

[…]

*Artikolu […]*

L-Istati membri għandhom idaħħlu fis-seħħ il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva sa mhux aktar tard minn […] Għandhom jgħarrfu lill-Kummissjoni bihom minnufih.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn id-dispożizzjonijiet, għandhom jinkludu referenza għal din id-Direttiva jew jakkumpanjawhom b'din ir-riferenza meta jippubblikawhom uffiċjalment. L-Istati Membri għandhom jiddeterminaw kif għandha ssir din ir-referenza.

---

1 ĠU C [...], [...], p. [...].
2 ĠU C [...], [...], p. [...].
3 ĠU C [...], [...], p. [...].
4 ĠU C [...], [...], p. [...].

*Artikolu [...]*

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fi […] jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.*

*Artikolu [...]*

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, […]

*Għall-Kunsill*
*Il-President*
*[...]*

# ANNESS

⇩ġdid

## Anness V – Kriterji tekniċi dwar l-organizzazzjoni u t-trattament tar-riskji

### 1. TMEXXIJA

1. L-arranġamenti jridu jiġu definiti mill-korp amministrattiv li ssir referenza għalih fl-Artikolu 11 li jitratta t-tqassim tad-dmirijiet fl-organizzazzjoni u l-prevenzjoni tal-kunflitti ta' interess.

### 2. IT-TRATTAMENT TAR-RISKJI

2. Il-korp amministrattiv imsemmi fl-Artikolu 11 għandu japprova u perjodikament jirrevedi l-istrateġiji u l-politika għat-teħid, il-ġestjoni, il-monitoraġġ u l-mitigazzjoni tar-riskji li l-istituzzjoni ta’ kreditu hija jew tista’ tkun esposta għalihom, inklużi dawk ir-riski li ġejjin mill-ambjent makroekonomiku li tkun qed topera fih f’relazzjoni mal-qagħda taċ-ċiklu tan-negozju.

### 3. IR-RISKJU TAL-KREDITU U R-RISKJU TAL-KONTROPARTI

3. L-għoti tal-kreditu għandu jissejjes fuq kriterji sodi u definiti tajjeb. Għandu jiġi stabbilit b’mod ċar il-proċess għall-approvazzjoni, l-emenda, it-tiġdid u r-rifinanzjament tal-krediti.

4. L-amministrazzjoni u l-monitoraġġ tal-portfolji u skoperturi differenti tagħhom li jġorru riskju tal-kreditu, inkluża l-identifikazzjoni u l-ġestjoni tal-krediti li jippreżentaw problemi u t-twettiq ta’ aġġustamenti tal-valur u proviżjonijiet adegwati, għandhom jiġu eżegwiti permezz ta’ sistemi effettivi.

5. Id-diversifikazzjoni tal-portfolji tal-kreditu għandha tkun adegwata għas-swieq identifikati u l-istrateġija globali tal-kreditu ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu..

### 4. RISKJU RESIDWU

6. Ir-riskju li t-teknika rikonoxxuta għall-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu użata mill-istituzzjoni tal-kreditu tirriżulta inqas effettiva milli mistenni, għandu jiġi indirizzata u kkontrollat permezz ta’ *policies* u proċeduri stabbiliti bil-miktub.

### 5. RISKJU TA’ KONĊENTRAZZJONI

7. Ir-riskju ta’ konċentrazzjoni li jirriżulta mill-iskoperturi (*exposures*) għall-kontropartijiet, gruppi ta’ kontropartijiet konnessi u kontropartijiet fl-istess settur ekonomiku, reġjun ġeografiku jew fl-istess attività jew prodott primarju, l-

applikazzjoni tal-metodi biex jittaffa r-riskju, u inklużi b'mod partikolari r-riskji assoċjati ma' l-iskoperturi kbar u indiretti għall-kreditu (pereżempju minn entità waħda li tagħti garanzija), għandhom ikunu indirizzati u kkontrollati permezz ta' *policies* u proċeduri stabiliti bil-miktub.

## 6. RISKJI TA' TITOLIZZAZZJONI (*SECURITISATION*)

8. Ir-riskji li jirriżultaw mit-tranżazzjonijiet ta' titolizzazzjoni li fir-rigward tagħhom l-istituzzjonijiet ta' kreditu huma l-oriġinaturi jew il-promoturi għandhom ikunu evalwati u indirizzati permezz ta' *policies* u proċeduri xierqa, sabiex ikun assigurat b'mod partikolari li s-sustanza ekonomika tat-tranżazzjoni tkun riflessa b'mod sħiħ fid-deċiżjonijiet ta' l-evalwazzjoni u l-ġestjoni tar-riskju.

9. Għandu jkun hemm fl-istituzzjonijiet ta' kreditu li jkunu l-oriġinaturi ta' tranżazzjonijiet ta' *revolving securitisation* li jinvolvu proviżjonijiet ta' amortizzazzjoni bikrija, pjani tal-likwidità biex ikunu indirizzati l-implikazzjonijiet sew ta' l-amortizzazzjoni li ssir skond l-iskeda kif ukoll ta' dik bikrija.

## 7. RISKJU TAR-RATI TA' L-INTERESSI LI JOĦROĠ MINN ATTIVITAJIET LI MHUMIEX TA' NEGOZJU

10. Għandhom jiġu implimentati sistemi sabiex jiġi evalwat u ġestit ir-riskju li joħroġ minn bidliet potenzjali fir-rati ta' l-interessi inkwantu għall-mod kif dawn il-bidliet jaffettwaw l-attivitajiet mhux ta' negozju ta' istituzzjoni ta' kreditu.

## 8. RISKJU OPERATTIV

11. Għandhom jiġu implimentati *policies* u proċessi sabiex tiġi evalwata u ġestita l-iskopertura għar-riskju operattiv, inklużi avvenimenti ta' gravità partikolari u li ma jseħħux ta'spiss. Bla ħsara għad-definizzjoni stabbilita fl-Artikolu 4(22), l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha jridu jartikolaw dak li jikkostitwixxi riskju operattiv għall-fini ta' dawn il-*policies* u proċeduri.

12. Pjani ta' kontinġenza u ta' kontinwità tan-negozju għandhom ikunu stabbiliti sabiex tiġi żgurata l-ħila ta' istituzzjoni ta' kreditu li tkompli topera fuq bażi kontinwa u tillimita t-telf fil-każ ta' tfixkil gravi għan-negozju.

## 9. RISKJU TAL-LIKWIDITÀ

13. Għandu jkun hemm *policies* u proċessi għall-kejl u l-ġestjoni tal-pożizzjoni netta tal-finanzjament tagħhom u għandu jkun hemm obbligi fuq bażi kontinwa u bi prospettiva għall-futur. Iridu jitqiesu xenarji alternattivi u jiġu riveduti regolarment il-preżunzjonijiet li fuqhom jissejsu d-deċiżjonijiet dwar il-pożizzjoni netta tal-finanzjament.

14. Irid ikun hemm pjani ta' kontinġenza sabiex ikunu jistgħu jiġu affrontati kriżijiet fil-likwidità.

## ANNESS VI

## Metodu Standardizzat
## Parti 1 – Piżijiet differenzjati għar-riskju

### 10. SKOPERTURI GĦAL AMMINISTRAZZJONIJIET ĊENTRALI JEW BANEK ĊENTRALI

### 10.1. Trattament

15. Bla ħsara għall-paragrafi 2 sa 8, skoperturi għal amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali għandhom jirċievu piż differenzjat għar-riskju ta' 100%.

16. Skoperturi għal amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali li għalihom tkun disponibbli evalwazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominat għandhom ikunu assenjati piż differenzjat għar-riskju skond it-Tabella 1 skond l-attribuzzjoni, mill-awtoritajiet kompetenti, ta' l-evalwazzjoni tal-kreditu ta' ECAI eliġibbli fuq sitt klassijiet ta' l-iskala ta' evalwazzjoni tal-kwalità tal-kreditu.

*Tabella 1*

| Skaluna tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż differenzjat għar-riskju | 0% | 20% | 50% | 100% | 100% | 150% |

17. Skoperturi għall-Bank Ċentrali Ewropew għandhom ikunu assenjati b'0% ta' piż differenzjat għar-riskju.

### 10.2. Skoperturi fil-munita nazzjonali tad-debitur

18. Bla ħsara għad-diskrezzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, l-iskoperturi lill-amministrazzjoni u lill-bank ċentrali tagħhom denominati u finanzjati fil-munita domestika tagħhom jistgħu jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju aktar baxx minn dak indikat fil-paragrafu 2.

19. Meta d-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 4 tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor ukoll jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom li japplikaw l-istess piż differenzjat għar-riskju għal skoperturi lil dik l-amministrazzjoni ċentrali jew bank ċentrali denominati u finanzjati f'dik il-munita.

20. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' pajjiż terz li japplikaw arranġamenti regolatorji u ta' sorveljanza għall-inqas daqs dawk applikati fil-Komunità jassenjaw piż differenzjat għar-riskju aktar baxx minn dak indikat fil-paragrafu 1 sa 2 għal skoperturi fil-konfront ta' l-amministrazzjoni ċentrali jew tal-bank ċentrali tagħhom

denominati u finanzjati fil-munita domestika, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom li jagħtu piż differenzjat għar-riskju lil dawn l-iskoperturi bl-istess mod.

**10.3. L-użu ta’ valutazzjoni tal-kreditu ta’ l-Aġenziji għall-Kreditu għall-Esportazzjoni (*Export Credit Agencies*)**

21. Valutazzjoni ta’ kreditu minn Aġenzija ta’ Kreditu għall-Esportazzjoni tista’ tkun rikonoxxuta biss jekk tintlaħaq waħda minn dawn il-kundizzjonijiet:

(a) il-valutazzjoni tal-kreditu tkun punteġġ ta’ riskju maqbul minn Aġenzija ta’ Kreditu għall-esportazzjoni li taderixxi għall-“*Arrangement on Guidelines for Officially Supported Export Credits*” ta’ l-OECD

(b) l-Aġenziji ta’ Kreditu għall-Esportazzjoni jippubblikaw il-valutazzjoni ta’ kreditu tagħhom, u l-Aġenzija ta’ Kreditu għall-esportazzjoni tissottoskrivi għall-metodoloġija OECD maqbula, u l-valutazzjoni ta' kreditu tkun assoċjata ma' wieħed mis-seba' primjums li l-metodoloġija maqbula ta’ l-OECD tistabbilixxi.

22. Skoperturi li għalihom, għall-iskopijiet ta’ peżar tar-riskju, hija rikonoxxuta valutazzjoni ta’ kreditu minn Aġenzija ta’ Kreditu għall-Esportazzjoni, jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju skond it-Tabella 2.

*Tabella 2*

| MEIP | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 | 7 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż differenzjat għar-riskju | 0% | 20% | 50% | 100% | 100% | 100% | 150% |

**11. SKOPERTURI GĦAL AMMINISTRAZZJONIJIET REĠJONALI JEW AWTORITAJIET LOKALI**

23. Bla ħsara għall-paragrafi 10 sa 12, skoperturi għal amministrazzjonijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali għandhom jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju bħal skoperturi għall-istituzzjonijiet. L-eżerċizzju ta’ din id-diskrezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija indipendenti mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti kif speċifikat fl-Artikolu 80. It-trattament preferenzjali għal skoperturi fuq perjodu qasir speċifikati fil-paragrafi 30, 31 u 36 m'għandux jiġi applikat.

24. Bla ħsara għad-diskrezzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, skoperturi għal amministrazzjonijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali jistgħu jiġu trattati bħala skoperturi għall-amministrazzjoni ċentrali li jkunu stabbiliti fil-ġurisdizzjoni tagħhom, sakemm ma jkun hemm l-ebda differenza fir-riskju bejn dawn l-iskoperturi minħabba li l-amministrazzjoni reġjonali u l-awtoritajiet lokali jkollhom poteri

speċifiċi ta' impożizzjoni fiskali u arranġamenti istituzzjonali speċifiċi li jnaqqsu r-riskji ta' inadempiment.

25. Meta d-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 10 tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor ukoll jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom li japplikaw l-istess piż differenzjat għar-riskju għal skoperturi lil dawk l-amministrazzjonijiet reġjonali u awtoritajiet lokali.

26. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz li japplikaw arranġamenti regolatorji u ta' sorveljanza għall-inqas daqs dawk applikati fil-Komunità jittrattaw skoperturi għall-amministrazzjonijiet reġjonali u awtoritajiet lokali bħala skoperturi għall-amministrazzjoni ċentrali tagħhom, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom li jagħtu piż differenzjat għar-riskju lil dawn l-iskoperturi għal amministrazzjonijiet reġjonali u awtoritajiet lokali bl-istess mod.

## 12. SKOPERTURI FUQ KORPI AMMINISTRATTIVI U IMPRIŻI MHUX KUMMERĊJALI

### 12.1. Trattament

27. Bla ħsara għall-paragrafi 14 sa 18, skoperturi għal korpi amministrattivi u impriżi mhux kummerċjali għandhom jingħataw piż differenzjat għar-riskju ta' 100%.

### 12.2. Entitajiet tas-Settur Pubbliku

28. Bla ħsara għall-paragrafi 15 sa 17, skoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku għandhom jingħataw piż differenzjat għar-riskju ta' 100%.

29. Bla ħsara għad-diskrezzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, skoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku jistgħu jiġu trattati bħala skoperturi għall-istituzzjonijiet. L-eżerċizzju ta' din id-diskrezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti hija indipendenti mill-eżerċizzju tad-diskrezzjoni mill-awtoritajiet kompetenti kif speċifikat fl-Artikolu 80. It-trattament preferenzjali għal skoperturi fuq perjodu qasir speċifikati fil-paragrafi 30, 31 u 36 m'għandux jiġi applikat.

30. Meta d-diskrezzjoni li skoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku jiġu trattati bħala skoperturi għall-istituzzjonijiet tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor ukoll jistgħu bl-istess mod jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom li japplikaw l-istess piż differenzjat għar-riskju għal skoperturi għal dak is-settur pubbliku.

31. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' ġurisdizzjoni ta' pajjiż terz, li japplikaw arranġamenti regolatorji u ta' sorveljanza għall-inqas daqs dawk applikati fil-Komunità, jittrattaw skoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku bħala skoperturi għall-istituzzjonijiet, l-Istati Membri jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom li jagħtu piż differenzjat għar-riskju lil dawn l-iskoperturi bl-istess mod.

### 12.3. Knejjes u komunitajiet reliġjużi

32. Skoperturi għal knejjes u komunitajiet reliġjużi kostitwiti fil-forma ta’ persuna ġuridika taħt il-liġi pubblika għandhom, sakemm jiġbru t-taxxi skond il-leġiżlazzjoni li tikkonferixxi lilhom id-dritt li jagħmlu dan, jiġu trattati bħala skoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku.

## 13. SKOPERTURI GĦAL BANEK MULTILATERALI TA’ L-IŻVILUPP

### 13.1. Kamp ta’ l-applikazzjoni

33. Għall-iskopijiet ta’ l-Artikoli 78 sa 83, l-Inter-American Investment Corporation hija kkunsidrata bħala Bank Multilaterali ta’ l-Iżvilupp (MDB).

### 13.2. Trattament

34. Bla ħsara għall-paragrafi 21 u 22, skoperturi għal banek multilaterali ta’ l-iżvilupp għandhom ikunu trattati bl-istess mod bħal skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu skond il-paragrafi 28 sa 31. It-trattament preferenzjali għal skoperturi fuq perjodu qasir kif speċifikat fil-paragrafi 30, 31 u 36 m’għandux japplika.

35. Skoperturi għall-banek multilaterali ta’ l-iżvilupp li ġejjin għandu jkollhom piż differenzjat għar-riskju ta' 0%:

(a) il-Bank Internazzjonali għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp;

(b) il-Korporazzjoni Internazzjonali tal-Finanzi;

(c) il-Bank għall-Iżvilupp Inter-Amerikan;

(d) il-Bank għall-Iżvilupp Ażjatiku;

(e) il-Bank għall-Iżvilupp Afrikan;

(f) il-Bank ta’ l-Iżvilupp tal-Kunsill ta’ l-Ewropa;

(g) il-Bank ta’ l-Iżvilupp Nordiku;

(h) il-Bank ta’ l-Iżvilupp tal-Karibew;

(i) il-Bank Ewropew għar-Rikostruzzjoni u l-Iżvilupp;

(j) il-Bank Ewropew ta’ l-Investiment;

(k) il-Fond Ewropew għall-Investiment;

(l) l-Aġenzija Multilaterali ta’ Garanzija għall-Investiment.

36. Għall-porzjon tal-kapital mhux imħallas sottoskritt għall-Fond Ewropew għall-Investiment għandu jkun applikat piż differenzjat għar-riskju ta’ 20%.

## 14. SKOPERTURI GĦAL ORGANIZZAZZJONIJIET INTERNAZZJONALI

37. Skoperturi għall-organizzazzjonijiet internazzjonali li ġejjin għandhom jiġu assenjati piż differenzjat għar-risku ta' 0%:

(a) il-Komunità Ewropea;

(b) il-Fond Monetarju Internazzjonali;

(c) il-Bank għar-Riżoluzzjonijiet Internazzjonali.

## 15. SKOPERTURI GĦALL-ISTITUZZJONIJIET

### 15.1. Trattament

38. Biex jiġu determinati l-piżijiet differenzjati tar-riskju għal skoperturi għall-istituzzjonijiet għandu jiġi applikat wieħed miż-żewġ metodi deskritti fil-paragrafi 26 sa 27 u 28 sa 31.

### 15.2. Limitu fuq il-piż differenzjat għar-riskju fuq skoperturi għal istituzzjonijiet mhux klassifikati

39. Skoperturi għal istituzzjoni mhux klassifikata m'għandhomx jingħataw piż differenzjat għar-riskju inqas minn dak li jingħata għal skoperturi lill-amministrazzjoni ċentrali tagħha.

### 15.3. Metodu bbażat fuq il-piż differenzjat għar-riskju ta' l-amministrazzjoni ċentrali

40. Skoperturi għal istituzzjonijiet għandhom jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju skond l-iskaluna ta' kwalità tal-kreditu li għaliha jkunu assenjati l-iskoperturi għall-amministrazzjoni ċentrali tal-ġurisdizzjoni fejn tkun inkorporata l-istituzzjoni, skond it-Tabella 3.

*Tabella 3*

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Skaluna tal-kwalità tal-kreditu li għaliha hija assenjata l-amministrazzjoni ċentrali | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| Piż differenzjat għar-riskju | 20% | 50% | 100% | 100% | 100% | 150% |

41. Għal skoperturi għal istituzzjonijiet inkorporati f'pajjiżi fejn l-amministrazzjoni ċentrali ma tkunx klassifikata, il-piż differenzjat għar-riskju m'għandux ikun aktar minn 100%.

### 15.4. Metodu bbażat fuq il-valutazzjoni tal-kreditu

42. Skoperturi għal istituzzjonijiet b'maturità effettiva oriġinali ta' aktar minn tliet xhur li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom ikunu assenjati piż differenzjat għar-riskju skond it-Tabella 4 bi qbil ma' l-attribuzzjoni min-naħa ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' l-ECAI eliġibbli għas-sitt klassijiet ta' l-iskala tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu.

*Tabella 4*

| Skaluna tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż differenzjat għar-riskju | 20% | 50% | 50% | 100% | 100% | 150% |

43. Skoperturi għal istituzzjonijiet mhux klassifikati għandhom ikunu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta' 50%.

44. Skoperturi għal istituzzjoni b'maturità effettiva oriġinali ta' tliet xhur jew inqas, li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata, għandhom jingħataw piż differenzjat għar-riskju skond it-Tabella 5 bi qbil ma' l-attribuzzjoni min-naħa ta' l-awtoritajiet kompetenti tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' l-ECAI eliġibbli għas-sitt klassijiet ta' l-iskala tal-valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu:

*Tabella 5*

| Skaluna tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż differenzjat għar-riskju | 20% | 20% | 20% | 50% | 50% | 150% |

45. Skoperturi għal istituzzjonijiet mhux klassifikati b'maturità effettiva oriġinali ta' tliet xhur jew inqas għandhom ikunu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta' 20%.

### 15.5. Interazzjoni ma' valutazzjonijiet tal-kreditu fuq perjodu qasir

46. Jekk għal skoperturi għall-istituzzjonijiet jiġi applikat il-metodu speċifikat fil-paragrafi 28 sa 31, l-interazzjoni ma' valutazzjonijiet fuq perjodu qasir għandha tkun kif ġej.

47. Jekk ma jkunx hemm valutazzjoni ta' l-iskopertura fuq perjodu qasir, it-trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi fuq perjodu qasir kif speċifikat fil-paragrafu 30 għandu japplika għall-iskoperturi kollha għal istituzzjonijiet b'mhux aktar minn tliet xhur ta' maturità inizjali.

48. Jekk ikun hemm valutazzjoni fuq perjodu qasir u din il-valutazzjoni tiddetermina l-applikazzjoni ta’ piż differenzjat għar-riskju aktar favorevoli jew identiku għat-trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi fuq perjodu qasir, kif speċifikat fil-paragrafu 30, għal dik l-iskopertura speċifika biss għandha tintuża l-valutazzjoni fuq perjodu qasir. Skoperturi oħrajn fuq perjodu qasir għandhom isegwu t-trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi fuq perjodu qasir, kif speċifikat fil-paragrafu 30.

49. Jekk ikun hemm valutazzjoni fuq perjodu qasir, u din il-valutazzjoni tiddetermina piż differenzjat għar-riskju inqas favorevoli mit-trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi fuq perjodu qasir, kif speċifikat fil-paragrafu 30, m’għandux jintuża t-trattament preferenzjali ġenerali għal skoperturi fuq perjodu qasir, u t-talbiet kollha fuq perjodu qasir mhux klassifikati għandhom jingħataw l-istess piż differenzjat għar-riskju bħal dak applikat mill-valutazzjoni speċifika fuq perjodu qasir.

**15.6. Skoperturi fuq perjodu qasir fil-munita nazzjonali tad-detitur**

50. Meta għal skoperturi għall-amministrazzjonijiet ċentrali u għall-banek ċentrali l-awtoritajiet kompetenti jkunu adottaw il-metodu deskritt fil-paragrafi 4 sa 6, bla ħsara għad-diskrezzjoni tagħhom, skoperturi għal istituzzjonijiet b’maturità effettiva oriġinali ta’ 3 xhur jew inqas denominati u finanzjati fil-munita nazzjonali jistgħu jiġu assenjati, taħt iż-żewġ metodi deskritti fil-paragrafi 26 sa 27 u 28 sa 31, piż differenzjat għar-riskju li jkun kategorija inqas favorevoli mill-piż tar-riskju preferenzjali, kif deskritt fil-paragrafi 4 sa 6, assenjat għal skoperturi għall-amministrazzjoni ċentrali tagħhom.

51. L-ebda skoperturi b’maturità effettiva oriġinali ta’ 3 xhur jew inqas denominati u finanzjati fil-munita nazzjonali tad-debitu m’għandhom jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta’ inqas minn 20%.

6.7 Investimenti fi strumenti ta’ kapital regolatorju

52. Investimenti fi strumenti ta’ kapital (*equity*) jew kapital regolatorju maħruġa minn istituzzjonijiet għandhom jingħataw piż differenzjat għar-riskju ta’ 100%, sakemm dawn ma jinqatgħux mill-fondi proprji.

## 16. SKOPERTURI GĦAL KUMPANIJI

### 16.1. Trattament

53. Skoperturi li għalihom tkun disponibbli valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominata għandhom ikunu assenjati b’piż differenzjat għar-riskju skond it-Tabella 5 bi qbil ma’ l-attribuzzjoni mill-awtoritajiet kompetenti, ta’ l-evalwazzjoni tal-kreditu ta’ ECAI eliġibbli fuq sitt klassijiet ta' l-iskala ta’ evalwazzjoni tal-kwalità tal-kreditu.

*Tabella 5*

| Skaluna tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż differenzjat għar-riskju | 20% | 50% | 100% | 100% | 150% | 150% |

54. Skoperturi li għalihom ma tkunx disponibbli valutazzjoni tal-kreditu għandhom jingħataw piż differenzjat għar-riskju ta' 100% jew inkella l-piż differenzjat għar-riskju ta' l-amministrazzjoni ċentrali tagħhom, liema minnhom ikun l-ogħla.

## 17. SKOPERTURI *RETAIL*

55. Skoperturi li huma konformi mal-kriterji elenkati fl-Artikolu 79(2) jistgħu, bla ħsara għad-diskrezzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta' 75%.

## 18. SKOPERTURI GARANTITI BI PROPRJETÀ IMMOBBLI

56. Bla ħsara għall-paragrafi 43 sa 57, skoperturi garantiti kompletament bi proprjetà immobbli għandhom jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta' 100%.

### 18.1. Skoperturi garantiti b'ipoteka fuq proprjetà residenzjali

57. Skoperturi garantiti kompletament, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, b'ipoteki fuq proprjetà residenzjali li hija jew li għandha tkun okkupata jew mikrija mis-sid għandhom jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta' 35%.

58. Skoperturi garantiti kompletament, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, b'ishma f'kumpaniji tad-djar residenzjali Finlandiżi, li joperaw skond l-Att dwar il-Kumpaniji tad-Djar Finlandiż ta' l-1991 jew leġiżlazzjoni ekwivalenti sussegwenti, fir-rigward ta' proprjetà residenzjali li hija jew li għandha tkun okkupata jew mikrija mis-sid għandhom jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta' 35%.

59. Fl-eżerċizzju tad-deċiżjoni tagħhom, l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu sodisfatti biss jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-valur tal-proprjetà ma jiddependix sostanzjalment mill-kwalità tal-kreditu ta' tad-debitur. Dan ir-rekwiżit ma jipprekludix sitwazzjonijiet fejn fatturi purament makroekonomiċi jaffettwaw kemm il-valur tal-proprjetà kif ukoll il-prestazzjoni tad-debitur;

(b) ir-riskju tad-debitur ma jiddependix b'mod sostanzjali mill-prestazzjoni tal-proprjetà jew proġett sosttostanti, iżda mill-kapaċità sottostanti tad-debitu li jħallas id-debitu minn sorsi oħrajn. Bħala tali, il-ħlas tas-self ma jiddependix b'mod sostanzjali minn kwalunkwe likwidità ta' flus iġġenerata mill-proprjetà sottostanti li sservi bħala garanzija;

(c) jintlaħqu r-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness VIII, il-Parti 2, il-paragrafu 8 u r-regoli tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness VIII, il-Parti 3, il-paragrafi 63 sa 66;

(d) il-valur tal-proprjetà jeċċedi l-iskoperturi b'marġni sostanzjali.

60. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunċaw għall-kundizzjoni li tinsab fil-paragrafu 45(b) għal skoperturi garantiti kompletament permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali li tkun tinsab fit-territorju tagħhom jekk dawn ikollhom prova li fit-territorju tagħhom hemm suq tal-proprjetà immobbli residenzjali żviluppat u stabbilit, b'rati ta' telf baxxi biżżejjed biex jiġġustifikaw dan it-trattament.

61. Meta l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jeżerċitaw id-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 46, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru ieħor jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu tagħhom li japplikaw piż differenzjat għar-riskju ta' 35% għal skoperturi bħal dawn garantiti kompletament permezz ta' ipoteki fuq proprjetà residenzjali.

**18.2. Skoperturi garantiti b'ipoteki fuq proprjetà immobbli kummerċjali**

62. Bla ħsara għad-diskrezzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, skoperturi garantiti kompletament, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, permezz ta' ipoteki fuq uffiċċji jew bini kummerċjali ieħor li jkunu jinsabu fit-territorju tagħhom jistgħu jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta' 50%.

63. Bla ħsara għad-diskrezzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti. skoperturi garantiti kompletament, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti, b'ishma f'kumpaniji tad-djar residenzjali Finlandiżi, li joperaw skond l-Att dwar il-Kumpaniji tad-Djar Finlandiż ta' l-1991 jew leġiżlazzjoni ekwivalenti sussegwenti, fir-rigward ta' uffiċċji jew bini kummerċjali ieħor jistgħu jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta' 50%.

64. Bla ħsara għad-diskrezzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, skoperturi relatati ma' operazzjonijiet ta' kiri ta' proprjetà li tirrigwardja uffiċċji jew bini kummerċjali ieħor li jkunu jinsabu fit-territorju tagħhom u rregolati b'dispożizzjonijiet statutorji li permezz tagħhom sid il-kera jżomm il-proprjetà sħiħa ta' l-assi mikrija sakemm il-kerrej jeżerċita l-għażla li jixtri, jistgħu jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta' 50%.

65. L-applikazzjoni tal-paragrafi 48 sa 50 hija suġġett għall-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-valur tal-proprjetà m'għandux jiddependi b'mod sostanzjali mill-kwalità tal-kreditu tad-debitur. Dan ir-rekwiżit ma jipprekludix sitwazzjonijiet fejn fatturi purament makroekonomiċi jaffettwaw kemm il-valur tal-proprjetà kif ukoll il-prestazzjoni tad-debitur;

(b) ir-riskju tad-debitur m'għandux jiddependi b'mod sostanzjali mill-prestazzjoni tal-proprjetà jew proġett sottostanti, iżda mill-kapaċità sottostanti ta' min jissellef li jħallas id-debitu minn sorsi oħrajn. Bħala tali, il-ħlas tas-self m'għandux jiddependi b'mod sostanzjali minn kwalunkwe likwidità ta' flus iġġenerata mill-proprjetà sottostanti li sservi bħala garanzija;

(c) jintlaħqu r-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-Anness VIII, il-Parti 2, il-paragrafu 8 u r-regoli tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness VIII, il-Parti 3, il-paragrafi 63 sa 66;.

66. Il-piż differenzjat għar-riskju ta’ 50% għandu japplika għal dik il-parti tas-self li ma taqbiżx limitu kkalkulat skond waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) 50% tal-valur tas-suq tal-proprjetà konċernata;

(b) 50% tal-valur tas-suq tal-propjetà jew 60 % tal-valur tas-self b'ipoteka, liema minnhom ikun l-anqas, f'dawk l-Istati Membri li jkunu stabbilixxew kriterji rigorużi għall-valutazzjoni tal-valur tas-self b'ipoteka f’dispożizzjonijiet statutorji jew regolatorji.

67. Piż differenzjat għar-riskju ta’ 100% għandu japplika għal dik il-parti tas-self li taqbeż il-limiti msemmija fil-paragrafu 52.

68. Meta d-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafi 48 sa 50 tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru ieħor jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet ta’ kreditu tagħhom li japplikaw piż differenzjat għar-riskju ta’ 50% għal skoperturi garantiti kompletament permezz ta’ ipoteki fuq proprjetà kummerċjali.

69. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunċaw għall-kundizzjoni li tinsab fil-paragrafu 51(b) għal skoperturi garantiti kompletament permezz ta’ ipoteki fuq proprjetà kummerċjali li tkun tinsab fit-territorju tagħhom jekk dawn ikollhom prova li fit-territorju tagħhom hemm suq tal-proprjetà immobbli kummerċjali żviluppat u stabbilit, b’rati ta’ telf baxxi li ma jaqbżux il-limiti li ġejjin:

(a) sa 50% tal-valur tas-suq (jew fejn ikun applikabbli u jekk inqas minn 60% tal-valur tas-self b’ipoteka) m’għandux jaqbeż 0.3 % tas-self pendenti f’sena partikolari;

(b) it-telf ġenerali li jirriżulta minn self fuq proprjetà immobbli kummerċjali m’għandux jaqbeż 0.5% tas-self pendenti f’sena partikolari.

70. Jekk f’sena partikolari ma jintlaħaqx wieħed mil-limiti msemmija fil-paragrafu 55, l-eliġibilità għall-użu ta’ dan it-trattament għandha tieqaf u t-tieni kundizzjoni msemmija fil-paragrafu 51(b) għandha terġa' tkun sodisfatta qabel ma tkun tista’ terġa’ tiġi applikata.

71. Meta d-diskrezzjoni msemmija fil-paragrafu 55 tiġi eżerċitata mill-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru ieħor jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet ta’ kreditu tagħhom li japplikaw piż differenzjat għar-riskju ta’ 50% għal dawn l-iskoperturi garantiti kompletament permezz ta’ ipoteki fuq proprjetà kummerċjali.

## 19. DOVUTI SKADUTI

72. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet misjuba fil-paragrafi 59 sa 62, il-porzjon mhux garantit ta’ kwalunkwe element dovut li ilu skadut għal aktar minn 90 jum għandu jkun assenjat piż differenzjat għar-riskju ta':

(a) 150% jekk l-aġġustamenti fil-valur huma inqas minn 20% tal-parti mhux garantita ta’ l-iskopertura gross ta’ l-aġġustamenti fil-valur;

(b) 100% jekk l-aġġustamenti fil-valur huma inqas minn 20% tal-parti mhux garantita ta’ l-iskopertura gross ta’ l-aġġustamenti fil-valur;

(c) 50%, suġġett għad-diskrezzjoni ta’ l-awtoritajiet kompetenti, jekk l-aġġustamenti fil-valur ma jkunux inqas minn 50% tal-parti mhux garantita ta’ l-iskopertura gross ta’ l-aġġustamenti fil-valur.

73. Għall-iskop li jiġi definit il-porzjon garantit tad-dovuti skaduti, il-kollateral u l-garanzijii personali għandhom ikunu dawk eliġibbli għal skopijiet ta’ mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu.

74. Minkejja dan, fejn element dovut skadut ikun garantit kompletament b’forom ta’ garanziji minbarra dawk eliġibbli għal skopijiet ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu, jista' japplika piż differenzjat għar-riskju ta' 100%, suġġett għad-diskrezzjoni ta’ l-awtoritajiet kompetenti u bbażat fuq kriterji operattivi stretti biex tiġi żgurata l-kwalità tajba tal-garanzija meta l-aġġustamenti fil-valur jilħqu l-15% ta’ l-iskopertura gross ta’ l-aġġustamenti fil-valur.

75. Fejn ikunu ilhom skaduti għal aktar minn 90 jum, l-iskoperturi indikati fil-paragrafi 43 sa 47 għandhom jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta’ 100% nett ta’ l-aġġustamenti fil-valur. Jekk l-aġġustamenti fil-valur ma jkunux inqas minn 20% ta’ l-iskopertura gross ta’ l-aġġustamenti fil-valur, il-piż differenzjat għar-riskju applikabbli għall-bqija ta’ l-iskopertura jista jitnaqqas għal 50% fid-diskrezzjoni ta’ l-awtoritajiet kompetenti.

76. Fejn ikunu ilhom skaduti għal aktar minn 90 jum, l-iskoperturi indikati fil-paragrafi 48 sa 57 għandhom jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta’ 100% .

## 20. ELEMENTI TA’ KATEGORIJI B’RISKJU GĦOLI GĦAL FINI REGOLAMENTARI

77. Suġġett għad-diskrezzjoni ta’ l-awtoritajiet kompetenti, skoperturi assoċjati ma’ riskji partikolarment għoljin bħalma huma investimenti f’ditti ta’ kapital tar-riskju (*venture capital*) u investimenti fi strumenti ta' kapital privati għandhom jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta’ 150%.

78. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li dovuti mhux skaduti li ngħataw piż differenzjat għar-riskju ta’ 150% skond id-dispożizzjonijiet ta’ l-artikoli preċedenti u li għalihom ġew stabbiliti aġġustamenti fil-valur, jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta’:

(a) 100% jekk l-aġġustamenti fil-valur huma inqas minn 20% ta’ l-iskopertura gross ta’ l-aġġustamenti fil-valur;

(b) 50%, jekk l-aġġustamenti fil-valur huma inqas minn 50% ta’ l-iskopertura gross ta’ l-aġġustamenti fil-valur.

## 21. SKOPERTURI FIL-FORMA TA' BONDS KOPERTI

79. 'Bonds koperti', għandha tfisser bonds kif definiti fl-Artikolu 22(4) tad-Direttiva 85/611/KEE u garantiti b'xi wieħed minn dawn l-assi eliġibbli:

(a) skoperturi għal jew garantiti mill-amministrazzjonijiet ċentrali, banek ċentrali, banek ta' l-iżvilupp multilaterali, organizzazzjonijiet internazzjonali li jikkwalifikaw għall-ewwel skala ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu kif stabbilit f'dan l-Anness;

(b) skoperturi għal jew garantiti minn entitajiet tas-settur pubbliku, amministrazzjonijiet reġjonali u awtoritajiet lokali li jingħataw piż differenzjat għar-riskju bħal skoperturi għal amministrazzjonijiet ċentrali jew banek ċentrali skond il-paragrafi 15, 9 jew 10 rispettivament u li jikkwalifikaw għall-ewwel skala ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu kif stabbilit f'dan l-Anness;

(c) skoperturi għal istituzzjonijiet li jikkwalifikaw għall-ewwel skala ta' valutazzjoni tal-kwalità tal-kreditu kif stabbilit f'dan l-Anness. L-iskopetura totali ta' dan it-tip m'għandhiex taqbeż 10% ta' l-ammont nominali ta' bonds koperti pendenti ta' l-istituzzjoni ta' kreditu emittenti. Skoperturi kkawżati minn trażmissjoni ta' ħlasijiet mid-debituri garantita bi proprjetà immobbli lid-detentur ta' bonds koperti m'għandhomx jagħmlu parti mil-limitu ta' 10%;

(d) self garantit bi proprjetà immobbli residenzjali jew b'ishma f'kumpaniji tad-djar Finlandiżi kif imsemmi fil-paragrafu 44 fejn il-garanziji, magħqudin ma' garanziji preċedenti, ma jaqbżux 80% tal-valur tal-proprjetà immobbli li fuqhom tkun il-garanzija;

(e) self garantit bi proprjetà immobbli kummerċjali jew b'ishma f'kumpaniji tad-djar Finlandiżi kif imsemmi fil-paragrafu 49 fejn il-garanziji, magħqudin ma' garanziji preċedenti, ma jaqbżux 60% tal-valur tal-proprjetà immobbli li fuqhom tkun il-garanzija. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikonoxxu self garantit bi proprjetà immobbli kummerċjali bħala eliġibbli fejn il-proporzjon bejn is-self u l-valur ta' 60% jinqabeż b'livell mhux aktar minn 70% jekk il-valur ta' l-assi li fuqhom tkun ingħata l-kollateral għall-bonds koperti jaqbeż l-ammont nominali pendenti fuqhom b'mill-inqas 10%, u t-talba tad-detenturi tal-bonds tkun tilħaq ir-rekwiżiti ta' ċertezza legali stabbiliti fl-Anness IX. Id-drittijiet tad-detenturi tal-bonds għandhom jingħataw prijorità fuq kull pretensjoni oħra fuq il-garanzija.

80. Fil-każ ta' bonds koperti garantiti bi proprjetà immobbli, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti minimi stabbiliti fl-AnnessVIII Parti 2, paragrafu 8 u r-regoli tal-valutazzjoni stabbiliti fl-Anness VIII, Parti 3, paragrafi 63 sa 66.

81. Bla ħsara għall-paragrafi 65 u 66, bonds koperti li jissodisfaw id-definizzjoni fl-Artikolu 22(4) tad-Direttiva 85/611/KEE u maħruġa qabel il-31 ta' Diċembru 2007 huma wkoll eliġibbli għat-trattament preferenzjali sal-maturità tagħhom.

82. Bonds koperti għandhom jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju fuq il-bażi ta' dak attribwit għal skoperturi prijoritarji (*seniors*) mhux garantiti għall-istituzzjonijiet ta'

kreditu li joħorġuhom. Bejn il-piżijiet differenzjati għar-riskju għandha tapplika l-korrispondenza li ġejja:

(a) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jingħataw piż differenzjat għar-riskju ta' 20%, il-bond koperta għandha tingħata piż differenzjat għar-riskju ta' 10%;

(b) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jingħataw piż differenzjat għar-riskju ta' 50%, il-bond koperta għandha tingħata piż differenzjat għar-riskju ta' 20%;

(c) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jingħataw piż differenzjat għar-riskju ta' 100%, il-bond koperta għandha tingħata piż differenzjat għar-riskju ta' 50%;

(d) jekk l-iskoperturi għall-istituzzjoni jingħataw piż differenzjat għar-riskju ta' 150%, il-bond koperta għandha tingħata piż differenzjat għar-riskju ta' 100%;

## 22. ELEMENTI LI JIRRAPPREŻENTAW POŻIZZJONIJIET TA' TITOLIZZAZZJONI

83. L-ammonti tal-piżijiet differenzjati għar-riskju għal-iskoperturi għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni għandhom ikunu determinati skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 94 sa 101.

## 23. SKOPERTURI FUQ PERJODU QASIR GĦAL ISTITUZZJONIJIET TA' KREDITU U KUMPANIJI

84. Skoperturi fuq perjodu qasir għal istituzzjoni jew kumpanija li għalihom tkun disponibbli evalwazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominat għandhom ikunu assenjati piż differenzjat għar-riskju skond it-Tabella 6 bi qbil ma' l-attribuzzjoni mill-awtoritajiet kompetenti tal-valutazzjonijiet ta' kreditu ta' ECAI eliġibbli fuq sitt klassijiet ta' l-iskala ta' evalwazzjoni tal-kwalità tal-kreditu:

*Tabella 6*

| Skaluna tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Piż differenzjat għar-riskju | 20% | 50% | 100% | 150% | 150% | 150% |

## 24. SKOPERTURI FIL-FORMA TA' IMPRIŻI TA' INVESTIMENT KOLLETTIV

85. Bla ħsara għall-paragrafi 72 sa 78, skoperturi f'impriżi ta' investiment kollettiv għandhom jiġu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta' 100%.

86. Skoperturi fil-forma ta' impriżi ta' investiment kollettiv li għalihom tkun disponibbli evalwazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominat għandhom ikunu assenjati piż differenzjat għar-riskju skond it-Tabella 7 bi qbil ma' l-attribuzzjoni mill-awtoritajiet

kompetenti tal-valutazzjonijiet ta’ kreditu ta’ ECAI eliġibbli fuq sitt klassijiet ta' l-iskala ta’ evalwazzjoni tal-kwalità tal-kreditu.

*Tabella 7*

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| Skaluna tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 | 6 |
| Piż differenzjat għar-riskju | 20% | 50 | 100% | 100% | 150% | 150% |

87. Fil-każ li l-awtoritajiet kompetenti jikkunsidraw li xi pożizzjoni f’impriża ta’ investiment kollettiv hija assoċjata ma’ riskji partikolarment għoljin dawn għandhom jirrikjedu li l-pożizzjoni tiġi assenjata piż differenzjat għar-riskju ta’ 150%.

88. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu jistgħu jiddeterminaw il-piż differenzjat għar-riskju għal impriża ta’ investiment kollettiv kif stabbiliti fil-paragrafi 76 sa 78, jekk jintlaħqu l-kriterji ta' eliġibilità li ġejjin:

(a) l-impriża ta’ investiment kollettiv hija mmexxija minn kumpanija li hija suġġetta għas-sorveljanza fi Stat Membru jew, bla ħsara għall-approvazzjoni ta’ l-awtorità kompetenti ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu, jekk:

(i) l-impriża ta’ investiment kollettiv hija mmexxija minn kumpanija li hija suġġetta għal sorveljanza meqjusa ekwivalenti għal dik stabbilita fil-liġi Komunitarja; kif ukoll

(ii) tkun żgurata biżżejjed il-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet kompetenti;

(b) il-prospett jew dokument ekwivalenti ta’ l-impriża ta’ investiment kollettiv jinkludi:

– il-kategoriji ta’ assi li l-impriża ta’ investiment kollettiv hija awtorizzata li tinvesti fihom,

– jekk japplikaw limiti ta’ l-investiment, il-limiti relattivi u l-metodoloġiji biex dawn jiġu kkalkulati;

(c) in-negozju ta’ l-impriża ta’ investiment kollettiv huwa rrappurtat għall-inqas fuq bażi annwali sabiex jippermetti valutazzjoni ta’ l-assi u l-obbligazzjonijiet, id-dħul u l-operazzjonijiet matul il-perjodu tar-rappurtar.

89. Jekk awtorità kompetenti tapprova impriża ta’ investiment kollettiv ta’ pajjiż terz bħala eliġibbli, kif stabbilit fil-paragrafu 74, punt (a), l-awtoritajiet kompetenti ta’ Stati Membri oħrajn jistgħu jużaw dan ir-rikonoxximent mingħajr ma’ jwettqu valutazzjoni għalihom.

90. Fejn l-istituzzjoni ta’ kreditu tkun konxja mill-iskoperturi sottostanti ta’ impriża ta’ investiment kollettiv, din tista’ tqis dawn l-iskoperturi sottostanti sabiex tikkalkula

piż differenzjat medju għar-riskju għall-impriża ta' investiment kollettiv skond il-metodi msemmija fl-Artikoli 78 sa 83.

91. Fejn l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx konxja mill-iskoperturi sottostanti ta' impriża ta' investiment kollettiv, din tista' tikkalkula piż differenzjat medju għar-riskju għall-impriża skond il-metodi stabbiliti fl-Artikoli 78 sa 83, sakemm jitħarsu r-regoli li ġejjin: għandu jkun preżunt li l-impriża l-ewwel tinvesti, sal-punt massimu permess fil-mandat tagħha, fil-klassijiet ta' skoperturi li għandhom l-ogħla obbligu ta' kapital, u mbagħad tkompli tagħmel investimenti f'ordni li tkompli mill-kbir saż-żgħir sakemm jintlaħaq il-limitu massimu totali ta' l-investiment.

92. Biex jikkalkulaw u jirrappurtaw, skond il-metodi stabbiliti fil-paragrafi 76 u 77, piż differenzjat għar-riskju għall-impriża ta' investiment kollettiv, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu joqogħdu fuq parti terza, sakemm il-korrettezza tal-kalkolu u tar-rapport ikunu żgurati b'mod adegwat.

## 25. POŻIZZJONIJIET OĦRAJN

### 25.1. Trattament

93. Assi tanġibbli fit-tifsira ta' l-Artikolu 4(10) tad-Direttiva 86/635/KEE għandhom ikunu assenjati piż differenzjat tar-riskju ta' 100%.

94. Pagamenti bil-quddiem u dħul akkumulat li istituzzjoni ma tkunx tista' tiddetermina l-kontroparti għalihom skond id-Direttiva 86/635/KEE, għandhom ikunu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta' 100%.

95. Flus kontanti fil-proċess tal-ġbir għandhom jingħataw piż differenzjat għar-riskju ta' 20%. Flus kontanti fl-idejn u flus kontanti ekwivalenti għandhom jingħataw piż differenzjat għar-riskju ta' 0%;

96. L-Istati Membri jistgħu jippermettu piż differenzjat għar-riskju ta' 10% għal skoperturi għal istituzzjonijiet li jispeċjalizzaw fis-swieq interbankarji u tad-debitu pubbliku fl-Istati Membri proprji u, suġġett għal sorveljanza mill-qrib mill-awtoritajiet kompetenti tal-post fejn dawn l-assi jkunu garantiti kompletament, għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti ta' l-Istati Membri ta' l-oriġini, b'pożizzjonijiet assenjati piż differenzat għar-riskju ta' 0% jew 20% u rikonoxxuti minn dawn ta' l-aħħar bħala garanzija adegwata..

97. Kontrolli ta' kapital u parteċipazzjonijiet oħra ħlief fejn dawn ikunu mnaqqsa mill-fondi proprji għandhom ikunu assenjati piż differenzjat għar-riskju ta' mill-inqas 100%.

98. Ingotti tad-deheb miżmuma f'depożitu proprju jew f'kustodja nominattiva sa fejn sostnuti b'obbligazzjonijiet fid-deheb għandhom jingħataw piż differenzjat għar-riskju ta' 0%.

99. Fil-każ ta' bejgħ ta' assi u bejgħ ieħor bil-patt ta' xiri lura fl-aħħar u ta' xiri sħiħ bil-quddiem, il-fatturi tal-piż differenzjat għandhom ikunu dawk attribwiti għall-assi konċernati u mhux għall-kontopartijiet tat-tranżazzjonijiet.

100. Fejn istituzzjoni ta’ kreditu tipprovdi protezzjoni tal-kreditu lil numru ta’ skoperturi bil-kundizzjoni li l-inadempjenza numru *n* minn fost l-iskoperturi twassal għall-pagament u li dan l-avveniment ta’ kreditu għandu jittermina l-kuntratt, jekk il-prodott ikollu valutazzjoni tal-kreditu esterna minn ECAI eliġibbli għandhom jiġu applikati l-piżijiet differenzjati għall-kreditu preskritti fl-Artikoli 78 sa 83. Jekk il-prodott m’huwiex klassifikat minn ECAI eliġibbli, il-piżijiet differenzjati għar-riskju ta’ l-iskoperturi inklużi fil-basket jingħabru flimkien, għajr l-iskoperturi *n-1*, sa massimu ta’ 1250% u multiplikati bl-ammont nominali ta' protezzjoni pprovduta mid-derivattiv tal-kreditu biex jinkiseb l-ammont ta' assi bil-piż differenzjat għall-kreditu. L-iskoperturi *n-1* li għandhom ikunu esklużi mit-total għandhom jiġu determinati fuq il-bażi li dawn għandhom jinkludu dawk l-iskoperturi li singolarment jipproduċu ammont ta' skoperturi b'inqas piż differenzjat għar-riskju minn dawk b'piż differenzjat għar-riskju ta' kwalunkwe skopertura inkluża fit-total.

**Parti 2 - Ir-rikonoxximent ta’ l-ECAI u l-klassifikazzjoni tal-valutazzjonijiet ta’ kreditu tagħhom**

## 26. METODOLOĠIJA

### 26.1. Oġġettività

101. Awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-metodoloġija biex jiġu assenjati l-valutazzjonijiet tal-kreditu tkun rigoruża, sistematika, kontinwa u suġġett għall-validazzjoni bbażata fuq l-esperjenza ta’ l-imgħoddi.

### 26.2. Indipendenza

102. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-metodoloġija hija ħielsa minn influwenzi jew limiti politiċi, u minn pressjonijiet ekonomiċi li jistgħu jeffettwaw il-valutazzjoni ta' kreditu.

103. L-indipendenza tal-metodoloġija ta’ l-ECAI trid tiġi valutata mill-awtoritajiet kompetenti skond fatturi bħalma huma s-segwenti:

(a) il-proprjetà u l-istruttura organizzattiva ta’ l-ECAI;

(b) ir-riżorsi finanzjarji ta’ l-ECAI;

(c) l-istaff u l-għarfien espert ta’ l-ECAI;

(d) it-tmexxija korporattiva ta’ l-ECAI.

### 26.3. Reviżjoni kontinwa

104. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-valutazzjonijiet tal-kreditu mill-ECAI ikunu suġġetti għal reviżjoni kontinwa u għandhom jirrispondu għal bidliet fil-kundizzjonijiet finanzjarji. Din ir-reviżjoni għandha ssir wara l-avvenimenti sinifikanti kollha u mill-inqas kull sena.

105. Qabel jirrikonoxxu ECAI, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-metodoloġija ta’ valutazzjoni għal kull settur tas-suq hija stabbilita skond standards bħalma huma s-segwenti:

(a) l-ittestjar retrospettiv għandu jkun stabbilit għall-inqas għal sena;

(b) ir-regolarità tal-proċess ta’ reviżjoni mill-ECAI għandu jkun monitorat mill-awtoritajiet kompetenti;

(c) l-awtoritajiet kompetenti għandhom ikunu kapaċi jirċievu mill-ECAI informazzjoni dwar il-firxa ta’ kuntatti tagħha ma’ l-ogħla amministraturi ta' l-entitajiet li tikklassifika.

106. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jadottaw il-miżuri meħtieġa biex ikunu mgħarrfa fil-pront mill-ECAI dwar kull tibdil sostanzjali fil-metodoloġija użata minnhom fl-assenjar tal-valutazzjonijiet ta' kreditu.

### 26.4. Trasparenza u żvelar

107. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa biex jiżguraw li l-prinċipji tal-metodoloġija użata mill-ECAI għall-formulazzjoni tal-valutazzjonijiet ta' kreditu jkunu disponibbli għall-pubbliku sabiex l-utenti potenzjali jkunu jistgħu jiddeċiedu jekk dawn il-valutazzjonijiet humiex derivati b'mod raġonevoli.

## 27. VALUTAZZJONIJIET TA' KREDITU INDIVIDWALI

### 27.1. Kredibilità u aċċettazzjoni fis-suq:

108. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-valutazzjonijiet ta' kreditu individwali ta' l-ECAI huma rikonoxxuti fis-suq mill-utenti tagħhom bħala kredibbli u affidabbli.

109. Il-kredibilità għandha tkun valutata mill-awtoritajiet kompetenti skond fatturi bħalma huma s-segwenti:

(a) is-sehem ta' l-ECAI fis-suq;

(b) id-dħul iġġenerat mill-ECAI, u b'mod aktar ġenerali, ir-riżorsi finanzjarji ta' l-ECAI;

(c) jekk il-prezzijiet humiex stabbiliti skond il-klassifikazzjoni.

### 27.2. Trasparenza u żvelar

110. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-valutazzjonijiet ta' kreditu individwali jkunu aċċessibbli fuq termini ekwivalenti għall-inqas għal kull parti li għandha interess leġittimu f'dawn il-valutazzjonijiet ta' kreditu individwali.

111. B'mod partikolari, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jivverifikaw li l-valutazzjonijiet ta' kreditu individwali jkunu disponibbli għall-partijiet mhux domestiċi daqs kemm huma għall-partijiet domestiċi li għandhom interess leġittimu f'dawn il-valutazzjonijiet ta' kreditu individwali.

## 28. 'KLASSIFIKAZZJONI (*MAPPING* - L-ASSENJAR TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-KREDITU GĦALL-KLASSIJIET TAL-KREDITU)

112. Biex issir distinzjoni bejn il-gradi relattivi ta' riskju espress minn kull valutazzjoni ta' kreditu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu fatturi kwantitattivi bħalma hi r-rata ta' inadempjenza fuq perjodu twil assoċjata mal-prodotti kollha assenjati l-istess valutazzjoni ta' kreditu. Għal ECAI imwaqqfa riċentement, u għal dawk li għandhom biss serje limitata ta' informazzjoni dwar l-inadempjenzi, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jitolbu lill-ECAI x'taħseb li hija r-rata ta' inadempjenza fuq perjodu twil assoċjata mal-prodotti kollha assenjati l-istess valutazzjoni ta' kreditu.

113. Biex issir distinzjoni bejn il-gradi relattivi ta' riskju espress minn kull valutazzjoni ta' kreditu, l-awtoritajiet kompetenti għandhom iqisu fatturi kwalitattivi bħalma huma l-grupp ta' emittenti li tkopri l-ECAI, il-firxa ta' valutazzjonijiet ta' kreditu li

tassenja l-ECAI, kull tifsira ta’ valutazzjoni ta’ kreditu u d-definizzjoni ta’ inadempjenza għall-ECAI.

114. L-awtoritajiet kompetenti għandhom iqabblu r-rati ta’ inadempjenza li jkunu esperjenzati għal kull valutazzjoni ta’ kreditu ta’ ECAI partikolari ma’ norma ta’ referenza bbażata fuq ir-rati ta’ inadempjenza esperjenzati minn ECAI oħrajn fuq bażi ta’ popolazzjoni ta’ emittenti li l-awtoritajiet kompetenti jemmnu li jippreżentaw livell ekwivalenti ta’ riskju ta’ kreditu.

115. Meta l-awtoritajiet kompetenti jkunu jemmnu li r-rati ta’ inadempjenza esperjenzati għall-valutazzjoni tal-kreditu ta’ ECAI partikolari huma sostanzjalment u sistematikament ogħla mil-limitu, huma għandhom jassenjaw skaluna ta’ riskju ogħla fl-iskala tal-kwalità tal-valutazzjoni tal-kreditu lil dik il-valutazzjoni ta' kreditu ta' l-ECAI.

116. Meta l-awtoritajiet kompetenti iżidu l-piż differenzjat għar-riskju assoċjat għal valutazzjoni ta’ kreditu speċifiku ta’ ECAI partikolari, jekk l-ECAI turi li r-rati ta’ inadempjenza esperjenzati għall-valutazzjoni ta’ kreditu tagħha m’għadhomx materjalment u sistematikament ogħla mil-limitu, l-awtoritajiet jistgħu jiddeċiedu li jerġgħu lura għall-iskaluna oriġinali fl-iskala tal-kwalità tal-valutazzjoni tal-kreditu għal dik il-valutazzjoni ta' kreditu ta' l-ECAI.

## Parti 3 - L-użu tal-valutazzjonijiet ta' kreditu ta' l-ECAI biex jiġu determinati l-piżijiet differenzjati għar-riskju

### 29. TRATTAMENT

117. L-istituzzjoni tista' tinnomina ECAI, waħda jew aktar, eliġibbli biex tintuża biex jiġu ddeterminati l-piżijiet differenzjati għar-riskju applikabbli għal prodotti ta' assi u *off-balance sheet*.

118. Istituzzjoni ta' kreditu li tiddeċiedi li tuża l-valutazzjonijiet ta' kreditu magħmula minn ECAI eliġibbli għal klassi partikolari ta' prodotti għandha tuża dawk il-valutazzjonijiet ta' kreditu b'mod konsistenti għall-iskoperturi kollha li jagħmlu parti minn dik il-klassi.

119. Istituzzjoni li tiddeċiedi li tuża l-valutazzjonijiet ta' kreditu magħmula minn ECAI eliġibbli għandha tużahom b'mod kontinwu u konsistenti matul iż-żmien.

120. Istituzzjoni ta' kreditu tista' tuża biss dawk il-valutazzjonijiet ta' kreditu magħmula minn ECAI li jqisu l-ammonti kollha dovuti lilha, kemm il-kapital u kemm l-interessi.

121. Jekk għal prodott klassifikat tkun disponibbli valutazzjoni ta' kreditu waħda biss minn ECAI nominata, biex jiġi ddeterminat il-piż differenzjat għar-riskju għal dak l-element għandha tintuża dik il-valutazzjoni ta' kreditu.

122. Jekk għal element klassifikat ikunu disponibbli żewġ valutazzjonijiet ta' kreditu minn ECAI nominati u t-tnejn li huma jikkorrispondu għal piżijiet differenzjati għar-riskju differenti, għandu jiġi applikat l-ogħla piż differenzjat għar-riskju.

123. Jekk għal element klassifikat ikunu disponibbli aktar minn żewġ valutazzjonijiet ta' kreditu minn ECAI nominati, għandhom jintużaw iż-żewġ valutazzjonijiet ta' kreditu li jiġġeneraw iż-żewġ piżijiet differenzjati għar-riskju l-aktar baxxi. Jekk iż-żewġ piżijiet differenzjati għar-riskju l-aktar baxxi ikunu differenti, għandu jiġi applikat l-ogħla piż differenzjat għar-riskju. Jekk iż-żewġ piżijiet differenzjati għar-riskju l-aktar baxxi ikunu l-istess, għandu jiġi applikat dak il-piż differenzjat għar-riskju.

124. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw valutazzjonijiet ta' kreditu mitluba. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lil istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw valutazzjonijiet ta' kreditu mhux mitluba.

### 30. VALUTAZZJONI TA' KREDITU TA' L-EMITTENT U TA' L-EMISSJONI

125. Fejn teżisti valutazzjoni ta' kreditu għal programm jew debitu maħruġ speċifiku li l-element li jikkostitwixxi l-iskopertura jkun parti minnu, biex jiġi ddeterminat il-piż differenzjat għar-riskju għandha tintuża din il-valutazzjoni ta' kreditu.

126. Fejn għal element partikolari ma teżisti l-ebda valutazzjoni ta' kreditu applikabbli direttament, iżda teżisti valutazzjoni ta' kreditu għal programm jew debitu maħruġ speċifiku li l-prodott li jikkostitwixxi l-iskopertura ma jkunx parti minnu, jew teżisti valutazzjoni ta' kreditu ġenerali għall-emittent, din il-valutazzjoni ta' kreditu

għandha tintuża jekk tipproduċi piż differenzjat għar-riskju ogħla milli kieku jkun hemm, jew jekk tipproduċi piż differenzjat għar-riskju aktar baxx u l-iskopertura in kwistjoni tkun tikklassifika pari passu jew superjuri f'kull rigward għall-programm jew debitu tal-ħruġ speċifiku, jew għal skoperturi mhux garantiti prijoritarji ta' dak l-emittent, skond il-każ.

127. Il-paragrafi 9 u 10 m'humiex intiżi biex jevitaw l-applikazzjoni tal-paragrafi 65 sa 68 tal-Parti 1 ta' dan l-Anness.

128. Valutazzjonijiet ta' kreditu għal emittenti fi grupp korporattiv ma jistgħux jintużaw bħala valutazzjoni ta' kreditu ta' emittent ieħor fi ħdan l-istess grupp korporattiv.

## 31. VALUTAZZJONIJIET TA' KREDITU FUQ PERJODU TWIL U FUQ PERJODU QASIR

129. Valutazzjonijiet ta' kreditu fuq perjodu qasir jistgħu jintużaw biss għal prodotti ta' assi u *off-balance sheet* li jikkostiwixxu skoperturi għal istituzzjonijiet u kumpaniji.

130. Kull valutazzjoni ta' kreditu fuq perjodu qasir għandha tapplika biss għall-element li għalih tirreferi l-valutazzjoni ta' kreditu fuq perjodu qasir, u m'għandhiex tintuża biex jiġu derivati piżijiet differenzjati għar-riskju għal xi element ieħor.

131. Bla ħsara għall-paragrafu 14, jekk debitu klassifikat fuq perjodu qasir jingħata piż differenzjat għar-riskju ta' 150%, l-iskoperturi mhux garantiti u mhux klassifikati kollha fuq dak id-debitur, kemm jekk fuq perjodu qasir u kemm jekk fuq perjodu twil, għandhom ukoll jingħataw piż differenzjat għar-riskju ta' 150%.

132. Bla ħsara għall-paragrafu 14, jekk debitu klassifikat fuq perjodu qasir iġib piż differenzjat għar-riskju ta' 50%, l-ebda skopertura fuq perjodu qasir mhux klassifikata m'għandha ġġib piż differenzjat għar-riskju ta' inqas minn 100%.

## 32. PRODOTTI F'MUNITA DOMESTIKA U F'MUNITA BARRANIJA

133. Valutazzjoni ta' kreditu li tirreferi għal element denominat fil-munita domestika tad-debitur ma tistax tintuża biex jiġi derivat piż differenzjat għar-riskju ta' skopertura oħra fuq l-istess debitur li tkun denominata f'munita barranija.

134. Bla ħsara għall-paragrafu 17, meta jkun hemm skopertura permezz tal-parteċipazzjoni ta' bank f'self li jkun ġie estiż minn Bank Multilaterali ta' l-Iżvilupp li l-istatus tiegħu ta' kreditur preferut ikun rikonoxxut fis-suq, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li biex jiġi ddeterminat il-piż differenzjat għar-riskju tintuża l-valutazzjoni ta' kreditu fuq il-prodott tad-debitur fil-munita domestika.

**ANNESS VII**

**Metodu bbażat fuq il-Klassifikazzjonijiet Interni**
**Parti 1 - Ammonti ta’ piż differenzjat għar-riskju u ammonti ta' telf mistennija**

## 33. IL-KALKOLU TA' L-AMMONTI TA' PIŻ DIFFERENZJAT FUQ SKOPERTURA GĦAR-RISKJU TAL-KREDITU

135. Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, il-parametri probabilità ta’ inadempjenza (*probability of default* - PD), it-telf meta meqjusa l-inadempjenza (*loss given* default - LGD), u l-valur tal-maturità (M) għandhom ikunu ddeterminati kif stabbilit fil-Parti 2, u l-valur ta’ l-iskopertura għandu jkun iddeterminat kif stabbilit fil-Parti 3.

136. L-ammont ta’ piż differenzjat għar-riskju għal kull skopertura għandu jkun ikkalkulat skond il-formuli li ġejjin:

### 33.1. L-ammonti ta’ piż differenzjat għar-riskju għal skoperturi għal kumpaniji, istituzzjonijiet u amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali.

137. Bla ħsara għall-paragrafi 4 sa 8 l-ammonti ta' piżijiet differenzjati għar-riskju għal skoperturi għal kumpaniji, istituzzjonijiet u amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali għandhom ikunu kkalkulati skond il-formuli li ġejjin:

Korrelazzjoni (R) = $0.12 \times (1 - EXP(-50 * PD))/(1 - EXP(-50)) + 0.24 * [1 - (1 - EXP(-50 * PD))/(1 - EXP(-50))]$

Fattur ta’ maturità (b) = $(0.11852 - 0.05478 * \ln(PD))^2$

Piż differenzjat għar-riskju (RW) = $LGD * \left(N\left[(1-R)^{-0.5} * G(PD) + (R/(1-R))^{0.5} * G(0.999)\right] - PD * LGD\right) * (1 - 1.5 * b)^{-1} * (1 + (M - 2.5) * b) * 12.5 * 1.06$

N($x$) jirrappreżenta l-funzjoni ta’ distribuzzjoni kumulattiva għal fattur varjabbli normali standard każwali (i.e. il-probabilità li fattur varjabbli normali każwali b’medja (*mean*) ta’ 0 u varjanza ta’ 1 ikun inqas minn jew daqs *x).* $G(z)$ jirrappreżenta l-funzjoni ta’ distribuzzjoni kumulattiva inversa għal fattur varjabbli normali standard każwali (i.e. il-valur *x* biex $N(x) = z$).

Ammont ta’ l-iskopertura b’piż differenzjat għar-riskju = RW * valur ta’ l-iskopertura

138. Għal skoperturi għal kumpaniji fejn il-bejgħ annwali totali għall-grupp konsolidat li tagħmel parti minnu l-kumpanija jkun inqas minn EUR 50 miljun, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu jistgħu jużaw il-formula ta’ korrelazzjoni li ġejja biex jikkalkulaw il-piżijiet differenzjati għar-riskju għal skoperturi korporattivi. F’din il-formula S huwa espress bħala bejgħ annwali totali f’miljuni ta’ Euro b’EUR 5 miljuni <= S <= EUR 50 miljun. Bejgħ rappurtat ta’ inqas minn EUR 5 miljuni għandu jitqies daqs li kieku

kien ekwivalenti għal EUR 5 miljuni. Għal ammonti riċevibbli akkwistati, il-bejgħ annwali totali għandu jkun il-medja peżata mill-iskoperturi individwali inklużi fit-total.

$$\text{Korrelazzjoni (R)} = 0.12 \times (1 - EXP(-50 * PD))/(1 - EXP(-50)) + 0.24 * [1 - (1 - EXP(-50 * PD))/(1 - EXP(-50))] - 0.04 * (1 - (S - 5)/45)$$

Meta l-bejgħ annwali totali ma jkunx indikatur ta' siwi dwar id-daqs ta' l-impriża u l-assi totali jkunu indikatur aħjar mill-bejgħ annwali totali, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jissostitwixxu l-bejgħa annwali totali bl-assi totali tal-grupp konsolidat.

139. Għal skoperturi ta' self speċjalizzat fejn istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx tista' turi li l-istimi tagħha ta' PD jilħqu r-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Parti 4, din għandha tassenja piżijiet differenzjati għar-riskju għal dawn l-iskoperturi skond it-tabella 1.

Tabella 1:

| Maturità li jifdal | kategorija 1 | kategorija 2 | kategorija 3 | kategorija 4 | kategorija 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| Inqas minn sentejn u nofs | 50% | 70% | 115% | 250% | 0% |
| Sentejn u nofs jew aktar | 70% | 90% | 115% | 250% | 0% |

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw istituzzjoni ta' kreditu biex tassenja b'mod ġenerali piżijiet differenzjati għar-riskju preferenzjali ta' 50% għal skoperturi fil-kategorija 1, u piż differenzjat għar-riskju ta' 70% għal skoperturi fil-kategorija 2, sakemm il-karatteristiċi ta' sottoskrizzjoni tar-riskju ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu u karatteristiċi tar-riskju oħrajn ikunu sostanzjalment b'saħħithom għall-kategorija rilevanti.

Huma u jassenjaw il-piżijiet differenzjati għar-riskju għal skoperturi fuq self speċjalizzat, l-istituzzjonijiet għandhom iqisu l-fatturi li ġejjin: Is-saħħa finanzjarja, l-ambjent politiku u legali, il-karatteristiċi tat-tranżazzjoni u/jew ta' l-assi, is-saħħa tal-promotur u l-iżviluppatur inkluż kull fluss ta' dħul minn sħubija bejn entitajiet pubbliċi u privati, u l-pakkett ta' garanzija.

140. Biex ikunu eliġibbli għal trattament korporattiv l-ammonti riċevibbli korporattivi akkwistati għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Parti 4, paragrafi 104 sa 108. Għal ammonti riċevibbli korporattivi akkwistati li jkunu konformi wkoll mal-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 12, u fejn ikun ta' piż żejjed għal istituzzjoni ta' kreditu li tuża standards ta' kwalifikazzjoni tar-riskju għal skoperturi korporattivi kif stabbilit fil-Parti 4 għal dawn l-ammonti riċevibbli, għandhom jintużaw l-istandards ta' kwalifikazzjoni tar-riskju għal skoperturi *retail* kif stabbilit fil-Parti 4.

141. Fil-każ ta' ammonti riċevibbli akkwistati, skontijiet akkwistati rimborżabbli, kollateral jew garanziji personali parzjali li jipprovdu protezzjoni kontra l-ewwel telf (*first-loss*) għal telf minħabba inadempjenza, jew it-tnejn, jistgħu jitqiesu bħala pożizzjonijiet ta' l-ewwel telf taħt il-qafas ta' titolizzazzjoni ta' l-IRB.

142. F'każ li istituzzjoni tipprovdi protezzjoni tal-kreditu għal numru ta' skoperturi bil-kundizzjoni li l-inadempjenza numru *n* minn fost l-iskoperturi għandha twassal għall-pagament u li dan l-avveniment ta' kreditu għandu jittermina l-kuntratt, jekk il-prodott ikollu valutazzjoni tal-kreditu esterna minn ECAI eliġibbli għandhom jiġu applikati l-piżijiet differenzjati għall-kreditu preskritti fl-Artikoli 94 - 101. Jekk l-element mhuwiex klassifikat minn ECAI eliġibbli, il-piżijiet differenzjati għar-riskju ta' l-iskoperturi inklużi fil-basket jinġabru f'total, ħlief għal l-skoperturi *n-1* fejn l-ammont tas-somma ta' telf mistenni multiplikata bi 12.5 u l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju m'għandhomx jaqbżu l-ammont nominali tal-protezzjoni pprovduta mid-derivattiv tal-kreditu multiplikat bi 12.5. L-iskoperturi *n-1* li għandhom ikunu esklużi mit-total għandhom jiġu determinati fuq il-bażi li dawn għandhom jinkludu dawk l-iskoperturi li singolarment jipproduċu ammont ta' skoperturi b'inqas piż differenzjat għar-riskju minn dawk b'piż differenzjat għar-riskju ta' kwalunkwe skopertura inkluża fit-total.

**33.2. Ammonti ta' piż differenzjat għar-riskju għal skoperturi *retail*:**

143. Bla ħsara għall-paragrafi 10 u 11 l-ammonti ta' piżijiet differenzjati għar-riskju għal skoperturi *retail* għandha tiġi kkalkulata skond il-formuli li ġejjin:

$$\text{Korrelazzjoni (R)} = \begin{array}{l} 0.03 \times (1 - EXP(-35 * PD))/(1 - EXP(-35)) + 0.16 * \\ \left[1 - (1 - EXP(-35 * PD))/(1 - EXP(-35))\right] \end{array}$$

Piż differenzjat għar-riskju: $LGD * \left(N\left[(1-R)^{-0.5} * G(PD) + (R/(1-R))^{0.5} * G(0.999)\right] - PD * LGD\right) * 12.5 * 1.06$

N($x$) jirrappreżenta l-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva għal fattur varjabbli normali standard każwali (i.e. il-probabilità li fattur varjabbli normali każwali b'medja (*mean*) ta' 0 u varjanza ta' 1 ikun inqas minn jew daqs *x).* $G(z)$ jirrappreżenta l-funzjoni ta' distribuzzjoni kumulattiva inversa għal fattur varjabbli normali standard każwali (i.e. il-valur *x* biex $N(x) = z$).

Ammont ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju = RW * valur ta' l-iskopertura

144. Għal skoperturi *retail* garantiti bi proprjetà immobbli reali il-korrelazzjoni (R) ta' 0.15 għandha tieħu post il-figura li toħroġ mill-formula ta' korrelazzjoni fil-paragrafu 9.

145. Għal skoperturi *retail* rotattivi li jikkwalifikaw, kif definiti f'(a) sa (e), il-korrelazzjoni (R) ta' 0.04 għandha tieħu post il-figura li toħroġ mill-formula ta' korrelazzjoni fil-paragrafu 9.

L-iskoperturi għandhom jikkwalifikaw bħala skoperturi *retail* rotattivi li jikkwalifikaw jekk jissodisfaw l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-iskoperturi huma għal individwi

(b) L-iskoperturi huma rotattivi, mhux garantiti, u sa fejn mhux użati immedjatament u revokabbli mingħajr kundizzjonijiet mill-istituzzjoni ta' kreditu (f'dan il-kuntest, skoperturi rotattivi huma definiti bħala dawk fejn il-bilanċi pendenti tal-klijenti jitħallew ivarjaw skond id-deċiżjonijiet tagħhom li jisselfu u li jħallsu, sa limitu stabbilit mill-istituzzjoni ta' kreditu). Il-bilanċi mhux użati jistgħu jitqiesu bħala revokabbli mingħajr kundizzjonijiet jekk it-termini jippermettu li l-istituzzjoni ta' kreditu tikkanċellahom sa fejn ikun permess taħt il-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-konsumatur u leġiżlazzjoni relatata oħra.

(c) L-iskopertura massima għal individwu wieħed fis-sottoportfolju hija ta' EUR 100,000 jew inqas.

(d) L-istituzzjoni ta' kreditu tista' turi li l-użu tal-formula ta' korrelazzjoni f'dan il-paragrafu hija limitata għal portfolji li wrew volatilità baxxa tar-rati ta' telf, meta mqabbla mal-livell medju tar-rati ta' telf tagħhom, speċjalment fil-firxiet ta' PD baxx. L-awtoritajiet ta' sorveljanza għandhom jirrevedu l-volatilità tar-rati ta' telf fis-sottoportfolji *retail* rotattivi li jikkwalifikaw, kif ukoll it-total tal-portfolju *retail* rotattiv li jikkwalifika, u għandhom ikunu disponibbli biex jaqsmu l-informazzjoni dwar il-karatteristiċi tipiċi tar-rati ta' telf *retail* rotattivi li jikkwalifikaw madwar ġurisdizzjonijiet oħra.

(e) L-awtorità kompetenti għandha tiżgura li t-trattament bħala skopertura *retail* rotattiva li tikkwalifika jkun konsistenti mal-karatteristiċi ta' riskju sottostanti tas-sottoportfolju.

146. Biex ikunu eliġibbli għat-trattament *retail* l-ammonti riċevibbli akkwistati għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Parti 4, paragrafi 104 sa 108 u mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-istituzzjoni ta' kreditu xtrat l-ammonti riċevibbli minn bejjiegħa terzi mhux relatati, u l-iskopertura tagħha għad-debitur ta' l-ammont riċevibbli ma tinkludix skoperturi li joriġinaw direttament jew indirettament mill-istituzzjoni ta' kreditu nnifisha.

(b) L-ammonti riċevibbli mixtrija għandhom ikunu ġġenerati taħt kundizzjonijiet normali tas-suq bejn il-bejjiegħ u d-debitur. Għaldaqstant, m'humiex eliġibbli krediti ta' kontijiet intrasoċjetarji jew ammonti riċevibbli suġġetti għal *contra-accounts* bejn kumpaniji li jixtru u jbiegħu lil xulxin.

(c) L-istituzzjoni ta' kreditu li takkwista għandha prijorità fuq id-dħul mill-ammonti riċevibbli akkwistati jew interess pro-rata minn tali dħul.

(d) Il-portfolju ta' ammonti riċevibbli akkwistati huwa diversifikat biżżejjed.

147. Għal ammonti riċevibbli, skontijiet ta' akkwist rimborżabbli, il-kollateral jew garanziji personali li jipprovdu protezzjoni kontra l-ewwel telf għal telf minħabba inadempjenza, telf minħabba riskju ta' dilwazzjoni, jew it-tnejn, jistgħu jiġu trattati bħala pożizzjonijiet ta' l-ewwel telf taħt il-qafas ta' titolizzazzjoni ta' l-IRB.

148. Għal *pools* imħallta ta' riċevibbli *retail* akkwistati, fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu xerrejja ma jistgħux jisseparaw l-iskoperturi garantiti bi proprjetà immobbli u skoperturi *retail* rotattivi li jikkwalifikaw minn skoperturi *retail* oħra, għandha tapplika l-funzjoni ta' ppeżar differenzjat għar-riskju li tipproduċi l-ogħla rekwiżiti ta' kapital għal dawk l-iskoperturi.

**33.3. Ammonti ta' piżijiet differenzjati għar-riskju għal skoperturi ta' kapital:**

149. Bla ħsara għall-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, istituzzjoni ta' kreditu tista' tuża metodi differenti għal portfolji differenti fejn hi nnifisha tuża metodi interni differenti. F'każ li istituzzjoni ta' kreditu tkun tista' tuża metodi differenti, dik l-istituzzjoni għandha turi lill-awtoritajiet kompetenti li l-għażla ssir b'mod konsistenti u li mhijiex iddeterminata minn kunsiderazzjonijiet ta' arbitraġġ regolamentari.

150. Bla ħsara għall-paragrafu 15, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu l-attribuzzjoni ta' ammonti ta' piżijiet differenzjati għar-riskju għal skoperturi ta' kapital għal impriżi li joffru servizzi anċillari skond it-trattament ta' assi differenti mill-krediti.

**33.3.1. Metodu ta' Ppeżar tar-Riskju Sempliċi**

151. L-ammonti ta' piżijiet differenzjati għar-riskju ta' l-iskoperturi għandhom ikunu kkalkulati skond il-formula li ġejja:

Piż differenzjat għar-riskju (RW) = 190% għal skoperturi ta' kapital privati f'portfolji diversifikati biżżejjed.

Piż differenzjat għar-riskju (RW) = 290% għal skoperturi ta' kapital negozjati f'*exchange*.

Piż differenzjat għar-riskju (RW) = 370% għall-iskoperturi ta' kapital l-oħrajn kollha.

Ammont ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju = RW * valur ta' l-iskopertura

152. Il-pożizzjonijiet ta' *short cash* u strumenti derivattivi miżmuma barra mir-reġistru tan-negozju jistgħu jpaċu pożizzjonijiet twal fl-istokks individwali sakemm dawn l-istrumenti jkunu ġew maħsuba espliċitament bħala koperturi (*hedges*) ta' skoperturi ta' kapital speċifiċi u li jkunu jipprovdu kopertura għal mill-inqas sena oħra. Pożizzjonijiet qosra oħra għandhom jiġu trattati daqs li kieku kienu pożizzjonijiet twal bl-applikazzjoni ta' l-ippeżar differenzjat għar-riskju rilevanti għall-valur assolut ta' kull pożizzjoni. Fil-kuntest ta' pożizzjonijiet b'maturità differenti, il-metodu huwa dak għal skoperturi korporattivi.

153. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jirrikonoxxu l-protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjata miksuba fuq skopertura ta' kapital skond il-metodi stabbiliti fl-Artikoli 90 sa 93.

### 33.3.2. Metodu PD/LGD

154. L-ammonti ta' ppeżar differenzjat għar-riskju ta' l-iskoperturi għandhom ikunu kkalkulati skond il-formuli fil-paragrafu 3. Jekk l-istituzzjonijiet ma jkollhomx biżżejjed informazzjoni biex jużaw id-definizzjoni ta' inadempjenza stipulata fil-Parti 4, paragrafi 44 sa 48, għall-piżijiet differenzjat għar-riskju għandu jiġi applikat fattur ta' skala ta' 1.5.

155. Fuq il-livell ta' skopertura individwali, is-somma ta' l-ammont ta' telf mistenni multiplikat bi 12.5 u l-ammont ta' piż differenzjat għar-riskju ta' l-iskopertura m'għandhiex taqbeż il-valur ta' l-iskopertura multiplikat bi 12.5.

156. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jirrikonoxxu l-protezzjoni ta' kreditu mhux assistita miksuba fuq skopertura ta' kapital skond il-metodi stabbiliti fl-Artikoli 90 sa 93. Dan għandu jkun suġġett għal LGD ta' 90% fuq l-iskopertura għal min jipprovdi l-kopertura (*hedge*). Għal skoperturi ta' kapital privati f'portfolji diversifikati biżżejjed, jista' jintuża LGD ta' 65%. Għal dawn l-għanijiet M għandu jkun ta' 5 snin.

### 33.3.3. Metodu fuq Mudelli Interni

157. L-ammonti ta' ppeżar differenzjat għar-riskju fuq l-iskoperturi għandhom ikunu t-telf potenzjali fuq l-iskoperturi ta' kapital ta' l-istituzzjoni kif derivat bl-użu ta' mudelli interni ta' valur b'riskju (*value-at-risk*) suġġett għall-intervall ta' kunfidenza unilaterali (*one*-tailed) fil-perċentil 99 tad-differenza bejn ir-redditi trimestrali u rata xierqa mingħajr riskju kkalkulata fuq perjodu twil bħala kampjun, multiplikati bi 12.5. L-ammonti ta' ppeżar differenzjat għar-riskju fuq l-iskoperturi fuq il-livell ta' skoperturi individwali m'għandhomx ikunu inqas mis-somma ta' l-ammonti ta' ppeżar differenzjat għar-riskju minimi meħtieġa taħt il-metodu PD/LGD u l-ammonti ta' telf mistenni korrispondenti multiplikati bi 12.5.

158. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jirrikonoxxu protezzjoni tal-kreditu mhux finanzjat miksuba fuq pożizzjoni ta' kapital.

### 33.4. Ammonti ta' ppeżar differenzjat għar-riskju fuq l-iskoperturi għal assi li m'humiex krediti

159. L-ammonti ta' ppeżar differenzjat għar-riskju fuq l-iskoperturi għandhom jiġu kkalkulati skond il-formula:

Ammont ta' piż differenzjat għar-riskju = 100% * valur ta' l-iskopertura

## 34. Il-kalkolu ta' l-Ammonti ta' ppeżar differenzjat għar-riskju għal riskju ta' dilwazzjoni ta' ammonti riċevibbli akkwistati

160. Il-piżijiet differenzjati għar-riskju għal riskju ta' dilwazzjoni ta' riċevibbli akkwistati korporattivi u *retail*:

Il-piżijiet differenzjati għar-riskju għandhom jiġu kkalkulati skond il-formula fil-paragrafu 3. Il-parametri PD u LGD għandhom jiġu ddeterminati kif stabbilit fil-Parti 2, il-valur ta' l-iskopertura għandu jiġi ddeterminat kif stabbilit fil-Parti 3 u M

għandu jkun ta' sena. Jekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu jistgħu juru lill-awtoritajiet kompetenti li r-riskju ta' dilwazzjoni huwa immaterjali, m'hemmx għalfejn jiġi rikonoxxut.

## 35. Il-kalkolu ta' l-ammonti ta' telf mistennija

161. Sakemm ma jkunx indikat mod ieħor, il-parametri PD u LGD għandhom jiġu ddeterminati kif stabbilit fil-Parti 2, il-valur ta' l-iskopertura għandu jkun iddeterminat kif stabbilit fil-Parti 3.

162. L-ammonti ta' telf mistenni għal skoperturi għal kumpaniji, istituzzjonijiet, amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali u skoperturi retail għandhom jiġu kkalkulati skond il-formuli li ġejjin:

Telf mistenni (EL) = PD × LGD

Ammont ta' telf mistenni = EL × valur ta' l-iskopertura

Primjums fuq skoperturi akkwistati għandhom ikunu trattati bħala telf mistenni (EL).

163. Il-valuri EL għal skoperturi ta' self speċjalizzat fejn l-istituzzjonijiet ta' kreditu jużaw il-metodi ta' attribuzzjoni ta' piż differenzjat għar-riskju kif stabbiliti fil-paragrafu 5 għandhom jiġu assenjati skond it-tabella 2.

Tabella 2

| Maturità li jifdal | kategorija 1 | kategorija 2 | kategorija 3 | kategorija 4 | kategorija 5 |
|---|---|---|---|---|---|
| Inqas minn sentejn u nofs (2.5) | 0% | 5% | 35% | 100% | 625% |
| Telf mistenni (EL) ta' sentejn u nofs (2.5) jew aktar | 5% | 10% | 35% | 100% | 625% |

Fejn l-awtoritajiet kompetenti jkunu awtorizzaw istituzzjoni ta' kreditu biex b'mod ġenerali tassenja piżijiet differenzjati għar-riskju ta' 50% għal skoperturi fil-kategorija 1, u 70% għal skoperturi fil-kategorija 2, il-valur ta' telf mistenni (EL) għal skoperturi fil-kategorija 1 għandu jkun ta' 0%, u għal skoperturi fil-kategorija 2 għandu jkun ta' 5%.

164. L-ammonti ta' telf mistenni għal skoperturi ta' kapital fejn l-ammonti ta' ppeżar differenzjat għar-riskju huma kkalkulati skond il-metodi stabbiliti fil-paragrafi 17 sa 19, għandhom jiġu kkalkulati skond il-formula li ġejja:

Ammont ta' telf mistenni = EL × valur ta' l-iskopertura

Il-valuri ta' telf mistenni (EL) għandhom ikunu s-segwenti:

Telf mistenni (EL) = 10% għal skoperturi ta' kapital f'portfolji diversifikati biżżejjed

Telf mistenni (EL) = 10% għal skoperturi ta' kapital negozjati f'*exchange*.

Telf mistenni (EL) = 30% għall-iskoperturi ta' kapital l-oħrajn kollha.

165. L-ammonti ta' telf mistenni għal skoperturi ta' kapital fejn l-ammonti ta' ppeżar differenzjat għar-riskju huma kkalkulati skond il-metodi stabbiliti fil-paragrafi 20 sa 22 għandhom jiġu kkalkulati skond il-formuli li ġejjin:

Telf mistenni (EL) = PD × LGD

Ammont ta' telf mistenni = EL × il-valur ta' l-iskopertura

166. L-ammonti ta' telf mistenni għal skoperturi ta' kapital fejn l-ammonti ta' ppeżar differenzjat għar-riskju huma kkalkulati skond il-metodi stabbiliti fil-paragrafi 23 sa 24 għandhom ikunu ta' 0%.

167. L-ammonti ta' telf mistenni għal riskju ta' dilwazzjoni ta' ammonti riċevibbli akkwistati għandu jiġi kkalkulat skond il-formula li ġejja:

Telf mistenni (EL) = PD × LGD

Ammont ta' telf mistenni = EL × il-valur ta' l-iskopertura

## 36. IT-TRATTAMENT TA' L-AMMONTI TA' TELF MISTENNIJA

168. L-ammonti ta' telf mistennija kkalkulati skond il-paragrafi 28, 29 u 33 għandhom jitnaqqsu mis-somma ta' l-aġġustamenti tal-valur u dispożizzjonijiet relatati ma' dawn l-iskoperturi. Skontijiet fuq skoperturi akkwistati skond il-Parti 3, paragrafu 1 għandhom jiġu trattati bl-istess mod bħala aġġustamenti tal-valur, primjums fuq skoperturi akkwistati skond il-Parti 3, paragrafu 1 għandhom jiżdiedu ma' l-ammonti ta' telf mistennija. L-ammonti ta' telf mistennija għal skoperturi titolizzati u aġġustamenti tal-valur u proviżjonijiet relatati ma' dawn l-iskoperturi m'għandhomx ikunu inklużi f'dan il-kalkolu.

## Parti 2 - PD, LGD u l-Maturità

169. Il-parametri probabilità ta' inadempjenza (PD), telf meta meqjusa l-inadempjenza (*loss given default* - LGD) u l-valur tal-maturità (M) fil-kalkolu ta' l-ammonti ta' ppeżar differenzjat għar-riskju u l-ammonti ta' telf mistennija speċifikati fil-Parti 1 għandhom ikunu dawk stmati mill-istituzzjoni ta' kreditu skond il-Parti 4 bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin.

## 37. Skoperturi għal kumpaniji, istituzzjonijiet, amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali

### 37.1. Il-probabilità ta' inadempjenza - PD

170. Il-probabilità ta' inadempjenza (PD) ta' skopertura għal kumpanija jew istituzzjoni għandha tkun għall-inqas 0.03%.

171. Għal ammonti riċevibbli korporattivi akkwistati fir-rigward ta' istituzzjoni ta' kreditu ma tistax turi li l-istimi ta' probabilità ta' inadempjenza (PD) tagħha jilħqu r-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-Parti 4, il-PD għal dawn l-iskoperturi għandhom ikunu determinati skond il-metodi li ġejjin: għal pretensjonijiet prijoritarji fuq ammonti riċevibbli korporattivi akkwistati il-PD għandu jkun l-istima ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu tat-telf mistenni (EL) diviż bit-telf meta meqjusa l-inadempjenza (*loss given dfault* - LGD) għal dawn l-ammonti riċevibbli. Għal pretensjonijiet subordinati fuq ammonti riċevibbli korporattivi akkwistati il-PD għandu jkun l-istima ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu tat-telf mistenni (EL). Jekk istituzzjoni ta' kreditu tkun tista' tuża l-istimi tagħha ta' telf meta meqjusa l-inadempjenza (*loss given dfault* - LGD) għal skoperturi korporattivi u tkun tista' tiddekomponi l-istimi ta' EL tagħha għal ammonti riċevibbli korporattivi akkwistati f'PD u LGD b'mod affidabbli, tista' tintuża l-istima ta' PD.

172. Il-PD ta' debituri inadempjenti għandu jkun ta' 100%.

173. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jirrikonoxxu protezzjoni ta' kreditu mhux finanzjat fil-PD skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 90 sa 93.

174. Istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw l-istimi ta' LGD tagħhom jistgħu jirrikonoxxu protezzjoni ta' kreditu mhux assistita billi jaġġustaw il-PD, bla ħsara għall-paragrafu 11.

175. Għar-riskju ta' dilwazzjoni ta' ammonti riċevibbli korporattivi akkwistati, il-PD għandu jkun daqs l-EL stmat għar-riskju ta' dilwazzjoni. Jekk istituzzjoni ta' kreditu tkun tista' tuża l-istimi ta' LGD tagħha għal skoperturi korporattivi u tkun tista' tiddekomponi l-EL stmat għar-riskju ta' dilwazzjoni ta' ammonti riċevibbli korporattivi akkwistati f'PD u LGD b'mod affidabbli, jista' jintuża l-PD.

### 37.2. Telf meta meqjusa l-inadempjenza (*Loss-given-default* - LGD)

176. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw il-valuri ta' LGD li ġejjin:

(a) Skoperturi prijoritarji mingħajr kollateral eliġibbli: 45%.

(b) Skoperturi subordinati mingħajr kollateral eliġibbli: 75%.

(c) L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jirrikonoxxu protezzjoni tal-kreditu finanzjat jew mhux finanzjat fl-LGD skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikoli 90 sa 93.

(d) Bonds koperti kif definiti fl-Anness VI, Parti 1, paragrafi 65 sa 67 jistgħu jiġu assenjati valur ta' LGD ta' 12.5%.

(e) Għal skoperturi ta' ammonti riċevibbli korporattivi akkwistati prijoritarji fejn l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx tista' turi li l-istimi ta' PD tagħha jilħqu r-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti 4, 45%.

(f) Għal skoperturi ta' ammonti riċevibbli korporattivi akkwistati subordinati fejn l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx tista' turi li l-istimi ta' PD tagħha jilħqu r-rekwiżiti stabbiliti fil-Parti 4, 100%.

(g) Għar-riskju ta' dilwazzjoni ta' ammonti riċevibbli korporattivi akkwistati: 75%

177. Bla ħsara għall-paragrafu 8, għar-riskju ta' dilwazzjoni u ta' inadempjenza, jekk l-istituzzjoni ta' kreditu tkun tista' tuża l-istimi ta' LGD tagħha għal skoperturi korporattivi u tkun tista' tiddekomponi l-istimi EL tagħha għal ammonti riċevibbli korporattivi akkwistati f'PD u LGD b'mod affidabbli, tista' tintuża l-istima ta' LGD għal ammonti riċevibbli korporattivi akkwistati.

178. Bla ħsara għall-paragrafu 8, jekk l-istituzzjoni ta' kreditu tkun tista' tuża l-istimi ta' LGD tagħha għal skoperturi għal kumpaniji, istituzzjonijiet, amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali, tista' tiġi rikonoxxuta protezzjoni tal-kreditu mhux finanzjat billi jiġu aġġustati l-istimi ta' PD u LGD, bla ħsara għar-rekwiżiti minimi kif speċifikat fil-Parti 4 u għall-approvazzjoni ta' l-awtoritajieet kompetenti. L-istituzzjoni ta' kreditu m'għandhiex tassenja fuq skoperturi garantiti PD jew LGD aġġustati b'mod li l-piż differenzjat għar-riskju aġġustat ikun inqas minn dak għal skopertura kumparabbli u diretta għall-garanti.

## 37.3. Maturità

179. Bla ħsara għall-paragrafu 12, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jassenjaw fuq skoperturi li jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' xiri bil-patt ta' xiri mill-ġdid jew ta' self ta' titoli jew komoditajiet, jew operazzjonijiet ta' self, valur ta' maturità (M) ta' sitt xhur (0.5 sena) u għall-iskoperturi l-oħrajn kollha M ta' 2.5 years. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikjedu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha fil-ġurisdizzjoni tagħhom li jużaw M għal kull skopertura kif stabbilit fil-paragrafu 12.

180. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jitħallew jużaw il-fatturi ta' konverjoni ta' LGD tagħhom għal skoperturi għal kumpaniji, istituzzjonijiet, amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali għandhom jikkalkulaw M għal kull waħda minn dawn l-iskoperturi kif stabbilit f'(a) sa (e) u bla ħsara għall-paragrafi 13 sa 15. F'kull każ, M m'għandhiex tkun aktar minn 5 snin.

(a) Għaal strument suġġett għal skeda ta' flus kontanti M għandu jkun ikkalkulat skond il-formula li ġejja:

$$M = MAX\{1; MIN\{\sum_t t * CF_t / \sum_t CF_t ; 5\}\}$$

fejn $CF_t$ jirrappreżenta l-flus kontanti (kapital, pagamenti ta' l-interessi u drittijiet)pagabbli taħt kuntratt mid-debitur fil-perjodu t.

(b) Għal derivattivi suġġetti għal ftehim *master* ta' totalizzar (*netting agreement*), M għandu jkun il-perjodu ta' maturità medju pendenti ta' l-iskopertura ppeżat, fejn M għandu jkun għall-inqas sena (1). Għall-ippeżar tal-maturità għandu jintuża l-ammont nozzjonali ta' kull skopertura.

(c) Għal skoperturi li jirriżultaw minn kontrotranżazzjonijiet jew tranżazzjonijiet ta' għoti u teħid b'self ta' strumenti ta' kapital jew kommoditajiet li huma soġġetti għal ftehim *master* ta' totalizzar (*netting agreement*), M għandu jkun il-perjodu ta' maturità medju pendenti ta' l-iskopertura ppeżata tat-tranżazzjonijiet fejn M għandu jkun mill-inqas 5 ijiem. Għall-ippeżar tal-maturità għandu jintuża l-ammont nozzjonali ta' kull tranżazzjoni.

(d) Jekk istituzzjoni ta' kreditu tkun tista' tuża l-estimi ta' PD tagħha stess għal ammonti riċevibbli korporattivi akkwistati, għal ammonti użati M għandu jkun daqs il-perjodu ta' maturità medju ta' l-iskopertura ppeżata ta' l-ammonti riċevibbli akkwistati, fejn M għandu jkun mill-inqas sena (1). Dan l-istess valur ta' M għandu jintuża wkoll għal ammonti mhux użati taħt programm ta' akkwisti mhux revokabbli sakemm il-programm ikun jinkludi klawsoli aċċessorji effettivi, dispożizzjonijiet għal rimborż antiċipat jew forom oħra li jħarsu lill-istituzzjoni ta' kreditu li akkwirenti minn deterjorament sinifikanti fil-kwalità ta' l-ammonti riċevibbli futuri li hija tkun obbligata li tixtri matul il-perjodu tal-programm. Fin-nuqqas ta' protezzjonijiet effettivi bħal dawn, M għal ammonti mhux użati għandu jiġi kkalkulat bħala s-somma ta' l-ammont riċevibbli potenzjali bl-iskadenza l-aktar twila taħt l-istrument ta' l-akkwist u l-maturità tal-programm ta' akkwist li jifdal, fejn M għandu jkun mill-inqas sena (1).

(e) Għal kull strument ieħor mhux imsemmi f'dan il-paragrafu jew fejn l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx f'pożizzjoni li tikkalkula M kif stabbilit f'(a), M għandu jkun iż-żmien massimu li jifdal (fi snin) li d-debitur ikun jista' jieħu biex jonora l-obbligazzjonijiet kuntrattwali tiegħu, fejn M għandu jkun mill-inqas sena (1).

181. Bla ħsara għall-paragrafu 12 (a), (b), (d) u (e), għal skoperturi fuq perjodu qasir speċifikati mill-awtoritajiet kompetent b'maturità pendenti ta' inqas minn sena u li ma jkunux parti mill-finanzjament kurrenti tad-debitur mill-istituzzjoni ta' kreditu, M għandu jkun mill-inqas ġurnata.

182. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li skoperturi għal kumpaniji li jinsabu fil-Komunità u li jkollhom assi u bejgħ konsolidati ta' inqass minn EUR 500 miljun li jużaw M kif stabbilit fil-paragrafu 11.

183. L-iżbilanċ fil-maturità għandu jiġi trattat kif speċifikat fl-Artikoli 90-93.

## 38. SKOPERTURI *RETAIL*

### 38.1. Il-probabilità ta' inadempjenza - PD

184. Il-PD ta' skopertura għandha tkun mill-inqas 0.03%.

185. Il-PD tad-debituri jew fejn jintuża metodu ta' obbligazzjoni debitorja, dik ta' skoperturi fi stat ta' inadempjenza għandha tkun 100%.

186. Għar-riskju ta' dilwazzjoni ta' ammonti riċevibbli akkwistati il-PD għandha tkun daqs l-istimi ta' EL għar-riskju ta' dilwazzjoni. Jekk istituzzjoni ta' kreditu tiddekomponi l-istimi ta' EL tagħha għar-riskju ta' dilwazzjoni ta' ammonti riċevibbli akkwistati f'PD u LGD b'mod affidabbli, tista' tintuża l-istima tal-PD.

187. Protezzjoni ta' kreditu mhux assistita tista' tiġi rikonoxxuta billi tiġi aġġustata l-PD, bla ħsara għall-paragrafu 21.

### 38.2. Telf meta meqjusa l-inadempjenza (*Loss-given-default* - LGD)

188. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jipprovdu l-istimi tagħhom ta' LGD, sakemm ikunu rispettati r-rekwiżiti minimi kif speċifikati fil-Parti 4 u jkun hemm l-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti. Għar-riskju ta' dilwazzjoni ta' ammonti riċevibbli akkwistati għandu jintuża l-valur ta' LGD ta' 75%. Jekk istituzzjoni ta' kreditu tiddekomponi l-istimi ta' EL tagħha għar-riskju ta' dilwazzjoni ta' ammonti riċevibbli akkwistati f'PD u LGD b'mod affidabbli, tista' tintuża l-istima tal-PD.

189. Protezzjoni ta' kreditu mhux assistita tista' tiġi rikonoxxuta billi jiġu aġġustati l-istimi ta' PD jew LGD, bla ħsara għar-rekwiżiti minimi kif speċifikati fil-Parti 4, paragrafi 95 sa 103 u għall-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti kemm jekk fir-rigward ta' skopertura individwali u kemm jekk għal grupp ta' skoperturi. L-istituzzjoni ta' kreditu m'għandhiex tassenja fuq skoperturi garantiti PD jew LGD aġġustati b'mod li l-piż differenzjat għar-riskju aġġustat ikun inqas minn dak għal skopertura kumparabbli u diretta għall-garanti.

## 39. SKOPERTURI TA' KAPITAL SUĠĠETTI GĦALL-METODU PD/LGD

### 39.1. Il-probabilità ta' inadempjenza - PD

190. Il-PD għandhom ikunu ddeterminati skond il-metodi għal skoperturi korporattivi.

Għandhom japplikaw il-PD minimi li ġejjin:

(a) 0.09% għal skoperturi ta' kapital innegozjati f'*exchange* fejn l-investiment huwa parti minn relazzjoni mal-klijent fuq perjodu twil;

(b) 0.09% għal skoperturi ta' kapital innegozjati mhux f'*exchange* fejn id-dħul mill-investiment huwa bbażat fuq flussi ta' flus kontanti regolari u perjodiċi li ma jkunu derivati minn qliegħ fuq il-kapital;

(c) 0.40% għal skoperturi ta' kapital innegozjati f'*exchange* inklużi pożizzjonijiet qosra kif stabbiliti fil-Parti 1, paragrafu 17;

(d) 1.25% għall-iskoperturi ta' kapital l-oħrajn kollha inklużi pożizzjonijiet qosra kif stabbiliti fil-Parti 1, paragrafu 17.

**39.2. Telf meta meqjusa l-inadempjenza (*Loss-given-default* - LGD)**

191. Skoperturi ta' kapital privat f'portfolji diversifikati biżżejjed jistgħu jiġu assenjati LGD ta' 65 %.

192. L-iskoperturi l-oħrajn kollha għandhom jiġu assenjati LGD ta' 90 %.

**39.3. Maturità**

193. L-M assenjata għall-iskoperturi kollha għandha tkun ta' 5 snin.

## Parti 3 - Il-valur ta’ l-iskopertura

**40. SKOPERTURI GĦAL KUMPANIJI, ISTITUZZJONIJIET, AMMINISTRAZZJONIJIET ĊENTRALI U BANEK ĊENTRALI U SKOPERTURI *RETAIL*.**

194. Sakemm ma jiġix indikat mod ieħor, il-valur ta' skoperturi fil-bilanċ (*on-balance sheet)* għandu jitkejjel bħala gross ta’ l-aġġustamenti tal-valur. Din ir-regola tapplika wkoll għal assi akkwistati bi prezz differenti mill-ammont dovut. Għal assi akkwistati, id-differenza bejn l-ammont dovut u l-valur nett irreġistrat fuq il-karta tal-bilanċ ta’ l-istituzzjonijiet ta’ kreditu titniżżel bħala skont denotat jekk l-ammont dovut ikun akbar, u bħala primjum jekk dan ikun inqas.

195. Fejn l-istituzzjonijiet ta’ kreditu jużaw ftehimiet *master* ta’ totalizzar (*Master netting agreements*) fir-rigward ta’ kontrotranżazzjonijiet /tranżazzjonijiet ta’ għoti u teħid b’self ta’ strumenti ta’ kapital, il-valur ta’ l-iskopertura għandu jiġi kkalkulat skond l-Artikoli 90 sa 93

196. Fil-każ ta’ kumpens fil-bilanċ tal-krediti u d-depożiti, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu biex jikkalkulaw il-valur ta’ l-iskopertura għandhom japplikaw il-metodi stabbiliti fl-Artikoli 90 sa 93.

197. Il-valur ta’ l-iskopertura għal kuntratti ta’ kiri għandu jkun il-fluss skontat ta' l-ammont tal-kirja.

198. Fil-każ ta’ xi prodott elenkat fl-Anness IV, il-valur ta’ l-iskopertura għandu jkun iddeterminat permezz ta’ wieħed miż-żewġ metodi stabbiliti fl-Anness III.

199. Il-valur ta' l-iskopertura għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' skoperturi b'piż differenzjat għar-riskju ta' ammonti riċevibbli akkwistati għandu jkun l-ammont pendenti meta jitnaqqsu r-rekwiżiti ta' kapital għar-riskju ta' dilwazzjoni qabel il-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu.

200. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5, kuntratti nnegozjati fuq *exchanges* rikonoxxuti, u kuntratti ta’ *foreign-exchange* (ħlief dawk li jirrigwardaw id-deheb) b’maturità oriġinali ta’ 14-il jum kalendarju jew inqas huma eżentati mill-applikazzjoni tal-metodi stabbiliti fl-Anness III, u jingħataw valur ta' skopertura ta' zero.

201. Minkejja d-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 5, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jeżentaw mill-applikazzjoni tal-metodi stabbiliti fl-Anness III u jattribwixxu valur ta' skopertura ta' zero, kuntratti mhux negozjati fil-borża (*over-the-counter* - OTC) regolati minn *clearing house* fejn din ta’ l-aħħar taġixxi bħala kontroparti legali u l-parteċipanti kollha jiggarantixxu b’mod integrali ta’ kuljum b’kollateral l-iskopertura li jippreżentaw lill-*clearing house*, biex b’hekk jipprovdu protezzjoni li tkopri kemm l-ispejjeż kurrenti ta’ sostituzzjoni u kemm ta’ l-iskopertura potenzjali.

Il-garanzija mogħtija għandha:

(a) jew tikkwalifika għal piż differenzjat għar-riskju ta’ 0%;

(b) jew tkun f'depożiti ta’ flus kontanti ma' l-istituzzjoni ta' kreditu li ssellef;

(c) jew tkun f’ċertifikati ta’ depożitu jew strumenti simili maħruġa minn u ppreżentati lil din ta’ l-aħħar.

L-awtorità kompetenti għandha tkun tissodisfa ruħha li jiġi eliminat ir-riskju ta’ akkumulazzjoni ta’ l-iskoperturi tal-*clearing house* li taqbeż il-valur tas-suq tal-kollateral fornut.

202. Il-valur ta’ l-iskopertura għal bilanċi mhux utilizzati akkwistati ta’ skoperturi ta’ ammonti riċevibbli korporattivi rotattivi akkwistati għandu jkun ikkalkulat billi l-bilanċ disponibbli tal-kreditu mogħti jiġi multiplikat b’75%.

203. Meta skopertura tieħu l-forma ta’ titoli mibjugħa, kostitwiti bħala garanzija jew imsellfa fil-qafas ta’ kontrotranżazzjonijiet jew ta’ tranżazzjonijiet ta’ għoti u teħid b’self ta’ strumenti ta’ kapital jew kommoditajiet, il-valur ta’ l-iskopertura għandu jkun il-valur tat-titoli jew kommoditajiet iddeterminat skond l-Artikolu 74. Meta jintuża l-Metodu integrali għat-Trattament tal-garanziji reali finanzjarji kif definit fl-Anness VIII, parti 3, il-valur ta’ l-iskopertura għandu jiżdied bl-aġġustament għall-volatilità xieraq għal dawn it-titoli jew komoditajiet kif indikat fl-istess Anness.

204. Il-valur ta’ l-iskopertura għall-elementi li ġejjin għandu jkun ikkalkulat bħala l-bilanċ disponibbli tal-kreditu mogħti multiplikat b’fattur ta’ konverżjoni.

L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jużaw il-fatturi ta’ konverżjoni li ġejjin:

(a) Għal linji ta’ kreditu mhux vinkolanti, li jistgħu jiġu revokati mingħajr ebda kundizzjoni, jew li effettivament jinkludu r-revoka awtomatika f'kull mument mill-istituzzjoni mingħajr avviż minn qabel, għandu japplika fattur ta' konverżjoni ta' 0 %. Biex japplikaw fattur ta’ konverżjoni ta’ 0% l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jimmonitoraw b’mod attiv il-kundizzjoni finanzjarja tad-debitur, u s-sistemi ta’ kontroll intern tagħhom għandhom jippermettulhom li jsibu immedjatament kull deterjorament fil-kwalità tal-kreditu tad-debitur. Il-linji ta’ kreditu *retail* jistgħu jitqiesu bħala revokabbli mingħajr ebda kundizzjoni jekk it-termini kuntrattwali jippermettu lill-istituzzjoni ta’ kreditu li tirrevokahom sa fejn huwa permess taħt il-leġiżlazzjoni dwar il-ħarsien tal-konsumatur u leġiżlazzjoni relatata.

(b) Għal ittri ta’ kreditu fuq perjodu qasir li jirriżultaw mill-moviment ta’ merkanzija, għandu japplika fattur ta’ konverżjoni ta’ 20% kemm għall-istituzzjoni li tordnahom kif ukoll għal dik li taċċettahom.

(c) Għal linji ta’ kreditu oħrajn, *note issuance facilities* (NIF) u krediti rinovabbli (*revolving underwriting facilities* - RUF) għandu japplika fattur ta’ konverżjoni ta’ 75%.

(d) L-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jilħqu r-rekwiżiti minimi għall-użu ta’ l-istimi ta’ fatturi ta’ konverżjoni tagħhom kif speċifikat fil-Parti 4 jistgħu jużaw l-isitimi ta’ fatturi ta’ konverżjoni tagħhom għal tipi ta’ prodotti differenti, sakemm ikollhom l-approvazzjoni ta’ l-awtoritajiet kompetenti.

205. Fejn impenn ikun jirreferi għall-estensjoni ta’ impenn ieħor, għandu jintuża l-fattur ta’ konverżjoni l-aktar baxx fost it-tnejn assoċjat ma’ l-impenn individwali.

206. Għall-prodotti mhux fil-karta tal-bilanċ l-oħrajn kollha mhux imsemmija fil-paragrafi 1 sa 11, il-valur ta' iskopertura għandu jiġi ddeterminat skond l-Anness II.

## 41. SKOPERTURI TA’ STRUMENTI TA’ KAPITAL

207. Il-valur ta’ l-iskopertura għandu jkun il-valur ippreżentat fl-istqarrijiet finanzjarji. Il-miżuri ta' skopertura ta’ strumenti ta’ kapital ammissibbli huma dawn li ġejjin:

(a) Għal investimenti magħmula b’valur ġust (*fair value*), jekk il-varjazzjonijiet fil-valur ikunu direttament meqjusa fir-riżultati tad-dħul u fil-fondi proprji, il-valur ta’ skopertura huwa l-valur ġust ippreżentat fil-karta tal-bilanċ.

(b) Għal investimenti magħmula b’valur ġust, jekk il-varjazzjonijiet fil-valur ma jitqisux direttament fir-riżultati tad-dħul imma f’komponent separat ta’ strumenti ta’ kapital aġġustat bit-taxxa, il-valur ta’ skopertura huwa l-valur ġust ippreżentat fil-karta tal-bilanċ.

(c) Għal investimenti magħmula bi spiża jew bl-inqas spiża jew suq, il-valur ta’ skopertura huwa il-valur ta' l-ispiża jew il-valur tas-suq ippreżentat fil-karta tal-bilanċ.

## 42. ASSI OĦRA MINGĦAJR OBBLIGAZZJONI TA’ KREDITU

208. Il-valur ta’ skopertura ta’ assi oħra mingħajr obbligazzjoni ta' kreditu għandu jkun il-valur ippreżentat fl-istqarrijiet finanzjarji.

## Parti 4 - Obbligi Minimi għall-Metodu ta' l-IRB

### 43. Sistemi ta' Klassifikazzjoni

209. 'Sistema ta' klassifikazzjoni' għandha tinkludi l-metodi, proċessi, kontrolli, ġbir ta' data u sistemi ta' l-IT kollha li huma ta' appoġġ għall-valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu, l-attribuzzjoni ta' skoperturi għal gradi jew aggregati (klassifikazzjoni), u l-kwantifikazzjoni ta' stimi ta' inadempjenza u telf għal certu tip ta' skopertura.

210. Jekk istituzzjoni ta' kreditu tuża sistemi ta' klassifikazzjoni diversi, ir-raġuni għall-attribuzzjoni ta' sistema ta' klassifikazzjoni lil debitur jew tranżazzjoni għandha tiġi ddokumentata u applikata b'mod li jirrifletti b'mod xieraq il-livelli ta' riskju.

211. Il-kriterji u l-proċessi ta' attribuzzjoni għandhom ikunu riveduti perjodikament biex jiddeterminaw jekk jibqgħux xierqa għall-portfolju attwali u l-kundizzjonijiet esterni.

### 43.1. Struttura ta' sistemi ta' klassifikazzjoni

212. Meta istituzzjoni ta' kreditu tuża stimi diretti ta' parametri ta' riskju dawn jistgħu jidhru bħala r-riżultati tal-gradi fi skala kontinwa ta' klassifikazzjoni.

*43.1.1. Skoperturi għal kumpaniji , istituzzjonijiet u amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali*

213. Sistema ta' klassifikazzjoni għandha tqis il-karatteristiċi ta' riskju tat-tranżazzjoni u d-debitur.

214. Sistema ta' klassifikazzjoni għandu jkollha skala ta' klassifikazzjoni tad-debitur li tirrifletti esklussivament il-kwantifikazzjoni tar-riskju ta' inadempjenza mid-debitur. L-iskala ta' klassifikazzjoni tad-debitur għandu jkollha minimu ta' 7 gradi għal debituri mhux inadempjenti u waħda għal dawk inadempjenti.

215. 'Grad ta' debitur' għandu jfisser kategorija ta' riskju fl-ambitu ta' skala ta' klassifikazzjoni ta' debitur tas-sistema ta' klassifikazzjoni, li d-debituri huma assenjati lilha fuq bażi ta' sett speċifiku u distint ta' kriterji ta' klassifikazzjoni, li minnhom joħorġu l-istimi tal-PD. Istituzzjoni ta' kreditu għandha tiddokumenta r-relazzjoni bejn il-gradi tad-debitur fit-termini tal-livell tar-riskju ta' inadempjenza li jimplika kull grad u l-kriterji użati biex issir distinzjoni bejn il-livelli ta' riskju ta' inadempjenza.

216. Istituzzjonijiet ta' kreditu b'protfolji kkonċentrati f'settur partikolari tas-suq u firxa ta' riskju ta' inadempjenza għandu jkollhom biżżejjed gradi tad-debitur fl-ambitu ta' dik il-firxa biex jiġu evitati konċentrazzjonijiet żejda lid-debituri fi grad partikolari. Konċentrazzjonijiet sinifikanti fl-ambitu ta' grad wieħed għandhom jiġu appoġġjati minn evidenza empirika konvinċenti li l-grad tad-debitur ikopri faxxa tal-PD raġjonevolment dejqa u li r-riskju ta' inadempjenza tad-debituri kollha fil-grad jaqa' fl-ambitu ta' dik il-faxxa.

217. Biex tikkwalifika għar-rikonoxximent mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-użu għall-kalkolu ta' l-istimi proprji ta' l-LGD's għar-rekwiżit tal-kapital, sistema ta'

klassifikazzjoni għandha tinkorpora skala ta' klassifikazzjoni tal-faċilità distinta li tirrifletti esklussivament karatteristiċi ta' tranżazzjoni relatati ma' l-LGD.

218. Biex tikkwalifika għar-rikonoxximent mill-awtoritajiet kompetenti ta' l-użu għall-kalkolu ta' l-istimi proprji tal-fatturi ta' konverżjoni għar-rekwiżit tal-kapital, sistema ta' klassifikazzjoni għandha tinkorpora skala ta' klassifikazzjoni tal-faċilità distinta li tirrifletti esklussivament karatteristiċi ta' tranżazzjoni relatati mal-fatturi tal-konverżjoni.

219. 'Grad ta' faċilità' għandu jfisser kategorija ta' riskju fl-ambitu ta' skala ta' faċilità ta' sistema ta' klassifikazzjoni, li l-iskoperturi huma assenjati lilhom fuq bażi ta' sett ta' kriterji ta' klassifikazzjoni speċifiċi u distinti li minnhom joħorġu l-istimi proprji jew ta' l-LGD's jew tal-fatturi ta' konverżjoni. Id-definizzjoni ta' grad għandha tinkludi kemm deskrizzjoni ta' kif l-iskoperturi huma assenjati fil-grad kif ukoll tal-kriterji użati biex issir distinzjoni tal-livelli ta' riskju fost il-gradi.

220. Konċentrazzjonijiet sinifikanti fl-ambitu ta' grad ta' faċilità wieħed għandhom ikunu sostnuti minn evidenza empirika konvinċenti

221. Istituzzjonijiet ta' kreditu bl-użu ta' metodi stabbiliti fil-Parti 1, il-paragrafu 5 għall-assenjazzjoni ta' piż differenzjat għar-riskju għal skoperturi ta' self speċjalizzat huma eżenti mir-rekwiżit li jkun hemm skala ta' klassifikazzjoni tad-debitur li tirrifletti esklussivament il-kwantifikazzjoni tar-riskju ta' inadempjenza mid-debitur għal dawn l-iskoperturi. Minkejja l-paragrafu 6, dawn l-istituzzjonijiet għandu jkollhom għal dawn l-iskoperturi mill-inqas 4 gradi għal debituri mhux inadempjenti u mill-inqas grad wieħed għal debituri inadempjenti.

*43.1.2. Skoperturi ta' retail*

222. Is-sistemi ta' klassifikazzjoni għandhom jirriflettu r-riskju kemm tad-debitur u kemm tat-tranżazzjoni, u għandhom jinkludu l-karatteristiċi rilevanti kollha tad-debitur u tat-tranżazzjoni.

223. Il-livell ta' differenzazzjoni tar-riskju għandu jiżgura li l-għadd ta' skoperturi f'ċertu grad jew aggregat ikun biżżejjed biex jippermetti kwantifikazzjoni u validazzjoni sinifikanti tal-karatteristiċi ta' telf fil-livell tal-grad jew l-aggregat. It-tqassim ta' l-iskoperturi u d-debituri fi gradi u aggregati għandu jkun b'tali mod li jevita konċentrazzjonijiet eċċessivi.

224. Istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom juru li l-proċess ta' assenjazzjoni ta' l-iskoperturi fi gradi jew aggregati jwassal għal differenzazzjoni sinifikanti tar-riskju, iwassal għal ragruppament ta' skoperturi li huma omoġenji biżżejjed, u jippermetti stima preċiża u konsistenti tal-karatteristiċi tat-telf fil-livell tal-grad jew ta' l-aggregat. Għall-krediti mixtrija, ir-raggruppament għandu jirrifletti l-prattiki ta' sottoskrizzjoni tal-bejjiegħ u l-eteroġeneità tal-klijenti tiegħu.

225. Isituzzjonijiet ta' kreditu għandhom iqisu l-fatturi ta' riskju li ġejjin meta jkunu qegħdin jassenjaw l-iskoperturi fi gradi jew aggregati:

Karatteristiċi ta' riskju tad-debitur

(a) Karatterisitiċi ta’ riskju tat-tranżazzjoni, fosthom tipi kollaterali u prodotti jew it-tnejn li huma. Istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jindirizzaw espiliċitament każijiet fejn bosta skoperturi jibbenefikaw mill-istess kollateral

(b) Delinkwenza, sakemm l-istituzzjoni ta' kreditu ma turix lill-awtoritajiet kompetenti tagħha li d-delinkwenza mhix fattur ta' riskju għall-iskopertura

(c) Assenjazzjoni fi gradi jew aggregati

226. Istituzzjoni ta’ kreditu għandu jkollha definizzjonijiet proċessi, u kriterji speċifiċi għall-assenjazzjoni ta’ l-iskoperturi fi gradi jew aggragati

(a) Id-definizzjonijiet u l-kriterji ta’ grad jew aggregat għandhom ikunu dettaljati biżżejjed biex dawk inkarigati li jassenjaw il-klassifikazzjonijiet ikunu jistgħu jassenjaw b’mod konsistenti lid-debituri jew faċilitajiet li huma ta' riskju simili fl-istess grad jew aggregat. Din il-konsistenza għandha teżisti f’linji ta’ negozju, dipartimenti u postijiet ġeografiċi.

(b) Id-dokumentazzjoni tal-proċess ta’ klassifikazzjoni għandu jippermetti lil partijiet terzi biex jifhmu l-assenjazzjonijiet ta’ l-iskoperturi fi gradi jew aggregati, biex jirreplikaw l-assenjazzjonijiet ta’ grad jew aggregat u biex jivvalutaw il-proprjetà ta' l-assenjamenti fi grad jew aggregat.

(c) Il-kriterji għandhom ikunu wkoll konsistenti ma’ l-istandards ta’ self interni ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu u mal-*policies* tagħha dwar kif jiġu ttrattati d-debituri u l-faċilitatjiet.

227. Istituzzjoni ta’ kreditu għandha tqis it-tagħrif rilevanti kollu meta tassenja debituti jew faċilitajiet fi gradi jew aggregati. It-tagħrif għandu jkun attwali u għandu jkun jippermetti lill-istituzzjoni ta’ kreditu biex tbassar ir-rendiment futur ta’ l-iskopertura. Inqas ma istituzzjoni ta’ kreditu jkollha tagħrif, iktar għandu jkollha assenjazzjonijiet ta’ l-iskoperturi fi gradi jew aggregati tad-debituri jew faċilitajiet konservattivi. Jekk istituzzjoni ta’ kreditu tuża klassifikazzjoni esterna bħala fattur ewlieni li jiddetermina assenjazzjoni ta’ klassifikazzjoni interna, l-istituzzjoni ta’ kreditu għandha tiżgura li tqis tagħrif rilevanti ieħor.

### 43.2. Assenjazzjoni ta’ skoperturi

*43.2.1. Skoperturi għal kumpaniji , istituzzjonijiet u amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali*

228. Kull debitur għandu jkun assenjat fi grad ta’ debitur bħala parti mill-proċess ta’ approvazzjoni tal-kreditu.

229. Għall-dawk l-istituzzjonijiet ta’ kreditu li għandhom il-permess jużaw l-istimi proprji ta’ l-LGDs jew fatturi ta’ konverżjoni, kull skopertura għandha tiġi assenjata wkoll fi grad ta' faċilità bħala parti mill-proċess ta’ approvazzjoni tal-kreditu..

230. Istituzzjoni ta’ kreditu li tuża l-metodi stabbiliti fil-Parti 1, il-paragrafu 5 għall-assenjazzjoni ta’ piżijiet ta’ riskju għal skoperturi ta’ self speċjalizzati għandha tassenja kull skopertura fi grad skond il-paragrafu 13.

231. Kull entità ġuridika separata li l-istituzzjoni ta' kreditu għaliha hija skoperta għandha tkun ikklassifikata separatament. Istituzzjoni ta' kreditu għandha turi lill-awtorità kompetenti tagħha li għandha *policies* aċċettabbli dwar it-trattament ta' klijienti debituri individwali u gruppi ta' klijenti konnessi.

232. Skoperturi separati kontra l-istess debitur għandhom jiġu assenjati fl-istess grad tad-debitur, irrispettivament minn kwalunkwe differenza fin-natura ta' kull tranżazzjoni speċifika. L-eċċezzjonijiet, meta skoperturi separati jitħallew iwasslu għal gradi diversi għall-istess debitur, huma:

(a) fil-każ ta' riskju fi trasferiment bejn pajjiżi, meta dan ikun jiddependi minn jekk l-iskoperturi humiex denominati f'valuta lokali jew barranija

(b) meta t-trattament ta' garanziji assoċjati għal skopertura jista' jiġi rifless f'aġġustament f'assenjazzjoni fi grad ta' debitur

*43.2.2. Skoperturi ta' retail*

233. Kull skopertura għandha tiġi assenjata fi grad jew aggregat bħala parti mill-proċess ta' l-approvazzjoni tal-kreditu.

*43.2.3. Invalidazzjonijiet*

234. Għal assenjazzjonijiet ta' grad u aggregat, isitituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddokumentaw is-sitwazzjonijiet li fihom il-ġudizzju uman jista' jitbiegħed mill-parametri mdaħħla u r-riżultati tal-proċess ta' l-assenjazzjoni u l-impjegati li jkunu responsabbli għall-approvazzjoni ta' dawn l-invalidazzjonijiet. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddokumentaw dawn l-l-invalidazzjonijiet u l-impjegati responsabbli. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom janalizzaw ir-rendiment ta' l-iskoperturi li l-assenjazzjonijiet tagħhom ma jkunux ġew irrispettati. Din l-analiżi għandha tinkludi l-valutazzjoni tar-rendiment ta' l-iskoperturi li l-klassifikazzjoni tagħhom ma tkunx ġiet irrispettata minn persuna partikolari, b'kont mogħti ta' l-impjegati kollha responsabbli.

## 43.3. L-integrità tal-proċess ta' assenjazzjoni

*43.3.1. Skoperturi għal kumpaniji , istituzzjonijiet u amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali*

235. Assenjazzjonijiet u reviżjonijiet perjodiċi ta' assenjazzjonijiet għandhom jintemmu jew jiġu approvati minn parti indipendenti li ma tibbenefikax direttament mid-deċiżjonijiet li jestendu l-kreditu.

236. Istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jaġġornaw l-assenjazzjonijiet ta' l-inqas kull sena. Debituri b'risku għoli u skoperturi bi problema għandhom ikunu s-suġġett ta' reviżjoni iżjed frekwenti. Istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jagħtu assenjazzjoni ġdida jekk joħroġ tagħrif sostanzjali ġdid dwar id-debitur jew l-iskopertura.

237. Istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha proċess effettiv biex tikseb u taġġorna t-tagħrif rilevanti dwar il-karatteristiċi tad-debitur li jaffettwa l-PDs, u dwar il-karatteristiċi tat-tranżazzjoni li jaffettwaw l-LGD's u l-fatturi ta' konverżjoni.

*43.3.2. Skoperturi ta' retail*

238. Istituzzjoni ta' kreditu għandha taġġorna l-assenjazzjonijiet tad-debituri u l-faċilitajiet jew tirrevedi l-karatteristiċi ta' telf u l-istatus ta' delinkwenza ta' kull aggregat ta' riskju, skond liema minnhom ikun applikabbli, mill-inqas kull sena. Istituzzjoni ta' kreditu għandha wkoll, mill-inqas kull sena, tirrevedi b'kampjun rappreżentattiv l-istatus ta' skoperturi individwali fl-ambitu ta' kull aggregat bħala mod kif jiġi żgurat li l-iskoperturi jkomplu jiġu assenjati lill-aggregat it-tajjeb.

**43.4. Użu ta' mudelli**

239. Jekk istituzzjoni ta' kreditu tuża mudelli statistiċi u metodi mekkaniċi oħra biex tassenja l-iskoperturi fi gradi jew aggregati tad-debituri jew il-faċilitajiet:

(a) L-istituzzjoni ta' kreditu jkollha turi lill-awtorità kompetenti tagħha li l-mudell għandu kapaċità tajba għat-tbassir u li r-rekwiżiti tal-kapital mhumiex imxekkla minħabba l-użu tiegħu. Il-varjabbli mdaħħla fil-mudell għandhom jiffurmaw bażi raġonevoli u effettiva għat-tbassir li jirrużalta minnu. Il-mudell m'għandux ikollu distorzjonijiet sinifikanti.

(b) L-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha stabbilita proċedura biex id-dħul tad-*data* ġol-mudell jiġi ċċekkjat u dan ikun jinkludi evalwazzjoni tal-preċiżjoni, il-kompletezza u l-adegwatezza tad-*data*.

(c) L-istituzzjoni ta' kreditu għandu juri li d-*data* użata biex jinbena l-mudell hija rappreżentattiva tal-popolazzjoni tad-debituri jew skoperturi effettivi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu.

(d) L-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha ċiklu regolari ta' validazzjoni tal-mudell li jinkludi l-monitoraġġ tar-rendiment u l-istabilità tal-mudell; reviżjoni ta' l-ispeċifikazzjoni tal-mudell; u ttestjar tar-riżultati tal-mudell skond ir-riżutlati effettivi.

(e) L-istituzzjoni ta' kreditu għandu jikkomplimenta l-mudell statistiku permezz ta' ġudizzju uman u sorveljanza umana biex ikunu riveduti l-assenjazzjonijiet ibbażati fuq il-mudelli u biex jiġi żgurat li l-mudelli jintużaw sew. Proċeduri ta' reviżjoni għandhom jimmiraw lejn is-sejbien u l-limitazzjoni ta' l-iżbalji marbuta ma' dgħjufijiet tal-mudell. Ġudizzji umani għandhom iqisu t-tagħrif kollu rilevanti mhux meqjus mill-mudell. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tiddokumenta kif il-ġudizzju uman u r-riżultati tal-mudell għandhom jingħaqdu flimkien.

**43.5. Dokumentazzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni**

240. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddokumentaw it-tfassil u d-dettalji operattivi tas-sistemi ta' klassifikazzjoni. Id-dokumentazzjoni għandha tkun ta' prova ta' l-adempjenza mar-rekwiżiti minimi f'din il-Parti, u tindirizza suġġetti fosthom id-differenzazzjoni tal-porfolji, il-kriterji ta' klassifikazzjoni, ir-responsabilitajiet tal-partijiet li jikklassifikaw lid-debituri u lill-iskoperturi, il-frekwenza ta' reviżjonijiet ta' assenjazzjoni, u sorveljanza tal-proċess ta' klassifikazzjoni mill-amministrazzjoni.

241. L-istituzzjoni ta’ kreditu għandha tiddokumenta r-raġuni għall-għażla tal-kriterji ta' klassifikazzjoni flimkien ma' analiżi li tappoġġja din l-għażla. Istituzzjoni ta’ kreditu għandha tiddokumenta l-bidliet kbar kollha fil-proċessi ta' klassifikazzjoni tar-riskju, u dokumentazzjoni bħal din għandha tappoġġja l-identifikazzjoni tal-bidliet li jkunu saru fil-proċess ta' klassifikazzjoni tar-riskju wara l-aħħar reviżjoni mill-awtoritajiet kompetenti. L-organizzazzjoni ta’ l-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni tinkludi l-proċess ta’ assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni u l-istruttura ta’ kontroll intern għandha tkun iddokumentata wkoll.

242. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jiddokumentaw id-definizzjonijiet speċifiċi ta’ inadempjenza u telf użati internament u juru konsistenza mad-definizzjonijiet stabbiliti minn din id-Direttiva.

243. Jekk l-istituzzjoni ta’ kreditu timpjega mudelli statistiċi fil-proċess ta’ klassifikazzjoni, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tiddokumenta l-metodoloġiji tagħhom. Il-materjal għandu:

(a) jipprovdi deskrizzjoni dettaljata tat-teorija, l-assunzjonijiet u/jew bażijiet empiriċi u matematiċi ta’ l-assenjazzjoni ta’ l-istimi tal-gradi, id-debituri, l-iskoperturi jew l-aggregati individwali u s-sors(i) tad-*data* użat(i) għall-istima tal-mudell;

(b) jistabbilixxi proċess statistiku rigoruż (li jinkludi testijiet ta’ rendiment barra mill-ħin u barra mill-kampjuni) għall-valutazzjoni tal-mudell; u

(c) jindika kwalunkwe ċirkostanzi meta l-mudell ma’ jaħdimx b’mod effettiv

244. L-użu ta' mudell minn bejjiegħ terz li jsostni li għandu teknoloġija patentata mhux ġustifikazzjoni għal eżenzjoni mid-dokumentazzjoni jew minn kwalunkwe rekwiżit ieħor għal sistemi ta' klassifikazzjoni. Ir-responsabilità biex jiġu sodisfatti l-awtoritajiet kompetenti hija ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu.

**43.6. Żamma tad-*data***

245. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jiġbru u jżommu *data* dwar l-aspetti tal-klassifikazzjonijiet interni kif jeħtieġu l-Artikoli 145 sa 149.

*43.6.1. Skoperturi għal kumpaniji , istituzzjonijiet u amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali*

246. Istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jiġbru u jżommu:

(a) L-istorja sħiħa tal-klassifikazzjoni tad-debituri u l-garanti rikonoxxuti,

(b) Id-dati li fihom ġew assenjati l-klassifikazzjonijiet,

(c) Id-*data* u l-metodoloġija ewlenin użati biex titwassal il-klassifikazzjoni,

(d) Il-persuna responsabbli għall-assenjazzjoni tal-klassifikazzjoni,

(e) L-identità tad-debituri u l-iskoperturi inadempjenti,

(f) Id-data u ċ-ċirkostanzi ta' inadempjenzi bħal dawn,

(g) *Data* dwar il-PDs u rati realizzati ta' inadempjenza marbuta mal-gradi ta' klassifikazzjoni u l-migrazzjoni tal-klassifikazzjonijiet.

(h) Istituzzjonijiet ta' kreditu li ma jużawx l-istimi tagħhom għall-LGDs u/jew il-fatturi ta' konverżjoni għandhom jiġbru u jżommu *data* dwar tqabbil ta' LGDs realizzati mal-valuri stabbiliti fil-Parti 2, il-paragrafu 8 u tqabbil ta' fatturi ta' konverżjoni realizzati mal-valuri kif stabbiliti fil-Parti 3, il-paragrafu 11.

247. Istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw stimi ta' l-LGD's tagħhom stess u/jew fatturi ta' konverżjoni għandhom jiġbru u jżommu:

(a) L-istorja sħiħa tad-*data* dwar il-klassifikazzjoni tal-faċilitajiet u l-istimi tal-fattur ta' konverżjoni u l-LGD marbuta ma' kull skala ta' klassifikazzjoni,

(b) Id-dati li fihom ġew assenjati l-klassifikazzjonijiet u saru l-istimi,

(c) Id-*data* u l-metodoloġija ewlenin użati biex jitwasslu l-klassifikazzjonijiet tal-faċilitajiet u l-istimi tal-fattur ta' konverżjoni u l-LGD,

(d) L-identità tal-persuna li assenjat il-klassifikazzjoni tal-faċilità u tal-persuna li pprovdiet l-istimi tal-fattur ta' konverżjoni u l-LGD.

(e) *Data* dwar l-LGD's u l-fatturi ta' konverżjoni stmati u realizzati marbuta ma' kull skopertura inadempjenti.

(f) *Data* dwar l-LGD ta' l-iskopertura qabel u wara l-valutazzjoni ta' l-effetti ta' derivattivi ta' kreditu/ jew garanti, għal dawk l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jirriflettu l-effetti mitiganti ta' riskju ta' kreditu tal-garanziji jew derivattiviivi ta' kreditu permezz ta' LGD.

(g) *Data* dwar il-komponenti ta' telf għal kull skopertura inadempjenti.

*43.6.2. Skoperturi ta' retail*

248. Istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiġbru u jżommu:

(a) *Data* użata fil-proċess ta' allokazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew aggregati,

(b) *Data* dwar il-PDs, l-LGDs u l-fatturi ta' konverżjoni stmati marbuta mal-gradi jew l-aggregati ta' l-iskoperturi,

(c) L-identità tad-debituri u l-iskoperturi inadempjenti,

(d) Għall-iskoperturi inadempjenti, *data* dwar il-gradi jew l-aggregati li l-iskopertura kienet assenjata fiha matul is-sena ta' qabel l-inadempjenza u r-riżultati effettivi realizzati ta' l-LGD u l-fattur ta' konverżjoni.

(e) *Data* dwar rati ta' telf u dħul marġinali biex jiġu kkwalifikati skoperturi ta' *retail* li jdur.

### 43.7. Testijiet ta’ stress użati fl-evalwazzjoni ta’ l-adegwatezza tal-kapital

249. Istituzzjoni ta’ kreditu għandu jkollha stabbiliti proċeduri ta’ ttestjar ta’ l-istress għall-użu fl-evalwazzjoni ta’ l-adegwatezza tal-kapital tagħha. L-ittestjar ta' l-istress għandu jinvolvi l-identifikazzjoni ta’ avvenimenti possibbli jew bidliet futuri fil-kondizzjonijiet ekonomiċi li jista’ jkollhom effetti sfavorevoli fuq l-iskoperturi ta’ istituzzjoni ta’ kreditu u evalwazzjoni ta’ l-abbiltà ta' l-istituzzjoni ta’ kreditu biex tilqa’ għal dawn il-bidliet.

250. Istituzzjoni ta’ kreditu għandha tagħmel test ta' l-istress tar-riskju ta' kreditu b'mod regolari biex tevalwa l-effett ta' ċerti kundizzjonijiet speċifiċi fuq ir-rekwiżiti tal-kapital totali tagħha għar-riskju ta' kreditu. It-test li jrid isir għandu jintgħażel mill-istituzzjoni ta' kreditu soġġett għal reviżjoni superviżorja. Dan it-test għandu jkun sinifikattiv u raġonevolment konservattiv, u mill-inqas iqis l-effett ta’ xenarji ta’ reċessjoni moderata. Istituzzjoni ta’ kreditu għandha tevalwa l-migrazzjoni fil-klassifikazzjonijiet tagħha fix-xenarji tat-test ta’ stress. Portfolji stressjati għandu jkollhom il-maġġoranza vasta ta’ l-iskopertura totali ta’ istituzzjoni ta’ kreditu.

## 44. KWANTIFIKAZZJONI TAR-RISKJU

251. Fid-determinazzjoni tal-parametri tar-riskju li għandu jkun marbut mal-gradi jew aggregati ta’ klassifikazzjoni, istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom japplikaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

### 44.1. Definizzjoni ta’ inadempjenza

252. Jitqies li kien hemm ‘inadempjenza’ fir-rigward ta' debitur partikolari meta jiġri ta’ l-inqas wieħed minn dawn li ġejjin:

(a) L-istituzzjoni ta’ kreditu tqis li d-debitur x’aktarx li ma jkunx se jħallas l-obbligazzjonijiet tal-kreditu tiegħu kollha lill-istituzzjoni ta’ kreditu, l-impriża *parent* jew kwalunkwe mis-sussidjarji tagħha, mingħajr ma l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha tirrikorri għal azzjonijiet bħar-realizzazzjoni ta’ xi sigurtà (jekk hemm).

(b) Id-debitur qabeż l-iskadenza għall-ħlas b’iktar minn 90 jum għal kwalunkwe obbligazzjoni ta’ kreditu sostanzjali lill-istituzzjoni ta’ kreditu, l-impriża *parent* jew kwalunkwe mis-sussidjarji tagħha.

Il-jiem ta’ l-arretrat jibdew mill-mument li d-debitur ikun qabeż il-limitu avżat, ikun ġie avżat b'limitu iqsar minn dak li hu attwalment pendenti, jew ikun uża kreditu mingħajr awtorizzazzjoni.

Limitu avżat jiġifieri limitu li li jkun ġie notifikat lid-debitur.

Fil-każ ta’ skoperturi ta’ *retail* u skoperturi għal entitajiet tas-settur pubbliku (PSE) l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiffissaw limitu għall-perjodu ta’ l-arretrat skond kif speċifikat fil-paragrafu 48.

Fil-każ ta’ skoperturi korporattivi, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jiffissaw limitu għall-perjodu ta’ l-arretrat skond kif speċifikat fl-Artiklu 154, il-paragrafu 4.

Fil-każ ta' skoperturi ta' *retail*, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu japplikaw din id-definizzjoni fil-livell ta' operazzjoni unika.

253. L-elementi li jridu jitqiesu bħala indikazzjonijiet li x'aktarx mhux se jkun hemm ħlas għandhom jinkludu ċ-ċirkustanzi li ġejjin:

(a) L-istituzzjoni ta' kreditu tagħti lill-obbligazzjoni ta' kreditu status ta' 'mhux dovut'.

(b) L-istituzzjoni ta' kreditu tagħmel aġġustament tal-valur li jirriżulta minn tnaqqis sinifikanti perċepit fil-kwalità tal-kreditu wara li l-istituzzjoni ta' kreditu tieħu l-iskopertura.

(c) L-istituzzjoni ta' kreditu tbiegħ l-obbligazzjoni ta' kreditu b'telf ekonomiku sostanzjali relatat mal-kreditu.

(d) L-istituzzjoni ta' kreditu taqbel li jkun hemm ristrutturazzjoni oneruża ta' l-obbligazzjoni ta' kreditu meta dan x'aktarx iwassal għal obbligazzjoni finanzjarja mnaqqsa kkawżata mill-maħfra sostanzjali, jew il-posponiment tal-kapital, l-imgħax jew (fejn rilevanti) il-miżati. Dan jinkludi fil-każ ta' skoperturi ta' kapital stmati skond il-Metodu PG/LGD, ristrutturazzjoni oneruża tal-kapital innifsu.

(e) L-istituzzjoni ta' kreditu tkun għamlet rikors għall-falliment tad-debitur jew ordni simili fir-rispett ta' obbligazzjoni ta' kreditu tad-debitur lejn l-istituzzjoni ta' kreditu, l-impriża *parent* jew waħda mis-sussidjarji tagħha.

(f) Id-debitur jkun talab jew ikun tqiegħed fi stat ta' falliment jew sitwazzjoni simili meta din is-sitwazzjoni timpedixxi jew toħloq dewmien tal-ħlas lura ta' obbligazzjoni ta' kreditu lill-isitituzzjoni ta' kreditu, l-impriża *parent* jew waħda mis-sussidjari tagħha.

254. Istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw *data* esterna li mhix fiha nnifisha konsistenti mad-definizzjoni ta' inadempjenza, għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li saru l-aġġustamenti xierqa biex tintlaħaq ekwivalenza sostanzjali mad-definizzjoni ta' inadempjenza.

255. Jekk l-istituzzjoni ta' kreditu tqis li skopertura li qabel kienet klassifikata bħala insolventi tkun fi stat li ma jkunx meħtieġ li titkompla għaliha l-ebda waħda miċ-ċirkostanzi previsti mid-definizzjoni ta' inadempjenza, hija għandha tikklassifika lid-debitur jew lill-faċilità daqs li kieku kienet skopertura regolari. Jekk imbagħad waħda minn dawn iċ-ċirkostanzi sseħħ, jitqies li kien hemm inadempjenza oħra.

256. Għal skoperturi ta' *retail* u PSE, l-awtoritajiet kompetenti ta' kull Stat Membru għandhom jistabbilixxu l-għadd eżatt ta' jiem ta' arretrat li l-istituzzjonijiet ta' kreditu kollha fil-ġurisdizzjoni tagħhom għandhom jimxu magħhom skond id-definizzjoni ta' inadempjenza stabbilita fil-paragrafu 44, għal skoperturi ta' dawk il-kontropartijiet li jkunu f'dan l-Istat Membru. In-numru speċifiku għandu jkun bejn 90 u 180 jum u jista' jvarja skond il-linji tal-prodotti. Għal skoperturi ta' dawk il-kontropaertijiet li jkunu jinsabu fit-territorji ta' Stati Membri oħra, l-awtoritajiet kompetenti għandhom

jistabbilixxu għadd ta' jiem ta' arretrat li ma jkunx ogħla mill-għadd stabbilit mill-awtorità kompetenti ta' l-Istat Membru rispettiv.

### 44.2. Rekwiżiti ġenerali għall-istima

257. L-istimi proprji ta' l-isituzzjoni ta' kreditu tal-parametri ta' riskju PD, LGD, fattur ta' konverżjoni u EL għandhom jinkorporaw id-*data* rilevanti kollha, it-tagħrif u l-metodi. L-istimi għandhom jinħarġu bl-użu kemm ta' esperjenza storika kif ukoll ta' evidenza empirika, u ma jkunux ibbażati purament fuq konsiderazzjonijiet ġudikatorji. L-istimi għandhom ikunu plawżibbli u intuwitivi u għandhom ikunu bbażati fuq id-determinanti sostanzjali tal-parametri ta' riskju rispettivi. Inqas ma l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha *data*, iktar għandha tkun konservattiva fl-istimi tagħha.

258. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun lesta tipprovdi analiżi ta' l-esperjenza ta' telf tagħha fit-termini ta' frekwenza ta' l-inadempjenzi, LGD, fattur ta' konverżjoni, jew telf meta jintużaw l-istimi ta' l-EL, mill-fatturi li hija tarahom bħala d-determinanti tal-parametri ta' riskju rispettivi. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha turi li l-istimi tagħha huma rappreżentattivi ta' esperjenza għat-tul.

259. Għandhom jitqiesu wkoll kwalunkwe bidliet fil-prassi tas-self jew fil-proċess għall-irkupri matul il-perjodi ta' osservazzjoni msemmija fil-paragrafi 66, 71, 81, 85, 92 u 94. L-istimi ta' istituzzjoni ta' kreditu għandhom jirriflettu l-implikazzjonijiet ta' avvanzi tekniċi u *data* ġdida u tagħrif ieħor, hekk kif dawn isiru disponibbli. Istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirrevedu l-istimi tagħhom kull meta joħroġ tagħrif ġdid u mill-inqas kull sena.

260. Il-popolazzjoni ta' skoperturi rrappreżentati fid-*data* użata għall-istima, l-istandards ta' self użati meta d-*data* tkun ġiet prodotta u karatteristiċi rilevanti oħra għandhom ikunu komparabbli ma' dawk ta' l-iskoperturi u l-istandards ta' istituzzjoni ta' kreditu. L-istituzzjoni ta' kreditu trid ukoll turi li l-kundizzjonijiet ekonomiċi u tas-suq li d-*data* hija bbażata fuqhom huma rilevanti għall-kundizzjonijiet attwali u prevedibbli. L-għadd ta' skoperturi fil-kampjun u l-perjodu ta' *data* użat għall-kwantifikazzjoni għandhom ikunu biżżejjed biex jipprovdu kunfidenza lill-istituzzjoni ta' kreditu dwar il-preċiżjoni u s-solidità ta' l-istimi tagħha.

261. Għal ammonti riċevibbli mixtrija l-istimi għandhom jirriflettu t-tagħrif kollu rilevanti disponibbli għall-istituzzjoni ta' kreditu xerrejja dwar il-kwalità ta' l-ammonti riċevibbli sottostanti, fosthom *data* għal aggregati simili pprovduti mill-bejjiegħ, mill-istituzzjoni ta' kreditu xerrejja, jew minn sorsi esterni. L-istituzzjoni ta' kreditu xerrejja għandha tivvaluta kwalunkwe *data* li l-bejjiegħ ikun qagħad fuqha.

262. Istituzzjoni ta' kreditu għandha żżid ma' l-istimi tagħha marġini ta' konservatiżmu relatat mal-firxa mistennija ta' żbalji fl-istima. Meta l-metodi u d-*data* huma inqas sodisfaċenti u l-firxa mistennija ta' żbalji hija ikbar, il-marġini ta' konservatiżmu jkun ikbar.

263. Jekk l-istituzzjonijiet ta' kreditu jużaw stimi differenti għall-kalkolu ta' piżijiet ta' riskju u kwistjonijiet interni, dan għandu jiġi ddokumentat u r-raġuni għandha tintwera lill-awtorità kompetenti.

264. Jekk istituzzjonijiet ta’ kreditu jistgħu juru lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom li saru l-aġġustamenti xierqa għad-*data* li nġabret qabel id-data ta’ l-implimentazzjoni ta’ din id-Direttiva biex tintlaħaq ekwivalenza sostanzjali mad-definizzjonijiet ta’ inadempjenza jew telf, l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jħallu xi ftit flessibilità lill-istituzzjonijiet ta’ kreditu għall-applikazzjoni ta’ l-istandards meħtieġa għad-*data*.

265. Jekk istituzzjoni ta’ kreditu tuża *data* aggregata ma’ istituzzjonijiet ta’ kreditu, hija għandha turi li:

(a) Is-sistemi u l-kriterji ta’ klassifikazzjoni ta’ istituzzjonijiet ta' kreditu oħra fl-aggregat ikunu jixbhu lil tagħha.

(b) L-aggregat għandu jkun rappreżentattiv għall-portfolju li għaliha tkun intużat id-*data* aggregata;

(c) Id-*data* aggregata tintuża konsistentement fuq medda ta’ żmien mill-istituzzjoni ta’ kreditu għall-istimi permanenti tagħha.

266. Jekk istituzzjoni ta’ kreditu tuża *data* aggregata minn istituzzjonijiet ta’ kreditu, hija għandha tibqa' responsabbli għall-integrità tas-sistemi ta' klassifikazzjoni. L-istituzzjoni ta’ kreditu għandha turi lill-awtorità kompetenti li għandha għarfien biżżejjed tas-sistemi ta’ klassifikazzjoni tagħha, inklużi l-abilità effettiva ta' monitoraġġ u awditjar tal-proċess ta' klassifikazzjoni.

*44.2.1. Ir-rekwiżiti speċifiċi għall-istima tal-PD*

Skoperturi għal kumpaniji , istituzzjonijiet u amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali

267. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jagħtu stima tal-PD għal kull grad tad-debitur fuq bażi ta’ medja ta’ perjodi twal ta' rati ta' inadempjenza relatati għal prospettivi bbażati fuq tul ta' sena.

268. Għal ammonti riċevibbli korporattivi mixtrija, l-istituzzjoniiet ta’ kreditu jistgħu jagħtu stima ta’ l-ELs għal kull grad tad-debitur fuq bażi ta’ medja ta’ perjodi twal ta' rati ta' inadempjenza relatati għal prospettivi bbażati fuq tul ta' sena.

269. Jekk istituzzjoni ta’ kreditu ġġib stimi għat-tul tar-rati medji ta’ PDs u LGDs għal ammonti riċevibbli korporattivi mixtrija minn stima ta’ EL, u stima xierqa ta’ PD jew LGD, il-proċess għall-għoti ta’ stima tat-telf totali għandu jilħaq l-istandards ġenerali għall-istima tal-PD u l-LGD stabbilit f’din il-Parti, u r-riżultat għandu jkun konsistenti mal-kunċett ta' LGD stabbilit mill-paragrafu 73.

270. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jużaw tekniki ta’ stima tal-PD biss flimkien ma’ analiżi li tappoġġjaha. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jirrikonoxxu l-importanza ta’ kunsiderazzjonijiet ġudikattivi fil-kombinazzjoni tar-riżultati tat-tekniki u fl-eżekuzzjoni ta’ aġġustamenti għal-limitazzjonijiet ta’ tekniki u tagħrif.

271. Sal-punt sa fejn l-istituzzjoni ta’ kreditu tuża *data* dwar l-esperjenza interna ta’ inadempjenza għall-istima tal-PDs hija għandha turi fl-analiżi tagħha li l-istimi huma mera ta’ l-istandards ta’ sottoskrizzjoni u ta’ kwalunkwe differenzi fis-sistema ta’ klassifikazzjoni li ġġenerat id-*data* u s-sistema attwali ta’ klassifikazzjoni. Meta

standards ta' sottoskrizzjoni jew sistemi ta' klassifikazzjoni jkunu nbidlu, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha żżid marġini ikbar ta' konservatiżmu fl-istima ta' PD tagħha

272. Sal-punt sa fejn l-istituzzjoni ta' kreditu torbot jew tqabbel il-gradi interni tagħha ma' l-iskala użata minn ECAI jew organizzazzjonijet simili u mbagħad tattribbwixxi r-rata ta' inadempjenza osservata għall-gradi ta' organizzazzjoni esterna għall-gradi ta' istituzzjoni ta' kreditu, l-irbit għandu jkun ibbażat fuq tqabbil tal-kriterji ta' klassifikazzjoni interna għall-kriterji użati mill-organizzazzjoni esterna u fuq tqabbil tal-klassifikazzjonijiet interni u esterni ta' kwalunkwe debitur komuni. Preġudizzji jew inkonsistenzi fil-metodu ta' tqabbil jew *data* sottostanti għandhom jiġu evitati. Il-kriterji adottati mill-organizzazzjoni esterna għad-*data* użata sottostanti għall-kwantifikazzjoni għandhom ikun orjentati biss lejn riskju ta' inadempjenza u mhux lejn il-karatteristiċi tat-tranżazzjoni. L-analiżi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tinkludi tqabbil tad-definizzjonijiet ta' inadempjenza użati, soġġetti għar-rekwiżiti tal-paragrafi 44 sa 48. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiddokumentaw il-bażi għat-tqabbil.

273. Sal-punt sa fejn l-istituzzjoni ta' kreditu tuża mudelli ta' previżjoni statistika ta' inadempjenza, hija tista' tagħmel stima tal-PD bħala l-medja sempliċi ta' l-istimi ta' probabbiltà ta' inadempjenza għal debituri individwali f'ċertu grad. L-użu mill-istituzzjoni ta' kreditu ta' mudelli ta' probabbiltà ta' inadempjenza għal din ir-raġuni għandu jlaħħaq l-istandards speċifikati fil-paragrafu 31.

274. Irrispettivament minn jekk istituzzjoni ta' kreditu hix qed tuża sorsi ta' *data* esterni, interni jew aggregati, jew kombinazzjoni tat-tlieta, għall-istima tal-PD tagħha, it-tul tal-perjodu ta' osservazzjoni storiku sottostanti użat għandu jkun mill-inqas ta' ħames snin għal mill-inqas sors wieħed. Jekk il-perjodu ta' osservazzjoni disponibbli jdum iktar għal kwalunkwe sors, u din id-*data* tkun rilevanti, għandu jintuża dan il-perjodu itwal. Dan il-paragrafu jgħodd ukoll għall-Metodu tal-PD/LGD għall-kapital.

Skoperturi ta' *retail*

275. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jagħtu stima tal-PD permezz ta' grad jew aggregat tad-debitur fuq bażi tal-medja ta' perjiodu twil ta' rati ta' inadempjenza relatati għal prospettivi bbażati fuq tul ta' sena.

276. Minkejja l-paragrafu 67, stimi tal-PD jistgħu wkoll joħorġu minn telf realizzat u stimi xierqa ta' l-LGDs.

277. Istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom iqisu d-*data* interna għall-assenjazzjoni ta' l-iskoperturi għal gradi jew aggregati bħala s-sors ewlieni tat-tagħrif għall-istima tal-karatteristiċi ta' telf. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jużaw *data* esterna (inkluża *data* aggregata) jew mudelli statistiċi għall-kwantifikazzjoni sakemm tkun tista' tintwera rabta qawwija bejn:

(a) il-proċess ta' istituzzjoni ta' kreditu għall-assenjazzjoni ta' skoperturi għall-gradi jew aggregati u l-proċess użat mis-sors ta' *data* esterna.

(b) il-profil ta' riskju intern ta' l-istituzzjoni ta' kreditu u l-kompożizzjoni tad-*data* esterna.

Għal ammonti riċevibbli mixtrija, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jużaw *data* ta' referenza esterna u interna. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw is-sorsi ta' *data* rilevanti bħala punti ta' tqabbil.

278. Jekk istituzzjoni ta' kreditu toħroġ stimi fuq bażi ta' medja ta' perjodi twal ta' PD u LGD għar-*retail* minn stima ta' telf totali, u stima xierqa ta' PD jew LGD, il-proċess għall-istima ta' telf totali għandu jlaħħaq l-istandards ġenerali għall-istima tal-PD u l-LGD stabbilita f'din il-Parti, u r-riżultat għandu jkun konsistenti mal-kunċett ta' LGD kif stabbilit fil-paragrafu 73.

279. Irrispettivament minn jekk istituzzjoni ta' kreditu hix tuża sorsi ta' *data* esterni, interni jew aggregati, jew kombinazzjoni tat-tlieta, għall-istima tal-karatteristiċi ta' telf, it-tul tal-perjodu ta' osservazzjoni storiku sottostanti użat għandu jkun mill-inqas ta' ħames snin għal mill-inqas sors wieħed.Jekk il-perjodu ta' osservazzjoni disponibbli jdum iktar għal kwalunkwe sors, u din id-*data* tkun rilevanti, għandu jintuża dan il-perjodu itwal. Istituzzjoni ta' kreditu m'għandhiex għax tagħti l-istess importanza għal *data* storika jekk tista' tikkonvinċi lill-awtoritajiet kompetenti tagħha li *data* iżjed riċenti tista' tagħti previżjoni aħjar għar-rati ta' telf. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jidentifikaw u janalizzaw il-bidliet mistennija fil-parametri tar-riskju fuq il-ħajja ta' l-iskoperturi ta' kreditu (effetti staġjonali).

*44.2.2. Rekwiżiti speċifiċi għall-istimi interni ta' l-LGD*

281. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jagħtu stima ta' l-LGDs skond il-grad jew aggregat fuq il-bażi tal-medja ta' LGDs realizzati skond il-grad jew aggregat ta' faċilità bl-użu ta' l-inadempjenzi osservati kollha fl-ambitu tas-sorsi tad-*data* (medja b'piż differenzjat ta' inadempjenza)

282. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu juża l-istimi ta' l-LGD li huma xierqa għal reċessjoni ekonomika jekk dawn huma iktar konservattivi mill-medja ta' perjodi twal. Sal-punt sa fejn sistema ta' klassifikazzjoni hija mistennija twassal LGDs realizzati konsistentement skond il-grad jew l-aggregat fuq bażi ta' medja ta' perjodi twal, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jagħmlu aġġustamenti fl-istimi tal-parametri ta' riskju tagħhom skond il-grad jew l-aggregat biex jiġi limitat l-impatt kapitali ta' reċessjoni ekonomika.

283. Istituzzjoni ta' kreditu għandha tqis kemm hemm dipendenza bejn ir-riskju tad-debitur u kollaterali jew minn qed jipprovdi l-kollaterali. Każijiet li jkollhom grad sinifikanti ta' dipendenza għandhom jiġu indirizzati b'mod konservattiv.

284. Nuqqas ta' qbil fil-valuta bejn l-obbligazzjoni sottostanti u l-kollaterali għandhom jiġu ttrattati b'mod konservattiv fl-istima ta' l-istituzzjoni ta' kreditu ta' l-LGD.

285. Sal-punt sa fejn l-istimi ta' l-LGD jqisu l-eżistenza tal-kollaterali, dawn l-istimi m'għandhom ikunu bbażati biss fuq il-valur fis-suq stmat għall-kollaterali. Stimi ta' l-LGD għandhom iqisu l-effett ta' l-inabbiltà potenzjali ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu li jieħdu kontroll tal-kollaterali tagħhom malajr u li jillikwidawha.

286. Sal-punt sa fejn isitiuzzjoni ta' kreditu ma tilħaqx ir-rekwiżiti minimi għall-kollaterali stabbiliti fl-Anness VIII, kwalunkwe ammont mistenni li jiġi rkuprat minn kollateral bħal dan m' għandux jitqies fl-istimi ta' l-LGD.

287. Għall-każ speċifiku ta' skoperturi li diġà qegħdin f'inadempjenza, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tuża l-aħjar stima ta' telf mistenni għal kull skopertura skond iċ-ċirkostanzi ekonomiċi attwali u l-istatus ta' skopertura.

288. Sal-punt sa fejn miżati ta' dewmien mhux imħallsa ġew ikkapitalizzati fl-istqarrija tad-dħul ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, dawn għandhom jiżdiedu mal-miżura ta' skopertura u telf ta' l-istituzzjoni ta' kreditu.

Skoperturi għal kumpaniji, istituzzjonijiet u amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali

289. Stimi ta' l-LGD għandhom ikunu bbażati fuq *data* miġbura tul minimu ta' seba' snin għal mill-inqas sors ta' *data* wieħed. Jekk il-perjodu ta' osservazzjoni disponibbli jdum iktar għal kwalunkwe sors, u din id-*data* hija rilevanti, għandu jintuża dan il-perjodu itwal.

Skoperturi ta' *retail*

290. Minkejja l-paragrafu 73, stimi ta' l-LGD jistgħu jinħarġu minn telf realizzat u stimi xierqa tal-PDs.

291. Minkejja l-paragrafu 88, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jirriflettu utilizzi ġejjiena jew fil-fattur ta' konverżjoni jew fl-istimi ta' l-LGD.

292. Għal ammonti riċevibbli ta' *retail* mixtrija l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jużaw *data* esterna u interna għall-istima ta' l-LGDs.

293. Stimi ta' LGD għandhom ikunu bbażati fuq *data* relatata għal perjodu minimu ta' ħames snin. Minkejja l-paragrafu 73, istituzzjoni ta' kreditu m'għandhiex għalfejn tagħti l-istess importanza lil *data* storika jekk tista' turi lill-awtoritajiet kompetenti li *data* iżjed riċenti tista' tagħti previżjoni aħjar għar-rati ta' telf.

*44.2.3. Rekwiżiti speċifiċi għal stimi ta' fatturi ta' konverżjoni interni*

294. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jagħtu stima tal-fatturi ta' konverżjoni skond il-grad jew l-aggregat tal-faċilità abbażi tal-fatturi medji ta' konverżjoni realizzati skond il-grad jew l-aggregat tal-faċilità bl-użu ta' l-inadempjenzi osservati fl-ambitu ta' is-sorsi ta' *data* (medja ta' inadempjenza b'piż differenzjat).

295. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw stimi ta' fattur ta' konverżjoni li huma xierqa għal reċessjoni ekonomika jekk dawn ikunu iktar konservattivi mill-medja għat-tul. Sal-punt li sistema ta' klassifikazzjoni hija mistennija li twassal għal fatturi ta' konverżjoni realizzati skond il-grad jew l-aggregat kostanti fiż-żmien, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jagħmlu l-aġġustamenti għall-istimi tagħhom tal-parametri tar-riskju skond il-grad jew l-aggregat biex tillimita l-impatt kapitali ta' reċessjoni ekonomika.

296. L-istimi tal-fattur ta' konverżjoni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jirriflettu l-possibbiltà ta' ġbid ta' flus ieħor mid-debitur sa u wara l-mument li fih jivverifika ruħu avveniment li jikkwalifika bħala inadempjenza.

L-istima tal-fattur ta’ konverżjoni għandu jinkorpora marġini ikbar ta’ konservatiżmu fejn wieħed jista’ raġonevolment jistenna korrelazzjoni pożittiva ikbar bejn il-frekwenza ta’ inadempjenza u l-kobor tal-fattur ta’ konverżjoni.

297. Biex jaslu għall-istimi tal-fatturi ta’ konverżjoni, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom iqisu l-*policies* u l-istrateġiji speċifiċi tagħhom adottati fir-rispett ta’ monitoraġġ tal-kont u pproċessar tal-ħlas. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom ukoll iqisu l-abbiltà u r-rieda tagħhom li ma jħallux li jsir iżjed ġbid ta' flus f'ċirkostanzi differenti mill-inadempjenza, bħall-ksur ta’ patti jew ġrajjiet ta’ inadempjenza teknika oħra.

298. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandu jkollhom stabbiliti proċeduri u sistemi adegwati għall-monitoraġġ ta’ l-ammonti ta’ krediti, ir-rapport bejn pendenti attwali u marġini użat u l-bidliet tal-pendenti skond id-debitur u l-grad. L-istituzzjoni ta’ kreditu għandha tkun kapaċi tissorvelja bilanċi pendenti kuljum.

299. Jekk l-istituzzjonijiet ta’ kreditu jużaw stimi differenti ta’ fatturi ta’ konverżjoni għall-kalkolu ta’ riskju ta’ ammonti ta’ skoperturi b’piż differenzjat u raġunijiet interni, dan għandu jiġi ddokumentat u r-raġunar irid jintwera lill-awtoritajiet kompetenti.

Skoperturi għal kumpaniji, istituzzjonijiet u amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali

300. Stimi tal-fattur ta' konverżjoni għandhom ikunu bbażati fuq *data* miġbura tul perjodu minimu ta’ seba' snin għal mill-inqas sors ta’ *data* wieħed. Jekk il-perjodu ta’ osservazzjoni disponibbli jdum iktar għal kwalunkwe sors, u din id-*data* hija rilevanti, għandu jintuża dan il-perjodu itwal.

Skoperturi ta’ *retail*

301. Minkejja l-paragrafu 88, l-istituzzjoni jistgħu jirriflettu ġbid ta’ flus ġejjieni jew fil-fatturi ta' konverżjoni jew fl-istimi ta' l-LGD tagħhom.

302. Stimi ta’ fatturi ta’ konverżjoni għandhom ikunu bbażat fuq *data* miġbura matul minimu ta’ ħames snin. Minkejja l-paragrafu 86, istituzzjoni ta’ kreditu m’għandhiex għalfejn tagħti l-istess importanza lil *data* storika jekk tista’ turi lill-awtoritajiet kompetenti li *data* iżjed riċenti tista’ tagħti previżjoni aħjar tal-ġbid tas-self.

*44.2.4. Rekwiżiti minimi għall-istima ta’ l-effett ta’ garanziji u d-derivattivitivi tal-kreditu*

Skoperturi lill-kumpaniji, istituzzjonijiet u amministrazzjonijiet ċentrali u banek ċentrali fejn jintużaw l-istimi proprji ta’ l-LGD u skoperturi ta’ *retail*.

303. Ir-rekwiżiti fil-paragrafi 96 sa 103 m’għandhomx japplikaw għall-garanziji pprovduti minn istituzzjonijiet u amministrazzjonijiet ċentrali jekk l-istituzzjoni ta’ kreditu tkun irċeviet aċċettazzjoni biex jiġu applikati r-regoli ta' l-Artikoli 78 sa 83 għall-iskoperturi għal entitajiet bħal dawn. F’dan il-każ ir-rekwiżiti ta’ l-Artikoli 90 sa 93 għandhom japplikaw.

304. Għall-garanziji ta’ *retail*, dawn ir-rekwiżiti japplikaw ukoll għall-assenjazzjoni ta’ l-iskoperturi għall-gradi jew l-aggregati, u l-istima tal-PD.

Garanziji u garanti eliġibbli

305. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom kriterji speċifikati b'mod ċar għat-tipi ta' garanti li jirrikonuxxu għall-kalkolu ta' skoperturi ta' riskju b'piż differenzjat.

306. Għal garanti rikonoxxuti japplikaw l-istess regoli stabbiliti mill-paragrafi 18 sa 30 għad-debituri.

307. Il-garanzija trid tiġi evidenzjata bil-miktub, b'mod li ma jitħassarx min-naħa tal-garanti, tibqa' fis-seħħ sakemm l-obbligazzjoni tiġi sodisfatta kollha (sal-punt ta' l-ammont u n-natura tal-garanzija) u inforzabbli bil-liġi kontra l-garanti f'ġurisdizzjoni fejn il-garanti għandu l-assi biex jenforza sentenza. Garanziji li jippreskrivu kundizzjonijiet li l-garanti m'għandux għaliex jirrispetta (garanziji kundizzjonali) jistgħu jiġu rikonoxxuti basta jkun hemm il-kunsens ta' l-awtoritajiet kompetenti. L-istituzzjoni ta' kreditu għandu juri li l-kriterji ta' assenjazzjoni jindirizzaw adegwatament kwalunkwe tnaqqis potenzjali fl-effett ta' mitigazzjoni tar-riskju.

Kriterji ta' aġġustament

308. Istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha kriterji speċifikatament iċċarati għall-aġġustamenti fl-istimi ta' l-LGD, il-gradi jew l-aggregati, u f'każ ta' *retail* u ammonti riċevibbli mixtrija eliġibbli, għall-proċess ta' allokazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew aggregati, biex jirriflettu l-impatt tal-garanziji għall-kalkolu ta' assi ta' riskju b'piż differenzjat. Dawn il-kriterji għandhom ikunu konformi mar-rekwiżiti minimi stabbiliti fil-paragrafi 18 sa 30.

309. Il-kriterji għandhom ikunu plawżibbli u intuwittivi. Dawn għandhom jikkunsidraw l-abbiltà u r-rieda tal-garanti biex jonora l-garanzija, li pjan taż-żmien meta x'aktarx se jġallas il-pagamenti, il-grad ta' korrelazzjoni bejn l-abbiltà tal-garanti li jonora l-garanzija u l-abbiltà tad-debitur biex iħallas lura dejnu, u sa liema punt jibqa' fis-seħħ ir-riskju residwu tad-debitur.

Derivattivii ta' kreditu

310. Ir-rekwiżiti minimi għall-garanziji f'din il-Parti għandhom japplikaw ukoll għal derivattivitivi ta' kreditu b'isem wieħed (*single name*). Għal dak li għandu x'jaqsam ma' nuqqas ta' qbil bejn l-obbligazzjoni sottostanti u l-obbligazzjoni ta' referenza tad-derivattivitivi ta' kreditu jew l-obbligazzjoni użata biex tiddetermina jekk seħħx avveniment ta' kreditu, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti stabbiliti fl-Anness VIII il-Parti 2, il-paragrafu 20. Għal skoperturi ta' *retail* u ammonti riċevibbli mixtrija eliġibbli, dan il-paragrafu japplika għall-proċess ta' allokazzjoni ta' skoperturi fi gradi jew aggregati.

311. Il-kriterji għandhom jindirizzaw l-istruttura ta' ħlas tad-derivattivi ta' kreditu u jagħtu stima konservattiva ta' l-impatt li din l-istruttura għandha fuq il-livell u ż-żmien ta' l-irkupri. L-istituzzjoni ta' kreditu għandu jqis sa liema punt forom oħra ta' riskju residwu jibqgħu fis-seħħ.

*44.2.5. Rekwiżiti minimi għal ammonti riċevibbli mixtrija*

Ċertezza ġuridika

312. L-istruttura tal-faċilità għandha tiżgura li fiċ-ċirkostanzi prevedibbli kollha, l-istituzzjoni ta' kreditu hija s-sid u għandha l-kontroll ta' kull rimessa f'kontanti ġejja mill-ammonti riċevibbli. Meta d-debitur iħallas direttament lil bejjiegħ jew ġestur l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tivverifika regolarment li l-ħlasijiet għaddew għal kollox u skond it-termini maqbula fil-kuntratt. Ġestur jiġifieri entità li tmexxi aggregat ta' ammonti riċevibbli mixtrija jew l-iskoperturi ta' kreditu sottostanti fuq bażi ta' minn jum għal jum. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom proċeduri biex jiżguraw li l-proprjetà ta' l-ammonti riċevibbli u l-irċevuti tal-kontanti tkun imħarsa kontra moratorji fallimentari jew azzjonijiet legali li jistgħu sostanzjalment jikkawżaw dewmien fl-abbiltà tas-sellief biex jillikwida jew jassenja l-ammonti riċevibbli jew biex jerġa' jikseb il-kontroll fuq l-irċevuti f'kontanti.

L-effettività ta' sistemi ta' monitoraġġ

313. Istituzzjoni ta' kreditu għandha timmonitorizza kemm il-kwalità ta' l-ammonti riċevibbli mixtrija kif ukoll il-kondizzjoni finanzjarja tal-bejjiegħ u l-ġestur. B'mod partikolari:

(a) L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tevalwa l-korrelazzjoni bejn il-kwalità ta' l-ammonti riċevibbli mixtrija u l-kondizzjoni finanzjarja kemm tal-bejjiegħ kif ukoll tal-ġestur, u jkollha fis-seħħ *policies* u proċeduri interni li jipprovdu salvagwardji adegwati għall-ħarsien minn kontinġenzi bħal dawn, fosthom l-assenjazzjoni ta' klassifikazzjoni ta' riskju interna għal kull bejjiegħ u ġestur.

(b) L-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha *policies* u proċeduri ċari u effettivi għad-determinazzjoni ta' l-eliġibilità tal-bejjiegħ u l-ġestur. L-istituzzjoni ta' kreditu jew l-aġent tagħha għandhom jagħmlu reviżjonijiet perjodiċi tal-bejjiegħa u l-ġesturi sabiex tiġi vverifikata l-preċiżjoni tar-rapporti mill-bejjiegħ jew il-ġestur, jinkixfu frodi jew dgħjufijiet operattivi, u tkun verifikata l-kwalità tal-*policies* ta' kreditu tal-bejjiegħ u l-*policies* u proċeduri ta' ġbir tal-ġestur. Is-sejbiet ta' dawn ir-reviżjonijiet għandhom jiġu ddokumentati.

(c) L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tevalwa l-karatteristiċi ta' l-aggregati ta' l-ammonti riċevibbli, fosthom avvanzi oħra; l-istorja ta' l-arretrati tal-bejjiegħ, dejn mitluf, u benefiċċji għal dejn mitluf; termini ta' ħlas, u l-potenzjal ta' kontijiet ta' kontropartita.

(d) L-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha *policies* u proċeduri effettivi għall-monitoraġġ fuq bażi aggregata tal-konċentrazzjonijiet ta' skoperturi lejn debituri waħdiena ġo kull aggregat ta' ammonti riċevibbli mixtrija kif ukoll minn aggregat għall-ieħor.

(e) L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tiżgura li tirċievi mingħand il-ġestur rapporti dettaljati biżżejjed u f'waqthom ta' ammonti riċevibbli, skadenzi u dilwazzjonijiet biex tiġi żgurata l-konformità mal-kriterji ta' eliġibilità ta' l-istituzzjoni ta' kreditu u l-*policies* ta' finanzjament li jirregolaw ammonti riċevibbli mixtrija, u jipprovdu mezz effettiv għall-monitoraġġ u l-konferma tat-termini tal-bejjiegħ għall-bejgħ u d-dilwazzjoni.

L-effettività tas-sistemi ta' kalkolu

314. L-istituzzjoni ta’ kreditu għandu jkollha sistemi u proċeduri biex jinstabu deterjorazzjonijiet fil-kundizzjonijiet finanzjarji tal-bejjiegħ u fil-kwalità ta' l-ammonti riċevibbli mixtrija kmieni, u biex jiġu indirizzati problemi emerġenti pro-attivament. B’mod partikolari l-istituzzjoni ta’ kreditu għandu jkollha *policies*, proċeduri u sistemi ta’ tagħrif ċari u effettivi biex jissorveljaw ksur ta’ patti, u *policies* u proċeduri ċari u effettivi biex jinbdew azzjonijiet legali u jiġu ttrattati ammonti riċevibbli mixtrija problematiċi.

L-effettività tas-sistemi għall-kontroll tal-kollateral, id-disponibilità tal-kreditu, u l-kontanti.

315. L-istituzzjoni ta’ kreditu għandu jkollha *policies* u proċeduri ċari u effettivi li jirregolaw il-kontroll ta’ ammonti riċevibbli mixtrija, krediti u kontanti. B’mod partikolari, *policies* interni miktuba għandhom jispeċifikaw l-elementi sostanzjali kollha tal-programm għax-xiri ta’ ammonti riċevibbli, fosthom ir-rati ta’ finanzjament, il-kollateral eliġibbli, id-dokumentazzjoni meħtieġa, il-limiti ta’ konċentrazzjoni, u l-mod kif iridu jiġu ttrattati l-irċevuti tal-kontanti. Dawn l-elementi għandhom iqisu sew il-fatturi sostanzjali u rilevanti kollha, fosthom il-kondizzjoni finanzjarja tal-bejjiegħ u tal-ġestur, konċentrazzjonijiet ta’ riskju, u tendenzi fil-kwalità ta’ l-ammonti riċevibbli mixtrija u l-bażi tal-klijenti tal-bejjiegħ, u s-sistemi interni għandhom jiżguraw li l-fondi jiġu avvanzati biss meta jkun hemm dokumentazzjoni u kollateral ta’ appoġġ speċifikati.

Konformità mal-*policies* u l-proċeduri interni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu

316. L-istituzzjoni ta’ kreditu għandu jkollhom proċess intern effettiv għall-evalwazzjoni tal-konformità mal-*policies* u l-proċeduri interni kollha. Il-proċess għandu jinkludi verifiki regolari tal-fażijiet kritiċi kollha tal-programm ta’ xiri ta’ l-ammonti riċevibbli ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu, verifika tas-separazzjoni tad-dazji bejn l-ewwelnett l-evalwazzjoni tal-bejjieħ u l-ġestur u l-evalwazzjoni tad-debitur u t-tieninett bejn l-evalwazzjoni tal-bejjiegħ u l-ġestur u l-verifika fuq il-post tal-bejjiegħ u l-ġestur, u valutazzjonijiet ta’ operazzjonijiet tal-*back office*, b’fokus partikolari fuq il-kwalifiki, l-esperjenza, ir-riżorsi umani disponibbli, u s-sistemi ta' l-informatika ta’ apoġġ.

## 45. VALIDAZZJONI TA’ L-ISTIMI INTERNI

317. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandu jkollhom sistemi robusti fis-seħħ biex jivvalidaw il-preċiżjoni u l-konsistenza ta' sistemi ta’ klassifikazzjoni, proċessi, u l-istima tal-parametri ta’ riskju rilevanti kollha. Istituzzjoni ta’ kreditu għandha turi lill-awtoritajiet kompetenti li l-proċess ta’ validazzjoni interna tħalliha tevalwa r-rendiment tas-sistemi interni ta’ klassifikazzjoni u ta’ estimazzjoni tar-riskju konsistentement u b’mod sostanzjali.

318. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom iqabblu regolarment ir-rati ta’ inadempjenza realizzati mal-PDs stmati għal kull grad u meta rati ta’ inadempjenza realizzata joħorġu mill-firxa mistennija għal dak il-grad, istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom speċifikament janalizzaw ir-raġunijiet għad-devjazzjoni. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jużaw l-istimi proprji ta’ l-LGDs jew il-fatturi ta’ konverżjoni għandhom jagħmlu analiżi analoga għall-dawn l-istimi. Tqabbil bħal dan għandu jkun ibbażat fuq *data*

storika li tkopri perjodu twil kemm jista' jkun. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tiddokumenta l-metodi u d-data użati f'dan it-tqabbil. Din l-analiżi u dokumentazzjoni għandha tiġi aġġornata mill-inqas kull sena.

319. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw ukoll għodda ta' validazzjoni kwantitattivi oħra u tqabbil ma' sorsi ta' *data* esterna rilevanti. L-analiżi għandha tkun ibbażata fuq *data* li hija xierqa għall-portfolju, hija aġġornata regolarment u tkopri perjodu ta' osservazzjoni rilevanti. L-evalwazzjonijiet interni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu għar-rendiment tas-sistemi ta' klassifikazzjoni tagħhom għandhom ikunu bbażati fuq perjodu kemm jista' jkun twil.

320. Il-metodi u d-*data* użati għal validazzjoni kwantitattiva għandha tkun konsistenti matul iż-żmien. Bdil fil-metodi ta' validazzjoni u stima u *data* (kemm sorsi ta' *data* kif ukoll perjodi koperti) għandhom ikunu ddokumentati.

321. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom standards interni għal sitwazzjonijiet fejn devjazzjonijiet fil-PDs, LGDs, fatturi ta' konverżjoni u telf totali realizzati fejn l-EL tintuża mill-aspettazzjonijiet isiru sinifikanti biżżejjed biex jintefa' dubju fuq il-validità ta' l-istimi. Dawn l-istandards għandhom iqisu ċ-ċikli tan-negozju u varjabilità sistematika simili fl-esperjenza ta' l-inadempjenza. Meta l-valuri realizzati jkomplu jkunu ogħla mill-valuri mistennija, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jgħollu l-istimi biex jirriflettu l-esperjenza ta' telf jew inadempjenza.

## 46. KALKOLU TA' L-AMMONTI TA' SKOPERTURI B'PIŻ DIFFERENZJAT GĦAR-RISKJU GĦALL-ISKOPERTURI TAL-KAPITAL SKOND IL-METODU TAL-MUDELLI INTERNI

### 46.1. Rekwiżit tal-kapital u kwantifikazzjoni tar-riskju

322. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiltaqgħu biex jikkalkulaw ir-rekwiżiti tal-kapital skond l-istandards li ġejjin:

(a) L-istima tat-telf potenzjali għandha tkun tiflaħ għal movimenti sfavorevoli tas-suq li jkunu rilevanti għall-profil ta' riskju għat-tul ta' l-investimenti speċifiċi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu. Id-*data* użata biex tirrappreżenta d-distribuzzjonijiet tar-redditu għandha tirrifletti l-itwal perjodu ta' kampjun li d-*data* hija disponibbli u sinifikanti għalih fir-rappreżentazzjoni tal-profil tar-riskju ta' l-iskoperturi speċifiċi tal-kapital ta' l-istituzzjoni ta' kreditu. Id-*data* użata għandha tkun biżżejjed biex tipprovdi stimi tat-telf konservattivi, statistikament affidabbli u robusti li ma jkunux purament ibbażati fuq konsiderazzjonijiet suġġettivi jew ġudikattivi. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom juru lill-awtoritajiet kompetenti li x-xokk simulat jipprovdi stima konservattiva ta' telf potenzjali f'suq jew ċiklu ta' negozju relattivament għat-tul. L-istituzzjoni ta' kreditu għandu jgħaqqad l-analiżi empirika tad-*data* disponibbli ma' l-aġġustamenti bbażati fuq varjetà ta' fatturi sabiex jinkisbu riżultati tal-mudell li jilħqu realiżmu u konservatiżmu xieraq. Fil-kostruzzjoni tal-mudelli Valur fir-Riskju (VaR) li jagħtu stima tat-telf potenzjali ta' kull kwart tas-sena, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jużaw *data* tal-kwart tas-sena jew jaqilbu d-*data* tal-perjodu orizzontali iqsar għal ekwivalenti ta' kwart tas-sena bl-użu ta' metodu analitiku xieraq appoġġat minn evidenza empirika u permezz ta' proċess ta' ħsieb u analiżi iddokumentati u żviluppati tajjeb.

Metodu bħal dan għandu japplika b’mod konservattiv u konsistenti fiż-żmien. Meta jkun hemm biss *data* rilevanti limitata disponibbli l-istituzzjoni ta' kreditu għandha żżid marġini xieraq ta' konservatiżmu.

(b) Il-mudelli għandhom ikunu kapaċi jaqbdu b’mod adegwat ir-riskji sostanzjali kollha inklużi fir-redditti tal-kapital fosthom kemm ir-riskju tas-suq ġenerali u skopertura speċifika ta’ risku tal-portfolju ta’ kapital ta' l-istituzzjoni ta’ kreditu. Il-mudelli interni għandhom jispjegaw b'mod adegwat il-varjazzjoni storika fil-prezz, jaqbdu kemm il-kobor kif ukoll il-bidliet fil-kompożizzjoni ta' konċentrazzjonijiet potenzjali, u jkunu jifilħu għal ambjenti tas-suq sfavorevoli. Il-popolazzjoni ta’ skoperturi ta’ riskju rrappreżentata fid-*data* użata għall-istima għandha titqabbel mill-qrib jew ta' l-inqas tkun komparabbli ma' dawk ta' l-iskoperturi tal-kapital ta' l-istituzzjoni ta' kreditu.

(c) Il-mudell intern għandu jkun xieraq għall-profil ta’ riskju u l-komplessità ta' portfolju ta' kapital ta' istituzzjoni ta' kreditu. Meta istituzzjoni ta’ kreditu għandha investiment sostanzjali b’valuri li nettament fin-natura tagħhom mhumiex lineari, il-mudelli interni għandhom jitfasslu b’mod li jaqbdu b’mod xieraq ir-riskji marbuta ma strumenti bħal dawn.

(d) L-assoċjazzjoni ta’ pożizzjonijiet individwali f’approssimazzjonijiet, indiċi tas-suq, u fatturi ta’ riskju għandha tkun plawżibbli, intuwittiva u kunċettwalment b’saħħitha.

(e) L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom juru permezz ta’ anliżi empirika l-adegwatezza tal-fatturi ta’ riskju, inkluża l-abbiltà tagħhom li jkopru kemm ir-riskju ġenerali kif ukoll dak speċifiku.

(f) L-istimi tal-volatilità tar-redditu ta’ l-iskoperturi tal-kapital għandhom jinkludu *data* rilevanti u disponibbli, tagħrif u metodi. *Data* interna riveduta indipendentement jew *data* minn sorsi esterni (inkluża *data* aggregata) għandhom jintużaw.

(g) Għandu jkun hemm fis-seħħ programm ta’ test ta’ l-istress rigoruż u komprensiv.

**46.2. Kontrolli u proċessi ta’ ġestjoni tar-riskju**

323. Fir-rigward ta’ l-iżvilupp u l-użu ta’ mudelli interni għall-finijiet ta’ rekwiżiti tal-kapital, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jistibbilixxu *policies*, proċeduri, u kontrolli biex jiżguraw l-integrità tal-mudell u tal-proċess ta’ mmodellar. Dawn il-*policies*, proċeduri, u kontrolli għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) Integrazzjoni sħiħa tal-mudell intern fis-sistemi ta’ tagħrif tal-ġestjoni ġenerali ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu u fil-ġestjoni tal-portfolju tal-kapital tal-ktieb ta’ l-operazzjonijiet bankarji. Mudelli interni għandhom jiġu integrati kompletament fl-infrastruttura tal-ġestjoni tar-riskju ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu jekk jintużaw partikolarment għal: kejl u evalwazzjoni tar-rendiment tal-portfolju tal-kapital (inkluż ir-rendiment aġġustat għar-riskju); allokazzjoni ekonomika tal-kapital fi skoperturi tal-kapital u valutazzjoni ġenerali dwar l-adegwatezza tal-kapital u l-proċess tal-ġesjoni ta’ l-investiment.

(b) Funzjonijiet ta' kontroll, proċeduri u sistemi ta' ġestjoni stabbiliti għall-iżgurar ta' reviżjoni perjodika u indipendenti ta' l-elementi kollha tal-proċess ta' mudellar intern, li jinkludi l-approvazzjoni ta' reviżjonijiet tal-mudell, iċċekkjar tad-dħul fil-mudell, u reviżjoni ta' riżultati tal-mudell, bħal verifikazzjoni diretta tal-komputazzjonijiet tar-riskju. Dawn ir-reviżjonijiet għandhom jassessjaw il-preċiżjoni, kompletezza, u adegwatezza tad-dħul tal-mudell u r-riżultati u jiffokaw fuq is-sejbien u l-limitazzjoni ta' l-iżbalji potenzjali marbuta ma' dgħjufijiet magħrufa u l-identifikazzjoni ta' dgħjufijiet tal-mudell mhux magħrufa. Reviżjonijiet bħal dawn jistgħu jsiru minn unità indipendenti interna, jew parti terza esterna indipendenti.

(c) Sistemi u proċeduri adegwati għall-monitoraġġ tal-limit ta' l-investiment u l-iskoperturi tar-riskju ta' l-iskoperturi tal-kapital.

(d) L-unitajiet responsabbli għat-tfassil u l-applikazzjoni tal-mudell għandhom ikunu funzjonalment indipendenti mill-unitajiet responsabbli mill-ġestjoni ta' investimenti individwali.

(e) Il-partijiet responsabbli għal kull aspett tal-proċess ta' mudellar għandhom ikunu adegwatament kwalifikati. Il-ġestjoni għandha talloka riżorsi kompetenti u b'ħila biżżejjed għall-funzjoni ta' mudellar.

### 46.3. Validazzjoni u dokumentazzjoni

324. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom sistema robusta fis-seħħ biex tivvalida l-preċiżjoni u l-konsistenza tal-mudelli interni u l-proċessi ta' mudellar. L-elementi sostanzjali kollha tal-mudelli interni u l-proċess ta' mudellar u validazzjoni għandha tiġi dokumentata.

325. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw il-proċess ta' validazzjoni intern biex jevalwaw ir-rendiment tal-mudelli u l-proċessi interni tagħhom b'mod konsistenti u sinifikanti.

326. Il-metodi u d-*data* użati għal validazzjoni kwantitattiva għandhom ikunu konsistenti matul iż-żmien. Bdil fil-metodi ta' validazzjoni u l-istima u d-*data* (kemm sorsi ta' *data* kif ukoll perjodi koperti) għandhom ikunu ddokumentati.

327. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom regolarment iqabblu r-reditti proprji tal-kapital (maħduma bl-użu ta' profitti u telf realizzati u mhux realizzati) ma' stimi mmodellati. Tqabbil bħal dan għandu juża *data* storika li hija mifruxa fuq medda twila kemm jista' jkun. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tiddokumenta l-metodi u d-*data* użata fi tqabbil bħal dan. Din l-analiżi u dokumentazzjoni għandha tiġi aġġornata mill-inqas kull sena.

328. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw għodda ta' validazzjoni kwantitattiva oħra u tqabbil ma' sorsi ta' *data* esterna. L-analiżi għandha tkun ibbażata fuq *data* li hija xierqa għall-portfolju, hija aġġornata regolarment u tkopri perjodu ta' osservazzjoni rilevanti. Evalwazzjonijiet interni ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu dwar ir-rendiment tal-mudelli tagħhom għandhom ikunu bbażati fuq medda kemm jista' jkun twila.

329. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom standards interni sodi għas-sitwazzjonijiet meta tqabbil ta' redditi ta' kapital proprji ma' l-istimi tal-mudelli jitfgħu dubji fuq l-istimi jew l-mudelli. Dawn l-istandards għandhom iqisu ċ-ċikli tan-negozju u varjabilità sistematika simili fir-redditi tal-kapital. L-aġġustamenti kollha magħmula lill-mudelli interni bi tweġiba għar-reviżjonijiet tal-mudelli għandhom ikunu ddokumentati u konsistenti ma' l-istandards ta' reviżjoni tal-mudelli ta' l-isttiuzzjoni ta' kreditu.

330. Il-mudell intern u l-proċess ta' mudellar għandu jiġi ddokumentat, inklużi r-responsabilitajiet tal-partijiet involuti fil-mudellar, u l-approvazzjoni tal-mudell u l-proċessi ta' reviżjoni tal-mudelli.

## 47. Tmexxija Korporattiva u Sorveljanza

### 47.1. Tmexxija Korporattiva

331. L-aspetti sostanzjali kollha tal-proċessi ta' klassifikazzjoni u għoti ta' stima għandhom jiġu approvati mill-bord tad-diretturi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu jew kumitat maħtur għal dan u l-amministrazzjoni għolja. Dawn il-partijiet għandu jkollhom għarfien ġenerali tas-sistemi ta' klassifikazzjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu u konoxxenza dettaljata tar-rapporti ta' ġestjoni konnessi.

332. L-amministrazzjoni għolja għandha tavża lill-bord tad-diretturi jew lill-kumitat eżekuttiv dwar bdil sostanzjali jew eċċezzjonijiet minn *policies* stabbiliti li jħallu impatt sostanzjali fuq l-operazzjonijiet tas-sistemi ta' klassifikazzjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu.

333. L-amministrazzjoni għolja għandu jkollha konoxxenza tajba ta' l-operazzjonijiet u d-disinn tas-sistemi ta' klassifikazzjoni. L-amministrazzjoni għolja għandha tiżgura, fuq bażi kontinwa, li s-sitemi ta' klassifikazzjoni qegħdin joperaw sew. L-amministrazzjoni għolja għandha tiġi infurmata regolarment mill-unitajiet ta' kontroll ta' riskju ta' kreditu dwar ir-rendiment tal-proċess ta' klassifikazzjoni, l-oqsma li jeħtieġu titjib, u l-istatus ta' l-isforzi għar-rimedji tan-nuqqasijiet identifikati aktar kmieni.

334. L-analiżi interna bbażata fuq il-klassifikazzjonijiet tal-profil ta' riskju ta' l-istituzzjoni tal-kreditu għandha tkun parti essenzjali tat-tmexxija li tirrapporta lil dawn il-partijiet. Ir-rappurtar għandu jinkludi mill-inqas profil ta' riskju bil-grad, migrazzjoni fuq firxa ta' gradi, stima tal-parametri relevanti għal kull grad, u tqabbil ta rati realizzati ta' inadempjenza u stimi ta' l-LGD u fatturi ta' konverżjoni kontra aspettattivi u riżultati ta' testijiet ta' stress. Frekwenzi ta' rappurtar għandhom jiddependu fuq is-sinifikat u t-tip ta' tagħrif u l-livell tar-reċipjent.

### 47.2. Kontroll tar-riskju ta' kreditu

335. L-unità ta' kontroll tar-riskju tal-kreditu għandha tkun indipendenti mill-funzjonijiet personali u ta' tmexxija responsabbli għall-oriġini jew it-tiġdid ta' skoperturi u tkun tirrapporta direttament lil tmexxija ogħla. L-unità għandha tkun responsabbli għad-disinn jew l-għażla, l-implimentazzjoni, is-sorveljanza u prestazzjoni tas-sistemi ta'

klassifikazzjoni. Għandha tipproduċi u tanalizza regolarment rapporti dwar il-produzzjoni tas-sistemi ta' klassifikazzjoni.

336. L-oqsma ta' responsabbiltà għall-unità/unitajiet ta' kontroll tar-riskju ta' kreditu għandhom jinkludu:

(a) Ittestjar u monitoraġġ ta' klassifiki u *pools*;

(b) Produzzjoni u analiżi ta' rapporti mqassra mis-sistemi ta' klassifikazzjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu;

(c) Proċeduri ta' implimentazzjoni sabiex jivverifikaw li definizzjonijiet ta' klassifika u *pool* ikunu applikati b'mod konsistenti fid-dipartimenti u żoni ġeografiċi;

(d) Analizzar u dokumentar ta' kwalunkwe bidliet fil-proċess ta' klassifikazzjoni, inklużi r-raġunijiet għall-bidliet;

(e) Analizzar tal-kriterji ta' klassifikazzjoni sabiex ikun evalwat jekk dawn jibqgħux ibassru riskju. Bidliet fil-proċess ta' klassifikazzjoni, kriterji jew parametri individwali ta' klassifikar għandhom ikunu dokumentati u miżmuma;

(f) Sehem attiv fid-disinn jew l-għażla, l-implimentazzjoni u l-validazzjoni ta' mudelli użati fil-proċess ta' klassifikazzjoni;

(g) Sorveljanza u superviżjoni ta' mudelli użati fil-proċess ta' klassifikazzjoni;

(h) Analizzar u tibdiliet kurrenti f'mudelli użati fil-proċess ta' klassifikazzjoni

337. Minkejja l-paragrafu 128, istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw data aggregata skond il-paragrafi 57 u 58 jistgħu jqabbdu lil ħaddieħor jagħmel l-impenji li ġejjin:

(a) Produzzjoni ta' informazzjoni relevanti għall-ittestjar u l-monitoraġġ ta' klassifiki u l-*pools*;

(b) Produzzjoni ta' rapporti mqassra mis-sistemi ta' klassifikazzjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu;

(c) Produzzjoni ta' informazzjoni relevanti għar-reviżjoni tal-kriterji ta' klassifikazzjoni sabiex ikun evalwat jekk dawn jibqgħux ibassru r-riskju;

(d) Dokumentazzjoni ta' bidliet fil-proċess ta' klassifikazzjoni, kriterji u parametri individwali ta' klassifikar;

(e) Produzzjoni ta' informazzjoni relevanti għall-analiżi u t-tibdiliet kurrenti f'mudelli użati fil-proċess ta' klassifikazzjoni

Istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw dan il-paragrafu għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet kompetenti jkollhom aċċess għall-informazzjoni kollha relevanti mingħand il-parti terza li tkun neċessarja għall-eżaminar tal-konformità ma' l-obbligi minimi u li l-awtoritajiet kompetenti jkunu jistgħu jwettqu eżaminar fuq il-post sa l-istess punt bħal fl-ambitu ta' l-istituzzjoni ta' kreditu.

### 47.3. Verifika Interna

338. Verifika interna għandha tirrevedi mill-inqas darba fis-sena s-sistemi ta' klassifikazzjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu u l-operazzjonijiet tagħha, inklużi l-operazzjonijiet tal-funzjoni tal-kreditu u l-istima tal-PDs, l-LGDs, l-Els u l-fatturi ta' konverżjoni. Oqsma ta' reviżjoni għandhom jinkludu konformità mal-ħtiġiet minimi applikabbli kollha.

## ANNESS VIII – Mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu

### Parti 1 – Eliġibilità

339. Din il-parti tistabbilixxi forom eliġibbli ta' mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu għall-fini ta' l-Artikolu 92.

340. Għall-fini ta' dan l-Anness:

'Tranżazzjoni żgurata ta' self' għandha tfisser kwalunkwe tranżazzjoni li tqajjem skopertura żgurata minn kollateral li ma tkunx tinkludi proviżjoni li tagħti d-dritt lill-istituzzjoni ta' kreditu sabiex tirċievi marġini frekwentament.

'Tranżazzjoni kapitali mmexxija mis-suq' għandha tfisser kwalunkwe tranżazzjoni li tqajjem skopertura żgurata minn kollateral li tinkludi proviżjoni li tagħti d-dritt lill-istituzzjoni ta' kreditu sabiex tirċievi marġini frekwentament.

### 48. PROTEZZJONI TA' KREDITU ASSISTITA

#### 48.1. Kalkolu fuq bażi netta fuq il-karta tal-bilanċ

341. Il-kalkolu fuq bażi netta fuq il-karta tal-bilanċ ta' talbiet reċiproki bejn l-istituzzjoni ta' kreditu u l-kontraparti tagħha jista' jkun rikonoxxut.

342. Bla ħsara għall-paragrafu 5, l-eliġibbiltà hi limitata għal bilanċi reċiproki ta' flus kontanti bejn l-istituzzjoni ta' kreditu u l-kontraparti. Is-self u d-depożiti ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li ssellef biss jistgħu jkunu soġġetti għal modifika ta' ammonti ta' skopertura b'piż differenzjat skond ir-riskju u, kif relevanti, ammonti ta' telf mistennija b'riżultat ta' ftehim dwar kalkolu fuq bażi netta fuq il-karta tal-bilanċ.

#### 48.2. Ftehimiet ewlenin ta' kalkolu fuq bażi netta li jkopru kontrotranżazzjonijiet u/jew tranżazzjonijiet ta' self u tislif ta' strumenti ta' kapital jew kommoditajiet u/jew transazzjonijiet kapitali oħra mmexxija mis-suq

343. Għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jadottaw il-Metodu Finanzjarju Komprensiv tal-Kollateral taħt il-Parti 3 ta' dan l-Anness, l-effetti ta' kuntratti bilaterali ta' bażi netta li jkopru kontrotranżazzjonijiet, tranżazzjonijiet ta' self u tislif ta' strumenti ta' kapital jew kommoditajiet, u/jew tranżazzjonijiet kapitali oħra mmexxija mis-suq ma' kontroparti jistgħu jkunu rikonoxxuti. Bla ħsara għall-Anness II tad-Direttiva [93/6/EEC] sabiex ikunu rikonoxxuti l-kollateral meħud u l-istrumenti ta' kapital u l-kommoditajiet mislufa fl-ambitu ta' dawn il- ftehimiet għandhom jikkonformaw ma' l-obbligi ta' eliġibilità għall-kollateral stabbiliti fil-paragrafi 7 sa 11.

#### 48.3. Kollateral

344. Fejn it-teknika ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu użata tistrieħ fuq id-dritt ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li tillikwida jew iżżomm l-assi, l-eliġibilità tiddependi fuq jekk ammonti ta' skopertura b'piż differenzjat skond ir-riskju, u, kif relevanti, ammonti ta' telf mistennija, humiex kalkolati taħt l-Artikoli 78 sa 83 jew l-Artikoli 84 sa 89. L-eliġibilità tiddependi wkoll fuq jekk jintużax il-Metodu Finanzjarju Sempliċi tal-

Kollateral jew il-Metodu Finanzjarju Komprensiv tal-Kollateral taħt il-Parti 3. B'rabta ma' kontrotranżazzjonijiet u tranżazzjonijiet ta' self u tislif ta' strumenti ta' kapital jew kommoditajiet, l-eliġibilità tiddependi wkoll fuq jekk it-tranżazzjoni tkunx reġistrata fil-ktieb mhux tan-negozju jew fil-ktieb tan-negozju.

*48.3.1. Eliġibilità skond il-metodi kollha*

345. L-elementi finanzjarji li ġejjin jistgħu jkunu rikonoxxuti bħala kollateral eliġibbli skond il-metodi kollha:

(a) Flus kontanti f'istituzzjoni ta' kreditu li ssellef jew strumenti assimilabbli miżmuma f'din l-istituzzjoni.

(b) Titoli ta' debitu maħruġa minn amministrazzjonijiet ċentrali jew banek ċentrali liema titoli għandhom valutazzjoni ta' kreditu minn aġenzija ta' kreditu ECAI jew aġenzija ta' kreditu esportatriċi rikonoxxuta bħala eliġibbli għall-għanijiet ta' l-Artikoli 78 sa 83 li tkun ġiet determinata mill-awtorità kompetenti li tinsab fil-livell 4 jew ogħla ta' kwalità ta' kreditu taħt ir-regoli għall-piż differenzjat skond ir-riskju ta' skoperturi fil-konfront ta' awtoritajiet u banek ċentrali taħt l-Artikoli 78 sa 83.

(c) Titoli ta' debitu maħruġa minn istituzzjonijiet liema titoli għandhom valutazzjoni ta' creditu minn ECAI eliġibbli determinata minn awtorità kompetenti li tinsab fil-livell 3 jew oħħla ta' kwalità ta' kreditu taħt ir-regoli tal-piż differenzjat skond ir-riskju ta' skoperturi fil-konfront ta' istituzzjonijiet ta' kreditu taħt l-Artikoli 78 sa 83.

(d) Titoli ta' debitu maħruġa minn entitajiet oħra liema titoli għandhom valutazzjoni ta' kreditu minn ECAI eliġibbli determinata minn awtorità kompetenti li tinsab fil-livell 3 jew ogħla ta' kwalità ta' kreditu taħt ir-regoli tal-piż differenzjat skond ir-riskju ta' skoperturi għal korporati taħt l-Artikoli 78 sa 83;

(e) Titoli ta' debitu b'valutazzjoni ta' kreditu ta' terminu qasir minn ECAI eliġibbli determinata mill-awtorità kompetenti li hija fil-livell 3 jew ogħla ta' kwalità ta kreditu taħt ir-regoli tal-piż differenzjat skond ir-riskju ta' skoperturi ta' żmien qasir taħt l-Artikoli 78 sa 83;

(f) Strumenti tal-kapital jew bonds konvertibbli li huma inklużi f'indiċi ewlieni;

(g) Deheb.

Għall-fini tas-sottoparagrafu (b), 'titoli ta' debitu maħruġa minn awtoritajiet jew banek ċentrali għandhom jitqiesu li jinkludu -

(i) titoli ta' debitu maħruġa minn amministrazzjonijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali meta, skond l-Anness VI, l-iskoperturi fil-konfront tagħhom huma ttrattati bħala skoperturi għall-amministrazzjoni ċentrali li taħt il-ġurisdizzjoni tagħha huma stabbiliti;

(ii) titoli ta' debitu maħruġa minn banek multikulturali ta' żvilupp li hu applikat għalihom piż differenzjat għar-riskju ta' 0% taħt l-Artikoli 78 sa 83;

(iii) titoli ta' debitu maħruġa minn organizzazzjonijiet internazzjonali li huma assenjati piż differenzjat għar-riskju ta' 0% taħt l-Artikoli 78 sa 83;

Għall-fini tas-sottoparagrafu (ċ), il-kategorija 'titoli ta' debitu maħruġa minn istituzzjonijiet' tinkludi

(i) titoli ta' debitu maħruġa minn amministrazzjonijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali meta, skond l-Artikoli 78 sa 83, l-iskoperturi fil-konfront tagħhom ma jkunux trattati bħala skoperturi għall-amministrazzjoni ċentrali li taħt il-ġurisdizzjoni tagħha huma stabbiliti;

(ii) titoli ta' debitu maħruġa minn entitajiet fis-settur pubbliku, li l- iskoperturi għalihom huma ttrattati bħala skoperturi għal istituzzjonijiet ta' kreditu taħt l-Artikoli 78 sa 83;

(iii) titoli ta' debitu maħruġa minn banek multilaterali ta' żvilupp li għalihom ma japplikax piż differenzjat ta' riskju ta' 0%;

346. Titoli ta' debitu maħruġa minn istituzzjonijiet t liema titoli m'għandhomx valutazzjoni ta' kreditu minn ECAI eliġibbli jistgħu jkunu rikonoxxuti bħala kollateral eliġibbli jekk jilħqu l-kriterji li ġejjin:

(a) li jkunu kkwotati fi swieq uffiċjali;

(b) li jikkwalifikaw bħala debitu ta' l-ogħla skaluna (*senior*);

(c) il-ħarġiet klassifikati l-oħra kollha mill-istituzzjoni tal-ħruġ ta' l-istess senjorità u b'valutazzjoni ta' kreditu minn ECAI rikonoxxuta għandhom ikunu klassifikati b'valutazzjoni ta' kreditu minn ECAI eliġibbli li tkun determinata mill-awtoritajiet kompetenti li hija tal-livell 3 jew ogħla fl-iskala ta' kwalità ta' kreditu taħt ir-regoli għall-piż differenzjat għar-riskju ta' skoperturi għal istituzzjonijiet jew skoperturi ta' terminu qasir taħt l-Artikoli 78 sa 83.

(d) l-istituzzjoni ta' kreditu li ssellef m'għandu jkollha l-ebda informazzjoni li tissuġġerixxi li l-ħarġa tkun ikklassifikata bħala valutazzjoni ta' kreditu inferjuri għal dik indikata f'(ċ);

(e) l-istituzzjoni ta' kreditu tista' turi lill-awtoritajiet kompetenti li l-likwidità fis-suq ta' l-istrument hi suffiċjenti għal dawn l-għanijiet.

347. Unitajiet f'intrapriżi ta' investiment kollettiv jistgħu jkunu rikonoxxuti bħala kollateral eliġibbli jekk il-kundizzjonijiet li ġejjin jiġu sodisfatti:

(a) ikollhom kwota tal-prezz pubbliku ta' kuljum;

(b) l-intrapriża ta' investiment kollettiv tkun limitata li tinvesti fi strumenti li huma eliġibbli għal rikonoxximent taħt il-paragrafi 7 u 8.

L-użu (jew l-użu potenzjali) minn intrapriża ta' investiment kollettiv ta' strumenti derivattivi sabiex tkopri investimenti permessi m'għandhiex twaqqaf unitajiet f'dik l-intrapriża milli jkunu eliġibbli.

348. B’rabta mal-punti (b) sa (e) tal-Paragrafu 7, fejn titolu jkollu żewġ valutazzjonijiet ta’ kreditu minn ECAI eliġibbli, il-valutazzjoni inqas favorevoli għandha tkun meqjusa bħala dik applikabbli. F’każijiet fejn titolu jkollu aktar minn żewġ valutazzjonijiet ta’ kreditu minn ECAI eliġibbli, l-aktar żewġ valutazzjonijiet favorevoli jkunu meqjusa bħala dawk li japplikaw. Jekk iż-żewġ valutazzjonijiet ta’ kreditu l-aktar favorevoli jkunu differenti, l-inqas favorevoli mit-tnejn tkun meqjusa bħala dik li tapplika.

*48.3.2. Aktar eliġibilità taħt il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju*

349. Minbarra l-kollateral stabbilit fil-paragrafi 7 sa 10, fejn istituzzjoni ta’ kreditu tuża l-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju taħt il-Parti 3, l-elementi finanzjarji li ġejjin jistgħu jkunu rikonoxxuti bħala kollateral eliġibbli:

(a) Strumenti tal-kapital jew bonds konvertibbli mhux inklużi f’indiċi ewlieni imma nnegozjati f’borża rikonoxxuta.

(b) Unitajiet f’intrapriżi ta’ investiment kollettiv jekk ikunu ssodifati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(i) ikollhom kwota tal-prezz pubbliku ta’ kuljum; u

(ii) l-intrapriża ta’ investiment kollettiv tkun limitata li tinvesti fi strumenti li huma eliġibbli għal rikonoxximent taħt il-paragrafi 7 u 8 u l-elementi msemmija fil-punt (a) ta’ dan il-paragrafu.

L-użu (jew l-użu potenzjali) minn intrapriża ta’ investiment kollettiv ta’ strumenti derivattivi sabiex tkopri investimenti permessi m’għandhiex twaqqaf unitajiet f’dik l-intrapriża milli jkunu eliġibbli.

*48.3.3. Aktar eliġibilità għal kalkoli taħt l-Artikoli 84 sa 89*

350. Flimkien mal-kollateral stabbilit hawn fuq id-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 13 sa 22 japplikaw fejn istituzzjoni ta' kreditu tikkalkula l-ammonti ta' skopertura b’piż differenzjat skond ir-riskju u ammonti ta' telf mistennija taħt il-metodu stabbilit fl-Artikoli 84 sa 89:

(a) Kollateral ta’ proprjetà

351. Proprjetà residenzjali li hi jew li ser tkun okkupata jew mikrija mill-proprjetarju, u proprjetà kummerċjali i.e. uffiċċji u bini kummerċjali ieħor, jistgħu jkunu rikonoxxuti bħala kollateral eliġibbli jekk ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-valur tal-proprjetà ma jkunx jiddependi b’mod sostanzjali fuq il-kwalità ta’ kreditu tad-debitur. Dan l-obbligu mhux intiż sabiex jipprekludi sitwazzjonijiet fejn fatturi purament makroekonomiċi jaffettwaw kemm il-valur tal-proprjetà kif ukoll il-prestazzjoni tad-debitur.

(b) Ir-riskju tad-debitur ma jiddependix b’mod sostanzjali fuq il-prestazzjoni tal-proprjetà jew proġett sottostanti, imma fuq il-kapaċità sottostanti tad-debitur li jħallas lura d-dejn minn sorsi oħra. Bħala tali, il-ħlas lura tad-dejn ma

jiddependix b’mod sostanzjali fuq likwidità ġenerata mill-proprjetà sottostanti li tkun qed isservi bħala kollateral.

352. Istituzzjonijiet ta’ kreditu jistgħu jirrikonoxxu bħala eleġibbli wkoll ishma kollaterali f’kumpaniji residenzjali Finlandiżi li joperaw skond l-Att Finlandiż dwar il-Kumpaniji tad-Djar ta' l-1991 jew leġiżlazzjoni ekwivalenti sussegwenti fil-każ ta' proprjetà residenzjali li hi jew ser tkun okkupata jew mikrija mill-proprjetarju, bħala kollateral ta’ proprjetà immobbli residenzjali, jekk kemm-il darba jintlaħqu dawn il-kundizzjonijiet.

353. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw ukoll lill-istituzzjonijiet ta’ kreditu tagħhom sabiex jirrikonoxxu bħala eliġibbli ishma kollaterali f’kumpaniji tad-djar Finlandiżi li joperaw skond l-Att Finlandiż dwar il-Kumpaniji tad-Djar ta’ l-1991 jew leġiżlazzjoni ekwivalenti sussegwenti bħala kollateral ta’ proprjetà kummerċjali, jekk kemm-il darba dawn il-kundizzjonijiet jkunu sodisfatti.

354. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunzjaw li jesiġu mingħand l-istituzzjonijiet ta’ kreditu tagħhom li jikkonformaw mal-kundizzjoni (b) fil-paragrafu 13 għal skoperturi garantiti minn proprjetà residenzjali li tkun tinsab fit-territorju ta' l-Istat Membru tagħhom, jekk l-awtoritajiet kompetenti jkollhom evidenza li s-suq relevanti jkun żviluppat sew u li jkun ilu stabbilit, b’rati ta’ telf li jkunu baxxi biżżejjed biex jiġġustifikaw azzjoni bħal din. Dan m’għandux jimpedixxi lill-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru li ma jużawx din l-eżenzjoni biex jirrikonoxxu bħala proprjetà residenzjali eliġibbli dik il-proprjetà rikonoxxuta bħala tali bis-saħħa ta’ din l-eżenzjoni fi Stat Membru ieħor. Stati Membri għandhom jiżvelaw pubblikament l-użu li jkunu qed jagħmlu minn din l-eżenzjoni.

355. L-awtoritajiet kompetenti ta’ l-Istati Membri jistgħu jirrinunċjaw li jesiġu mingħand l-istituzzjonijiet tagħhom li jikkonformaw mal-kundizzjoni (b) fil-paragrafu 13 għall-proprjetà kummerċjali li tkun tinsab fit-territorju ta’ dak l-Istat Membru, jekk l-awtoritajiet kompetenti jkollhom evidenza li s-suq relevanti jkun żviluppat sew u stabbilit fit-tul u li r-rata ta’ telf derivat mnn self garantit minn proprjetà kummerċjali ikunu jissodisfaw il-kondizzjonijiet li ġejjin:

(a) sa 50 % tal-valur tas-suq (jew fejn applikabbli u jekk inqas 60 % tal-valur kreditu ipotekarju) ma jaqbiżx 0.3 % tas-self pendenti garantit mill-proprjetà kummerċjali fi kwalunkwe sena.

(b) it-telf totali derivat minn self garantit minn proprjetà kummerċjali ma jaqbiżx 0.5 % tas-self pendenti fi kwalunkwe sena.

356. Jekk waħda minn dawn il-kundizzjonijiet ma tkunx sodisfatta fi kwaluunkwe sena, l-eliġibilità għall-użu ta' dan it-trattament tieqaf sakemm il-kundizzjonijiet jiġu ssodisfati fis-sena ta’ wara.

357. L-awtoritajiet kompetenti ta’ Stat Membru, li ma jużawx l-eżenzjoni fil-paragrafu 17, jistgħu jirrikonoxxu bħala eliġibbli proprjetà kummerċjali rikonoxxuta bħala eliġibbli fi Stat Membru ieħor permezz ta’ l-eżenzjoni.

(b) Ammonti Riċevibbli

358. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikonoxxu bħala eliġibbli ammonti kollaterali riċevibbli marbuta ma' tranżazzjoni jew tranżazzjonijiet kummerċjali b'maturazzjoni oriġinali ta inqas minn jew ugwali għal sena. Ammonti riċevibbli eliġibbli ma jinkludux dawk assoċjati ma titolizzazzjonijiet, subparteċipazzjonijiet jew derivattivi ta' kreditu jew ammonti li għandhom jagħtu partijiet affiljati.

(c) Kollateral fiżiku ieħor

359. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrikonoxxu bħala kollateral eliġibbli elementi fiżiċi ta' tip differenti minn dawk it-tipi indikati fil-paragrafi 13 sa 19 jekk ikunu sodisfatti dwar dan li ġej:

(a) l-eżistenza ta' swieq likwidi għall-illikwidar tal-kollateral b'ħeffa u b'manjiera ekonomikament effiċjenti; u

(b) l-eżistenza ta' prezzijiet tas-suq stabbiliti sew u pubblikament disponibbli għall-kollateral. L-istituzzjoni għandha tkun kapaċi turi li m'hemm l-ebda evidenza li l-prezzijiet netti li tirċievi meta jkun realizzat il-kollateral jiddevjaw b'mod sinifikanti minn dawn il-prezzijiet tas-suq.

(d) Kiri

360. Soġġett għad-dispożizzjonijiet tal-Parti 3, Paragrafu 73, fejn l-obbligi stabbiliti fil-Parti 2, il-paragrafu 11 ikunu sodisfatti, skoperturi li jiġu minn tranżazzjonijiet li bihom istituzzjoni tikri proprjetà lil parti terza, ikunu trattati l-istess bħal self kollateralizzat mit-tip ta' proprjeta mikrija.

**48.4. Tipi oħra ta' protezzjoni ta kreditu assistita**

*48.4.1. Depożiti fi flus kontanti ma', jew strumenti ta' flus kontanti assimilabbli miżmuma minn, istituzzjoni terza.*

361. Depożiti fi flus kontanti ma', jew strumenti ta' flus kontanti assimilabbli miżmuma minn, istituzzjoni terza fi ftehim mingħajr kustodja u mwiegħda lill-istituzzjoni ta' kreditu li qed tislef jistgħu jkunu rikonoxxuti bħala protezzjoni eliġibbli tal-kreditu.

*48.4.2. Poloz ta' assigurazzjoni tal-ħajja mwiegħda lill-istituzzjoni ta' kreditu li tislef*

362. Poloz ta' assigurazzjoni tal-ħajja lill-istituzzjoni ta' kreditu li tislef jistgħu jkunu rikonoxxuti bħala protezzjoni eliġibbli tal-kreditu.

*48.4.3. Strumenti ta' l-istituzzjoni mixtrija mill-ġdid fuq talba*

363. Strumenti maħruġa minn istituzzjonijiet terzi li jinxtraw mill-ġdid minn dik l-istituzzjoni fuq talba jistgħu jkunu rikonoxxuti bħala protezzjoni eliġibbli tal-kreditu.

## 49. PROTEZZJONI TAL-KREDITU MHUX ASSISTITA

### 49.1. Eliġibilità ta' fornituri ta' protezzjoni skond il-metodi kollha

364. Il-partijiet li ġejjin jistgħu jkunu rikonoxxuti bħala fornituri ta' protezzjoni mhux assistiti eliġibbli:

(a) Amministrazzjonijiet u banek ċentrali;

(b) amministrazzjonijiet reġjonali jew awtoritajiet lokali;

(c) banek multilaterali ta' żvilupp;

(d) organizzazzjonijiet internazzjonali meta għall-iskoperturi fil-konfront tagħhom jirċievu piż differenzjat skond ir-riskju ta' 0 % taħt l-Artikoli 78 sa 83;

(e) entitajiet fis-settur pubbliku meta l-krediti fil-konfront tagħhom huma ttrattati mill-awtoritajiet kompetenti bħala skoperturi għall-istituzzjonijiet taħt l-Artikoli 78 sa 83;

(f) istituzzjonijiet;

(g) Entitajiet korporattivi oħra, inklużi entitajiet korporattivi *parent*, sussidjarji u affiljati ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, li

(i) jkollhom valutazzjoni ta' kreditu minn ECAI rikonoxxuta li ġiet determinata mill-awtoritajiet kompetenti li qiegħda fil-livell 2 jew ogħla ta' l-iskala ta' kwalità tal-kreditu taħt ir-regoli tal-piż differenzjat skond ir-riskju ta' skoperturi għal korporattivi taħt'l-Artikoli 78 sa 83;

(ii) fil-każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw l-ammonti ta' skopertura b'piż differenzjat skond ir-riskju u ammonti ta' telf mistennija taħt l-Artikoli 84 sa 89, m'għandhomx valutazzjoni ta' kreditu minn ECAI rikonoxxuta u huma internament klassifikati bħala li għandhom probabbiltà ta' inadempjenza ekwivalenti għal dik assoċjata mal-valutazzjonijiet ta' kreditu ta' ECAI determinati mill-awtoritajiet kompetenti li jinsabu fil-livell 2 jew ogħla fl-iskala ta' kwalità ta' kreditu taħt ir-regoli tal-piż differenzjat skond ir-riskju ta' skoperturi għal korporattivi taħt l-Artikoli 78 sa 83.

365. Fejn ammonti ta' skopertura b'piż differenzjat skond ir-riskju u ammonti ta' telf mistennija huma kalkolati taħt l-Artikoli 84 sa 89, biex garanti jkun eliġibbli jrid ikun internament klassifikat mill-istituzzjoni ta' kreditu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness VII, il-Parti 4.

366. Permezz ta' deroga minn paragrafu 26, l-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu wkoll bħala fornituri ta' protezzjoni mhix assistita eliġibbli, istituzzjonijiet finanzjarji oħra awtorizzati u sorveljati mill-awtoritajiet kompetenti responsabbli għall-awtorizzazzjoni u s-superviżjoni ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u soġġetti għal obbligi prudenzjali ekwivalenti għal dawk applikati għal istituzzjonijiet ta' kreditu.

## 50. TIPI TA' DERIVATTIVI TA' KREDITU

367. It-tipi ta' derivattivi ta' kreditu li ġejjin, u strumenti li jistgħu jkunu komposti minn derivattivi ta' kreditu bħal dawn jew li huma effettivament simili taħt profil ekonomiku, jistgħu jkunu rikonoxxuti bħala eliġibbli.

(a) *credit default swaps*

(b) *total return swaps*

(c) *credit linked notes* (strumenti marbuta mal-mertu tal-kredituż) skond il-grad ta' kopertura fi flus kontanti

368. Fejn istituzzjoni ta' kreditu tixtri protezzjoni ta' kreditu permezz ta' *total return swap* u tirreġistra l-pagamenti netti riċevuti fuq l-iswap bħala dħul nett, imma ma tirreġistrax it-telf korrispondenti fil-valur ta' l-ass protett (jew permezz ta' tnaqqis fil-valur ġust (*fair value*) ta' l-ass jew b'żieda fir-riservi), il-protezzjoni tal-kreditu ma tkunx rikonoxxuta.

### 50.1. Koperturi interni

369. Meta istituzzjoni ta' kreditu twettaq kopertura interna bl-użu ta' derivattiv ta' kreditu – i.e. tkopri r-riskju ta' kreditu ta' skopertura fil-ktieb mhux tan-negozju b'derivattiv ta' kreditu rreġistrat fil-ktieb tan-negozju – sabiex il-protezzjoni tkun rikonoxxuta għall-għanijiet ta' dan l-Anness ir-riskju ta' kreditu trasferit għall-ktieb tan-negozju għandu jkun trasferit għand parti jew partijiet terzi. F'ċirkustanzi bħal dawn, soġġett għall-konformità ta' dan it-trasferiment ma' l-obbligi għar-rikonoxximent tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu kif stabbilit f'dan l-Anness, ir-regoli għall-kalkolu ta' ammonti ta' skopertura b'piż differenzjat skond ir-riskju u ammonti ta' telf mistennija fejn protezzjoni ta' kreditu mhux assistita tinkiseb kif stabbilit fil-Partijiet 3 u 6, għandhom ikunu applikati.

## Parti 2 – Obbligi Minimi

370. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tissodisfa lill-awtoritajiet kompetenti li għandha stabbiliti proċeduri ta' ġestjoni ta' riskju adekwati sabiex tikkontrolla dawk ir-riskji li għalihom tista tkun esposta l-istituzzjoni ta' kreditu b'riżultat tat-twettiq tal-prattiċi tat-tnaqqis tar-riskju tal-kreditu.

371. Minkejja l-preżenza tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu meqjusa għall-għanijiet tal-kalkolu ta' ammonti ta' skoperturi b'piż differenzjat skond ir-riskju u,jekk ikun il-każ, l-ammonti ta' telf mistennija, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikomplu jwettqu valutazzjoni sħiħa tar-riskju tal-kreditu ta' l-iskopertura sottostanti u jkunu f'qagħda li juru t-twettiq sħiħ ta' din il-ħtieġa lill-awtoritajiet kompetenti. Fil-każ ta' kontrotranżazzjonijiet u/jew tranżazzjonijiet ta' self jew tislif ta' strumenti ta' kapital, l-iskopertura sottostanti għandha, għall-għanijiet ta' dan il-paragrafu biss, titqies li tkun l-ammont nett ta' l-iskopertura.

## 51. Protezzjoni ta' Kreditu assistita

### 51.1. Ikkalkolar fuq bażi netta fuq il-karta tal-bilanċ (minbarra ftehimiet ta' *master netting* li jkopru kontrotranżazzjonijiet u/jew tranżazzjonijiet ta' self jew tislif ta' strumenti ta' kapital u/jew tranżazzjonijiet oħra mmexxija mis-swieq finanzjarji)

372. Għal ftehimiet ta' kkalkolar fuq bażi netta fuq il-karta tal-bilanċ – minbarra ftehimiet ta' *master netting* li jkopru kontrotranżazzjonijiet u/jew tranżazzjonijiet ta' self jew tislif ta' strumenti ta' kapital u/jew tranżazzjonijiet oħra mmexxija mis-swieq finanzjarji – sabiex ikunu rikonoxxuti għall-għanijiet ta' l-Artikoli 90 sa 93 iridu jkun ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) irid ikollhom bażi legali soda u jkunu legalment infurzabbli taħt il-leġiżlazzjoni applikabbli, anke fil-każ ta' insolvenza jew falliment ta' kontraparti;

(b) l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun kapaċi tiddetermina fi kwlaunkwe ħin dawk l-assi u responsabbiltajiet soġġetti għal ftehim ta' totalizzar;

(c) l-istituzzjoni ta' kreditu trid tissorvelja u tikkontrolla r-riskji assoċjati mat-terminazzjoni tal-protezzjoni tal-kreditu;

(d) l-istituzzjoni ta' kreditu trid tissorvelja u tikkontrolla l-iskoperturi relevanti fuq bażi netta.

### 51.2. Ftehimiet ta' *master netting* li jkopru kontrotranżazzjonijiet u/jew tranżazzjonijiet ta' self jew tislif ta' strumenti ta' kapital u/jew tranżazzjonijiet oħra mmexxija mis-swieq finanzjarji

373. Għal ftehimiet ta' *master netting* li jkopru kontrotranżazzjonijiet u/jew tranżazzjonijiet ta' self jew tislif ta' strumenti ta' kapital u/jew tranżazzjonijiet oħra mmexxija mis-swieq finanzjarji, sabiex ikunu rikonoxxuti għall-għanijiet ta' l-Artikoli 90 sa 93, huma:

(a) għandu jkollhom bażi legali soda u jkunu legalment infurzabbli taħt il-leġiżlazzjoni applikabbli, anke fil-każ ta' falliment jew insolvenza tal-kontraparti

(b) għandhom jagħtu lill-parti mhix inadempjenti d-dritt li twaqqaf u tagħlaq fil-ħin it-tranżazzjonijiet kollha taħt il-ftehim fil-każ ta' inadempjenza, anke fil-każ ta' falliment jew insolvenza tal-kontraparti

(c) għandhom jipprovdu għat-totalizzar tal-qligħ u t-telf minn tranżazzjonijiet magħluqa taħt ftehim *master* biex b'hekk ammont nett singolu jispiċċa jkun dovut minn kontroparti jew oħra.

374. Barra minn hekk, l-obbligi minimi għar-rikonoxximent ta' kollateral finanzjarju taħt il-Metodu Komprensiv tal-Kollateral Finanzjarju stabbilit fil-paragrafu 6 għandhom jitwettqu.

## 51.3. Kollateral finanzjarju

*51.3.1. Obbligi minimi għar-rikonoxximent ta' kollateral finanzjarju taħt i l-Metodi kollha*

375. Għar-rikonoxximent tal-kollateral finanzjarju u d-deheb, iridu jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Korrelazzjoni baxxa

Il-kwalità ta' kreditu tad-debitur u l-valur tal-kollateral m'għandux ikollhom korrelazzjoni sostanzjali pożittiva.

Titoli maħruġa mid-debitur, jew kwalunkwe entità fi grupp mhumiex eleġibbli.

(b) Ċertezza ġuridika

Istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom iwettqu kwalunkwe obbligi kuntrattwali u statutorji fir-rigward ta', u jieħdu l-passi kollha meħtieġa sabiex jiżguraw, l-infurzabbiltà ta' l-arranġamenti tal-kollateral taħt il-leġiżlazzjoni applikabbli għall-interess tagħhom fil-kollateral.

L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu wettqu biżżejjed reviżjoni legali li tikkonfrema l-infurzabbiltà ta' l-arranġamenti kollaterali fil-ġurisdizzjonijiet relevanti kollha. Għandhom iwettqu din ir-reviżjoni mill-ġdid skond kemm meħtieġ sabiex jiżguraw infurzabbiltà kontinwa.

(c) Obbligi operattivi

L-arranġamenti kollaterali għandhom ikunu dokumentati kif xieraq, bi proċedura ċara u b'saħħitha għal-likwidizzjoni f'waqtha tal-kollateral.

Istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw proċeduri u proċessi b'saħħithom sabiex jikkontrollaw riskji li jqumu mill-użu tal-kollateral – inklużi riskji ta' protezzjoni ta' kreditu falluta jew imnaqqsa, riskji ta' evalwazzjoni, riskji assoċjati mat-terminazzjoni tal-protezzjoni tal-kreditu, riskji ta' konċentrazzjoni li jqumu mill-użu

tal-kollateral u l-interazzjoni mal-profil ġenerali ta' riskju ta' l-istituzzjoni tal-kreditu.

L-istituzzjoni tal-kreditu għandha tkun iddokumentat *policies* u prattiki li jirrigwardaw it-tipi u l-ammonti ta' kollateral aċċettati.

Istituzzjoni tal-kreditu għandha tikkalkula l-valur tas-suq tal-kollateral, u tivvalutah mill-ġdid kif xieraq, bi frekwenza minima ta' darba kull sitt xhur u kull meta l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha għaliex tifhem li jkun seħħ tnaqqis sinifikanti fil-valur tas-suq.

Fejn il-kollateral ikun miżmum minn parti terza, istituzzjonijiet ta' kreditu jridu jieħdu passi raġonevoli sabiex jiżguraw li l-parti terza tissegrega l-kollateral mill-assi tagħha stess.

*51.3.2. Obbligi minimi addizzjonali għar-rikonoxximent tal-kollateral finanzjarju taħt il-Metodi Finanzjarju Sempliċi tal-Kollateral*

376. Flimkien ma' l-obbligi stabbiliti fil-paragrafu 6 hawn fuq, għar-rikonoxximent tal-kollateral finanzjarju taħt il-Metodu Finanzjarju Sempliċi tal-Kollateral il-maturità residwa tal-protezzjoni trid tkun twila mill-inqas daqs il-maturità residwa ta' l-iskopertura.

**51.4. Ħtiġijiet minimi għar-rikonoxximent tal-kollateral tal-proprjetà**

377. Għar-rikonxximent tal-kollateral tal-proprjetà għandhom ikunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Ċertezza ġuridika

L-ipoteka jew ħlas għandhom ikunu legalment infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet kollha relevanti, u l-ipoteka jew ħlas għandhom ikunu reġistrati fil-pront f'forma preskritta. Il-garanzija għandha tkun kostitwita b'mod validu (i.e. l-obbligi legali kollha għall-ipperfezzjonar tal-garanzija għandho ikunu ssodisfati). Il-ftehim ta' protezzjoni u l-proċess legali sottostanti għandhom jippermettu lill-istituzzjoni ta' kreditu sabiex tirrealizza l-valur tal-protezzjoni f'qafas xieraq ta' żmien.

(b) Sorveljanza tal-valuri ta' proprjetà

Il-valur tal-proprjetà għandu jkun sorveljat fuq bażi frekwenti u mill-inqas darba kull sena. Għandha ssir sorveljanza aktar frekwenti fejn is-suq ikun soġġett għal tibdiliet sinifikanti fil-kundizzjonijiet. Jistgħu jintużaw metodi statistiċi sabiex ikun sorveljat il-valur tal-proprjetà u sabiex tkun identifikata proprjetà li tkun teħtieġ rivalutazzjoni. Il-proprjetà għandha tkun valutata minn valutant indipendenti meta tagħrif jindika li l-valur tal-proprjetà seta' naqas sostanzjalment meta mqabbel mal-prezzijiet ġenerali tas-suq. Għal self li jaqbeż it-3 miljun EUR jew 5% tal-finanzi proprji ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, il-proprjetà għandha tkun valutata minn valutant indipendenti mill-inqas darba kull tliet snin.

'Valutant indipendenti' jfisser persuna li għandha l-kwalifiki meħtieġa, il-ħila u l-esperjenza sabiex twettaq valutazzjoni u li tkun indipendenti mill-proċess ta' deċiżjoni dwar il-kreditu.

(c) Dokumentazzjoni

It-tipi ta' proprjetà residenzjali u kummerċjali aċċettati mill-istituzzjoni ta' kreditu u l-*policies* ta' self tagħha f'dan ir-rigward għandhom ikunu dokumentati b'mod ċar.

(d) Assigurazzjoni

L-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha proċeduri stabbiliti sabiex tiżgura li l-proprjetà meħuda bħala protezzjoni tkun assigurata kontra d-danni b'mod adegwat.

**51.5. Obbligi minimi għar-rikonoxximent ta' riċevibbli bħala kollateral**

378. Għar-rikonoxximent ta' riċevibbli bħala kollateral għandhom ikunu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet:

(a) Ċertezza ġuridika

(i) Il-mekkaniżmu legali li permezz tiegħu jiġi fornut il-kollateral għandu jkun b'saħħtu u effettiv u jiżgura li min isellef ikollu drittijiet ċari fuq il-proċedimenti.

(ii) Istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jadottaw il-miżuri kollha meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' l-obbligi lokali kolla fir-rigward ta' l-infurzabbiltà ta' l-interess tas-sigurtà. Għandu jkun hemm qafas li jippermetti lil min isellef sabiex ikollu d-dritta ta' l-ewwel prijorità fuq il-kollateral, soġġett għad-diskrezzjoni nazzjonali dwar jekk dan id-dritt jitħalliex ikun soġġett għad-drittijiet ta' kredituri privileġġjati previsti fid-dispożizzjonijiet leġiżlattiva jew ta' implimentazzjoni.

(iii) L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu wettqu biżżejjed reviżjoni legali li tikkonfrema l-infurzabbiltà ta' l-arranġamenti kollaterali fil-ġurisdizzjonijiet relevanti kollha.

(iv) L-arranġamenti tal-kollateral għandhom ikunu dokumentati kif xieraq, bi proċedura ċara u b'saħħitha għall-ġbir f'waqtu tal-kollateral. Il-proċeduri ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiżguraw li kwalunkwe kundizzjonijiet legali meħtieġa għad-dikjarazzjoni ta' l-inadempjenza tal-konsumatur u l-ġbir f'waqtu tal-kollateral ikunu osservati. Fil-każ ta' kriżi jew inadempjenza finanzjarja ta' min jissellef, l-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha l-awtorità legali sabiex tbiegħ jew tassenja r-riċevibbli lil partijiet oħra mingħajr il-kunsens tad-debituri tar-riċevibbli.

(b) Ġestjoni tar-riskju

(i) L-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha proċeduri adegwati sabiex tiddetermina r-riskju ta' kreditu assoċjat mar-riċevibbli. Proċeduri bħal dawn għandhom jinkludu, fost affarijiet oħra, analiżi tan-negozju tad-debitur u s-settur ekonomiku li jaħdem fih, kif ukoll it-tipi ta' klijenti li magħhom jinnegozja. Fejn l-istituzzjoni ta' kreditu tistrieħ fuq id-debitur għal—valutazzjoni tar-riskju tal-kreditu tal-klijenti, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tevalwa l-prattiċi ta' kreditu tad-debitu u taċċerta l-validità u l-kredibbiltà tagħhom.

(ii) Il-marġini bejn l-ammont ta' l-iskopertura u l-valur tar-riċevibbli għandu jirrifletti l-fatturi pertinenti kollha, inklużi n-nefqa tal-ġbir, il-konċentrazzjoni fl-ambitu ta' l-aggregat tar-riċevibbli mwiegħda bħala garanzija minn debitur individwali, u r-riskji potezjali ta' konċentrazzjoni fl-ambitu ta' l-iskoperturi kollha ta' l-istituzzjoni ta' kreditu lilhinn minn dawk kontrollati mill-metodoloġija ġenerali ta' l-istituzzjoni ta' kreditu. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha twettaq proċess kontinwu ta' sorveljanza kif xieraq fir-rigward tar-riċevibbli. L-osservanza tal-limiti ġenerali ta' konċentrazzjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun sorveljata. Barra dan, konformità ma' patti ta' self, restrizzjonijiet ambjentali, u obbligi legali oħra għandhom ikunu riveduti fuq bażi regolari.

(iii) Ir-riċevibbli mwiegħda bħala garanzija mid-debitur għandhom ikunu diversifikati u ma jkunux korrelatati b'mod inġust mas-sitwazzjoni tad-debitur. Meta jkun hemm korrelazzjoni sostanzjali pożittiva, ir-riskji konnessi għandhom jitqiesu fit-tfassil ta' marġini għall-aggregat tal-kollaterali kollu kemm hu.

(iv) Ir-riċevibbli mingħand affiljati tad-debitur (inklużi sussidjarji u impjegati) m'għandhomx jitqiesu bħala fatturi li jimmitigaw ir-riskju.

(v) L-istutuzzjoni ta' kreditu għandu jkollha proċess dokumentat għall-ġbir ta' pagamenti riċevibbli f'sitwazzjonijiet ta' kriżi. Il-faċilitajiet meħtieġa għall-ġbir għandhom ikunu operattivi, anke meta l-istituzzjoni ta' kreditu normalment tibbaża fuq id-debitur għall-ġbir.

### 51.6. Obbligi minimi għar-rikonoxximent ta' kollateral fiżiku ieħor

379. Għar-rikonoxximent ta' kollateral fiżiku ieħor iridu jkunu sodisfatti l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) L-arranġament tal-kollateral għandu jkun legalment infurzabbli taħt il-liġijiet kollha applikabbli u għandu jippermetti lill-istituzzjoni ta' kreditu sabiex tirrealizza l-valur tal-proprjetà f'qafas raġonevoli ta' żmien.

(b) Bl-eċċezzjoni waħdanija ta' krediti privileġġjata miftiehma minn qabel imsemmija fil-paragrafu 9(a)(ii), huma aċċettati biss krediti privileġġjati ta' l-ewwel grad, jew ħlasijiet fuq il-kollateral. Għalhekk, l-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha priorità fuq dawk il-kredituri kollha għad-dħul realizzat tal-kollateral.

(c) Il-valur tal-proprjetà għandu jkun sorveljat fuq bażi frekwenti u mill-inqas darba kull sena. Tkun meħtieġa sorveljanza aktar spiss fejn is-suq ikun soġġett għal tibdil sinifikanti fil-kundizzjonijiet.

(d) Il-ftehim ta' self għandu jinkludi deskrizzjonijiet dettaljati tal-kollateral flimkien ma' speċifikazzjonijiet dettaljati tal-mod u l-frekwenza tar-rivalutazzjoni.

(e) It-tipi ta' kollateral fiżiku aċċettat mill-istituzzjoni ta' kreditu u *policies* u prattiċi fir-rigward ta' l-ammont xieraq ta' kull tip ta' kollateral relattiv għall-

ammont ta' skopertura għandu jkun dokumentat b'mod ċar fil-*policies* u l-prattiċi interni ta' kreditu disponibbli għall-ispezzjoni.

(f) Il-*policies* ta' kreditu ta' l-istituzzjoni ta' kreditu fir-rigward ta' l-istruttura tat-tranżazzjoni għandhom jindirizzaw l-obbligi kollaterali xierqa relattivi għall-ammont ta' skopertura, l-abbiltà li jkun likwidat faċilment il-kollateral, l-abbiltà li jkun stabbilit oġġettivament valur ta' prezz jew il-valur fis-suq, il-frekwenza li biha l-valur ikun jista' jinkiseb faċilment (inkluża stima jew valutazzjoni professjonali), u l-instabilità tal-valur tal-kollateral.

(g) Kemm il-valutazzjoni tal-bidu kif ukoll ir-rivalutazzjoni għandhom iqisu bis-sħiħ kwalunkwe deterjorament jew therrija tal-kollateral. Għandha tingħata attenzjoni partikolari fil-valutazzjoni u r-rivalutazzjoni għall-effetti tal-mixja taż-żmien fuq il-kollateral sensittiv għall-bidliet fil-moda jew l-iskadenza taż-żmien.

(h) L-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha d-dritt li tispezzjona l-proprjetà fiżikament. Għandu jkollha *policies* u proċeduri li jindirizzaw l-eżerċizzju tagħha tad-dritt li twettaq din l-ispezzjoni fiżika.

(i) L-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha proċeduri stabbiliti sabiex tara li l-proprjetà meħuda bħala protezzjoni tkun żgurata kontra d-danni b'mod adegwat.

**51.7. Obbligi minimi sabiex skoperturi ta' kiri jkunu trattat bħala kollateralizzati**

380. Għall-iskoperturi li jiġu minn tranżazzjonijiet ta' kiri sabiex ikunu trattati bħala kollateralizzati mit-tip ta' proprjetà mikrija, għandhom ikunu ssodisfati dawn il-kundizzjonijiet:

(a) Il-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 8 jew 10 kif xieraq għar-rikonoxximent bħala kollateral tat-tip ta' proprjetà mikrija għandhom jiġi ssodisfati;

(b) Għandu jkun hemm ġestjoni b'saħħitha tar-riskju min-naħa tal-kerrej fir-rigward tal-post ta' l-ass, l-użu li jsir minnu, l-età tiegħu, u l-pjan ta' amortizzar;

(c) Għandu jkun hemm qafas legali b'saħħtu li jassigura d-dritt ta' proprjetà legali ta' l-ass tal-kerrej u l-abbiltà tiegħu li jeżerċita dan id-dritt ta' proprjetà meta dan ikun xieraq u f'waqtu. u

(d) Id-differenza bejn ir-rata ta' deprezzar ta' l-ass fiżiku u r-rata ta' amortizzar tal-pagamenti tal-kera ma jridux ikunu tant kbar li jesaġeraw il-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu attribwit lill-assi mikrija.

**51.8. Obbligi minimi għar-rikonoxximent ta' protezzjoni oħra tal-kreditu assistita**

*51.8.1. Depożiti f'kontanti ma', jew strumenti assimilabbli ta' kontanti miżmuma minn, istituzzjoni terza*

381. Sabiex tkun eliġibbli għat-trattament stabbilit fil-Parti 3, il-Paragrafu 80, il-protezzjoni msemmija fil-Parti 1, il-paragrafu 23 għandha tissodisfa l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) It-talba tad-debitur kontra istituzzjoni terza għandha tkun imwiegħda b'mod espliċitu bħala garanzija jew assenjata bil-miftuħ lill-istituzzjoni ta' kreditu li ssellef;

(b) L-istituzzjoni terza għandha tkun notifikata bil-wegħda jew l-assenju;

(c) B'riżultat ta' l-avviż, l-istituzzjoni terza tkun tista' twettaq pagamenti biss lill-istituzzjoni ta' kreditu li tkun qed issellef jew lil partijiet oħra bil-kunsens ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li tkun qed issellef.

(d) Il-wegħda jew l-assenju għandhom ikunu bla kundizzjoni u irrevokabbli.

*51.8.2. Poloz ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja mwiegħda b'garanzija lill-istituzzjoni ta' kreditu li ssellef.*

382. Sabiex poloz ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja mwiegħda bħala garanzija lill-istituzzjoni ta' kreditu li ssellef ikunu rikonoxxuti għandhom ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kumpanija li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tista' tkun rikonoxxuta bħala fornitriċi ta' protezzjoni mhux assistita eliġibbli taħt il-Parti 1, il-paragrafu 26;

(b) il-polza ta' assigurazzjoni fuq il-ħajja għandha tkun imwiegħda bħala garanzija jew assenjata bil-miftuħ lill-istituzzjoni ta' kreditu li ssellef;

(c) il-kumpanija li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja tkun avżat bil-wegħda jew l-assenju u b'riżultat ma tistax tħassar il-kuntratt jew tħallas ammonti pagabbli skond il-kuntratt mingħajr il-kunsens ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li ssellef;

(d) il-polza għandu jkollha valur ta' ċediment dikjarat li ma jkunx ammont li ma jistax jitnaqqas;

(e) l-istituzzjoni ta' kreditu li ssellef għandu jkollha d-dritt li tħassar il-polza u tirċievi valur ta' ċediment f'waqtu fil-każ ta' l-inadempjenza tad-debitur;

(f) l-istituzzjoni ta' kreditu li ssellef għandha tkun infurmata dwar kull eżekuzzjoni ta' pagament tal-polza li ma tkunx saret mit-titular tal-polza;

(g) għandha tkun fornuta l-protezzjoni tal-kreditu għall-maturità tas-self; u

(h) il-garanzija għandha tkun legalment infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet relevanti kollha.

## 52. *CREDIT LINKED NOTES* U PROTEZZJONI TA' KREDITU MHUX ASSISTITA

### 52.1. Obbligi komuni għal garanziji u derivattivi ta' kreditu

383. Soġġett għall-paragrafu 16, sabiex tkun rikonoxxuta l-protezzjoni tal-kreditu li tiġi minn garanzija jew derivattiv ta' kreditu, għandhom ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Il-protezzjoni tal-kreditu għandha tkun diretta.

(b) L-entità tal-protezzjoni tal-kreditu għandha tkun definita b'mod ċar u tkun inkontrovertibbli.

(c) Il-kuntratt tal-protezzjoni tal-kreditu m'għandu jkollu l-ebda klawżola li t-twettiq tagħha jkun lilhinn mill-kontroll dirett ta' min isellef, li:

(i) tippermetti lill-fornitur tal-protezzjoni sabiex unilateralment jikkanċella l-protezzjoni;

(ii) iżżid l-ispiża effettiva tal-protezzjoni bħala konsegwenza ta' therrija fil-kwalità ta' kreditu ta' l-iskopertura protetta;

(iii) tista' twaqqaf lill-fornitur tal-protezzjoni milli jkun obbligat iħallas fil-ħin f'każ li d-debitur prinċipali jonqos milli jwettaq il-ħlas dovut; jew

(iv) tista' tippermetti li l-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu titnaqqas mill-fornitur tal-protezzjoni.

(d) Il-protezzjoni tal-kreditu għandha tkun legalment infurzabbli fil-ġurisdizzjonijiet relevanti kollha.

#### *52.1.1. Obbligi operattivi*

384. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha turi lill-awtorità tagħha li għandha stabbiliti sistemi lesti sabiex jiġġestixxu l-konċentrazzjoni potenzjali tar-riskju li tkun ġejja mill-użu tal-garanziji u derivattivi ta' kreditu mill-istituzzjoni ta' kreditu. L-istituzzjoni ta' kreditu trid tkun f'qagħda li turi wkoll kif l-istrateġija tagħha, fir-rigward ta' l-użu ta' derivattivi ta' kreditu u garanziji, tinteraġixxi mal-ġestjoni tal-profil ġenerali tar-riskju tagħha.

### 52.2. Kontrogaranziji sovrani u oħrajn fis-settur pubbliku

385. Meta skopertura tkun protetta minn garanzija megħjuna minn kontrogaranzija ta' amministrazzjoni jew bank ċentrali, amminisrazzjoni reġjonali jew awtorità lokali, li l-krediti kontrihom ikunu meqjusa bħala krediti kontra l-gvern tal-pajjiz li fih huma stabbiliti, taħt l-Artikoli 78 sa 83, ta' bank multilaterali ta' żvilupp li għalih japplika piż differenzjat skond ir-riskju ta'0% taħt jew permezz ta' l-Artikoli 78 sa 83, jew ta' entità tas-settur pubbliku, li l-iskoperturi kontriha ikunu ttrattati bħala skoperturi

kontra istituzzjonijiet ta’ kreditu taħt l-Artikoli 78 sa 83, l-iskopertura tista’ tiġi trattata bħala protetta minn garanzija fornuta mill-entità konċernata jekk kemm-il darba jkunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kontrogaranzija tkopri l-elementi tar-riskju kollu ta' kreditu tat-kreditu konċernat;

(b) kemm il-garanzija prinċipali kif ukoll il-kontrogaranzija, jissodisfaw l-obbligi għall-garanziji stabbiliti fil-paragrafi 14, 15 u 17, ħlief li l-kontro-garanzija m’hemmx għalfejn tkun diretta;

(c) l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li l-koperta hi b’saħħitha u li xejn fl-evidenza storika ma jissuġġerixxi li l-kopertura tal-kontrogaranzija hi fil-fatt inferjuri għal dik fornita minn garanzija diretta ta’entità konċernata.

**52.3. Obbligi Addizzjonali għall-Garanziji**

386. Sabiex garanzija tkun rikonoxxuta iridu jkunu ssodisfati wkoll il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Meta l-kontraparti tkun inadampjenti/tonqos milli tħallas, l-istituzzjoni ta’ kreditu li tkun qed tislef ikollha d-dritt li tfittex bla dewmien lill-garanti għal kull ħlasijiet dovuti skond il-klejm li fir-rigward tagħha tkun provduta l-protezzjoni. Il-ħlas mill-garanti m'għandux ikun suġġett għat-tiftix ta' l-obbligatur min-naħa ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li tislef.

(b) Il-garanzija għandha tkun obbligu dokumentat espliċitament merfugħ mill-garanti.

(c) Suġġett għas-sentenza li ġejja, il-garanzija għandha tkopri kull tip ta’ ħlasijiet li l-obbligatur huwa mistenni li jagħmel fir-rigward tal-klejm. Fejn ċerti tipi ta’ ħlas huma esklużi mill-garanzija, il-valur rikonoxxut tal-garanzija għandu jkun aġġustat sabiex jirrifletti l-kopertura limitata.

387. Fil-każ ta’ garanziji pprovduti fil-kuntest ta’ skemi ta’ garanzija reċiproka rikonoxxuti għal dawn il-fini mill-awtoritajiet kompetenti jew provduti , jew kontro-garantiti, minn entitajiet imsemmija fil-paragrafu 16 l-obbligi f'paragrafu (a) jistgħu jkunu kkunsidrati bħala ssodisfati meta waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati:

(a) l-awtoritajiet kompetenti huma ssodisfati li l-istituzzjoni ta’ kreditu li tislef għandha d-dritt li tikseb, mingħajr dewmien, ħlas proviżorju mill-garanti kkalkulat biex jirrappreżenta stima soda ta’ l-ammont tat-telf ekonomiku inkluż telf li jirriżulta min-nuqqas ta' ħlas ta' interessi u tipi oħra ta' ħlas li d-debitur huwa obbligat li jagħmel, li huwa probabbli li teħel l-istituzzjoni ta' kreditu li tkun qed tislef b'mod proporzjonali għall-kopertura tal-garanzija;

(b) l-awtoritajiet kompetenti jkunu sodisfatti bl-effetti tal-garanzija għall-ħarsien mit-telf, inkluż telf li jirriżulta min-nuqqas ta’ ħlas ta’ l-interessi u tipi oħra ta’ ħlas li min jissellef ikun obbligat jagħmel.

## 52.4. Obbligi addizzjonali għad-derivattivi tal-kreditu

388. Biex jiġi rikonoxxut derivattiv tal-kreditu, għandhom jintlaħqu wkoll il-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Suġġett għal (b), l-avvenimenti ta’ kreditu speċifikati taħt id-derivattiv tal-kreditu għandhom bħala minimu jinkludu:

(i) in-nuqqas ta’ ħlas ta’ l-ammont dovuti skond it-termini ta’ l-obbligazzjoni sottostanti li jkunu fis-seħħ fi żmien dan in-nuqqas (b’perjodu ta’ grazzja li huwa qrib sew jew iqsar mill-perjodu ta’ grazzja fl-obbligazzjoni sottostanti); u

(ii) il-falliment, l-insolvenza jew l-inkapaċità ta’ dak li jkun intrabat bl-obbligazzjoni li jħallas id-djun tiegħu, jew in-nuqqas jew l-ammissjoni bil-miktub ta’ l-inkapaċità ġenerali tiegħu li jħallas djunu malli jkunu dovuti, u avvenimenti analogi.

(iii) ir-ristrutturar ta’ l-obbligazzjoni sottostanti li jinvolvi l-maħfra jew il-posponiment tal-kapital, l-interessi jew ħlasijiet oħra li jirriżultaw minn avveniment ta’ telf ta’ kreditu (i.e. aġġustament tal-valur jew debitu simili ieħor għall-kont tal-qligħ u t-telf)

(b) Meta l-avvenimenti ta' kreditu speċifikati taħt id-derivattiv tal-kreditu ma jinkludux ir-ristrutturar ta' l-obbligazzjoni sottostanti kif deskritt fit-tielet inċiż ta’ (a), il-protezzjoni tal-kreditu tista’ madankollu tingħaraf bħala suġġetta għal tnaqqis fil-valur rikonoxxut kif speċifikat f’Parti 3, paragrafu 84.

(c) Fil-każ ta’ derivattivi ta’ kreditu li jippermettu ħlas fi flus, għandu jkun hemm proċess sod ta’ validazzjoni sabiex it-telf jiġi stmat b'mod affidabbli. Se jkun hemm perjodu speċifikat b’mod ċar għall-ksib ta’ valutazzjonijiet għal wara l-avvenimenti ta' kreditu għall-obbligazzjoni sottostanti.

(d) Jekk id-dritt u l-kapaċità ta’ xerrej il-protezzjoni li jitrasferixxi l-obbligazzjoni sottostanti lil min qed jipprovdi l-protezzjoni jkunu meħtieġa għall-ħlas, it-termini ta' l-obbligazzjoni sottostanti għandhom jipprevedu li kull kunsens meħtieġ għal dan it-trasferiment ma jistax jinżamm milli jingħata mingħajr ma jkun hemm raġuni valida.

(e) L-identità tal-partijiet responsabbli għad-determinazzjoni ta’ jekk avveniment ta’ kreditu seħħx jew le għandha tiġi ddefinita b’mod ċar. Dan m’għandux ikun ir-responsabbiltà waħdanija ta' xerrej il-protezzjoni. Xerrej il-protezzjoni għandu jkollu d-dritt/il-kapaċità li jgħarraf lil min jipprovdi l-protezzjoni bis-seħħ ta’ avveniment ta’ kreditu.

389. Nuqqas ta’ qbil bejn l-obbligazzjoni sottostanti u l-obbligazzjoni ta’ referenza taħt id-derivattiv tal-kreditu (i.e. l-obbligazzjoni użata sabiex jiġi ddeterminat il-valur tal-ħlas fi flus jew l-obbligazzjoni konsenjabbli) jew bejn l-obbligazzjoni sottostanti u l-obbligazzjoni użata sabiex jiġi ddeterminat jekk seħħx avveniment ta’ kreditu hija permissibbli biss jekk jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) l-obbligazzjoni ta’ referenza jew l-obbligazzjoni użata biex jiġi ddeterminat jekk seħħx avveniment ta’ kreditu, skond il-każ, hija kklassifikata pari passu ma' jew inkella hija inferjuri għall-obbligazzjoni sottostanti;

(b) l-obbligazzjoni sottostanti u l-obbligazzjoni ta’ referenza jew l-obbligazzjoni użata biex jiġi ddeterminat jekk seħħx avveniment ta’ kreditu, skond il-każ, ikollhom l-istess entità li ntrabet bl-obbligu (i.e. l-istess entità ġuridika) u jkun hemm klawżoli infurzabbli ġuridikament li jkunu *cross-default* jew *cross-acceleration*.

**Parti 3 – Il-kalkolu ta' l-effetti tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu**

390. Suġġett għall-Partijiet 4 sa 6, meta jkunu sodisfatti d-dispożizzjonijiet f'Partijiet 1 u 2, il-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi skond koeffiċjenti għar-riskju taħt is-Subsezzjoni 1 Artikoli 78 sa 83 u l-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi skond koeffiċjenti għar-riskju u l-ammont ta' telf mistenni skond l-Artikoli 84 sa 89 jista' jiġi mmodifikat skond id-dispożizzjonijiet ta' din il-Parti.

391. Flus, titoli jew prodotti mixtrija, mislufa jew irċevuti skond tranżazzjoni ta' xiri lura jew tranżazzjonijet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti għandhom jiġu ttrattati bħala kollateral

**53. PROTEZZJONI TAL-KREDITU FFINANZJATA**

***53.1. Credit linked notes.***

392. Investimenti fi *credit linked notes* maħruġa mill-istituzzjonijiet tal-kreditu li qed isellfu jistgħu jiġu ttrattati bħala kollateral fi flus.

**53.2. Kumpens fuq il-bilanċ**

393. Self jew depożiti ma' l-istituzzjoni ta' kreditu li qed issellef suġġetti għal kalkolku fuq bażi netta fuq il-karta tal-bilanċ għandhom jiġu ttrattati bħala kollateral fi flus.

**53.3. Ftehimiet ewlenin ta' kumpens li jkopru tranżazzjonijiet bil-patt ta' xiri lura u/jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti u/jew tranżazzjonijiet kapitali oħra marbuta mas-swieq finanzjarji**

*53.3.1. Kalkolu tal-valur ta' l-iskopertura aġġustat għal kollox*

(a) L-użu tal-metodoloġiji għall-aġġustamenti għall-volatilità 'Superviżorji' jew ta' l-'Estimi Proprji'

394. Suġġett għall-paragrafi 12 sa 22, fil-kalkolu tal-'valur aġġustat għal kollox ta' l-iskopertura (E*) għall-iskoperturi suġġetti għal ftehim ewlinei ta' kumpens li jkopri tranżazzjonijiet bil-patt ta' xiri lura u/jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli u prodotti u/jew tranżazzjonijiet kapitali oħra marbuta mas-swieq finanzjarji, l-aġġustamenti għall-volatilità li għandhom jiġu applikati għandhom jinħadmu bil-mod stipulat taħt jew permezz tal-metodoloġija Superviżorja għall-aġġustamenti għall-volatilità jew inkella l-metodoloġija ta' l-Estimi Proprji għall-aġġustamenti għall-volatilità kif stipulat fil-paragrafi 35 sa 60 għall-Metodu Komprensiv għall-Kollateral Finanzjarju. Għall-użu tal-metodoloġija ta' l-Estimi Proprji, japplikaw l-istess kundizzjonijiet u rekwiżiti bħal dawk tal-Metodu Komprensiv għall-Kollateral Finanzjarju.

395. Il-pożizzjoni netta ta' kull tip ta' titolu għandha tinħadem billi jitnaqqas il-valur totali tat-titoli ta' dak it-tip mislufa, mibjugħa jew ipprovduti skond il-ftehim ewlieni tal-kalkolu fuq bażi netta, il-valur totali tat-titoli tat-tip missellfa, mibjugħa jew irċevuti skond dan il-ftehim.

396. Għall-għanijiet tal-paragrafu 6, tip ta' titolu tfisser titoli maħruġa mill-istess entità, li għandhom l-istess data tal-ħruġ, l-istess maturità u li huma suġġetti għall-istess termini u kundizzjonijiet u li huma suġġetti għall-istess perjodi ta' likwidazzjoni kif indikat fil-paragrafi 35 sa 60.

397. Il-pożizzjoni netta ta' kull valuta għajr il-valuta tal-ħlas tal-ftehim ewlieni ta' kumpens, għandha tinħadem billi jitnaqqas il-valur totali tat-titoli denominati f'dik il-valuta mislufa, mibjugħa jew ipprovduta skond il-ftehim ewlieni tal-kumpens miżjud ma' l-ammont ta' flus f'dik il-valuta mislufa jew trasferiti skond il-ftehim, il-valur totali tat-titoli denominati f'dik il-valuta missellfa, mixtrija jew irċevuti skond il-ftehim miżjuda ma' l-ammont ta' flus f'dik il-valuta missellef jew irċevut skond il-ftehim.

398. L-aġġustament għall-volatilità xieraq għal tip partikolari ta' titolu jew ta' pożizzjoni ta' flus għandu jiġi applikat għall-pożizzjoni pożittiva jew negattiva netta fit-titoli ta' dak it-tip.

399. L-aġġustament tal-volatilità tal-kambju tal-valuti barranin (fx) għandu jiġi applikat lill-pożizzjoni netta pożittiva jew negattiva f'kull valuta għajr il-valuta tal-ħlas bi flus tal-ftehim ewlieni ta' *netting*.

400. E* għandu jinħadem skond il-formula li ġejja:

E* = max {0, [(∑(E) - ∑(C)) + ∑(|pożizzjoni netta f'kull titolu| x $H_{sec)}$ + + (∑|$E_{fx}$| x Hfx)]}

Meta l-ammonti ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju jinħadmu skond l-Artikoli 78 sa 83, E huwa l-valur ta' l-iskopertura għal kull skopertura separata skond il-ftehim li kieku japplika fin-nuqqas tal-protezzjoni tal-kreditu.

Meta l-ammonti ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju u l-ammonti tat-telf mistenni jinħadmu skond l-Artikoli 84 sa 89, E huwa l-valur ta' l-iskopertura għal kull skopertura separata skond il-ftehim li kieku japplika fin-nuqqas ta' protezzjoni tal-kreditu.

C huwa l-valur tat-titoli jew tal-prodotti mislufa, mixtrija jew irċevuti jew il-flus mislufa jew irċevuti fir-rigward ta' kull skopertura bħal din.

∑(E) hija s-somma ta' l-Ejiet kollha skond dan il-ftehim.

∑(C) hijaa s-somma tas-Cjiet kollha skond dan il-ftehim.

E* hija l-pożizzjoni netta (pożittiva jew negattiva) f'valuta partikolari għajr il-valuta għall-ħlas tal-ftehim kif maħduma skond il-paragrafu 8.

$H_{sec}$ huwa l-aġġustament għall-volatilità xieraq għal tip partikolari ta' titolu.

$H_{fx}$ huwa l-aġġustament għall-volatilità għall-kambju b'valuta barranija.

E* huwa l-valur ta' l-skopertura aġġustat għal kollox.

(b) L-użu tal-metodu tal-Mudelli Interni

401. Bħala alternattiva għall-użu tal-metodoloġija Superviżorja għall-aġġustamenti għall-volatilità jew inkella l-metodoloġija ta' l-Estimi Proprji għall-aġġustamenti għall-volatilità għall-kalkolu tal-valur ta' l-iskopertura aġġustat għal kollox (E*) li joħroġ mill-applikazzjoni ta' ftehim ewlieni eliġibbli għall-kumpens li jkopri tranżazzjonijiet bil-patt ta' xiri lura u/jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli u prodotti u/jew tranżazzjonijiet kapitali oħra marbuta mas-swieq finanzjarji, l-istutuzzjonijiet tal-kreditu jistgħu jitħallew jużaw metodu tal-Mudelli Interni li tqis l-effetti ta' korrelazzjoni bejn il-pożizzjonijiet tat-titoli suġġetti għall-ftehim ewlieni għall-kumpens kif ukoll il-likwidità ta' l-istrumenti kkonċernati. Il-mudelli interni użati f'din il-metodoloġija għandhom jipprovdu stimi ta' bidla potenzjali fil-valur ta' l-ammont mhux garantit ta' l-iskopertura. (∑E - ∑C).Istituzzjoni ta' kreditu tista' tagħżel li tuża metodu tal-Mudelli Interni indipendentament mill-għażla li għamlet bejn il-Metodoloġija Standardizzata u l-Metodoloġija tal-Fondazzjoni IRB għar-riskju tal-kreditu. Madankollu, jekk istituzzjoni ta' kreditu tfittex li tuża metodu tal-Mudelli Interni, għandha tagħmel hekk għal kull kontraparti u kull titolu, għajr għal portfolji mhux rilevanti fejn tista' tuża l-metodoloġija Superviżorja għall-aġġustamenti għall-volatilità jew inkella l-metodoloġija ta' l-Estimi Proprji għall-aġġustamenti għall-volatilità kif stipulat fil-paragrafi 5 sa 11.

403. Il-metodu tal-Mudelli Interni hija disponibbli lill-istituti tal-kreditu li rċevew rikonoxximent għal mudell intern għall-ġestjoni tar-riskju skond l-Anness V tad-Direttiva [93/6/KEE].

404. L-istituzzjonijiet tal-kreditu li ma rċevewx rikonoxximent superviżorju għall-użu ta' dan il-mudell skond id-Direttiva 93/6/KEE jistgħu japplikaw għand l-awtoritajiet kompetenti għar-rikonoxximent ta' mudell intern tal-ġestjoni tar-riskju għall-fini ta' dawn il-paragrafi.

405. L-għarfien għandu jingħata biss jekk l-awtorità kompetenti tkun sodisfatta li s-sistema tal-ġestjoni tar-riskju ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għall-ġestjoni tar-riskji li jinbtu mit-tranżazzjonijiet koperti mill-ftehim ewlieni tal-kalkolu fuq bażi netta jkunu kunċettwalment sodi u implimentati b'integrità u li, b'mod partikolari, jintlaħqu l-istandards kwalitattivi li ġejjin:

(a) il-mudell intern għall-kejl tar-riskju użat għall-kalkolu tal-volatilità potenzjali tal-prezzijiet għat-tranżazzjonijiet ikun integrat mill-qrib fil-proċess ta' kuljum tal-ġestjoni tar-riskju ta' l-istituzzjoni ta' kreditu u jservi bħala bażi għar-rappurtar ta' l-iskoperturi ta' riskju lill-ogħla oqsma tal-ġestjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu;

(b) l-istituzzjoni ta' kreditu għandha jkollha unità ta' kontroll ta' riskju li tkun indipendenti mill-unitajiet operattivi u li tirrapporta direttament lill-ogħla oqsma tal-ġestjoni. L-unità trid tkun responsabbli għat-tfassil u l-implimentazzjoni tas-sistema tal-ġestjoni tar-riskju ta' l-istituzzjoni ta' kreditu. Għandha tipproduċi u tanalizza rapporti ta' kuljum dwar ir-riżultati tal-mudell tal-kejltar-riskju u dwar il-miżuri xierqa li għandhom jittieħdu f'dak li għandu x'jaqsam mal-limiti tal-pożizzjonijiet.

(c) ir-rapporti ta' kuljum maħruġa mill-unità għall-kontroll tar-riskju għandhom jiġu mistħarrġa minn livell ta' ġestjoni b'biżżejjed awtorità li jinforza tnaqqis tal-pożizzjonijiet meħuda u ta' l-skopertura kumplessiv għar-riskju.

(d) l-istituzzjoni ta' kreditu jkollha biżżejjed persunal imħarreġ fl-użu ta' mudelli sofistikati fl-unità għall-kontroll tar-riskju;

(e) l-istituzzjoni ta' kreditu tkun stabbiliet proċeduri għall-monitoraġġ u għall-iżgurar tal-konformità ma' sett dokumentat ta' *policies* u kontrolli interni marbuta ma' l-operat kumplessiv tas-sistema għall-kejl tar-riskju.

(f) il-mudelli ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għandhom ikollhom storja ppuvata ta' akkuratezza raġonevoli fil-kejl tar-riskji li tkun murija minn testijiet retrospettivi tar-riżultati tagħhom b'*data* ta' sena mill-inqas.

(g) l-istituzzjoni ta' kreditu għandha twettaq ta' spiss programm rigoruż ta' ttestjar għall-istress u r-riżultati ta' dawn it-testijiet għandhom jiġu mistħarrġa mill-ġestjoni l-għolja u riflessi fil-politiku u l-limiti li jistipulaw;

(h) l-istituzzjoni ta' kreditu trid twettaq, bħala parti mill-proċess regolari tagħha ta' verifika interna, analiżi indipendenti tas-sistema tagħha għall-kejl tar-riskju. Din l-analiżi trid tinkludi sew l-attivitajiet ta' l-unitajiet operattivi sew dawk ta' l-unità indipendenti għall-kontroll tar-riskju.

(i) mill-inqas darba fis-sena, l-istituzzjoni ta' kreditu trid tagħmel analiżi tas-sistema tagħha għall-ġestjoni tar-riskju.

406. Il-kalkolu tal-bidla potenzjali fil-valur għandha tkun suġġetta għall-istandards minimi li ġejjin:

(a) mill-inqas kalkolu ta' kuljum tal-bidla potenzjali fil-valur;

(b) intervall ta' kunfidenza unilaterali tad-99 perċentili

(c) perjodu ta' likwidazzjoni ekwivalenti għal 5 ijiem, ħlief fil-każ ta' tranżazzjonijiet għajr tranżazzjonijiet bil-patt ta' xiri lura jew tranżazzjonijiet li jsellfu jew jixtru titoli jew prodotti fejn għandu jintuża perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem;

(d) perjodu ta' osservazzjoni storika effettiv ta' perjodu ta' mill-inqas sena ħlief meta perjodu ta' osservazzjoni iqsar ikun ġustifikat minn żieda sinifikanti fil-volatilità tal-prezz;

(e) aġġornamenti tas-settijiet tad-*data* kull tliet xhur

407. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jirrikjedu li l-mudell intern tal-kejl tar-riskju jaqbad numru suffiċjenti ta' fatturi ta' riskju sabiex jinqabdu ir-riskji fil-prezz sinfikanti

408. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jħallu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jużaw korreleazzjonijiet empiriċi fi ħdan kategoriji ta' riskju u minn kategorija ta' riskju għall-oħra jekk ikunu sodisfatti li s-sistema ta' l-istituzzjoni għall-kejl tal-korrelazzjonijiet hija soda u implimentata b'integrità.

409. Istituzzjoni ta' kreditu li tuża l-metodu tal-Mudelli Interni għandha tkun meħtieġa tiittestja retrospettivament ir-riżultat tal-mudell bili tuża kampjun ta' 20 kontroparti,

identifikati fuq bażi annwali. Dawn il-kontropartijiet għandhom jinkludu l-akbar 10 kif determinati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu skond il-metodoloġija tagħha għall-kejl ta' l-iskoperturi u 10 oħra magħżula kif ġie ġie. Għal kull jum u għal kull kontroparti, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tqabbel il-bidla attwali fil-valur ta' l-iskopertura għall-kontroparti fuq medda ta' jum mal-bidla stmata fil-valur ta' l-iskopertura billi tuża l-metodu tal-Mudelli Interni maħdum skond għeluq il-jum ta' preċedenti Hemm eċċezzjoni għal kull osservazzjoni li fiha l-bidla attwali fl-iskopertura taqbeż l-istima tal-mudell intern. Skond in-numru ta' eċċezzjonijiet fl-osservazzjonijiet għall-20 kontroparti fuq l-aktar 250 jum ta' negozju reċenti (li jkunu jħaddnu 5000 osservazzjoni), ir-riżultat ta' l-istima li jagħti l-mudell intern għandu jiżdied bl-użu ta-sett multiplikatur li hemm fit-Tabella 1.

Tabella 1

| Żona | Numru ta' eċċezzjonijiet | Multiplikatur |
|---|---|---|
| Żona Ħadra | 0-99 | 1 |
| Żona Safra | 100-119 | 1.13 |
| | 120-139 | 1.17 |
| | 140-159 | 1.22 |
| | 160-179 | 1.25 |
| | 180-199 | 1.28 |
| Żona Ħamra | 200 jew aktar | 1.33 |

Bħala parti mit-testijiet retrospettivi tagħha, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tikkonforma li l-eċċezzjonijiet mhumiex ikkonċentrati fl-iskoperturi tagħha lejn kontroparti jew aktar.

410. Il-valur ta' l-iskopertura aġġustat għal kollox (E*) għall-istituzzjonijiet tal-kreditu li jużaw il-metodu tal-Mudelli Interni għandu jinħadem skond il-formula li ġejja:

E* = max {0, [(∑E - ∑C) + (l-istima tar-riżultat tal-multiplikatur x tal-mudelli interni kif xieraq)]}

Meta l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju jinħadmu skond l-Artikoli 78 sa 83 tas-Subsezzjoni 1, E huwa l-valur ta' l-iskopertura għal kull skopertura separata skond il-ftehim li kieku japplika fin-nuqqas ta' protezzjoni tal-kreditu.

Meta l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u l-ammonti tat-telf mistenni jinħadmu skond l-Artikoli 84 sa 89, E huwa l-valur ta' l-iskopertura għal kull skopertura separata skond il-ftehim li kieku japplika fin-nuqqas ta' protezzjoni tal-kreditu.

C huwa l-valur tas-suq attwali tat-titoli missellfa, mixtrija jew irċevuti jew il-kontanti missellfa jew irċevuti fir-rigward ta' kull skopertura bħal din.

∑(E) huwa s-somma ta' l-Ejiet kollha skond dan il-ftehim.

∑(E) huwa s-somma tas-Cjiet kollha skond dan il-ftehim.

411. Fil-kalkolu tar-rekwiżiti kapitali bl-użu tal-mudelli interni, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jużaw ir-riżultat mudell tal-jum ta' negozju preċedenti.

*53.3.2. Il-kalkolu ta' l-ammonti ta' skoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u ammonti ta' telf mistenni għal tranżazzjonijiet bil-patt ta' xiri lura u/jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli jew prodotti u/jew tranżazzjonijiet kapitali oħra mmexxija mis-swieq finanzjarji u koperti minn ftehimiet ewlenin għall-kumpens*

Metodoloġija Standardizzata

412. E* kif maħdum skond il-paragrafi 5 sa 22 għandu jittieħed bħala l-valur ta' l-iskopertura għall-kontroparti li joħroġ mit-tranżazzjonijiet suġġetti għall-ftehim ewlieni għall-kumpens għall-fini ta' l-Artikolu 80.

Il-Metodoloġija tal-Fondazzjoni IRB

413. E* kif maħdum skond il-paragrafi 5 sa 22 għandu jittieħed bħala l-valur ta' l-iskopertura għall-kontroparti li joħroġ mit-tranżazzjonijiet suġġetti għall-ftehim ewlieni għall-kumpens għall-fini ta' l-Anness VII.

**53.4. Kollateral finanzjarju:**

*53.4.1. Kollateral finanzjarju: Metodu Sempliċi*

414. Il-Metodu Sempliċi għall-Kollateral Finanzjarju għandu jkun disponibbli biss meta l-ammont ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju jinħadmu skond l-Artikoli 78 sa 83. Istituzzjoni ta' kreditu ma tistax tuża kemm il-Metodu Sempliċi għall-Kollateral Finanzjarju kif ukoll il-Metodu Komprensiv għall-Kollateral Finanzjarju.

Valutazzjoni

415. Skond dan il-metodu, il-kollateral finanzjarju rikonoxxut jingħata valura indaqs għall-valur tas-suq tiegħu kif idderminat skond il-Parti 2, paragrafu 6.

Il-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-skoperturi b'piż differenzjat għar-riskju

416. Il-piż differenzjat għar-riskju li kieku japplika skond l-Artikoli 78 sa 83 kieku min qed isellef kellu skopertura diretta għall-istrument kollaterali għandu japplika għall-porzjoniiet ta' dawk il-krediti koperti mill-valur tas-suq tal-kollateral rikonoxxut. Il-piż differenzjat għar-riskju fuq il-prozjon kollateralizzat għandha tkun minimu ta' 20% minbarra kif speċifikat fil-paragrafi 28 sa 30. Il-bqija ta' l-iskopertura għandha tirċievi l-piż differenzjat għar-riskju li kieku jkun applikat lil skopertura mhux garantita lill-kontroparti skond l-Artikoli 78 sa 83.

Tranżazzjonijiet bil-patt ta’ xiri lura u tranżazzjonijiet ta’ għoti jew teħid b’self ta’ t-titoli

417. Piż differenzjat tar-riskju ta’ 0% irid ikun applikat lill-porzjon kollateralizzat ta’ l-iskopertura li tirriżulta mit-tranżazzjonijiet li jilħqu l-kriterji mniżżla fil-paragrafi 59 u 60. Jekk il-kontroparti għat-tranżazzjoni mhix parteċipant ewlieni fis-suq, jiġi applikat piż differenzjat għar-riskju ta’ 10%.

Tranżazzjonijiet derivattivi OTC soġetti għal rivalutazzjoni ta’ kuljum (*mark-to-market*)

418. Piż differenzjat għar-riskju ta' 0%, skond il-medda tal-kollateralizzazzjoni, jiġi applikat għall-valuri ta’ l-iskopertura ddeterminati fl-Anness III għall-istrumenti derivattivi elenkati fl-Anness IV u suġġetti għal marking-to-market ta’ kuljum, ikollateralizzati minn flus jew strumenti assimilabbli, meta ma jkunx hemm nuqqas ta’ qbil fil-valuta. Piż differenzjat għar-riskju ta' 10% għandu japplika għall-medda ta' kollateralizzazzjoni għall-valuri ta' l-iskopertura ta' tranżazzjonijiet bħal dawn kollateralizzati b’titoli ta’ dejn maħruġa mill-gvernijiet ċentrali jew mill-banek ċentrali li jirċievu piz differenzjat għar-riskju ta’ 0% skond l-Artikoli 78 sa 83.

Għall-fini ta’ dan il-paragrafu ‘titoli ta’ dejn maħruġa mill-gvernijiet ċentrali jew mill-banek ċentrali’ se titqies bħala li tinkludi -

(a) titoli ta’ dejn maħruġa minn gvernijier reġjonali jew awtoritajiet lokali, li l-iskoperturi għalihom jitiqiesu bħala skoperturi lill-gvern ċentrali li fil-ġrisdizzjoni tiegħu dawn huma stabbiliti skond l-Artikoli 78 sa 83;

(b) titoli ta’ dejn maħruġa minn banek għall-iżvilupp multilaterali li għalihom jiġi applikat piz differenjat ta’ riskju ta’ 0% skond l-Artikoli 78 sa 83;

(c) titoli ta’ dejn maħruġa minn organizzazzjonijiet internazzjonali li għalihom jiġi applikat piz differenjat ta’ riskju ta’ 0% skond l-Artikoli 78 sa 83;

Tranżazzjonijiet oħra

419. Jista’ jiġi applikat piż differenzjat għar-riskju ta’ 0% meta l-iskopertura u l-kollateral jiġu ddenominati bl-istess valuta, u jekk

(a) il-kollateral huwa depożitu fi flus jew strument assimilabbli; jew

(b) il-kollateral huwa fil-forma ta’ titoli ta’ dejn maħruġa mill-gvernijiet ċentrali jew mill-banek ċentrali eliġibbli għal piz differenzjat għar-riskju ta’ 0% skond l-Artikoli 78 sa 83, u l-valur tas-suq tiegħu ikun ingħata skont ta’ 20%.

Għall-fini ta’ dan il-paragrafu ‘titoli ta’ dejn maħruġa mill-gvernijiet ċentrali jew mill-banek ċentrali’ se titqies bħala li tinkludi dawk indikati taħt l-intestatura ta’ qabel.

*53.4.2. Kollateral finanzjarju: Metodu Komprensiv*

420. Fil-valutazzjoni tal-kollateral finanzjarju għall-għanijiet tal-Metodu Komprensiv għall-Kollateral Finanzjarju, l-‘aġġustamenti għall-volatilità’ għandhom jiġu

applikati għall-valur tas-suq tal-kollateral, kif stipulat fil-paragrafi 35 sa 60 taħt, sabiex titqies il-volatilità tal-prezz.

421. Suġġett għat-trattament għal-nuqqas ta’ qbil fil-valuta fil-każ ta’ tranżazzjonijiet f’derivattivi OTC stipulati fil-paragrafu 33, fejn il-kollateral huwa denominat f’valuta li tvarja minn dik li biha ddenominata l-iskopertura sottostanti, aġġustament li jirrifletti l-volatilità fil-valuta għandu jiżdied ma’ l-aġġustament għall-volatilità xieraq għall-kollateral kif stipulat fil-paragrafi 35 sa 60.

422. Fil-każ ta’ tranżazzjonijiet f’derivattivi OTC koperti minn ftehimiet ta’ *netting* rikonoxxuti mill-awtoritajiet kompetenti skond l-Anness III, aġġustament għall-volatilità li jirrifletti l-volatilità fil-valuta għandu jiġi applikat meta jkun hemm nuqqas ta’ qbil bejn il-valuta tal-kollateral u l-valuta tal-ħlas. Anki fil-każ fejn valuti diversi huma involuti fit-tranżazzjonijiet koperti mill-ftehim ta’ *netting*, għandu jiġi applikat aġġustament għall-volatilità wieħed biss.

(a) Il-kalkolu tal-valuri aġġustati

423. Il-valur tal-kollateral aġġustat għall-volatilità li għandu jitqies jinħadem kif ġej fil-każ ta’ kull tranżazzjoni ħlief għal dawk it-tranżazzjonijiet suġġetti għal ftehimiet ewlenin rikonoxxuti għall-kumpens li għandhom jiġu applikati għalihom id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 5 sa 24.

$C_{VA} = C \times (1-H_C-H_{FX})$

Il-valur ta’ l-iskopertura aġġustat għall-volatilità għal-iskopertura li se titiqes jinħadem kif ġej:

$E_{VA} = E \times (1+H_E)$, u fil-każ ta’ tranżazzjonijiet derivattivi OTC $E_{VA} = E$.

Il-valur ta’ l-iskopertura aġġustat għal kollox, li jqis kemm il-volatilità u l-effetti għall-mitigazzjoni tar-riskju tal-kollateral, jinħadem kif ġej:

$E^* = \max \{0, [E_{VA} - C_{VAM}]\}$

Fejn

E huwa l-valur ta’ l-iskopertura kif kieku jiġi ddeterminat skond l-Artikoli 78 sa 83 jew l-Artikoli 84 sa 89 kif xieraq jekk l-iskopertura ma kenitx ikkollateralizzata.

$E_{VA}$ huwa l-ammont ta’ l-iskopertura aġġustat għall-volatilità.

CVA huwa l-valur aġġustat għall-volatilità tal-kollateral.

$C_{VAM}$ huwa $C_{VA}$ aġġustat ulterjorment għa kull nuqqas ta’ qbil fil-maturità skond id-dispożizzjonijiet tal-Parti 4.

$H_E$ huwa l-aġġustament għall-volatilità għal-iskopertura (E), kif maħduma skond il-paragrafi 35 sa 60:

$H_C$ huwa l-aġġustament għall-volatilità xieraq għall-kollateral, kif maħdum skond il-paragrafi 35 sa 60:

$H_{FX}$ huwa l-aġġustament għall-volatilità xieraq għal nuqqas ta' qbil fil-valuta, kif maħdum skond il-paragrafi 35 sa 60.

E* huwa l-valur tal-kollateral aġġustat għal kollox ta' l-iskopertura u l-effetti għall-mitigazzjoni tar-riskju tal-kollateral.

(b) Il-kalkolu li għandu jiġi applikat għall-aġġustamenti għall-volatilità

424. L-aġġustamenti għall-volatiltà jistgħu jiġu kkalkulati b'żewġ modi: il-metodoloġija 'Superviżorja' jew ta' l-'Estimi Proprji' għall-aġġustamenti għall-volatilità

425. Istituzzjoni ta' kreditu tista' tagħżel li tuża metodoloġija Superviżorja għall-aġġustmaneti tal-volatilità jew dik ta' l-Estimi Proprji indipendentement mill-għażla li għamlet bejn l-Artikoli 78 sa 83 u l-Artikoli 84 sa 89 għall-kalkolu ta' l-ammonti b'piz differenjzat ta' l-iskoperturi. Madankollu, jekk l-istituzzjonijiet tal-kreditu jfittxu li jużaw il-metodoloġija ta' l-Estimi Proprji, għandhom jagħmlu hekk għall-firxa sħiħ tat-tipi ta' strument, imbarra l-portfolji mhux rilevanti li għalihom jistgħu jużaw il-metodoloġija Superviżorja għall-aġġustamenti għall-volatilità.

Meta l-kollateral jikkonsisti minn numru ta' elementi magħrufa, l-aġġustament għall-volatilità għandu jkun $H = \sum_i a_i H_i$, fejn $a_i$ huwa proprzjon ta' l-element għall-kollateral bħala sħiħ u and $H_i$ huwa l-aġġustament għall-volatilità applikabbli għal dak l-element.

*(i) Aġġustamenti għall-volatilità superviżorji*

426. L-aġġustamenti għall-volatilità għandhom jiġu applikati skond il-metodoloġija Sueprrviżorja għall-aġġustmaneti għall-volatilità (bl-ipoteżi ta' valutazzjoni mill-ġdid ta' kuljum) għandhom ikunu dawk stipulati fit-tabelli 2 sa 5.

AĠĠUSTAMENTI GĦALL-VOLATILITÀ

Tabella 2

| Skaluna ta' kwalità tal-kreditu li hija assoċjata miegħu l-valutazzjoni tal-kreditu tat-titolu ta' debitu | Maturità residwa | Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġa minn entitajiet deskritti f'Parti 1, paragrafu 7 (b) | | | Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġa minn entitajiet deskritti f'Parti 1, paragrafi 7 (c) u (d). | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%) | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 5 ijiem (%) | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%) | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%) | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 5 ijiem (%) |

| | | (%) | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| 1 | ≤ sena (1) | 0.707 | 0.5 | 0.354 | 1.414 | 1 | 0.707 |
| | ≤ 5 snin | 2.828 | 2 | 1.414 | 5.657 | 4 | 2.828 |
| | > 5 snin | 5.657 | 4 | 2.828 | 11.314 | 8 | 5.657 |
| 2-3 | ≤ sena(1) | 1.414 | 1 | 0.707 | 2.828 | 2 | 1.414 |
| | >1 ≤ 5 snin | 4.243 | 3 | 2.121 | 8.485 | 6 | 4.243 |
| | > 5 snin | 8.485 | 6 | 4.243 | 16.971 | 12 | 8.485 |
| 4 | ≤ sena (1) | 21.213 | 15 | 10.607 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| | >1 ≤ 5 snin | 21.213 | 15 | 10.607 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |
| | > 5 snin | 21.213 | 15 | 10.607 | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli | Mhux applikabbli |

Tabella 3

| Skaluna ta' kwalità tal-kreditu li hija assoċjata miegħu l-valutazzjoni tal-kreditu tat-titolu ta' debitu b'terminu qasir | Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġa minn entitajiet deskritti f'Parti 1, paragrafu 7 (b) b'valutazzjonijiet tal-kreditu b'terminu qasir | | | Aġġustamenti għall-volatilità għal titoli ta' dejn maħruġa minn entitajiet deskritti f'Parti 1, paragrafi 7 (c) u (d) b'valutazzjonijiet tal-kreditu b'terminu qasir | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%) | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%) | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 5 ijiem (%) | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%) | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%) | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 5 ijiem (%) |
| 1 | 0.707 | 0.5 | 0.354 | 1.414 | 1 | 0.707 |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 2-3 | 1.414 | 1 | 0.707 | 2.828 | 2 | 1.414 |

Tabella 4

| Tipi oħra ta' kollateral jew skopertura | | | |
|---|---|---|---|
| | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%) | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 10 ijiem (%) | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 5 ijiem (%) |
| Indiċi prinċipali ta' l-Istrumenti tal-kapital, Indiċi Prinċipali tal-Bonds Konvertibbli | 21.213 | 15 | 10.607 |
| Strumenti tal-Kapital jew Bonds Konvertibbli oħra nnegozjati fuq borża rikonoxxuta | 35.355 | 25 | 17.678 |
| Flus likwidi | 0 | 0 | 0 |
| Deheb | 21.213 | 15 | 10.607 |

Tabella 5

| Aġġustament għall-volatilità għal nuqqas ta' qbil fil-valuta | | |
|---|---|---|
| Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%) | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 20 jum (%) | Perjodu ta' likwidazzjoni ta' 5 ijiem (%) |
| 11.314 | 8 | 5.657 |

427. Għal tranżazzjonijiet ta' għoti b'self garantit, il-perjodu ta' likwidazzjoni għandu jkun ta' 20 jum ta' xogħol. Għal tranżazzjonijiet b'patt ta' xiri lura (ħlief meta tranżazzjonijiet bħal dawn jinvolvu t-trasferiment ta' prodotti jew drittijiet garantiti marbuta ma' intitolazzjoni għall-prodotti) u tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli, il-perjodu ta' likwidazzjoni għandu jkun ta' 5 jiem ta' xogħol. Għal tranżazzjonijiet kapitali oħra mmexxija mis-swieq finanzjarji, il-perjodu ta' likwidazzjoni għandu jkun ta' 10 jiem ta' xogħol.

428. Fit-tabelli 2 sa 5 u fil-paragrafi 40 to 42, l-iskaluna tal-kwalità tal-kreditu li biha valutazzjoni tal-kreditu ta' titolu ta' debitu hija assoċjata hija l-iskaluna tal-kwalità tal-kreditu li biha l-valutazzjoni tal-kreditu esterna hija determinata mill-awtoritajiet kompetenti li se jkunu assoċjati skond l-Artikoli 78 sa 83. Għal dawn l-għanijiet, japplika wkoll paragrafu 10 tal-Parti 1.

429. Għal titoli mhux eliġibbli misselfa jew mibjugħa taħt tranżazzjonijiet b'patt għall-xiri lura jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli, l-aġġustament għall-volatilità huwa l-istess għal strumenti tal-kapital (*main index equities*) ikkwotati f'borża rikonoxxuta.

430. Għal unitajiet eliġibbli f'entitajiet ta' investiment kollettiv, l-aġġustament għall-volatilità huwa l-ogħla aġġustament għall-volatilità li kieku japplika, fid-dawl tal-perjodu ta' likwidazzjoni tat-tranżazzjoni kif speċifikat fil-paragrafu 38, għal kwalunkwe mill-assi li l-fond għandu dritt jinvesti fihom.

431. Għal titoli ta' dejn mhux ikklassifikati maħruġa minn istituzzjonijiet u li jissodisfaw il-kriterji ta' l-eliġġibbiltà f'Parti 1, paragrafu 8, l-aġġustament għall-volatilità għandu jkun l-istess bħal dak għat-titoli maħruġa minn istituzzjonijiet jew impriżi b'valutazzjoni tal-kreditu esterna assoċjata ma' l-iskaluni tal-kwalità tal-kreditu 2 jew 3.

*(ii) Estimi proprji ta' l-aġġustamenti għall-volatliità*

432. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jħallu lill-istituzzjonijiet li jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati fil-paragrafi 48 sa 57 jużaw l-estimi proprji tagħhom tal-volatilità biex jikkakulaw l-aġġustamenti għall-volatilità li għandhom jiġu applikati lill-kollateral u lill-iskoperturi.

433. Meta titoli ta' dejn jkollhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI rikonoxxut ekwivalenti għal klassifikazzjoni ta' investiment jew aħjar, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu jikkalkulaw stima tal-volatilità għal kull kategorija ta' titolu.

434. Fid-determinazzjoni tal-kategoriji rilevanti, l-istutuzzjonijiet tal-kreditu għandhom iqisu it-tip ta' min ikun qed joħroġ it-titolu, il-valutazzjoni tal-kreditu esterna tat-titoli, il-maturità residwa, u d-dewmien modifikat tagħhom. L-estimi għall-volatilità għandhom ikunu rappreżentattivi tat-titoli inklużi fil-kategorija mill-istituzzjoni ta' kreditu.

435. Għal titoli ta' dejn li għandhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI rikonoxxut ekwivalenti għal klassifikazzjoni ta' investiment jew aħjar u għal kollateral eliġibbli ieħor, l-aġġustamenti għall-volatilità għandhom ikunu kkalkulati għal kull element individwali.

436. L-istituzzjonijiet tal-kreditu li jużaw il-metodoloġija ta' l-Estimi Proprji għandhom jistimaw il-volatilità tan-nuqqas ta' qbil tal-kollateral jew tal-kambju barrani mingħajr ma jqisu korrelazzjonijiet bejn l-iskopertura mhux garantita, il-kollateral u /jew ir-rati tal-kambju.

Kriterji Kwantitattivi

437. Għall-kalkolu ta' l-aġġustamenti għall-volatilità, għandu jintuża intervall ta' kunfidenza unilaterali, tad-99 perċentili.

438. Għal tranżazzjonijiet li jisellfu ggarantiti, il-perjodu ta' likwidazzjoni għandu jkun ta' 20 jum ta' xogħol. 5 jiem ta' xogħol għal tranżazzjonijiet b'patt ta' xiri lura ħlief meta tranżazzjonijiet bħal dawn jinvolvu t-trasferiment ta' prodotti jew drittijiet garantiti marbuta ma' intitolazzjoni għall-prodotti u tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli u 10 jiem ta' xogħol għal tranżazzjonijiet kapitali oħra mmexxija mis-swieq finanzjarji.

439. L-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu jużaw in numri ta' l-aġġustamenti għall-volatilità ikkalkulati skond perjodi ta' likwidazzjoni iqsar jew itwal, imlaħħqa '1 fuq jew '1 isfel għall-perjodu ta' likwidazzjoni stipulat fil-paragrafu 49 għat-tip ta' tranżazzjoni in kwistjoni, bl-użu ta' l-*isquare root* tal-formula dwar iż-żmien.

$$H_M = H_N \sqrt{T_M / T_N}$$

fejn $T_M$ huwa l-perjodu ta' likwidazzjoni relevanti;

$H_M$ huwa l-aġġustament għall-volatilità skond il-perjodu ta' likwidazzjoni relevanti;

$H_N$ huwa l-aġġustament għall-volatilità ibbażat fuq il-perjodu ta' likwidazzjoni relevanti $T_N$;

440. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom iqisu l-illikwidità ta' l-assi ta' kwalità anqas. Il-perjodu ta' likwidazzjoni għandu jiġi aġġustat 'il fuq f'każi fejn hemm dubju dwar il-likwidità tal-kollateral. Għandhom ukoll jidentifikaw fejn it-tagħrif storiku jista' jissottovaluta l-volatilità potenzjali, eż valuta marbuta (*pegged*) Każi bħal dawn għandhom jiġu ttrattati permezz ta' xenarju ta' stress.

441. Il-perjodu ta' osservazzjoni storiku (perjodu kampjun) għall-kalkolu ta' l-aġġustamenti għall-volatilità għandhom ikunu ta' tul minimu ta' sena. Għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw sistema ta' koeffiċjenti jew metodi oħra għall-perjodu ta' osservazzjoni storika, il-perjodu effettiv ta' l-osservazzjoni għandu jkun ta' sena mill-inqas (jiġifieri, id-differenza fiż-żmien medja u b'koeffiċjent ta' l-osservazzjonijiet individwali m'għandhiex tkun ta' inqas minn 6 xhur). L-awtoritajiet kompetenti jistgħu wkoll jeżiġu li istituzzjoni ta' kreditu taħdem l-aġġustamenti tagħha għall-volatilità billi tuża perjodu ta' osservazzjoni iqsar jekk, fil-fehma ta' l-awtorità kompetenti, dan ikun ġustifikat minn żieda sinifikanti fil-volatilità tal-prezzijiet.

442. L-istituzzjonijiet tal-kreditu għandhom jaġġornaw is-settijiet tad-*data* tagħhom mill-inqas darba kull tliet xhur u għandhom ukoll jevalwawhom mill-ġdid kull meta l-prezzijiet tas-suq ikunu suġġetti għal bidliet materjali. Dan jimplika li l-aġġustamenti għall-volatilità għandhom jinħadmu mill-inqas kull tliet xhur.

Kriterji Kwalitattivi

443. L-istimi tal-volatilità għandhom jintużaw fil-proċess ta' ġestjoni tar-riskju ta' l-istituzzjoni ta' kreditu li jsir minn jum għall-ieħor inkluż f'relazzjoni mal-limiti interni ta' l-iskopertura.

444. Jekk il-perjodu ta' likwidazzjoni użat mill-istituzzjoni ta' kreditu fil-proċess ta' ġestjoni tar-riskju li jsir minn jum għall-ieħor ikun itwal minn dak stipulat f'din il-Parti għal dan it-tip ta' tranżazzjoni in kwistjoni, l-aġġustamenti għall-volatilità ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għandhom jiġu mlaħħqa '1 fuq skond l-i*square root* tal-formula stipulata fil-paragrafu 50.

445. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha jkollha proċeduri stabbiliti għall-monitoraġġ u għall-iżgurar tal-konformità ma' sett dokumentat ta' *policies* u kontroll għall-operat

tas-sistema tagħha għall-istima ta' l-aġġustamenti għall-volatilità u għall-integrazzjoni ta' stimi bħal dawn fil-proċess tagħha għall-ġestjoni tar-riskju.

446. Għandu jkun hemm analiżi indipendenti u regolari tas-sistema ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għall-aġġustamenti għal-volatilità fi ħdan il-proċess ta' verifika interna ta' l-istituzzjoni ta' kreditu. Għandu jkun hemm, mill-inqas darba fis-sena, analiżi tas-sistema kollha ta' l-aġġustamenti għall-volatilità u għall-integrazzjoni ta' dawn l-aġġustamenti fil-proċess għall-ġestjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu, u din l-analiżi għandu bħala minimu jindirizza speċifikament:

(a) l-integrazzjoni ta' l-aġġustamenti għall-volatilità stmati fil-ġestjoni tar-riskju ta' kuljum;

(b) il-validazzjoni ta' kull bidla sinifikanti fil-proċess ta' l-istima ta' l-aġġustamenti għall-volatilità

(c) il-verifikar tal-konsistenza, il-puntwalità u l-affidabbiltà ta' l-għejun ta' informazzjoni użati sabiex titmexxa s-sistema għall-istima ta' l-aġġustmaneti għall-volatilità, inkluż l-indipendenza ta' dawn l-għejun;

(d) il-preċiżjoni ta' l-ipoteżi dwar il-volatilità u kemm hija xierqa

*(iii) Tlaħħiq 'il fuq ta' l-aġġustamenti għall-volatilità*

447. L-aġġustamenti għall-volatilità stipulati fil-paragrafi 37 sa 42 huma l-aġġustamenti għall-volatilità li għandhom jiġu applikati meta jkun hemm rievalwazzjoni mill-ġdid ta' kuljum. Bl-istess mod, meta istituzzjoni ta' kreditu tuża l-estimi proprji tagħha għall-aġġustamenti għall-volatilità skond il-paragrafi 43 sa 57, daw għandhom jinħadmu fil-bidu fuq il-bażi ta' rievalwazzjoni ta' kuljum. Jekk il-frekwenza tar-rievalwazzjoni hija inqas minn ta' kuljum, għandhom jiġu applikati aġġustamenti għall-volatilità akbar. Dawn għandhom jitħaddmu billi jitlaħħqu 'l fuq l-aġġustamenti għall-volatilità tar-rievalwazzjoni ta' kuljum, bl-użu tal-formula 'square root of time' li ġejja:

$$H = H_M \sqrt{\frac{N_R + (T_M - 1)}{T_M}}$$

fejn

H huwa l-aġġustament għall-volatilità li għandu jiġi applikat

$H_M$huwa l-aġġustament għall-volatilità fejn ikun hemm rievalwazzjoni ta' kuljum

$N_R$ huwa n-numru attwali ta' jiem ta' negozju bejn ir-rievalwazzjoni

$T_M$ huwa l-prjodu ta' likwaidazzjoni għat-tip ta' tranżazzjoni in kwistjoni.

*(iv) Kundizzjonijiet għall-applikar ta' aġġustament għall-volatilità ta' 0%*

448. F'dak li għandu x'jaqsam ma' tranżazzjonijiet b'pat ta' xiri lura jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli, meta istituzzjoni ta' kreditu tuża l-metodoloġija

Superviżorja għall-aġġustamenti għall-volatilità jew il-metodoloġija ta' l-Estimi Proprji u fejn il-kundizzjonijiet stipulati fil-punt (a) sa (h) ikunu ġew sodisfatti, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jħallu lill-istituzzjonijiet ta' kreditu ma japplikawx l-aġġustamenti għall-volatilità maħduma skond il-paragrafi 35 sa 58 u minflok japplikaw aġġustament għall-volatilità ta' 0%. Din l-għażla mhix disponibbli fir-rigward ta' istituzzjonijiet tal-kreditu li jużaw il-metodu tal-Mudelli Interni stipulata fil-paragrafi 12 sa 22.

(a) Kemm l-iksopertura kif ukoll il-kollaterla huma flus jew titoli li jaqgħu fi ħadna il-Parti 1, paragrafu 7(b)

(b) Sew l-iskopertura u sew il-kollateral huma ddenominati fl-istess valuta.

(c) Jew il-maturità ta-tranżazzjoni mhix ta' aktar minn jum jew inkella sew l-iskopertura u sew il-kollateral huma suġġetti għal *marking-to-market* jew adegwament għall-marġini ta' kuljum.

(d) Huwa meqjus li ż-żmien bejn l-aħħar *marking-to-market* qabel adegwament għall-marġini li jonqos milli jseħħ min-naħa tal-kontroparti u l-likwidazzjoni tal-kollateral m'għandux ikun ta' aktar minn erbat ijiem ta' xogħol.

(e) It-tranżazzjoni titħallas bis-saħħa ta' sistema ta' ħlas ippruvata għal dak it-tip ta' tranżazzjoni;

(f) id-dokumentazzjoni li tkopri l-ftehim hija dokumentazzjoni tas-suq li tintuża normalment għal tranżazzjonijiet b'patt ta' xiri lura jew tranżazzjonijiet ta' għoti jew teħid b'self ta' titoli fit-titoli kkonċernati.

(g) It-tranżazzjoni titmexxa minn dokumentazzjoni li tispeċifika li jekk il-kontroparti naqsitx milli tissodisfa obbligazzjoni biex tikkonsenja flus jew titoli jew biex tikkonsenja marġini jew inkella twettaq b'xi mod ieħor inadempjenza, it-tranżazzjoni hija terminabbli minnufih.

(h) Il-kontroparti meqjusa bħala 'parteċipant ewlieni tas-suq' mill-awtoritajiet kompetenti Il-parteċipanti ewlenin ta-suq jistgħu jinkludu l-entitajiet li ġejjin:

– L-entitajiet imsemmija fil-paragrafu 7(b) tal-Parti 1, liema skoperturi jirċievi piż differenzjat għar-riskju ta' 0% skond l-Artikoli 78 sa 83;

– istituzzjonijiet;

– kumpaniji finanzjarji oħra (inkluż kumpaniji ta' l-assigurazzjoni), liema skoperturi jirċievu piż differenzjat għar-riskju ta' 20% skond l-Artikoli 78 sa 83 jew li, f'każ ta' istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u l-ammonti tat' telf mistenni sakond l-Artikoli 83 sa 89, m'għandhomx valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI rikonoxxut u huma kklassifikati internament bħala li għandhom proabbiltà ta' inadempjenza ekwivalenti għal dik assċojata mal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' ECAIs determinati lill-awtoritajiet kompetenti biex ikunu assoċjati ma' l-iskaluna tal-kwalità tal-kreditu 2 jew ogħla skond ir-regoli għal-ippeżar tar-riskju għall-impriżi skond l-Artikoli 78 sa 83.

– impriżi regolati ta’ l-investimenti kollettivi li huma soġġetii għal rekwiżiti ta’ kapital jew ta ingranaġġ finanzjarju

– fondi tal-pensjoni regolati; u

– organizzajonijiet għall-kumpens rikonoxxuti

449. Fejn awtorità kompetenti tippermetti t-trattament stipulat fil-paragrafu 59 jiġi applikat fi każ ta’ tranżazzjonijiet b’patt ta’ xiri lura jew tranżazzjonijiet ta’ għoti jew teħid b'self ta’ titoli maħruġa mill-gvern domestiku ta’ l-awtorità, awtoritajiet kompetenti oħra jistgħu jagħżlu li jħallu lil-istituzzjonijiet ta’ kreditu inkorporati fil-ġuriżdizzjoni tagħhom li jadottaw l-istess metodu għall-istess tranżazzjonijiet.

(c) Il-kalkolu ta’ l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju u l-ammonti tat-telf mistenni

Metodoloġija Standardizzata

450. E* kif maħdum skond il-paragrafu 34 għandu jittieħed bħala l-valur ta’ l-iskopertura għall-fini ta’ l-Artikolu 80.

Il-Metodoloġija tal-Fondazzjoni IRB

451. LGD* * (Loss Given Default – it-telf effettiv f’każ ta’ inadempjenza) kif maħdum skond kif stipulat f’dan il-paragrafu għandu jittieħed bħala l-LGD għall-fini ta’ l-Anness VII.

LGD* = Max {0, LGD x [(E*/E]}

fejn

LGD huwa it-telf f’każ ta’ inadempjenza li kien japplika għall-iskopertura skond l-Artikoli 84 sa 89 kieku din ma kenitx ikkollateralizzata.

E huwa l-valur ta’ l-skopertura skond l-Artikoli 84 sa 89.

E* jinħadem skond il-paragrafu 34.

**53.5. Kollateral eliġbbli ieħor għall-Artikoli 84 sa 89**

*53.5.1. Valutazzjoni*

(a) Kollateral immobiljari

452. Il-propjeta għandha tiġi stmata minn espert indipendenti bil-prezz tas-suq jew inqas. F'dawk l-Istati Membri li jkunu stabbilew kriterji rigorużi għall-assessjar tal-valur tas-self b'*mortgage* fid-dispożizzjonijiet statutorji jew regolatorji, il-propjetà minflok tista’ tiġi stmata minn espert indipendenti bil-valur tas-self tal-*mortgage* jew inqas.

453. Valur tas-suq ifisser l-ammont stmat li għalih tinbiegħ il-proprjetà dakinhar ta' l-istima bejn bejjiegħ u xerrej konsenzjenti bil-kundizzjonijiet ta-suq normali wara promozzjoni kummerċjali xierqa, fejn il-partijiet ikunu aġixxew b'għarfien, b'mod

prudenti u mingħajr ma kienu mġiegħla. Il-valur tas-suq għandu jiġi ddokumentat b'manjiera trasparenti u ċara

454. Il-valur ta' self b'*mortgage* għandu jfisser il-valur tal-proprjetà kif iddeterminat minn valutazzjoni prudenzjali tal-potenzjal tal-bejgħ fil-futur tal-propjetà billi jitqiesu l-aspetti sostenibbli fit-tul tal-proprjetà, il-kundizzjonijiet normali u lokali tas-suq, l-użu kurrenti u l-użu xieraq u alternattiv tal-proprjetà. Elementi spekulattivi m'għandhomx ikunu meqjusa fl-estimi tal-valur tas-self b'm*ortgage.* Il-valur tas-self b'*mortgage* għandu jkun iddokumentat b'manjiera trasparenti u ċara.

455. Il-valur tal-kollateral għandu jkun il-valur tas-suq jew il-valur tas-self b'*mortgage* imnaqqas kif xieraq biex jirrifletti r-riżultati tal-monitoraġġ meħtieġ skond il-Parti 2, paragrafu 8 u u biex iqis kwalunkwe pretenzjoni preċedenti fuq il-proprjetà.

(b) Krediti

456. Il-valur tal-kreidti għandu jkun l-ammont li jista' jiġi rċevut.

(c) Kollateral fiżiku ieħor

457. Il-proprjetà għandha tiġi stmata bil-valur tas-suq tagħha, jiġifieri l-ammont stmat li għalih kieku tinbiegħ il-proprjetà dakinhar ta' l-istima bejn bejjiegħ u xerrej konsenzjenti fi tranżazzjoni bil-kundizzjonijiet tas-suq normali.

*53.5.2. Il-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u l-ammonti tat-telf mistenni*

(a) Trattamenti ġenerali

458. LGD* (*Loss Given Default* – it-telf effettiv f'każ ta' inadempjenza) kif maħdum skond kif stipulat fil-paragrafi 70 sa 73 għandu jittieħed bħala l-LGD għall-fini ta' l-Anness VII.

459. Fejn il-proporzjon tal-valur tal-kollateral (C) għall-valur ta' l-iskopertura (E) huwa taħt livell limitu ta' C* (il-livell minimu meħtieġ ta' kollateralizzazzjoni għall-iskopertura) kif stipulat fit-Tabella 6, LGD* ikun l-LGD kif stipulat fl-Anness VII għall-iskoperturi kollateralizzati għall-kontroparti.

460. Fejn ir-ratio tal-valur tal-kollateral għall-valur ta' l-iskopertura jaqbeż livell limitu ieħor u ogħla ta' C** (i.e. il-livell meħtieġ ta' kollateralizzazzjoni biex ikun hemm rikonoxximent LGD sħiħ) kif stipulat fit-Tabella 6, LGD* ikun dak preskritt fit-tabella li ġejja.

461. Għal dawn l-għanijiet, fejn il-livell meħtieġ ta' kollateralizzazzjoni C** ma jinkisibx fir-rigward ta' l-iskopertura fit-totalità tagħha, l-iskopertura għandha titqies bħala żewġ skoperturi – dik il-parti li fir-rigward tagħha inkiseb il-livell meħtieġ ta' kollateralizzazzjoni C**, u l-bqija.

462. It-Tabella 6 tistipula l-LGD* applikabbli u l-livelli ta' kollateralizzazzjoni meħtieġa għall-partijiet garantiti ta' l-iskoperturi.

Tabella 6

LGD minimu għall-porzjon garantit ta' l-iskoperturi

| | LGD* għal krediti fl-ogħla skaluna jew krediti potenzjali | LGD* għal krediti subordinati jew krediti potenzjali | Livell minimu meħtieġ ta' kollateralizzazzjoni ta' l-iskopertura (C*) | Livell minimu meħtieġ ta' kollateralizzazzjoni ta' l-iskopertura (C**) |
|---|---|---|---|---|
| Krediti | 35% | 65% | 0% | 125% |
| Proprjetà immobbli residenzjali/kummerċjali | 35% | 65% | 30% | 140% |
| Kollateral ieħor | 40% | 70% | 30% | 140% |

B'deroga, sal-31 ta' Diċmebru 2012, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu, suġġett għall-livelli tal-kollateralizzazzjoni indikati

(a) iħallu lill-istituzzjonijiet tal-kreditu jassenjaw LGD ta' 30% għall-iskoperturi ta' l-ogħla skaluna fil-forma ta' *leasing* għal proprjetà immobbli kummerċjali u

(b) iħallu lill-istituzzjonijiet tal-kreditu jassenjaw LGD ta' 35% għall-iskoperturi ta' l-ogħla skaluna fil-forma ta' *leasing* għat-tagħmir.

Fi tmiem dan il-perjodu, id-deroga għandha tiġi riveduta.

(b) Trattament alternattiv għall-kollateral immobiljari

463. Suġġett għar-rekwiżiti ta' dawn il-paragrafi u l-paragrafu 75 u bħala alternattiva għat-trattament fil-paragrafi 69 sa 73, l-awtoritajiet kompetenti ta' Stat Membru jistgħu jawtorizzaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu japplikaw piż differenzjat għar-riskju ta' 50% għall-parti ta' l-iskopertura li hija kollateralizzata għal kollox bi proprjetà immobiljari residenzjali jew kummerċjali li tkun qiegħda fit-territorju ta' l-Istat membru jekk ikun hemm evidenza li s-swieq rilevanti huma żviluppati sew u ilhom stabbiliti b'rati ta' telf mis-self garantit bil-proprjetà immobiljari residenzjali jew kummerċjali rispettivament li ma jaqbiżx il-limiti li ġejjin:

(a) sa 50% tal-valur tas-suq (jew fejn applikabbli u jekk aktar baxx 60% tal-valur ta-self b'*mortgage*) m'għandux jaqbeż 0.3% tas-self fuq proprjeta' immobiljari residenzjali u/jew kummerċjali pendenti fi kwalunkwe sena partikolari

(b) telf kumplessiv li jkun ġej mis-self garantit minn proprjetà immobiljara residenzjali jew kummerċjali rispettivament m'għandux jaqbeż 0.5% tas-self pendenti garantit b'dik il-forma ta' proprjetà immobiljari fi kwalunkwe sena partikolari.

464. Jekk waħda jew l-oħra minn dawn il-kundizzjonijiet f'paragrafu 74 ma jkunux sodisfatti f'sena partikolari, l-eliġibbiltà għall-użu ta' dan it-trattament għandha tieqaf sakem il-kundizzjonijiet jintlaħqu s-sena ta' wara.

465. L-awtoritajiet kompetenti, li ma jawtorizzawx it-trattament fil-paragrafu 73, jistgħu jawtorizzaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu il-piżijiet differenti tar-riskju permessi taħt dan it-trattament fir-rigward ta' skoperturi garantiti minnn proprjetà immobiljari residenzjali jew kummerċjali rispettivament li tinsab fit-territorju ta' dawk l-Istati Membri li l-awtoritajiet kompetenti tagħhom jawtorizzaw it-trattament suġġett għall-istess kundizzjonijiet bħal dawk li japplikaw f'dak l-Istat Membru.

**53.6. Il-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u l-ammonti tat-telf mistenni fil-każ ta' *pools* imħallta ta' kollateral**

466. Meta l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u l-ammonti tat-telf mistenni jinħadmu skond l-Artikoli 84 sa 89, u skopertura tkun garantita kemm minn kollateral finanzjarju kif ukoll minn kollateral eliġibbli ieħor, LGD* (il-*Loss Given Default* effettiv ) li għandu jittieħed għal-LGD għall-fini ta' l-Anness VII, għandu jinħadem kif ġej:

467. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun meħtieġa taqsam il-valur ta' l-iskopertura aġġustat għall-volatilità (i.e il-valur wara li jiġi applikat l-aġġustament għall-volatilità kif stipulat fil-paragrafu 34) f'porzjonijiet li kull waħda tkun koperta minn tip wieħed biss ta' kollateral. Dan ifisser li l-istituzzjoni ta' kreditu trid taqsam l-iskopertura fil-porzjon kopert mill-kollateral finanzjarju eliġibbli, il-porzjon kopert mill-krediti, il-porzjonijiet koperti mill-kollateral tal-proprjetà immobiljari kummerċjali jew residenzjali, il-porzjon kopert minn kollateral eliġibbli ieħor, u l-porzjon mhux garantit, kif rilevanti.

468. L-LGD* għal kull porzjon ta' l-iskopertura għandu jinħadem separatament skond id-dispożizzjonijiet rilevanti ta' dan l-Anness.

**53.7. Tipi oħra ta' protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata**

*53.7.1. Depożiti ma' istituzzjonijiet ta' kreditu terzi*

469. Meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati fil-Parti2, paragrafu12, il-protezzjoni tal-kreditu li tidħol fit-termini tal-Parti1, paragrafu 23 tista' tiġi ttrattata bħala garanzija mill-istituzzjoni terza.

*53.7.2. Poloz ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja favur istituzzjoni ta' kreditu li ssellef*

470. Meta jiġu sodisfatti l-kundizzjonijiet stipulati fil-Parti 2, paragrafu 13, il-protezzjoni tal-kreditu li tidħol fit-termini tal-Parti 1, paragrafu 24 tista' tiġi ttrattata bħala garanzija mill-kumpanija li tipprovdi l-assigurazzjoni fuq il-ħajja. Il-valur tal-protezzjoni tal-kreditu rikonoxxuta għandha tkun il-valur taċ-ċessjoni tal-polza ta' l-assigurazzjoni fuq il-ħajja.

*53.7.3. Strumenti ta' l-istituzzjonijiet mixtrija mill-ġdid fuq talba*

471. Strumenti eliġibbli taħt il-Parti 1, paragrafu 25 jistgħu jiġu ttrattati bħala garanzija mill-istituzzjoni li qed toħroġ l-istrumenti.

472. Għal dawn l-għanijiet, il-valur tal-protezzjoni tal-kreditu rikonoxxuta għandu jkun li ġej:

(a) meta l-istrument jinxtara bil-valur nominali tiegħu, il-valur tal-protezzjoni jkun ta' dak l-ammont;

(b) meta l-istrument jinxtara bil-valur tas-suq , il-valur tal-protezzjonijikun il-valur ta' l-istrument stmat bl-istess mod bħat-titoli ta' dejn speċifikati fil-Parti 1, paragrafu 8.

## 54. PROTEZZJONI TAL-KREDITU MHUX IFFINANZJATA

### 54.1. Valutazzjoni

473. Il-valur tal-protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata (G) għandu jkun l-ammont li min jipprovdi l-protezzjoni jkun intrabat li jħallas fil-każ ta' inadempjenza jew nuqqas ta' ħlas min-naħa ta' min qed jissellef jew meta jseħħu avvenimenti ta' kreditu speċifikati oħra. Fil-każ ta' derivattivi tal-kreditu li ma jinkludux bħala avveniment ta' kreditu ristrutturar ta' l-obbligazzjoni sottostanti li jinvolvi l-maħfra jew il-posponiment tal-kapital, l-interessi jew ħlasijiet oħra li jirriżultaw f' avveniment ta' telf ta' kreditu (i.e. aġġustament tal-valur jew debitu simili ieħor għall-kont tal-qligħ u t-telf) il-valur tal-protezzjoni tal-kreditu kkalkulata skond l-ewwel sentenza ta' dan il-paragrafu għandha titnaqqas b'40%

474. Meta protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata tkun denominata b'valuta differenti minn dik li tkun denominata biha l-iskopertura (nuqqas ta' qbil fil-valuta), il-valur tal-protezzjoni tal-kreditu għandu jitnaqqas bl-applikazzjoni ta' aġġustament għall-volatilità $H_{FX}$ kif ġej

$G^* = G \times (1-H_{FX})$

fejn

G huwa l-ammont nominali tal-protezzjoni tal-kreditu;

G* huwa G aġġustat għal kull riskju fil-kambju barrani, u

$H_{fx}$ huwa l-aġġustament għal kull nuqqas ta' qbil fil-valuta bejn il-protezzjoni tal-kreditu u l-obbligazzjoni sottostanti.

Fejn ma jkunx hemm nuqqas ta' qbil fil-valuta

$G^* = G$

475. L-aġġustamenti għall-volatilità li għandhom jiġu applikati għal kwalunkwe nuqqas ta' qbil fil-valuta jistgħu jinħadmu fuq il-bażi tal-metodoloġija Superviżorja għall-aġġustamenti għall-volatilità jew il-metodoloġija ta' l-Estimi Proprji kif stipulat fil-paragrafi 35 sa 58.

**54.2. Il-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u l-ammonti tat-telf mistenni**

*54.2.1. Protezzjoni parzjali – tranching*

476. Meta l-istituzzjoni ta' kreditu titrasferrixxi porzjon tar-riskju ta' self fi *tranche* jew aktar, għandhom japplikaw ir-regoli stipulati fl-Artikoli 94 sa 101. Il-limiti ta' rilevanza fuq il-ħlasijiet li taħthom m'għandu jsir l-ebda ħlas fil-każ ta' telf huma meqjusa bħala ekwivalenti għal pożizzjonijiet *first loss* miżmuma u jirriżultaw fi trasferiment tar-riskju maqsum fi *tranches.*

*54.2.2. Metodoloġija Standardizzata*

(a) Protezzjoni sħiħa

477. Għall-fini ta' l-Artikolu 80, g għandu jkun il-piż differenzjat għar-riskju li għandu jiġi assenjat lil skopertura li hija protetta għal kollox mill-protezzjoni mhux iffinazjata ($G_A$),

fejn

g huwa l-piż differenzjat għar-riskju ta' l-iskoperturi lil min qed jipprovdi l-protezzjoni kif speċifikat skond l-Artikoli 78 sa 83; u

$G_A$ huwa l-valur għal G* kif maħdum skond il-paragrafu 85 $C_{VA}$ aġġustat ulterjorment għa kull nuqqas ta' qbil fil-maturità kif stipulat fil-Parti 4.

(b) Protezzjoni parzjali – *tranching*

478. Meta l-ammont protett huwa inqas mill-valur ta' l-iskopertura u l-porzjonijiet protetti u mhux protetti huma kklasifikati l-istess – i.e l-istituzzjoni ta' kreditu u min qed jipprovdi l-protezzjoni jaqsmu t-telf fuq bażi pro rata, jiġi konċess solliev kapitali regolatorju proporzjonali. Għall-fini ta' l-Artikolu 80, E* l-ammont ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju għandhom jinħadmu skond il-formula li ġejja:

$(E-G_A) \times r + G_A \times g$

fejn

E huwa l-valur ta' l-iskopertura

$G_A$ huwa l-valur għal G* kif maħdum skond il-paragrafu 85 aġġustat ulterjorment għal kull nuqqas ta' qbil fil-maturità kif stipulat fil-Parti 4.

r huwa l-piż differenzjat għar-riskju għal min jintrabat bl-obbligazzjoni skond l-Artikoli 78 sa 83;

g huwa l-piż differenzjat għar-riskju ta' l-iskoperturi lil min qed jipprovdi l-protezzjoni kif speċifikat skond l-Artikoli 78 sa 83;

(c) Garanziji sovrani

479. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jestendu t-trattament previst fl-Anness VI, paragrafi 4 sa 6 għall-iskoperturi jew il-porzjonijiet ta' l-iskoperturi garantiti mill-gvern ċentrali jew mill-bank ċentrali, fejn il-garanzija hija denominata fil-valuta domestika ta' min isellef u l-iskopertura hija ffinanzjata f'dik il-valuta.

*54.2.3. Il-Metodoloġija tal-Fondazzjoni IRB*

Protezzjoni sħiħa / Protezzjoni parzjali –klassifikazzjoni ugwali

480. Għall-porzjon kopert ta' l-iskopertura (ibbażat fuq il-valur aġġustat għall-protezzjoni tal-kreditu $G_A$), il-PD għall-fini ta' l-Anness VII, Parti 2 jista' jkun il-PD ta' min jipprovdi l-protezzjoni, jew PD bejn dak ta' min isellef u dak tal-garanti jekk sostituzzjoni sħiħa titqies bħala mhux garantita. Fil-każ ta' skoperturi subordinati u protezzjoni mhux iffinanzjata mhux subordinata, l-LGD li għandu jiġi applikat għall-fini ta' l-Anness VII, Part 2 jista' jkun dak assoċjat mal-krediti kklassifikati l-ogħla.

481. Għal kull porzjon mhux kopert ta' l-iskopertura, il-PD għandu jkun dak ta' min isellef u l-LGD għandu jkun dak ta' l-iskopertura sottostanti.

482. $G_A$ huwa l-valur għal G* kif maħdum skond il-paragrafu 85 $C_{VA}$ aġġustat ulterjorment għal kull nuqqas ta' qbil fil-maturità kif stipulat fil-Parti 4.

**Parti 4 – Nuqqasijiet ta' qbil fil-maturità**

483. Għall-għanijiet tal-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju, nuqqas ta' qbil fil-maturità jseħħ meta l-maturità residwa tal-protezzjoni tal-kreditu tkun inqas minn dik ta' l-iskopertura protetta. Protezzjoni ta' inqas minn tliet xhur maturità residwa, li l-maturità tagħha tkun inqas mill-maturità ta' l-obbligazzjoni sottostanti, m'għandhiex tiġi rikonoxxuta. .

484. Fejn hemm nuqqas ta' qbil fil-maturità, il-protezzjoni tal-kreditu m'għandhiex tiġi rikonoxxuta meta:

(a) il-maturità oriġinali tal-protezzjoni tkun ta' inqas minn sena; jew

(b) l-iskopertura hija skopertura b'terminu qasir speċifikata mill-awtoritajiet kompetenti bħala li hija suġġetta għal limitu ta' jum minflok għal limitu ta'sena fir-rigward tal-valur tal-maturità (M) skond l-Anness VII< Part 2, paragrafu 13.

## 55. DEFINIZZJONI TA' MATURITÀ

485. Suġġett għal massimu ta' 5 snin, il-maturità effettiva tas-sottostanti għandha tkun l-itwal żmien possibbli li jkun baqa' qabel ma' min intrabat bl-obbligazzjoni jkun skedat biex jifdi l-obbligazzjonijiet tiegħu. Suġġett għall-paragrafu 4, il-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu għandha tkun iż-żmien sa l-erqb data li fiha il-protezzjoni tista tintemm jew tiġi tterminata.

486. Fejn hemm l-għażla li l-protezzjoni tiġi tterminata li tkun fid-diskrezzjoni ta' bejjiegħ il-protezzjoni, il-maturità tal-protezzjoni għandha tittieħed bħala ż-żmien sa l-eqreb data li fiha tista' tiġi eżerċitata dik l-għażla. Fejn hemm l-għażla li l-protezzjoni tiġi tterminata li tkun fid-diskrezzjoni ta' bejjiegħ il-protezzjoni u t-termini tal-ftehim minn fejn toriġina l-protezzjoni ikollhom inċentiv pożittiv biex l-istituzzjoni ta' kreditu ssejjaħ it-tranżazzjoni qabel il-maturità kuntrattwali, il-maturità tal-protezzjoni għandha tittieħed bħala ż-żmien sa l-eqreb data li fiha tista' tiġi eżerċitata dik l-għażla; jekk le, għażla bħal din tista' titqies bħala li ma taffettwax il-maturità tal-protezzjoni.

487. Meta derivattiv tal-kreditu ma jkunx miżmum milli jittermina qabel l-iskadenza ta' kwalunkwe perjodu ta' grazzja meħtieġ biex isseħħ inadempjenza fuq l-obbligazzjoni sottostanti bħala riżultat ta' nuqqas ta' ħlas, il-maturità tal-protezzjoni għandha titnaqqas bl-ammont tal-perjodu ta' grazzja.

## 56. VALUTAZZJONI TAL-PROTEZZJONI

### 56.1. Tranżazzjonijiet suġġetti għal protezzjoni tal-kreditu iffinanzjata – Metodu Sempliċi għall-Kollateral Finanzjarju

488. Fejn ikun hemm nuqqas ta' qbil bejn il-maturità tal-iskopertura u l-maturità tal-protezzjoni, il-kollateral m'għandux jiġi rikonoxxut.

**56.2. Tranżazzjonijiet suġġetti għal protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata – Metodu Komprensiv għall-Kollateral Finanzjarju**

489. Il-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu u dik ta' l-iskopertura trid tiġi riflessa fil-valur aġġustat tal-protezzjoni tal-kreditu skond il-formula li ġejja

$C_{VAM} = C_{VA} x (t-t*)/(T-t*)$

fejn

$C_{VA}$ huwa l-valur aġġustat għall-volatilità tal-kollateral kif speċifikat fil-Parti 3, paragrafu 34 jew l-ammont ta' l-iskopertura, ikun liema jkun l-inqas;

t huwa n-numru ta' snin li jkun baqa' għad-data tal-maturità tal-protezzjoni ta' kreditu maħduma skond il-paragrafi 3 sa 5, jew il-valur ta' T, ikun liema jkun l-inqas;

T huwa n-numru ta' snin li jkun baqa' għad-data tal-maturità ta' l-iskopertura maħduma skond il-paragrafi 3 sa 5, jew 5 snin, ikun liema jkun l-inqas; u

t* hija 0.25.

$C_{VAM}$ għandu jittieħed bħala $C_{VA}$ aġġustat ulterjorment għan-nuqqas ta' qbil fil-maturità biex jiġi inkluż fil-formula għall-kalkolu tal-valur aġġustat għal kollox ta' l-iskopertura (E*) stipulat fil-Parti 3, paragrafu 34.

**56.3. Tranżazzjonijiet soġġeti għal protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata**

490. Il-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu u dik ta' l-iskopertura .trid tiġi riflessa fil-valur aġġustat tal-protezzjoni tal-kreditu skond il-formula li ġejja

$G_A = G* x (t-t*)/(T-t*)$

fejn

G* huwa l-ammont għall-protezzjoni aġġustat għal kull nuqqas ta' qbil fil-valuta

$G_A$ huwa G* aġġustat għal kull nuqqas ta' qbil fil-maturità.

t huwa n-numru ta' snin li jkun baqa' għad-data tal-maturità tal-protezzjoni ta' kreditu maħduma skond il-paragrafi 3 sa 5, jew il-valur ta' T, ikun liema jkun l-inqas;

T huwa n-numru ta' snin li jkun baqa' għad-data tal-maturità ta' l-iskopertura maħduma skond il-paragrafi 3 sa 5, jew 5 snin, ikun liema jkun l-inqas; u

t* hija 0.25.

$G_A$ imbagħad jittieħed bħala l-valur tal-protezzjoni għall-għanijiet tal-Parti 3, paragrafi 84 to 93.

## Parti 5 – Tagħqidiet ta’ effetti tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu fil-Metodoloġija Standardizzata

491. Fil-każ fejn istituzzjoni ta’ kreditu li tikkalkula l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju skond l-Artikoli 78 sa 83 ikollha aktar minn forma waħda ta’ mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu (eż. istituzzjoni ta’ kreditu jkollha sew kollateral u sew garanzija li jkun qed ikopru parzjalment skopertura), l-istituzzjoni ta’ kreditu għandha tkun meħtieġa taqsam l-iskopertura f'porzjonijiet koperti minn kull tip ta' għodda għall-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu (eż. porzjon kopert mill-kollateral u porzjon kopert minn garanzija) u l-ammont ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju għal kull porzjon għandu jinħadem għalih skond id-dispożizzjonijiet ta’ l-Artikoli 78 sa 83 u dan l-Anness.

492. Meta l-protezzjoni tal-kreditu pprovduta minn provveditur waħdieni tal-protezzjoni jkollha maturitajiet li jvarjaw, għandha tiġi applikata metodoloġija simili għal dik deskritta fil-paragrafu 1.

## Parti 6: Tekniki tal-basket CRM

### 57. DERIVATTIVI TAL-KREDITU *FIRST-TO-DEFAULT*

493. Meta istituzzjoni ta' kreditu tikseb protezzjoni tal-kreditu għal numru ta' skoperturi skond it-termini li l-ewwel inadempjenza fost l-iskoperturi għandha tagħti bidu għall-ħlas u li dan l-avveniment ta' kreditu għandu jittermina l-kuntratt, l-istituzzjoni ta' kreditu tista' timmodifika l-kalkolu ta' l-ammont ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju u, kif rilevanti, l-ammont ta' telf mistenni ta' l-iskopertura li kieku, fin-nuqqas tal-protezzjoni tal-kreditu, jipproduċi l-aktar ammont baxx ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju skond l-Artikoli 78 sa 83 jew l-Artikoli 84 sa 89 kif xieraq skond dan l-Anness, imma bissa jekk il-valur ta' l-iskopertura jkun inqas jew daqs il-valur tal-protezzjoni tal-kreditu

### 58. DERIVATTIVI TAL-KREDITU nTH-TO-DEFAULT

494. Fil-każ fejn l-inadempjenza *n* (*n*th default ) fost l-iskoperturi tagħti bidu għall-ħlas taħt il-protezzjoni tal-kreditu, l-istituzzjoni ta' kreditu li tkun qed tixtri l-protezzjoni tista' biss tirrikonoxxi l-protezzjoni għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju u, kif rilevanti, l-ammonti ta' telf mistennija jekk il-protezzjoni tkun inkisbet ukoll għall-inadempjenzi 1 to *n*-1 jew meta jkunu diġà seħħew l-inadempjenzi *n*-1. F'każi bħal dawn, il-metodloġija għandha ssegwi dik stipulata fil-pargrafu 1 għad-derivattivi first-to-default modifikati kif xieraq għal prodotti *nth-to-default*.

**ANNESS IX - Titolizzazzjoni**
**Parti 1 – Definizzjonijiet għall-fini ta' l-ANNESS X**

495. Għall-fini ta' dan l-Anness:

– 'Marġni pożittiv' (*excess spread*) tfisser il-ġbir ta' imposti u kummissjonijiet oħra fir-rigward ta' l-iskoperturi titolizzati netti mill-ispejjeż kollha.

– '*Clean-up call option*' tfisser għażla kuntrattwali għall-entità oriġinatriċi (originator) li tixtri mill-ġdid jew ittemm il-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni qabel ma jkunu tħallsu l-iskoperturi sottostanti kollha, meta l-ammont ta' l-iskoperturi pendenti jaqa' taħt livell speċifikat.

– 'Faċilità ta' likwidità' tfisser il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li toħroġ minn ftehim kuntrattwali biex jiġi pprovdut finanzjament sabiex tiġi żgurata l-puntwalità tal-likwidità għall-investituri.

– 'Kirb' tfisser 8% ta' l-ammont ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju li jiġi kkalkulat skond l-Artikoli 84 sa 89 fir-rigward ta' skoperturi titolizzati li kieku ma kinux ġew titolizzati flimkien ma' l-ammont tat-telf mistenni marbuta ma' l-iskoperturi kkalkulati skond dawn l-Artikoli.

– 'Metodu bbażat fuq il-klassifikazzjoni' tfisser il-metodu għall-kalkolu ta' l-ammonti għall-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni skond il-Parti 4, paragrafi 45 sa 49.

– 'Metodoloġija tal-formula superviżjorja' tfisser il-metodu għall-kalkolu ta' l-ammonti għall-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju għal pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni skond il-Parti 4, paragrafi 50 sa 52.

– 'Pożizzjoni mhux klassifikata' tfisser pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li m'għandhiex valutazzjoni tal-kreditu eliġibbli minn ECAI eliġibbli kif definita fl-Artikolu 97.

– 'Pożizzjoni klassifikata' tfisser pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li għandha valutazzjoni tal-kreditu eliġibbli minn ECAI eliġibbli kif definita fl-Artikolu 97.

– 'programm ta' kambjali finanzjarji ggarantit minn assi 'Asset-*backed commercial paper programme*' ('ABCP' programme)' tfisser programm ta' titolizzazzjonijiet li t-titoli maħruġa tiegħu jkunu fil-biċċa l-kbira f'kambjali b'maturità oriġinali ta' sena jew inqas.

**Parti 2 – Rekwiżiti minimi għar-rikonoxximent ta' trasferimenti sinifikattivi tar-riskju tal-kreditu u għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u ammonti ta' telf mistenni għal skoperturi titolizzati**

**59.** IR-REKWIŻITI MINIMI GĦAR-RIKONOXXIMENT TA' TRASFERIMENT TA' RISKJU TAL-KREDITU SINIFIKATTIV F'TITOLIZZAZZJONI TRADIZZJONALI

496. L-istituzzjoni ta' kreditu li toħroġ titolizzazzjoni tradizzjonali tista' teskludi skoperturi titolizzati mill-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u ammonti ta' telf mistenni jekk ir-riskju tal-kreditu assoċjat ma' l-iskoperturi titolizzati jkun ġie trasferit lil partijiet terzi u t-trasferiment jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Id-dokumentazzjoni tat-titolizzazzjoni tirrifletti s-sustanza ekonomika tat-tranżazzjoni.

(b) L-iskoperturi titolizzati jitqiegħdu lil hinn mis-setgħa ta' intervent ta' l-istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi u l-kredituri tagħha, inkluż il-falliment u r-riċevitura Dan għandu jiġi sostnut minn parir legali kkwalifikat.

(c) It-titoli maħruġa ma jippreżentawx obbligi għall-ħlas ta' l-istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi.

(d) Iċ-ċessjonarju huwa suġġet ġuridiku kostiwit ad hoc għat-titolizzazzjoni (*securitisation special-purpose entity (SSPE)*).

(e) L-istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi ma żżommx kontroll effettiv jew indirett fuq l-iskoperturi trasferiti Oriġinatriċi għandu jitqies bħala li żamm kontroll effettiv fuq l-iskopertura trasferita jekk ikollha d-dritt tixtri mill-ġdid miċ-ċessjonarju l-iskoperturi li ġew ittrasferiti qabel sabiex ikunu rrealizzati l-profitti jew jekk obbligat jassumi mill-ġdid riskju trasferit. Iż-żamma, min-naħa ta' l-istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi, ta-drittijiet jew ta' l-obbligi inerenti għall-funzjonijiet amministrattivi (*servicing*) m'għandhiex fiha nnifisha tikkostitwixxi kontroll indirett ta' l-iskoperturi.

(f) Fejn hemm *clean-up call option*, il-kundizzjonijiet li ġejjin huma sodisfatti:

(i) Il-*clean-up call option* tista' tiġi eżerċitata skond id-diskrezzjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi;

(ii) Il-*clean-up call option* tista' biss tiġi eżerċitata meta 10% jew inqas tal-valur oriġinali ta' l-iskoperturi titolizzati jibqgħu mhux amortizzati; u

(iii) Il-*clean-up call option* ma tkunx strutturata biex tevita l-allokazzjoni tat-telf għal pożizzjonijiet tat-tisħiħ tal-kreditu jew pożizzjonijiet oħra li jkollhom l-investituri u li mhix b'mod ieħor strutturata biex tipprovdi tisħiħ tal-kreditu.

(g) Id-dokumentazzjoni tat-titolizzazzjoni ma jkunx fiha klawżoli li

(i) minbarra fil-każ ta' dispożizzjonijiet ta' amortizzazzjoni bikrija, teżiġi li pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni jkunu mtejba mill-istituzzjoni ta' kreditu

oriġinatriċi inkluż, imma mhux biss, it-tibdil ta' l-iskoperturi ta' kreditu sottostanti jew iż-żieda tar-rendita pagabbli lill-investituri bħala reazzjoni għad-deterjorament tal-kwalità ta' kreditu ta' l-iskoperturi titolizzati, jew

(ii) iżidu r-rendita pagabbli lil detenturi ta' pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni bħala riżultat ta' deterjorazzjoni fil-kwalità tal-kreditu tal-*pool* sottostanti.

**60. IR-REKWIŻITI MINIMI GĦAR-RIKONOXXIMENT TA' TRASFERIMENT TA' RISKJU TAL-KREDITU SINIFIKATTIV F'TITOLIZZAZZJONI SINTETIKA**

497. Istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi li toħroġ titolizzazzjoni sintetika tista' tikkalkula l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju, u, kif rilevanti, l-ammonti ta' telf mistennija, għall-iskoperturi titolizzati skond il-paragrafi 3 jew 4 taħt, jekk riskju tal-kreditu sinifikanti jkun ġie trasferit lil partijiet terzi permezz ta' protezzjoni tal-kreditu sew finanzjata u sew mhux iffinanzjata u t-trasferiment ikun jikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Id-dokumentazzjoni tat-titolizzazzjoni tirrifletti s-sustanza ekonomika tat-tranżazzjoni.

(b) Il-protezzjoni tal-kreditu li biha r-riskju tal-kreditu jiġi ttrasferit tkun tikkonforma ma' l-eliġibbiltà u rekwiżiti oħra skond l-Artikoli 90 sa 93 għar-rikonoxximent ta' protezzjoni tal-kreditu bħal din. Għal dawn l-għanijiet, entitajiet b'għan speċjali m'għandhomx jiġu rikonoxxuti bħala provvedituri eliġibbli ta' protezzjoni mhux iffinanzjata.

(c) L-istrumenti użati għat-trasferiment tar-riskju tal-kreditu ma jkollhomx termini u kundizzjonijiet li

(i) jimponu limiti ta' rilevanza sinifikattivi li taħthom il-protezzjoni tal-kreditu titqies bħala li ma tinbediex jekk iseħħ avveniment ta' kreditu;

(ii) jipermettu t-terminazzjoni tal-protezzjoni minħabba deterjorazzjoni tal-kwalità tal-kreditu ta' l-iskoperturi sottostanti;

(iii) għajr fil-każ ta' dispożizzjonijiet ta' ammortizzazzjoni bikrija, ikun jeħtieġ li pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni jittejbu mill-istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi;

(iv) iżidu kemm tiswa l-protezzjoni tal-kreditu ta' l-istituzzjoni ta' kreditu jew ir-rendita pagabbli lil detenturi ta' pożizzjonijiet fit-titolizzazzjoni bħala riżultat ta' deterjorazzjoni fil-kwalità tal-kreditu tal-*pool* sottostanti.

(d) Tinkiseb opinjoni legali kkwalifikata li tikkonferma l-infurzabbiltà tal-protezzjoni tal-kreditu fil-ġuriżdizzjonijiet rilevanti kollha.

**61. IL-KALKOLU TA' L-ISTITUZZJONI TA' KREDITU ORIĠINATRIĊI TA' AMMONTI TA' SKOPERTURI B'PIŻ DIFFERENZJAT GĦAR-RISKJU GĦAL SKOPERTURI TITOLIZZATI F'TITOLIZZAZZJONI SINTETIKA**

498. Fil-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju għall-iskoperturi titolizzati, fejn jintlaħqu l-kundizzjonijiet fil-paragrafu 2, l-istituzzjoni ta'

krediti oriġinatriċi għandha, suġġett għall-paragrafi 5 sa 8, tuża l-metodoloġiji rilevanti għall-kalkolu stipulati fil-Parti 4 u mhux dawk ta' l-Artikoli 78 to 89. Għal istituzzjonijiet tal-kreditu li jikkalkulaw ammonti ta' skoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u ammonti tat-telf mistenni skond l-Artikoli 84 sa 89, l-ammont ta' telf mistenni għal skoperturi bħal dawn għandu jkun ta' żero.

499. Għaċ-ċarezza, il-paragrafu 3 jirreferi għall-*pool* kollu kemm hu ta' l-iskoperturi inklużi fit-titolizzazzjoni. Suġġett għall-paragrafi 5 sa 8, l-istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi hija meħtieġa tikkalkula l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju fir-rigward tat-*tranches* kollha fit-titolizzazzjoni skond id-dispożizzjonijiet tal-Parti IV inklużi dawk marbuta mar-rikonoxximent tal-mitigazzjoni tal-kreditu. Pereżempju, meta *tranche* tkun trasferita lil parti terzapermezz ta' protezzjoni tal-kreditu mhux iffinanzjata, il-piż differenzjat għar-riskju ta' dik il-parti terza għandu jiġi applikat lit-*tranche* fil-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat ta' l-istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi

**61.1. It-trattament tan-nuqqas ta' qbil tal-maturitajiet fit-titolizzazzjonijiet sintetiċi**

500. Għall-għanijiet tal-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju skond il-paragrafu 3, kull nuqqas ta' qbil fil-maturità bejn il-protezzjoni tal-kreditu li biha jinkiseb it-tranching u l-iskoperturi titolizzati għandhom jitqiesu skond il-paragrafi 6 sa 8. Il-maturità ta' l-iskoperturi titolizzati għandha tittieħed bħala l-itwal maturità ta' kwalunkwe waħda minn dawk l-iskoperturi suġġetta għal massimu ta' ħames snin.

501. Il-maturità ta' l-iskoperturi titolizzati għandha tittieħed bħala l-itwal maturità ta' kwalunkwe waħda minn dawk l-iskoperturi suġġetta għal massimu ta' ħames snin. Il-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu għandha tiġi ddeterminata skond l-Artikolu VIII.

502. Meta istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi tuża l-Parti 4, paragrafi 6 sa 35 għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju, għandha tinjora kull nuqqas ta' qbil fil-maturità fi kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju għat-*tranches* li mhumiex ikklassifikati jew klassifikati inqas minn "*investment grade*". Għat-*tranches* l-oħra kollha, it-trattament għan-nuqqas ta' qbil fil-maturità stipulat fl-Anness VII għandu jiġi applikat skond il-formula li ġejja:

RW* hija [RW(SP) x (t-t*)/(T-t*)] + [RW(Ass) x (T-t)/(T-t*)]

Fejn

RW* huwa l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju għall-fini ta' Artikolu 75 (A),

RW(Ass) huwa l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju li kieku ma kinux titolizzatti, ikkalkulat fuq bażi pro-rata;

RW(SP) huwa l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju skond il-Artikolu 3 (B) li kieku ma kien hemm l-ebda nuqqas ta' qbil fil-maturità;

T hija l-maturità ta'...l-.iskoperturi sottostanti espressa fi snin;

t hija l-maturità tal-protezzjoni tal-kreditu espressa fi snin;

t* hija 0.25.

503. Meta istituzzjoni ta’ kreditu oriġinatriċi tuża l-Parti 4, paragrafi 36 sa 74 għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju, għandha tinjora kull nuqqas ta’ qbil fil-maturità fil-kalkolu ta’ l-ammonti ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju għat-*tranches* jew partijiet minn *tranches* li huma assoċjati ma’ piż differenzjat għar-riskju ta' 1250% skond dawk il-paragrafi. Għat-*tranches* l-oħra kollha jew partijiet minn *tranches* it-trattament għan-nuqqas ta’ qbil fil-maturità stipulat fl-Anness VII għandu jiġi applikat skond il-formula fil-paragrafu 7.

## Parti 3: Valutazzjonijiet tal-kreditu esterni

### 62. IL-KUNDIZZJONIJIET LI GĦANDHOM IKUNU SSODISFATI MILL-VALUTAZZJONIJIET TAL-KREDITU TA' L-ECAIS

504. Biex tintuża għall-fini tal-kalkolu ta’ l-ammonti ta’ l-iskopertura b’piż differenzjat għar-riskju skond il-Parti 4 ta’ dan l-Anness, valutazzjoni tal-kreditu ta’ ECAI eliġibbli għandha tikkonforma mal-kundizzjonijiet li ġejjin.

(a) M’għandux ikun hemm nuqqas ta’ qbil bejn it-tipi ta’ ħlasijiet riflessi fil-valutazzjoni tal-kreditu u t-tipi ta’ ħlasijiet li għalihom hija intitolata l-istituzzjoni ta’ kreditu skond il-kuntratt li jwassal għall-pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni in kwistjoni.

(b) Għandha tkun disponibbli pubblikament għas-suq. Il-valutazzjonijiet tal-kreditu huma meqjusa bħala pubblikament disponibbli biss jekk ikunu ġew ippubblikati fuq forum pubblikament aċċessibbli u huma inklużi fil-matriċi ta’ tranżizzjoni ta’ l-ECAI. IL-valutazzjonijiet tal-kreditu li jsiru disponibbli biss għal għadd limitat ta’ entitajiet m’għandhomx jitqiesu pubblikament disponibbli.

### 63. L-UŻU TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-KREDITU

505. Istituzzjoni ta’ kreditu tsita’ tinnomina ECAI waħda jew aktar eliġibbli li l-valutazzjonijiet tal-kreditu tagħhom għandhom jintużaw għall-kalkolu ta’ l-ammonti ta’ l-iskopertura b’piż differenzjat għar-riskju skond l-Artikoli 94 sa 101 (‘ECAI nominata’)

506. Suġġett għall-paragrafi 5 sa 7 isfel, istituzzjoni ta’ kreditu trid tuża valutazzjoni tal-kreditu minn ECAIs innominati konsistentement fir-rigward tal-pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni tagħha.

507. Suġġett għall-paragrafi 5 u 6, istituzzjoni ta’ kreditu ma tistax tuża l-valutazzjoni tal-kreditu ta’ ECAI għall-pożizzjonijiet tagħha f’ċerti *tranches* u valutazzjoni tal-kreditu oħra ta’ ECAI għall-pożizzjonijiet tagħha fi *tranches* oħra fi ħdan l-istess struttura li jistgħu jew ma jistgħu jiġu kklassifikati mill-ewwel ECAI.

508. F’każi fejn pożizzjoni għandha żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAIs nominati, l-istituzzjoni ta’ kreditu għandha tuża l-inqas valutazzjoni tal-kreditu favorevoli.

509. F’każi fejn pożizzjoni għandha aktar minn żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu minn ECAIs nominati, għandhom jintużaw iż-żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu l-aktar favorevoli. Jekk iż-żewġ valutazzjonijiet tal-kreditu l-aktar favorevoli huma differenti, għandha tintuża l-inqas favorevoli minn dawn it-tnejn.

510. Meta l-protezzjoni tal-kreditu eliġibbli taħt l-Artikoli 90 sa 93 tkun ipprovduta direttament lill-SSPE, u dik il-protezzjoni hija riflessa fil-valutazzjoni tal-kreditu ta' pożizzjoni minn ECAI nominata, jista’ jintuża l-piż differenzjat għar-riskju assoċjat

ma' dik il-valutazzjoni tal-kreditu. Jekk il-protezzjoni mhix eliġibbli skond l-Artikoli 90 sa 93, il-valutazzjoni tal-kreditu m'għandhiex tiġi rikonoxxuta. Fis-sitwazzjoni fejn il-protezzjoni tal-kreditu mhix ipprovduta lill-SPEE iżda direttament lil pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, il-valutazzjoni tal-kreditu m'għandhiex tiġi rikonoxxuta.

## 64. KLASSIFIKAR

511. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw ma' liema skaluna ta' kwalità tal-kreditu fit-tabella stipulati fil-parti 4 għandha tkun assoċjata kull valutazzjoni tal-kreditu. B'dan, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddiferenzjaw bejn il-grad relattiv tar-riskju espress minn kull valutazzjoni. Għandhom iqisu fatturi kwantitattivi, bħar-rati ta' l-inadempjenza u/jew tat-telf. u fatturi kwalitattivi bħall-firxa tat-tranżazzjonijiet ivvalutati mill-ECAI u t-tifsira tal-valutazzjoni tal-kreditu

512. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jaraw li jiżguraw li l-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li għalihom huwa applikat l-istess piż differenzjat għar-riskju fuq il-bażi tal-valutazzjonijiet tal-kreditu ta' ECAIs eliġbbli jkunu suġġetti għal gradi ekwivalenti ta' riskju tal-kreditu. Dan għandu jinkludi l-modifikazzjoni tad-determinar tagħhom fir-rigward ta' l-iskaluna tal-kwalità tal-kreditu li magħha għandha tiġi assoċjata kif xieraq valutazzjoni tal-kreditu partikolari.

## Parti 4 - Kalkolu

**65. IL-KALKOLU TA' AMMONTI TA' SKOPERTURA B'PIŻ DIFFERENZJAT GĦAR-RISKJU**

513. Għall-fini ta' l-Artikolu 96, l-ammont ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju ta' pożizzjoniji ta' titolizzazzjoni għandu jinħadem billi jiġi applikat il-piż ta' riskju rilevanti kif stipulat f'din il-Parti għall-valuri ta' l-iskopertura.

514. Suġġett għall-paragrafu 3,

(a) meta istituzzjoni ta' kreditu tikkaklula l-ammonti ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju skond il-paragrafi 6 sa 35, il-valur ta' l-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ għandu jkun il-valur tal-karta tal-bilanċ tiegħu;

(b) meta istituzzjoni ta' kreditu tikkaklula l-ammonti ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju skond il-paragrafi 36 sa 74, il-valur ta' l-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ għandu jitkejjel gross ta' l-aġġustamenti tal-valur; u

(c) il-valur ta' l-iskopertura ta' pożizzjoni ta' titolizzazzjoni fuq il-karta tal-bilanċ għandu jkun il-valur nominali tagħha mmultiplikat b'ċifra ta' konverżjoni kif preskritt f'dan l-Anness. Din iċ-ċifra ta' konverżjoni għandha tkun ta' 100% ħlief jekk speiċfikat mod ieħor.

515. Il-valur ta' l-iskopertura ta; pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li tkun tirriżulta minn strument derivattiv elenkat fl-Anness IV, għandu jiġi ddeterminat skond l-Anness III.

516. Meta pożizzjoni ta' titolizzazzjoni tkun suġġetta għal protezzjoni tal-kreditu ffinanzjata, il-valur ta' l-iskopertura jista' jiġi modifikat skond u soġġet għar-rekwiżiti ta' l-Anness VIII kif speċifikat aktar fl-Anness.

517. Meta istituzzjoni ta' kreditu jkollha żewġ pożizzjoniiet jew oħra sovvrapposti f'titolizzazzjoni, tkun obbligata, skond kemm tkun din is-sovrappożizzjoni, li tinkludi fil-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju biss il-pożizzjoni jew porzjoni ta' pożizzjoni li tipproduċi ammonti ta' skopertura b'piż differenzjat għar-riskju ogħla. Għal dawn l-għanijiet, 'sovrappożizzjoni' tfisser li l-pożizzjonijiet, kollha kemm huma jew parzjalment, jirrappreżentaw skopertura għall-istess riskju b'mod li sa fejn hemm din is-svrappożizzjoni hemm skopertura waħda.

**66. IL-KALKOLU TA' AMMONTI TA' SKOPERTURA B'PIŻ DIFFERENZJAT GĦAR-RISKJU BIL-METODLOĠIJA STANDARDIZZATA**

518. Soġġet għall-paragrafu 8 u 9, l-ammont ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju ta' pożizzjoniji ta' titolizzazzjoni kklasifikata għandu jinħadem billi jiġi applikat għall-valur ta' l-iskopertura l-piż ta' riskju rilevanti marbut ma' l-iskaluna tal-kwalità tal-kreditu li magħha ġie ddeterminat li hija assoċjata l-valutazzjoni tal-kreditu mill-awtoritajiet kompetenti skond l-Artikolu 98 kif stipulat fit-tabelli 1 u 2 li ġejjin.

Tabella 1

Pożizzjonijiet għajr dawk b'valutazzjonijiet tal-kreditu b'terminu qasir

| Skaluna tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | 4 | 5 u taħt |
|---|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 20% | 50% | 100% | 350% | 1250% |

Tabella 2

Pożizzjonijiet b'valutazzjonijiet tal-kreditu b'terminu qasir

| Skaluna tal-kwalità tal-kreditu | 1 | 2 | 3 | Il-valutazzjonijiet tal-kreditu l-oħra kollha |
|---|---|---|---|---|
| Piż tar-riskju | 20% | 50% | 100% | 1250% |

519. Suġġett għall-paragrafi 10 sa 16, l-ammont ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni mhux ikklassifikata għandha tinħadem billi jiġi applikat piż tar-riskju ta' 1250%.

**66.1. Istituzzjonijiet ta' kreditu oriġinaturi u promoturi**

520. Istituzzjonijiet ta' kreditu oriġinaturi u promoturi gaħndhom japplikaw piż differenzjat ta' riskju ta' 1250% tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmuma u mixtrija mill-ġdid li għandhom valutazzjoni tal-kreditu minn ECAI nominat li ġie ddeterminat mill-awtoritajiet kompetenti bħala assoċjat ma' skaluna tal-kwalità tal-kreditu taħt l-sikaluna tal-kwalità tal-kreditu 3. Għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-Parti 3, paragrafi 2 sa 7 fid-determinar ta' jekk pożizzjoni għandhiex valutazzjoni tal-kreditu tali.

521. Għal istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi jew promotur, l-ammonti ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju kkalkulati fir-rigward tal-pożizzjonijiet tagħha f'titolizzazzjoni jistgħu jiġu limitati għall-ammonti ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju li kieku jiġu kkalkulati għall-iskoperturi titolizzati kieku ma kinux titolizzati suġġett għall-applikazzjoni preżunta ta' piż tar-riskju differenzjat ta' 150% għall-pożizzjonijiet skaduti kolli u dawk li jappartjenu għall-kategoriji ta' riskju għoli.

**66.2. It-trattament ta' pożizzjonijiet mhux ikklassifikati**

522. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu lil istituzzjoni ta' kreditu li għandha pożizzjoni ta' titolizzazzjoni mhux ikklassifikata biex tapplika t-trattament stipulat fil-paragrafu 11 għall-kalkolu ta' l-ammont ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju għal dik il-pożizzjoni bil-kundizzjoni li tkun dejjem magħrufa il-kompożizzjoni tal-*pool* ta' skoperturi.

523. Istituzzjoni ta' kreditu tista' tapplika l-piż tar-riskju differenzjat medju li kieku jkun applikat lill-iskoperturi titolizzati skond l-Artikoli 78 sa 83 minn istituzzjoni ta' kreditu detentriċi ta' l-iskoperturi mmultiplikat bi proporzjon ta' konċentrazzjoni. Il-proporzjon ta' konċentrazzjoni huwa ugwali għas-somma ta' l-ammonti nominali tat-*tranches* kollha maqsum bis-soomma ta' l-ammonti nominali tat-*tranches* inferjuri jew lin qegħdin pari passu mat-*tranche* li fiha l-pożizzjonijiet detenuti jinkludu t-*tranche* innifisha. Il-piż tar-riskju li jirriżulta m'għandux ikun ogħla minn 1250% jew inqas minn kull piż ta' riskju applikabbli għal *tranche* ikklassifiakta bħala ogħla. Meta l-istituzzjoni ta' kreditu ma tkunx tista' tiddetermina l-piżijiet tar-riskju differenzjati li kieku jkunu applikati lill-iskoperturi titolizzati skond l-Artikoli 78 sa 83, għandha tapplika piż tar-riskju ta' 1250% għall-pożizzjoni.

## 66.3. Trattament ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni f' *second loss tranche* jew aħjar fi programm ABCP

524. Suġġet għad-disponibbiltà ta' trattament aktar favorevoli fid-dawl tad-dispożizzjonijiet li għandhom x'jaqsmu mal-faċilitajiet ta' likwidità fil-paragrafi 14 sa 16, istituzzjoni ta' kreditu tista tapplika lill-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni li jilħqu l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 13 piż differenzjat għar-riskju li huwa l-akbar fost (i) 100% jew (ii) l-ogħla tal-piżijiet tar-riskju li kieku jiġu applikati lil kwalunkwe mill-iskoperturi titolizzati skond l-Artikoli 78 sa 83 minn istituzzjoni ta' kreditu detentriċi ta' l-iskoperturi.

525. Biex ikun disponibbli t-trattament fil-paragrafu 12, il-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandha tkun

(a) fi *tranche* li ekonomikament qiegħda f'pożizzjoni *second loss* jew aħjar fit-titolizzazzjoni u t-*tranche first loss* trid tipprovi titjib tal-kreditu validu għat-*tranche second loss*

(b) ta' kwalità ekwivalenti għal *investment grade* jew aħjar; u

(c) miżmuma minn istituzzjoni ta' kreditu li ma jkollhiex pożizzjoni fit-*tranche first loss.*

## 66.4. It-trattament ta' faċilitajiet ta' likwidità mhux ikklassifikati

### *66.4.1. Faċilitajiet ta' likwidità eliġibbli*

526. Meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin, sabiex jiġi ddeterminat il-valur ta' l-iskopertura, ċifra ta' konverżjoni ta' 20% tista' tiġi applikata lill-ammont nominali ta' faċilità għall-likwidità b'maturità oriġinali ta' sena jew inqas u ċifra ta' konverżjoni ta' 50% tista' tiġi applikata lill-ammont nominali ta' faċilità għall-likwidità b'maturità oriġinali ta' aktar minn sena.

(a) Id-dokumentazzjoni tal-faċilità ta' likwidita għandha tidentifika b'mod ċar u tillimita ċ-ċirkostanzi li taħthom tista' tintuża l-faċilità.

(b) Il-faċilità m'għandhiex tintuża biex tipprovdi sostenn tal-kreditu billi tkopri telf li jkun ġà ġġarrab fi żmien l-użu tal-faċilità – pereżempju, billi tiġi pprovduta likwidità fir-rigward ta' skoperturi fi stat ta' inadempjenza fi żmien l-użu tal-faċilità jew billi jinkisbu assi b'valur ogħla minn dak ekwu.

(c) Il-faċilità m'għandhiex tintuża biex tipprovdi finanzjament permanenti jew regolari għat-titolizzazzjoni.

(d) Ir-rimbors ta' l-użu tal-faċilità m'għandux ikun subordinat għall-krediti ta' investituri diversi minn dawk li jirriżultaw minn rati ta' imgħax jew valuti, imposti jew pagamenti oħra bħal dawn, u lanqas m'għandu jkun suġġett għal diferiment jew rinunzja.

(e) M'għandux ikun possibbli għall-faċilità li tintuża wara li jiġi eżawrit kull titjib tal-kreditu applikabbli li minnu tibbenefika l-faċilità ta' likwidità.

(f) Il-faċilità għandha tinkludi dispożizzjoni li tirriżulta fi tnaqqis awtomatiku fl-ammont li jista' jintuża mill-ammont ta' skoperturi li qegħdin fi stat ta' inadempjenza, fejn l-inadempjenza għandha t-tifsira mogħtija lilha skond l-Artikoli 84 sa 89, jew fejn il-*pool* ta' l-iskoperturi titolizzata tikkonsisti fi strumenti kklassifikati (li għandhom *rating*), li tittermina l-faċilità jekk il-kwalità medja tal-*pool* taqa' taħt l-*investment grade*.

Il-piż differenzjat għar-riskju li għandu jiġi applikat għandu jkun l-ogħla piż ta' riskju li kikeu jiġi applikat lil skoperturi titolizzati skond l-Artikoli 78 sa 83 minn istituzzjoni ta' kreditu detentriċi ta' l-iskoperturi.

*66.4.2. Faċilitajiet ta' likwidità li jistgħu jintużaw biss f'każ ta' tfixkil ġenerali fis-suq*

527. Sabiex jiġi ddeterminat il-valur ta' l-iskopertura, ċifra ta' konverżjoni ta' 0% tista' tiġi applikata lill-ammont nominali ta' faċilità ta' likwidità li tista' tintuża biss fil-każ ta' tfixkil ġenerali tas-suq (i.e. meta aktar minn SPE wieħed fuq tranżazzjonijiet differenti ma jkunx jistgħu jġeddu l-kambjali finanzjarji li jkunu qed jiskadu u dik l-inabbiltà ma tkunx ir-riżultat ta' deterjorament tal-kwalità ta' kreditu ta' l-iskoperturi titolizzati), dejjem sakemm jintlaħqu l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 14.

*66.4.3. Faċilitajiet ta' flus bil-quddiem*

528. Sabiex jiġi ddeterminat il-valur ta' l-iskopertura, ċifra ta' konverżjoni ta' 0% tista' tiġi applikata lill-ammont nominali ta' faċilità għall-likwidità li jkun jista' jitħassar inkondizjonalment, dejjem jekk ikunu ntlaħqu l-kundizzjonijiet stipulati fil-paragrafu 14 u li l-pagament għall-użu tal-faċilità ikollu prijorità fuq drittijiet oħra fuq il-flussi finanzjarji li jkunu ġejjin mill-iskoperturi titolizzati.

**66.5. Rekwiżiti kapitali addizzjonali għat-titolizzazzjonijiet ta' skoperturi rotattivi b'dispożizzjonijiet għal amortizzazzjoni bikrija.**

529. Minbarra l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju għall-iskoperturi kkalkulati fir-rigward tal-pożizzjonijiet titolizzati tagħha, istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi għandha tikkalkula skond il-metodu stipulat fil-paragrafi 18 sa 32 meta tbigħ skoperturi rotattivi f'titolizzazzjoni li għandha dispożizzjoni għall-amortizzazzjoni bikrija.

530. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tikkalkula ammont ta' skopertura b'piż differenzjar għar-riskju fir-rigward tas-somma ta' l-interess (ir-raġunijiet tal-kreditu) ta' l-oriġinatur u ta' l-investitur.

531. Għal strutturi ta' titolizzazzjoni fejn l-iskoperturi titolizzati jinkludu skoperturi rotattivi u mhux rotattivi, istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi għandha tapplika t-trattament stipulat taħt lill-porzjoni tal-*pool* sottostanti li jkun fiha l-iskoperturi rotattivi.

532. Għall dawn l-għanijiet, 'l-interess taċ-ċedent' tfisser l-ammont nominali tal-parti nozjonali ta' *pool* ta' ammonti utilizzati mibjugħa f'titolizzazzjoni, li l-proporzjon tagħhom relatat ma' l-ammont tal-*pool* totali mibjugħa fl-istruttura jiddeterminaw il-proporzjon tal-flussi tal-flus iġġenerati mill-ġbir tal-kapital u ta' l-imgħax u ammonti aossoċjati oħra li mhumiex disponibbli biex isiru l-ħlasijiet lil dawk li għandhom pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni fit-titolizzazzjoni.

Biex jikkwalifika bħala tali, l-interess ta' l-oriġinatur ma jistax ikun subordinat għal dak ta' l-investitur.

'L-interess ta' l-investitur' ifisser l-ammont nominali mill-parti nozjonali li tifdal mill-*pool* ta' ammonti utilizzati.

533. L-iskopertura ta' l-istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi assoċjata mad-drittijiet tagħha fir-rigward ta' l-interess ta' l-oriġinatur m'għandhiex titqies bħala pożizzjoni ta' titolizzazzjoni iżda bħala skopertura pro rata għall-iskoperturi titolizzati daqs li kieku ma kinux ġew titolizzati.

*66.5.1. Eżenzjonijiet minn trattament għal amortizzazzjoni bikrija*

534. L-oriġinatur tat-tipi ta' titolizzazzjoni huma eżenti mill-obbligu kapitali fil-paragrafu 17.

(a) It-titolizzazzjonijiet ta' l-iskoperturi rotattivi li bihom l-investituri jibnqgħu esposti għal kollox għal kull użu ġejjieni minn min jissellef sabiex ir-riskju fuq il-faċilitajiet sottostanti ma jerġax lura għand l-istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi anki wara avveniment ta' amortizzazzjoni bikrija ikun seħħ huma eżenti mit-trattament għall-amortizzazzjoni bikrija; u

(b) titolizzazzjonijiet fejn dispożizzjoni ta' ammortizzazzjoni bikrija tinbeda biss minn avvenimenti mhux marbuta mar-rendiment ta' l-assi titolizzati jew l-istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi, bħal fil-każ ta' bidliet rilevanti fil-liġijiet jew ir-regolamenti fiskali.

*66.5.2. Obbligu massimu għall-kapital*

535. Meta istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi suġġetta għall-obbligu fil-paragrafu 17, it-total ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju fir-rigward tal-pożizzjonijiet fl-interess ta' l-investitur u l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat paragrafi 6 sa 35 għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju kkalkulati skond il-paragrafu 17 m'għandhomx ikunu akbar mill-akbar minn

(a) l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju kkalkulati fir-rigward tal-pożizzjonijiet tagħhom fl-interess ta' l-investitur;

(b) l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju li kieku jiġu kkalkulati fir-rigward ta' l-iskopertura titolizzati minn istituzzjoni ta' kreditu detentriċi ta' l-iskoperturi bħallikieku ma ġewx titolizzati f'ammont ugwali għall-interess ta' l-investitur.

536. It-tnaqqis tal-profitti nett, jekk ikun hemm, li jirriżultaw mill-kapitalizzazzjoni tad-dħul ġejjieni meħtieġ skond l-Artikolu 57 għandhom jiġu ttrattati barra l-ammont massimu indikat fil-paragrafu 23.

*66.5.3. Il-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju*

537. L-ammont ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju li għandu jiġi kkalkulat skond il-paragrafu 17 għandu jiġi ddeterminat billi jiġi mmoltiplikat l-ammont ta' l-interess ta' l-investitur mal-prodott taċ-ċifra x-xierqa għall-konverżjoni kif indikat fil-paragrafu 27 sa 32 u l-piż tar-riskju differenzjat medju li kieku japplika għall-iskoperturi titolizzati li kieku l-iskoperturi ma kinux ġew titolizzati.

538. Dispożizzjoni ta' ammortizzazzjoni bikrija titqies li tkun 'ikkontrollata' meta jintlaħqu l-kundizzjonijiet li ġejjin.

(a) L-istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi jkollha pjan kapitali/ta' likwidità xieraq sabiex ikun żgurat li jkollha biżżejjed kapital u likwidità disponibbli fil-każ ta' ammortizzazjoni bikrija.

(b) Tul it-tranżazzjoni, hemm qsim pro rata bejn l-interess ta' l-oriġinatur u l-interess ta' l-investitur tal-pagamenti ta' l-imgħax u l-kapital, l-ispejjeż, it-telf u l-irkupri bbażati fuq il-bilanċ tal-bidu tax-xahar tal-krediti li għad irid jidħlu.

(c) Il-perjodu ta' ammortizzazzjoni jitqies suffiċjenti għal 90% tad-dejn totali (interess ta' l-oriġinatur u ta' l-investitur) li għad irid jidħol fil-bidu tal-perjodu ta' ammortizzazzjoni bikrija li jkun tħallas jew rikonoxxut bħala fi stat ta' inadempjenza;

(d) Il-ħeffa tal-pagamenti ma tkunx aktar rapida minn dik li kieku jkun hemm permezz ta' ammortizzazzjoni lineari fuq il-perjodu stipulat fil-kundizzjoni (c).

539. Fil-każ ta' titolizzazzjonijiet suġġetti għal dispożizzjoni ta' ammortizzazzjoni bikrija ta' skoperturi bl-imnut li huma mingħajr impenn u jitħassru inkondizjonalment mingħajr avviż minn qabel, meta l-ammortizzazzjoni bikrija tinbeda mil-livell ta' l-*excess spread* li jkun waqa' għal livell speċifikat, l-istituzzjonijiet tal-kreditu għandhom iqabblu l-livell medju ta' l-*excess spread* fuq tliet xhur mal-livelli ta' l-*excess spread* li fihom dan il-marġni għandu jiġi mblukkat.

540. Fil-każijiet fejn it-titolizzazzjoni ma tkunx teħtieġ li l-*excess spread* ma jiġix imblukkat, il-punt ta'waqfien tiegħu (*trapping point*) jitiqies bħala 4.5 punti perċentwali akbar mill-livell ta' *excess spread* li jwassal għall-bidu ta' ammortizzazzjoni bikrija.

541. Iċ-ċifra ta' konverżjoni li għandha tiġi applikata għandha tiġi ddeterminata mil-livelli tal-medja ta' l-*excess spread* fuq tliet xhur skond it-Tabella 3.

Tabella 3

| | Titolizzazzjonijiet suġġetti għal dipożizzjoni kkontrollata għall-ammortizzazzjoni bikrija | Titolizzazzjonijiet suġġetti għal dipożizzjoni mhux ikkontrollata għall-ammortizzazzjoni bikrija |
|---|---|---|
| Medja ta' *excess spread* fuq tliet xhur | Fattur ta' konverżjoni | Fattur ta' konverżjoni |
| 'il fuq mil-livell A | 0% | 0% |
| Livell A | 1% | 5% |
| Livell B: | 2% | 15% |
| Livell C | 20% | 50% |
| Livell D | 20% | 100% |
| Livell E | 40% | 100% |

542. Fit-Tabella 3, 'Livell A' tfisser livelli ta' *excess spread* ta' inqas minn 133.33% tal-livell ta' waqfien ta' l-*excess spread* imma mhux inqas minn 100% ta' dak il-livell ta' waqfien; 'Livell B' tfisser livelli ta' *excess spread* ta' inqas minn 100% tal-livell ta' waqfien ta' l-*excess spread* imma mhux inqas minn 75% ta' dak il-livell ta' waqfien; 'Livell C' tfisser livelli ta' *excess spread* ta' inqas minn 75% tal-livell ta' waqfien ta' l-*excess spread* imma mhux inqas minn 50% ta' dak il-livell ta' waqfien; 'Livell D' tfisser livelli ta' *excess spread* ta' inqas minn 50% tal-livell ta' waqfien ta' l-*excess spread* imma mhux inqas minn 25% ta' dak il-livell ta' waqfien; u 'Livell E' tfisser livelli ta' *excess spread* ta' inqas minn 25% tal-livell ta' waqfien ta' l-*excess spread*

543. It-titolizzazzjonijiet l-oħra kollha suġġetti għal dispożizzjoni kkontrollata ta' ammortizzazzjoni bikrija ta' l-iskoperturi rotattivi għandhom ikunu soġġeta għal ċifra ta' konverżjoni tal-kreditu ta' 90%

544. It-titolizzazzjonijiet l-oħra kollha suġġetti għal dispożizzjoni mhux ikkontrollata ta' ammortizzazzjoni bikrija ta' l-iskoperturi rotattivi għandhom ikunu soġġeti għal ċifra ta' konverżjoni tal-kreditu ta' 100%

**66.6. Ir-rikonoxximent tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu fuq pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni**

545. Meta protezzjoni tal-kreditu tinkiseb fuq pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, il-kalkolu ta' l-ammonti ta' iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju jistgħu jiġu mmodifikati skond l-Anness VII.

### 66.7. Tnaqqis ta’ l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju

546. Kif previst fl-Artikolu 66(2), fir-rigward ta’ pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni li japplika fir-rigward tagħha piż tar-riskju ta’ 1250%, l-istituzzjonijiet tal-kreditu jistgħu, bħala alternattiva għall-inklużjoni tal-pożizzjoni fil-kalkolu tagħhom ta’ l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju, inaqqsu mill-fondi proprji tagħhom il-valur ta’ l-iskopertura tal-pożizzjoni. Għal dawn l-għanijiet, il-kalkolu tal-valur ta’ l-iskopertura jista’ jirrifletti l-protezzjoni ffinanzjata eliġibbli b’mod konsistenti mal-paragrafu 33.

547. Meta istituzzjoni ta’ kreditu tuża l-alternattiva indikata fil-paragrafu 34, 12.5 darbiet dak l-ammont imnaqqas skond dak il-paragrafu għandhom, għall-fini tal-paragrafu 9, jitnaqqasu mill-ammont speċifikat f’dak il-paragrafu bħala l-ammont massimu ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju li għandu jiġi kkalkulat mill-istituzzjoni tal-kreditu indikata.

## 67. KALKOLU TA' L-AMMONTI TA' L-ISKOPERTURI B'PIŻ DIFFERENZJAT GĦAR-RISKJU SKOND IL-METODU BBAŻAT FUQ IL-KLASSIFIKAR INTERN

### 67.1. Prijoritajiet fl-applikazzjoni tal-metodi

548. Għall-fini ta’ l-Artikolu 96, l-ammont ta’ l-iskopertura b’piż differenzjat għar-riskju tal-pożizzjonijiet titolizzati għandu jiġi kkalkulat skond il-paragrafi 36 sa 74.

549. Għal pożizzjoni klassifikata jew għal pożizzjoni li għaliha tista’ tintuża valutazzjoni inferita, għandu jintuża l-Metodu fuq il-Bażi ta’ Klassifikazzjoni stabbilit fil-paragrafi 45 sa 49 biex jiġi kkalkulat l-ammont ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju.

550. Għal pożizzjoni mhux klassifikata għandu jintuża l-Metodu tal-Formola ta’ Superviżjoni kif stabbilita fil-paragrafi 50 sa 52 ħlief meta huwa permess l-użu tal-Metodu tal-Valutazzjoni Interna kif stabbilit fil-paragrafi 42 u 43.

551. Istituzzjoni ta’ kreditu li ma tkunx istituzzjoni oriġinatriċi jew promotriċi tista’ tuża l-Metodu tal-Formola ta’ Superviżjoni sakemm ikollha l-approvazzjoni ta’ l-awtoritajiet kompetenti.

552. Fil-każ ta’ istituzzjoni ta’ kreditu oriġinatriċi jew promotriċi li ma tkunx tista’ tikkalkula l-$K_{irb}$ u li ma tkunx kisbet l-approvazzjoni għall-użu tal-Metodu tal-Valutazzjoni Interna għall-pożizzjonijiet fil-programmi ta’ l-ABCP, u fil-każ ta’ istituzzjonijiet ta’ kreditu oħra li ma jkunux kisbu l-approvazzjoni għall-użu tal-Metodu tal-Formola tas-Superviżjoni jew tal-Metodu tal-Valutazzjoni Interna għall-pożizzjonijiet fil-programmi ta’ l-ABCP, fattur ta’ piż differenzjat għar-riskju ta’ 1250% għandu japplika għall-pożizzjonijiet ta’ totalizzazzjoni li mhumiex klassifikati u li għalihom ma tistax tintuża valutazzjoni ta’ mertu ta’ kreditu inferita.

*67.1.1. L-użu ta’ valutazzjonijiet tal-mertu ta’ kreditu inferiti*

553. Istituzzjoni għandha tattribwixxi lil pożizzjoni li ma tkunx klassifikata valutazzjoni tal-mertu ta’ kreditu inferita ekwivalenti għall-valutazzjoni tal-mertu ta' kreditu ta' dawk il-pożizzjonijiet li jkunu klassifikati (il-'pożizzjonijiet ta' referenza') li huma l-

pożizzjonijiet ta' l-ogħla grad subordinati minn kull aspett għall-pożizzjoni ta' totalizzazzjoni mhix klassifikata konċernata, meta l-obbligi operattivi minimi li ġejjin ikunu ssodisfati,

(a) Il-pożizzjonijiet ta' referenza jridu jkunu subordinati minn kull aspett għas-segment ta' totalizzazzjoni li mhuwiex klassifikat.

(b) Il-maturità tal-pożizzjonijiet ta' referenza trid tkun daqs jew itwal minn dik tal-pożizzjoni mhix klassifikata konċernata..

(c) Kull klassifikazzjoni inferita trid tiġi aġġornata fuq bażi kontinwa biex tirrifletti kull tibdil li jseħħ fil-valutazzjoni ta' krediru tal-pożizzjonijiet tat-titolizzazzjoni mhux klassifikati.

*67.1.2. Il-'Metodu tal-Valutazzjoni Interna' għall-pożizzjonijiet tal-programmi ABCP*

554. Soġġett għall-approvazzjoni ta' l-awtoritajiet kompetenti, istituzzjoni ta' kreditu tista' tattribwixxi lil pożizzjoni li mhix klassifikata fi programm ta' kambjali finanzjarji garantiti mill-assi (programm ABCP) valutazzjoni tal-mertu ta' kreditu inferita kif stabbilit fil-paragrafu 43, meta l-kondizzjonijiet li ġejjin ikunu ssodisfati.

(a) Il-pożizzjonijiet fil-kambjali finanzjarji maħruġa mill-programm għandhom ikunu pożizzjonijiet klassifikati.

(b) L-istituzzjoni ta' kreditu għandha turi lill-awtoritajiet kompetenti li l-valutazzjoni interna tagħha tal-kwalità ta' kreditu tal-pożizzjoni tirrifletti l-metodoloġija tal-valutazzjoni li hija disponibbli għall-pubbliku ta' ECAI eliġibbli waħda jew aktar, għall-valutazzjoni tat-titoli garantiti mill-iskoperturi li huma tat-tip ta' dawk titolizzati.

(c) Fost l-ECAI li l-metodoloġija tagħhom għandha tkun riflessa kif preskritt fil-punt (b), għandhom ikunu inklużi dawk l-ECAI li jkunu pprovdew klassifikazzjoni esterna għall-kambjali finanzjarji maħruġa mill-programm. L-elementi kwantitattivi – bħal m'huma l-fatturi ta' l-istress – użati biex jassenjaw lill-pożizzjoni kwalità partikolari ta' kreditu għandhom ikunu konservattivi almenu daqs dawk użati fil-metodoloġija ta' valutazzjoni rilevanti ta' l-ECAI konċernata.

(d) Fil-fażi ta' l-iżvilupp tal-metodoloġija ta' valutazzjoni interna tagħha, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tikkonsidra il-metodoloġiji ta' kklassifikar pubblikati kollha ta' l-ECAI eliġibbli għall-klassifikazzjoni tat-titoli garantiti mill-iskoperturi ta' l-istess tip ta' dawk titolizzati. Din il-konsiderazzjoni għandha tiġi dokumentata mill-istituzzjoni ta' kreditu u aġġornata mill-inqas darba fis-sena.

(e) Il-metodoloġija interna ta' valutazzjoni ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tinkludi diversi livelli ta' kklassifikar. Dawn il-livell ta' kklassifikar u l-valutazzjonijiet ta' kreditu ta' l-ECAI eliġibbli għandhom jikkorrespondu. Din il-korrispondenza għandha tiġi dokumentata b'mod espliċitu.

(f) Il-metodoloġija interna ta’ valutazzjoni għandha tintuża fil-proċessi interni ta’ ġestjoni tar-riskju ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu, iklużi l-proċessi tat-teħid tad-deċiżjonijiet, tal-ġestjoni ta’ l-informazzjoni u ta' l-allokazzjoni tal-kapital.

(g) L-awdituri interni u esterni, l-ECAI jew il-funzjonijiet tar-reviżjoni interna tal-mertu tal-kreditu jew tal-ġestjoni tar-riskju ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għandhom iwettqu reviżjonijiet regolari tal-proċess tal-valutazzjoni interna u l-kwalità tal-valutazzjonijiet interni tal-kwalità ta’ kreditu ta’ l-iskoperturi ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu fil-konfront ta’ programm ABCP. Jekk ikunu l-funzjonijiet ta’ reviżjoni interna, ta’ reviżjoni tal-mertu tal-kreditu jew tal-ġestjoni tar-riskju li jwettqu dawn il-verifiki, dawn għandhom ikunu indipendenti mis-settur ta' negozju tal-programm ABCP, kif ukoll minn funzjonijiet ta' relazzjoni mal-klijentela.

(h) L-istituzzjoni ta’ kreditu għandha ssegwi kif ikunu sejrin il-valutazzjonijiet interni tagħha matul iż-żmien biex tkun tista’ tivvaluta l-affidabilità tal-metodoloġija tagħha u għandha taġġusta din il-metodoloġija kif meħtieġ kulmeta l-andament ta’ l-iskoperturi jiddifferixxi sistematikament minn dak indikat mill-valutazzjonijiet interni.

(i) Il-programm ABCP għandu jinkorpora standards ta’ sottoskrizzjoni f’forma ta’ linji ta’ gwida ta’ kreditu u investiment. Meta jiddeċiedi dwar l-akkwist ta’ l-assi, l-amministratur tal-programm għandu jikkonsidra t-tip ta' l-assi li jkunu se jinxtraw, it-tip u l-valur monetarju ta' l-iskoperturi li jinħolqu mill-provvediment tl-faċilitajiet ta' likwidità u rinforżi ta’ kreditu, id-distribuzzjoni tat-telf u s-separazzjoni legali u ekonomika ta' l-assi trasferiti mill-entità li tkun qed tbiegħ l-assi. Għandha ssir analiżi ta’ kreditu tal-profil tar-riskju tal-bejjiegħ ta’ l-assi, li għandha tinkludi analiżi ta’ l-andament finanzjarju imgħoddi u mistenni, il-pożizzjoni tas-suq kurrenti, il-kompetittività futura mistennija, il-grad ta’ lieva finanzjarja, il-likwidità, il-kopertura ta’ l-interessi u l-ikklassifikar tad-dejn. Barra minn dan, għandha ssir ukoll reviżjoni ta’ ta’ l-obbligi għas-sottoskrizzjoni tal-bejjiegħ, il-kapaċitajiet tiegħu ta’ ġestjoni u l-proċeduri għall-irkupru tal-krediti.

(j) L-obbligi għas-sottoskrizzjoni tal-programm ABCP għandhom jiffissaw kriterji minimi għall-eliġibilità ta’ l-assi , b’mod partikolari,

(i) għandhom jeskludu l-akkwist ta’ assi li jkunu skadew żmien ilu jew fi stat li ma jistgħux jitħallsu;

(ii) għandhom jillimitaw il-konċentrazzjoni eċċessiva fil-konfront ta’ debituri individwali jew oqsma ġeografiċi; kif ukoll

(iii) għandhom jillimitaw in-natura ta’ l-assi li jkunu jridu jinxtraq.

(k) Il-programm ABCP għandu jkollu politika u proċeduri ta’ rkupru ta’ krediti li jqisu l-kapaċità operattiva u l-mertu ta’ kreditu ta’ l-entità maniġerjali (*servicer*). Il-programm għandu jimmitiga r-riskju tal-bejjiegħ/entità maniġerjali permezz ta’ metodi differenti, bħal m’huma klawżoli bbażati fuq il-kwalità ta’ kreditu kurrenti li jimpedixxu t-taħlit ta’ fondi.

(l) Mat-telf stmat fuq aggregat ta’ assi li l-programm ABCP qiegħed jikkonsidra jixtri jridu jitqiesu s-sorsi kollha ta' riskji potenzjali bħal m’huma r-riskji ta’ kreditu u dilwizzjoni. Jekk ir-rinfurzar tal-kreditu pprovdut mill-bejjiegħ jitkejjel biss skond it-telf mill-krediti, allura għandha tiġi stabbilita riżerva separata għar-riskju ta’ dilwizzjoni, dejjem jekk dan huwa rilevanti għal dak l-aggregat partikolari ta' skoperturi. Barra dan, biex ikun determinat il-livell meħtieġ ta’ rinfurzar ta’ kreditu, il-programm għandu jwettaq reviżjoni ta’ diversi snin ta’ informazzjoni storika, inkluża informazzjoni dwar telf, rati ta’ insolvenza, livell ta’ dilwizzjoni u rata tar-rotazzjoni tal-krediti.

(m) Il-programm ABCP għandu jinkorpora karatteristiċi strutturali fix-xiri ta’ skoperturi – pereżempju klawżoli kuntrattwali li jippermettu b’mod espliċitu l-likwidazzjoni awtomatika ta’ portfolju partikolari (*wind down triggers*) – sabiex tiġi mitigata t-therrija potenzjali tal-kwalità tal-portfolju sottostanti.

L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jirrinunċjaw milli jesiġu li l-obbligu li l-metodoloġija ta’ valutazzjoni ta’ l-ECAI tkun disponibbli pubblikament jiġi rrispettat jekk ikunu sodisfatti li minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tat-titolizzazzjoni - pereżempju l-istruttura innovattiva tagħha - sa issa m'hemm l-ebda metodoloġija ta' valutazzjoni ta' l-ECAI disponibbli pubblikament.

555. L-istituzzjoni ta’ kreditu tassenja l-pożizzjoni li mhijiex ikklassifikata għal wieħed mil-livelli ta’ klassifikar deskritti fil-paragrafu 42. Il-pożizzjoni tingħata klassifikazzjoni derivata identika għall-valutazzjonijiet ta’ kreditu korrispondenti għal dak il-livell ta’ klassifikar kif stipulat fil-paragrafu 42. Meta, fil-bidu tat-titolizzazzjoni, din il-valutazzjoni derivata hija almenu fil-livell tal-grad ta' l-investiment (*investment grade*), din tiġi kkunsidrata bħallikieku kienet valutazzjoni tal-mertu ta’ kreditu minn ECAI eliġibbli għall-fini tal-kalkolu ta’ l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju.

### 67.2. Ammonti massimi ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju

556. Għal istituzzjoni ta’ kreditu oriġinatriċi, istituzzjoni ta’ kreditu promotriċi, jew istituzzjonijiet ta’ kreditu oħrajn li jistgħu jikkalkulaw il-$K_{IRB}$, l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju kkalkulati fid-dawl tal-pożizzjonijiet tagħhom f’titolizzazzjoni, jistgħu jkunu limitati għal dak li jipproduċi obbligu kapitali skond l-Artikolu 75(a) ugwali għas-somma ta’ 8% ta’ l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju li kienu jkunu prodotti kieku l-assi titolizzati ma kellhomx jiġu titolizzati u minflok kienu jkunu fuq il-karta tal-bilanċ ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu bl-ammonti tat-telf mistenni ta’ dawk l-iskoperturi miżjuda magħhom.

### 67.3. Metodi bbażati fuq l-ikklasifikar

557. Skond il-Metodu fuq il-Bażi ta’ Klassifikazzjoni, l-ammont ta’ l-iskopertura b’piż differenzjat għar-riskju ta’ pożizzjoni titolizzata kklassifikata għandu jiġi kkalkulat billi jiġi applikat għal-valur ta’ l-iskopertura l-fattur tal-piż differenzjat assoċjat mal-klassi tal-mertu tal-kreditu li magħha l-valutazzjoni tal-mertu tal-kreditu kienet ġiet assoċjata mill-awtoritajiet kompetenti skond l-Artikolu 98 kif indikat fit-Tabelli 4 u 5.

Tabella 4

Pożizzjonijiet differenti minn dawk b'valutazzjoni tal-mertu ta' kreditu fuq il-bażi ta' perjodu qasir

| Klassi ta' Mertu ta' Kreditu (CQS) | Fattur tal-piż differenzjat għar-riskju | | |
|---|---|---|---|
| | A | B | Ċ |
| CQS 1 | 7% | 12% | 20% |
| CQS 2 | 8% | 15% | 25% |
| CQS 3 | 10% | 18% | 35%3 |
| CQS 4 | 12% | 20% | 35% |
| CQS 5 | 20% | 35% | 35% |
| CQS 6 | 35% | 50% | 50% |
| CQS 7 | 60% | 75% | 75% |
| CQS 8 | 100% | 100% | 100% |
| CQS 9 | 250% | 250% | 250% |
| CQS 10 | 425% | 425% | 425% |
| CQS 11 | 650% | 650% | 650% |
| Taħt is-CQS 11 | 1250% | 1250% | 1250% |

Tabella 5

Pożizzjonijiet b'valutazzjoni tal-mertu ta' kreditu fuq bażi ta' perjodu qasir

| Klassi ta' Mertu ta' Kreditu (CQS) | Fattur tal-piż differenzjat għar-riskju | | |
|---|---|---|---|
| | A | B | Ċ |
| CQS 1 | 7% | 12% | 20% |
| CQS 2 | 12% | 20% | 35% |
| CQS 3 | 60% | 75% | 75% |
| Il-valutazzjonijiet tal-mertu ta' kreditu l-oħrajn | 1250% | 1250% | 1250% |

| | | | |
|---|---|---|---|
| kollha | | | |

558. Suġġett għall-paragrafu 47, il-fatturi tal-piż differenzjat għar-riskju fil-kolonna A ta' kull tabella għandhom jiġu applikati meta l-pożizzjoni tkun tirrigwarda s-segment fl-ogħla skaluna tat-titolizzazzjoni. Biex jiġi determinat jekk segment partikolari għandux l-ogħla skaluna għal dan il-għan, mhuwiex obbligatorju li jiġu kkunsidrati l-ammonti dovuti għal titolu ta' kuntratti derivati minn rati ta' imgħax jew valuta, kummissjonijiet, jew ħlasijiet oħra ta' dan it-tip.

559. Il-fatturi tal-piż differenzjat għar-rsikju fil-kolonna Ċ ta' kull tabella għandhom jiġu applikati meta l-pożizzjoni hija f'titolizzazzjoni fejn in-numru effettiv ta' l-iskoperturi titolizzati jkun anqas minn sitta. Fil-kalkolu tan-numru effettiv ta' l-iskoperturi titolizzati, l-iskoperturi multipli fil-konfront ta' l-istess debitur iridu jiġu ttrattati bħala skopertura unika. In-numru effettiv ta' l-iskoperturi huwa kkalkulat kif ġej:

$$N = \frac{(\sum_i EAD_i)^2}{\sum_i EAD_i^2}$$

fejn $EAD_i$ tirrappreżenta s-somma tal-valuri ta' l-iskoperturi kollha fil-konfront tad-debitur i. Fil-każ ta' rititolizzazzjoni (titolizzazzjoni ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni), l-istituzzjoni ta' kreditu trid tħares lejn in-numru ta' skoperturi ta' titolizzazzjoni ta' l-aggregat u mhux lejn in-numru ta' l-iskoperturi sottostanti fl-aggregati oriġinali li minnhom joħorġu dawn l-iskoperturi. Jekk is-sehem tal-portfolju assoċjat ma' l-akbar skopertura, $C_1$, hija disponibbli, l-istituzzjoni ta' kreditu tista' tikkalkula l-N bħala $1/C_1$.

560. Il-fatturi tal-piż differenzjat għar-riskju fil-Kolonna B għandhom jiġu applikati għall-pożizzjonijiet l-oħra kollha.

561. Il-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu għall-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni tista' tiġi rikonoxxuta skond il-paragrafi 58 sa 60.

**67.4. Metodu tal-Formola tas-Superviżjoni**

562. Suġġett għall-paragrafi 56 u 57, skond il-Metodu tal-Formola tas-Superviżjoni, il-fattur tal-piż differenzjat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandu jkun akbar minn 7% jew jiġi applikat il-fattur tal-piż differenzjat għar-riskju skond il-paragrafu 51.

563. Suġġett għall-paragrafi 56 u 57, il-fattur tal-piż differenzjat għar-riskju li jrid jiġi applikat għall-ammont ta' l-iskopertura għandu jkun

12.5 x (S[L+T] – S[L]) / T

fejn

$$S[x]=\begin{cases} x & when \quad x \leq Kirbr \\ Kirbr + K[x] - K[Kirbr] + (d \cdot Kirbr/\omega)\left(1 - e^{\omega(Kirbr-x)/Kirbr}\right) & when \ Kirbr < x \end{cases}$$

fejn

τ = 1000,

u ω = 20.

F'dawn l-espressjonijiet, Beta [x; a, b] hija referenza għad-distribuzzjoni kumulattiva beta bil-parametri a u b valutati x.

T (l-eħxen parti tas-segment fi fiha tinsab il-pożizzjoni) titkejjel bħala l-proporzjoni bejn (a) l-ammont nominali tas-segment u (b) is-somma tal-valuri ta' l-iskoperturi titolizzati. Għal dan il-għan, il-valur ta' l-iskopertura ta' strument derivat elenkat fl-Anness IV għandu, jekk il-valur kurrenti ta' sostituzzjoni mhuwiex pożittiv, ikun daqs l-iskopertura ta' kreditu potenzjali futura ikkalkulata skond l-Anness III;

Kirbr huwa l-proporzjon bejn (a) Kirb u (b) is-somma tal-valuri ta' l-iskoperturi li ġew titolizzati. Kirbr huwa espress f'forma deċimali (pereżempju jekk Kirb ikun 15% tal-portfolju, dan ikun espress bħala Kirbr ta' 0.15).

L (il-livell tar-rinfurzar tal-kreditu) jitkejjel bħala l-proporzjon bejn l-ammont nominali tas-segmenti kollha subordinati għas-segment li fih hemm il-pożizzjoni u s-somma tal-valuri ta' l-iskoperturi titolizzati. Id-dħul futur kapitalizzat m'għandux jiġi inkluż fil-kalkolu ta' l-L. L-ammonti dovuti mill-kontropartijiet għall-kuntratti derivati elenkati fl-Anness IV li jirrappreżentaw segmenti inferjuri meta mqabbla mas-segment konċernat, jistgħu jitkejlu skond il-valur kurrenti tagħhom ta' sostituzzjoni (mingħajr l-iskoperturi potenzjali futuri) fil-kalkolu tal-livelli tar-rinfurzar tal-kreditu.

N huwa n-numru effettiv ta' skoperturi kkalkulat skond il-paragrafu 47.

L-ELGD, l-LGD (il-*loss-given-default*) medja bil-piż differenzjat, huwa kkalkulat kif ġej:

$$ELGD = \frac{\sum_i LGD_i \cdot EAD_i}{\sum_i EAD_i}$$

fejn l-LGDi tirrappreżenta l-LGD medja assoċjata ma' l-iskoperturi kollha fil-konfront tad-debitor i u l-LGD huwa kkalkulat skond l-Artikoli 84 sa 89. Fil-każ ta' rititolizzazzjoni, għall-pożizzjonijiet rititolizzati għandu jiġi applikat LGD ta' 100%. Meta r-riskji ta' insolvenza u dilwizzjoni għall-krediti mixtrija jkunu ttrattati b'mod aggregat fl-ambitu ta' titolizzazzjoni (pereżempju meta jkunu disponibbli riżerva waħda biss jew eċċess ta' garanzija biex ikun kopert it-telf miż-żewġ naħiet), id-dħul mill-LGD għandu jinħadem bħala medja bil-piż differenzjat ta' LGD għar-riskju ta' kreditu u ta' LGD ta' 75% għar-riskju ta' dilwazzjoni. Dawn il-fatturi ta' piż differenzjat għandhom jikkoinċidu ma' l-obbligi kapitali għar-riskju ta' kreditu u għar-riskju ta' dilwazzjoni rispettivament.

Parametri simplifikati

Jekk il-valur ta’ l-akbar skopertura titolizzata, $C_1$, ma tkunx aktar minn 3% tas-somma tal-valuri ta' l-iskoperturi titolizzati, allura, għall-fini tal-Metodu tal-Formola tas-Superviżjoni, l-istituzzjoni ta' kreditu tista' tistabbilixxi li l-LGD = 50% u l-N tkun ugwali jew għal

$$N = \left( C_1 C_m + \left( \frac{C_m - C_1}{m-1} \right) \max\{1 - m C_1, 0\} \right)^{-1}.$$

jew

$N=1/C_1$.

$C_m$ huwa l-proporzjon bejn is-somma tal-valuri ta’ l-akbar skoperturi ‘m’ u s-somma tal-valuri ta’ l-iskoperturi titolizzati. Il-livell ta’ l-‘m’ jista’ jiġi ffissat mill-istituzzjoni ta’ riskju.

Għat-titolizzazzjonijiet li jinvolvu skoperturi għall-klijentela ta’ bejgħ bl-imnut, l-awtoritajiet kompetenti jistgħu jippermettu li l-Metodu tal-Formola tas-Superviżjoni jiġi implimentat bl-użu tas-simplifikazzjonijiet: $h = 0$ u $v = 0$.

564. Il-mitigazzjoni tar-riskju ta’ kreditu għall-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni tista’ tkun rikonoxxuta skond il-paragrafi 58,59 u 61 sa 65.

### 67.5. Faċilitajiet ta’ likwidità

565. Id-dispożizzjonijiet fil-pragrafi 54 u 55 japplikaw għall-fini tad-determinazzjoni tal-valur ta’ l-iskopertura ta’ pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni li m'hijiex klassifikata fil-forma ta’ ċerti tipi ta’ faċilità ta’ likwidità.

*67.5.1. Faċilitajiet ta' Likwidità Disponibbli Biss f’Każ ta’ Tħarbit Ġenerali fis-Suq*

566. Fattur ta’ konverżjoni ta’ 20% jista’ jkun applikat għall-ammont nominali ta’ faċilità ta’ likwidità li tista’ tintuża biss f’każ ta’ tħarbit ġenerali fis-suq u li tissodisfa l-kondizzjonijiet li jirregolawha bħala ‘faċilità ta’ likwidità eliġibbli’ kif stabbilit fil-paragrafu 14.

*67.5.2. Faċilitajiet ta’ flus kontanti bil-quddiem*

567. Fattur ta’ konverżjoni ta’ 0% jista’ jkun applikat għal—ammont nominali ta’ faċilità ta’ likwidità li tissodisfa l-kondizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafu 16.

Trattament eċċezzjonali meta l-$K_{irb}$ jkunx jista’ jiġi kkalkulat.

568. Meta ma jkunx prattikabbli għall-istituzzjoni ta’ kreditu biex tikkalkula l-ammonti b’piż differenzjat għar-riskju ta’ l-iskoperturi titolizzati bħallikieku dawn ma kinux ġew titolizzati, din tista’, fuq bażi eċċezzjonali u soġġett għall-kunsens ta’ l-awtoritajiet kompetenti, titħalla għal perjodu temporanju tapplika l-metodu li ġej biex jiġu kkalkulati l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni mhux klassifikata fil-forma ta' faċilità ta' likwidità.

569. L-akbar fattur ta’ piż differenzjat għar-riskju applikabbli skond l-Artikoli 78 sa 83 għal kull skopertura titolizzata li kieku ma kenitx ġiet titolizzata jista’ jiġi applikat għall-pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni rappreżentata mill-faċilità ta’ likwidità. Biex jiġi determinat il-valur ta’ l-iskopertura tal-pożizzjoni, fattur ta’ konverżjoni ta’ 50% jista’ jiġi applikat għall-ammont nominali tal-faċilità ta’ likwidità jekk din il-faċilità jkollha maturità naturali ta’ sena jew anqas. Jekk il-faċilità ta’ likwidità tkun konformi mal-kondizzjonijiet fil-paragrafu 54, figura ta’ konverżjoni ta’ 20% tista’ tiġi applikata.

**67.6. Rikonoxximent tal-mitigazzjoni tar-riskju ta’ kreditu għall-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni**

*67.6.1. Protezzjoni assistita*

570. Il-protezzjoni assistita eliġibbli hija limitata għal dik eliġibbli għall-kalkolu ta’ l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju skond l-Artikoli 78 sa 83 kif stabbiliti fl-Artikoli 90 sa 93 u r-rikonoxximent huwa soġġett għall-konformità ma’ l-obbligi minimi rilevanti kif previsti f’dawn l-Artikoli.

*67.6.2. Protezzjoni mhix assistita*

571. Il-protezzjoni mhux assistita eliġibbli u l-fornituri ta’ dan it-tip ta’ protezzjoni huma limitati għal dawk li huma eliġibbli skond l-Artikoli 90 sa 93 u r-rikonoxximent huwa soġġett għall-konformità ma’ l-obbligi minimi rilevanti kif previsti f’dawn l-Artikoli.

*67.6.3. Kalkolu ta’ l-obbligi kapitali għall-pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni b’mitigazzjoni tar-riskju ta’ kreditu*

Metodu bbażat fuq l-ikklasifikar

572. Meta l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju jkunu kkalkulati skond il-Metodu Bbażat fuq l-Ikklassifikar, il-valur ta’ l-iskopertura u/jew l-ammont ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju għal pożizzjoni ta' titolizzazzjoni li għaliha tkun inkisbet protezzjoni tal-kreditu, jistgħu jitbiddlu skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness VIII kif japplikaw għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju skond l-Artikoli 78 sa 83.

Metodu tal-Formola tas-Superviżjoni – protezzjoni sħiħa

573. Meta l-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju jkunu kkalkulati bl-użu tal-Metodu tal-Formola ta’ Superviżjoni, l-istituzzjoni ta’ kreditu għandha tiddetermina l-‘fattur effettiv tal-piż differenzjat għar-riskju’ tal-pożizzjoni. Dan għandha tagħmlu billi tiddividi l-ammont ta’ l-iskopertura għar-riskju tal-pożizzjoni bil-valur ta’ l-iskopertura tal-pożizzjoni u timmultiplika r-riżultat b’100.

574. Fil-każ tal-protezzjoni tal-kreditu assistita, l-ammont ta’ l-iskopertura b’piż differenzjat għar-riskju tal-pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni għandu jiġi kkalkulat billi jiġi mmultiplikat l-ammont aġġustat ta’ l-iskopertura għall-protezzjoni tal-kreditu assistita tal-pożizzjoni (E*, kif ikkalkulata skond l-Artikoli 90 sa 93 għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju skond l-Artikoli 78 sa 83 b'E

kkunsidrata bħala l-ammont tal-pożizzjoni tat-titolizzazzjoni) bil-fattur effettiv tal-piż differenzjat għar-riskju.

575. Fil-każ tal-protezzjoni tal-kreditu mhix assistita, l-ammont ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni għandu jiġi kkalkulat billi $G_A$ (l-ammont tal-protezzjoni aġġustat biex jilqa' għal kull nuqqas ta' bilanċ ta' valuta u ta' maturità skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness VIII) tkun immultiplikata bil-fattur tal-piż differenzjat għar-riskju tal-fornitur tal-protezzjoni; u dan ir-riżultat jingħadd ma' l-ammont li joħroġ mill-multiplikazzjoni ta' l-ammont tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni b'$G_A$ imnaqqas minnu, bil-fattur effettiv tal-piż differenzjat għar-riskju.

Il-metodu tal-formola tas-superviżjoni – protezzjoni parzjali

576. Jekk il-mitigazzjoni tar-riskju ta' kreditu tkopri 'l-ewwel telf' jew it-telf fuq bażi proporzjonali mill-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni, l-istituzzjoni ta' kreditu tista' tipplika d-dispożizzjonijiet tal-paragrafi 61 sa 63.

577. Fil-każi l-oħra l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tittratta l-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni bħala żewġ pożizzjonijiet jew aktar u tikkunsidra l-parti ta' l-iskopertura li mhix koperta bħala l-pożizzjoni bi kwalità ta' kreditu aktar baxxa. Għall-fini tal-kalkolu ta' l-ammont ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju għal din il-pożizzjoni, japplikaw id-dispożizzjonijiet fil-paragrafi 50 sa 52 soġġett li jsiru modifiki għat-T li tiġi aġġustata għal e* fil-każ ta' protezzjoni assistita; u għal T-g fil-każ ta' protezzjoni mhix assistita, fejn e* tirrappreżenta l-proporzjon bejn E* u l-ammont nozzjonali totali ta' l-aggregat sottastanti, fejn E* huwa l-ammont aġġustat ta' l-iskopertura tal-pożizzjoni tat-titolizzazzjoni kkalkulat skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Anness VIII kif japplikaw għall-kalkolu ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju skond l-Artikoli 78 sa 83 bl-ammont tal-pożizzjoni ta' titolizzazzjoni kkunsidrat bħala E; u g huwa l-proporzjon bejn l-ammont nozzjonali tal-protezzjoni ta' kreditu (aġġustat għall kull nuqqas ta' bilanċ ta' valuta jew maturità skond id-dispożizzjonijiet fl-Anness VIII) u s-somma ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi titolizzati. Fil-każ tal-protezzjoni tal-kreditu mhix assistita il-fattur tal-piż differenzjat għar-riskju tal-fornitur tal-protezzjoni japplika għal dik il-parti tal-pożizzjoni li ma taqax fl-ambitu tal-valur aġġustat ta' 'T'.

**67.7. Obbligi kapitali oħra għat-titolizzazzjonijiet ta' skoperturi li jiġġeddu bi provvisti ta' klawżoli ta' amortizzament antiċipat**

578. B'żieda għall-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju kkalkulati fid-dawl tal-pożizzjonijiet tagħha ta' titolizzazzjoni, l-istituzzjoni ta' kreditu oriġinatriċi hija obbligata tikkalkula ammont ta' skoperturi b'piż differenzjat għar-riskju skond il-metodoloġija stabbilita fil-paragrafi 17 sa 32 meta tbiegħ skoperturi li jiġġeddu għal ġo titolizzazzjoni li jkun fiha klawżola ta' amortizzament antiċipat.

579. Għall-fini tal-paragrafu 66, il-paragrafi 68 u 69 għandhom jissostitwixxu l-paragrafi 20 u 21.

~~580.~~ Għall-fini ta' dawn id-dispożizzjonijiet, "l-interess ta' l-oriġinatur" għandu jkun is-somma

(a) ta’ l-ammont nominali tal-parti nozzjonali ta’ aggregat ta’ ammonti użati mibjugħa għal ġo titolizzazzjoni, li proporzjon tiegħu relatat ma’ l-ammont ta’ l-aggregat totali mibjugħ għal ġo l-istruttura jiddetermina l-proporzjon tal-likwidità ġenerata mill-ġbir ta’ kapital u interessi u ammonti oħra assoċjati li mhumiex disponibbli biex jitħallsu dawk b’pożizzjonijiet ta’ titolizzazzjoni u

(b) ta’ l-ammont nominali ta’ dik il-parti ta’ l-aggregat ta’ ammonti mhux użati tal-linji ta’ kreditu li l-ammonti użati tiegħu nbiegħu għal ġo titolizzazzjoni, li l-proporzjon bejnu u bejn l-ammont totali ta’ dawn l-ammonti mhux użati huwa ugwali għall-proporzjon bejn l-ammont nominali deskritt fil-punt (a) u l-ammont nominali ta’ l-aggregat ta’ l-ammonti użati mibjugħa għal ġot-titolizzazzjoni.

Biex jikkwalifika għal dan, l-interess ta' l-oriġinatur jista' ma jkunx subordinat għall-interess ta' l-investitur.

“L-interess ta’ l-l-investituri” jiġifieri l-ammont nominali tal-parti nozzjonali ta’ l-aggregat ta’ ammonti użati li ma jaqgħux fl-ambitu tal-punt (a) magħdud miegħu l-ammont nominali ta’ dik il-parti ta’ l-aggregat ta’ ammonti mhux użati ta’ linji ta’ kreditu, li l-ammonti użati tagħha nbiegħu għal ġot-titolizzazzjoni li ma jaqgħux fl-ambitu tal-punt (b).

581. L-iskopertura ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu oriġinatriċi assoċjata mad-drittijiet tagħha fir-rigward ta’ dik il-parti ta’ l-interess ta’ l-oriġinatur kif deskritt fil-paragrafu 68 il-punt (a) għandhiex tkun ikkunsidrata bħala pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni imma bħala skopertura fuq bażi proporzjonali għall-iskoperturi ta’ l-ammonti użati titolizzati bħallikieku dawn ma kinux ġew titolizzati f’ammont ugwali għal dak deskritt fil-paragrafu 68, il-punt (a). Għandu jiġi kkunsidrat ukoll li l-istituzzjoni ta’ kreditu oriġinatriċi għandha skopertura fuq bażi proporzjonali għall-ammonti mhux użati tal-linji ta’ kreditu, li l-ammonti użati tagħha nbiegħu għal ġot-titolizzazzjoni, f’ammont ugwali għal dak deskritt fil-paragrafu 68, il-punt (b).

**67.8. Tnaqqis fl-ammonti ta’ l-iskoperturi b’piż differenzjat għar-riskju**

582. L-ammont ta’ l-iskopertura b’piż differenzjat għar-riskju ta’ pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni li għalih ikun ġie applikat fattur tal-piż differenzjat għar-riskju ta’ 1250% jista’ jitnaqqas bi 12-il darba u nofs l-ammont ta’ kull aġġustament fil-valur magħmul mill-istituzzjoni ta’ kreditu għall-iskoperturi titolizzati. Sakemm l-aġġustamenti tal-valur jiġu kkunsidrati għal dan il-għan, m’għandhomx jiġu kkunsidrati fil-kalkolu indikat fl-Anness VII, il-Parti1, il-paragrafu 34.

583. L-ammont ta’ l-iskopertura b’piż differenzjat għar-riskju ta’ pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni jista’ jitnaqqas bi 12-il darba u nofs l-ammont ta’ kull aġġustament fil-valut magħmul mill-istituzzjoni ta’ kreditu għal din il-pożizzjoni.

584. Kif previst fl-Artikolu 66(2), fil-każ ta’ pożizzjoni ta’ titolizzazzjoni li għaliha japplika fattur tal-piż differenzjat għar-riskju ta' 1250%, l-istituzzjonijiet ta' kreditu jistgħu, minflok jinkludu l-pożizzjoni fil-kalkolu tagħhom ta' l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju, inaqqsu mill-fondi proprji l-valur ta' l-iskopertura tal-pożizzjoni.

585. Għall-fini tal-paragrafu 73

(a) il-valur ta’ l-iskopertura tal-pożizzjoni jista’ jinġibed mill-ammont ta’ l-iskopertura b’piż differenzjat għar-riskju wara li jkun tqies kull tnaqqis magħmul skond il-paragrafi 70 u 71;

(b) il-kalkolu tal-valur ta’ l-iskopertura jista’ jirrifletti l-pożizzjoni tal-kreditu assistita eliġibbli b’mod konformi mal-metodoloġija preskritta fil-paragrafi 58 sa 65;

(c) meta jintuża l-Metodu tal-Formola tas-Superviżjoni biex jiġu kkalkulati l-ammonti ta' l-iskoperturi b'piż differenzjat għar-riskju u $L \leq K_{IRBR}$ u $[L+T] > K_{IRBR}$ il-pożizzjoni tista’ tiġi ttrattata bħala żewġ pożizzjonijiet b’L ugwali għal $K_{IRBR}$ tal-pożizzjoni l-aktar għolja.

586. Meta l-istituzzjoni ta' kreditu tuża l-alternattiva indikata fil-paragrafu 72, l-ammont imnaqqas skond dan il-paragrafu mmultiplikat bi 12-il darba u nofs għandu, għall-fini tal-paragrafu 44, jitnaqqas mill-ammont speċifikat f’dak il-paragrafu bħala l-ammont massimu ta’ l-ammont ta' l-iskopertura b'piż differenzjat għar-riskju kkalkulat mill-istituzzjonijiet ta' kreditu indikati hemm.

# ANNESS X
# Riskju Operattiv
## Parti 1 – Metodu Bażiku ta' l-Indikatur

### 68. OBBLIGU KAPITALI

587. Skond il-Metodu Bażiku ta' l-Indikatur, l-obbligu kapitali għar-riskju operattiv huwa ugwali għal 15% ta' l-indikatur rilevanti definit hawn taħt.

### 69. INDIKATUR RILEVANTI

588. L-indikatur rilevanti huwa l-medja matul perjodu ta' tliet snin tas-somma tad-dħul nett mill-interessi u tad-dħul nett mhux mill-interessi.

589. Il-medja fuq tliet snin hija kkalkulata fuq il-bażi ta' l-aħħar sitt osservazzjonijiet ta' kull tnax-il xahar fin-nofs u fl-aħħar tas-sena finanzjarja. Meta ma jkunux disponibbli l-figuri verifikati, jistgħu jintużaw stimi tan-negozju.

590. Jekk minn waħda mill-osservazzjonijiet jirriżulta li s-somma tad-dħul nett mill-interessi u tad-dħul nett mhux mill-interessi hija negattiva jew ugwali għal żero, din il-figura m'għandhiex titqies fil-kalkolu tal-media fuq medda ta' tliet snin. L-indikatur rilevanti għandu jirriżulta mis-somma tal-figuri pożittivi diviżi bin-numru ta' figuri pożittivi.

### 69.1. Istituzzjonijiet ta' kreditu soġġetti għad-Direttiva 86/635/KEE

591. Fuq il-bażi tal-kategoriji ta' kontabilità tal-kont tal-profitt u t-telf ta' l-istituzzjonijiet ta' kreditu skond l-Artikolu 27 tad-Direttiva 86/635/KEE, l-indikatur rilevanti għandu jkun is-somma ta' l-elementi elenkati fit-Tabella 1. Kull element għandu jiġi inkluż fis-somma bis-sinjal pożittiv jew negattiv tiegħu.

592. Dawn l-elementi jista' jkun li jkollhom bżonn xi aġġustamenti biex jirriflettu l-obbligi kif jidhru fil-paragrafi 7 u 8.

Tabella 1:

| |
|---|
| 1 Interessi riċevibbli u dħul simili<br>2 Interessi pagabbli u tnaqqis simili |
| 3 Dħul minn titoli:<br>a) minn ishma u titoli oħra b'rendita varjabbli<br>b) minn interessi parteċipanti<br>c) minn ishma f'impriżi affiljati |
| 4 Kummissjonijiet/miżati riċevibbli |

| | |
|---|---|
| 5 | Kummissjonijiet/miżati pagabbli |
| 6 | Qligħ nett jew telf nett minn operazzjonijiet finanzjarji |
| 7 | Dħul operattiv ieħor |

*69.1.1. Kwalifiki:*

593. L-indikatur għandu jkun ikkalkulat qabel it-tnaqqis ta' kwalunkwe proviżjoni jew spejjeż operattivi.

594. L-elementi li ġejjin m'għandhomx jintużaw fl-ikkalkular ta' l-indikatur:

(a) Profitti/telf irrealizzat mill-bejgħ ta' elementi li mhumiex tar-reġistru tan-negozju

(b) Dħul minn elementi straordinarji jew irregolari

(c) Dħul li ġej mill-assigurazzjoni.

Meta r-rivalutazzjoni ta' l-elementi tan-negozju tkun parti mid-dikjarazzjoni tal-qligħ u t-telf, ir-rivalutazzjoni għandha tkun inkluża. Meta l-Artikolu 36 (2) tad-Direttiva 86/635/KEE jkun applikat, ir-rivalutazzjoni rreġistrata fil-kont tal-qligħ u t-telf għandha tkun inkluża.

**69.2. Istituzzjonijiet ta' kreditu suġġetti għal qafas ta' kontabilità differenti**

595. Meta istituzzjonijiet ta' kreditu jkunu suġġetti għal qafas ta' kontabilità differenti minn dak stabbilit permezz tad-Direttiva 86/635/KE, huma għandhom jikkalkulaw l-indikatur relevanti fuq il-bażi tad-*data* li tirrifletti l-aħjar id-definizzjoni ta' hawn fuq.

## Parti 2 – Metodu Standardizzat

### 70. OBBLIGU TAL-KAPITAL

596. Skond il-Metodu Standardizzat, l-obbligu tal-kapital għar-riskju operattiv huwa s-somma sempliċi ta' l-obbligi tal-kapital ikkalkulati għal kull waħda mil-linji tan-negozju fit-tabella 2.

597. L-obbligu tal-kapital għal linja partikolari ta' negozju hija ugwali għal ċertu perċentwal ta' l-indikatur relevanti.

598. L-indikatur huwa kkalkulat għal kull linja ta' negozju individwalment.

599. Għal kull linja ta' negozju, l-indikatur relevanti huwa l-medja fuq tliet snin tas-somma tad-dħul nett mill-interessi, u d-dħul nett annwali mhux mill-interessi, kif definiti f'Parti 1, paragrafi 5 sa 9.

600. Il-medja fuq tliet snin hija kkalkulata fuq il-bażi ta' l-aħħar sitt osservazzjonijiet ta' kull tnax-il xahar fin-nofs u fl-aħħar tas-sena finanzjarja. Meta ma jkunux disponibbli l-figuri verifikati (*audited*), jistgħu jintużaw stimi tan-negozju.

601. Jekk għal osservazzjoni partikolari, is-somma tad-dħul nett mill-interessi u d-dħul nett mhux mill-interessi tkun negattiva, din il-figura għandha tkun assenjata l-valur ta' żero.

Tabella 2:

| Linja tan-negozju | Lista ta' l-attivitajiet | Perċentwal |
|---|---|---|
| Finanzjament tal-kumpaniji | Sottoskrizzjoni ta' strumenti finanzjarji u/jew tqegħid ta' strumenti finanzjarji fuq bażi ta' impenn sod<br><br>Servizzi relatati mas-sottoskrizzjoni<br><br>Pariri dwar l-investiment<br><br>Pariri lill-intrapriżi dwar l-istruttura kapitali, l-istrateġija industrijali u materji relatati u pariri u servizzi relatati mal-merġers u x-xiri ta' intrapriżi<br><br>Riċerka ta' l-investiment u analiżi finanzjarja u forom oħra ta' rakkomandazzjonijiet ġenerali relatati mat-tranżazzjonijiet ta' strumenti finanzjarji | 18% |
| Negozju u bejgħ | Negozju fuq il-kont tagħhom stess | 18% |

| | | |
|---|---|---|
| | Intermedjazzjoni finanzjarja<br><br>Wasla (*reception*) u trażmissjoni ta' ordnijiet fir-rigward ta' strument finanzjarju wieħed jew aktar<br><br>Eżekuzzjoni ta’ ordnijiet għall-klijenti<br><br>Tqegħid ta’ strumenti finanzjarji mingħajr bażi soda ta’ impenn<br><br>Tħaddim ta’ Faċilitajiet ta’ Negozju Multilaterali | |
| Servizzi ta’ intermedjazzjoni *retail*<br><br>(Attivitajiet ma’ persuni fiżiċi individwali jew ma’ entitajiet ta’ daqs żgħir jew medju li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 55 għall-klassi ta’ skoperturi għall-individwi) | Wasla (reception) u trażmissjoni ta' ordnijiet fir-rigward ta' strument finanzjarju wieħed jew aktar<br><br>Eżekuzzjoni ta’ ordnijiet għall-klijenti<br><br>Tqegħid ta’ strumenti finanzjarji mingħajr bażi soda ta’ impenn | 12% |
| Operazzjonijiet bankarji kummerċjali | Aċċettar ta’ depożiti u fondi oħra ripagabbli<br><br>Għoti b’self<br><br>Kiri finanzjarju<br><br>Garanziji u impenji | 15% |
| Operazzjonijiet bankarji *retail*<br><br>(Attivitajiet ma’ persuni fiżiċi individwali jew ma’ entitajiet ta’ daqs żgħir jew medju li jissodisfaw il-kriterji stabbiliti fl-Artikolu 55 għall-klassi ta’ skoperturi għall-individwi) | Aċċettar ta’ depożiti u fondi oħra ripagabbli<br><br>Għoti b’self<br><br>Kiri finanzjarju<br><br>Garanziji u impenji | 12% |
| Ħlas | Servizzi ta’ trażmissjoni tal-flus,<br><br>Il-ħruġ u l-amministrazzjoni ta’ mezzi ta’ ħlas | 18% |
| Servizzi ta’ aġenzija | Konservazzjoni u amministrazzjoni ta' strumenti finanzjarji għall-klijenti, inkluża kustodja u servizzi relatati bħal ġestjoni ta' flus jew ta' garanziji | 15% |

| | | |
|---|---|---|
| Ġestjoni ta’ l-assi | Ġestjoni tal-portfolji<br>Ġestjoni ta’ UCITS<br>Forom oħra ta’ ġestjoni ta’ l-assi | 12% |

602. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw lil istituzzjoni ta’ kreditu li tikkalkula l-obbligu għar-riskju operattiv billi tuża metodu standardizzat alternattiv, kif stabbilit fil-paragrafi 9 sa 16.

## 71. PRINĊIPJI TAL-KLASSIFIKAZZJONI TAL-LINJI TAN-NEGOZJU

603. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jiżviluppaw u jiddokumentaw *policies* u kriterji speċifiċi għall-klassifikazzjoni ta’ l-indikatur għal linji ta’ negozju u attivitajiet kurrenti fil-qafas standardizzat. Il-kriterji għandhom ikunu riveduti u aġġustati kif jixraq għal attivitajiet u risjki ta’ negozju ġodda. Il-prinċipji tal-klassifikazzjoni tal-linji tan-negozju huma :

(a) L-attivitajiet kollha għandhom ikunu kklassifikati f’linji ta’ negozju b’mod esklussiv u sħiħ;

(b) Kull attività li ma tistax tkun faċilment klassifikata fil-qafas tal-linji ta' negozju, imma li tirrappreżenta funzjoni anċillari għal attività inkluża fil-qafas, għandha tkun allokata għal-linja tan-negozju li hija tappoġġa. Jekk tkun appoġġata aktar minn linja ta’ negozju waħda permezz ta’ attività anċillari, irid jintuża kriterju ta’ klassifikazzjoni oġġettiv;

(c) Jekk attività ma tkunx tista’ tiġi klassifikata f’linja ta’ negozju partikolari, għandha tintuża linja ta’ negozju li trendi l-ogħla perċentwal. L-istess linja ta’ negozju tapplika b’mod ugwali għal kull attività anċillari assoċjata.

(d) Istituzzjonijiet ta’ kreditu jistgħu jużaw metodi interni ta’ ffissar tal-prezzijiet sabiex jallokaw l-indikatur bejn il-linji ta' negozju. Spejjeż iġġenerati f’linja waħda ta’ negozju li huma attribwibbli għal linja oħra ta’ negozju jistgħu jiġu riallokati lil-linja tan-negozju li għaliha jappartjenu, pereżempju billi jużaw trattament ibbażat fuq l-ispejjeż ta’ trasferiment intern bejn żewġ linji ta’ negozju.

(e) Il-klassifikazzjoni ta’ l-attivitajiet f’linji ta’ negozju għall-fini tal-kapital tar-riskju operattiv għandhom ikunu konsistenti mal-kategoriji użati għar-riskji tal-kreditu u tas-swieq.

(f) L-amministrazzjoni għolja hija responsabbli għall-politika ta' klassifikazzjoni taħt il-kontroll ta' l-entitajiet ta' tmexxija ta' l-istituzzjoni ta’ kreditu;

(g) Il-proċess ta’ klassifikazzjoni għal linji ta’ negozju għandu jkun suġġett għal analiżi indipendenti.

## 72. INDIKATURI ALTERNATTIVI GĦAL ĊERTI LINJI TA’ NEGOZJU

### 72.1. Modalitajiet

604. L-awtoritajiet kompetenti jistgħu jawtorizzaw lill-istituzzjoni ta’ kreditu sabiex tuża indikatur alternattiv għal-linji ta' negozju li ġejjin: operazzjonijiet bankarji għall-individwi u entitajiet żgħar u dawk kummerċjali

605. Għal dawn il-linji ta’ negozju, l-indikatur relevanti għandu jkun indikatur ta’ dħul normalizzat ugwali għall-medja ta’ tliet xhur ta’ l-ammont nominali totali ta’ self u avvanzi mmultiplikat b’0.035.

606. Għal-linja ta’ negozju ta’ l-operazzjonijiet bankarji *retail*, is-self u l-avvanzi għandhom jikkonsistu fl-ammonti totali meħuda fil-portfolji ta' kreditu li ġejjin: *retail*, SME trattati bħala *retail*, u riċevibbli *retail* mixtrija.

607. Għal-linja ta’ negozju ta’ l-operazzjonijiet bankarji kummerċjali, is-self u l-avvanzi għandhom jikkonsistu fl-ammonti meħuda fil-portfolji ta' kreditu li ġejjin: tal-Kumpaniji, Sovrani, Istituzzjonijiet, Self Speċjalizzat, SME trattati bħala Kumpaniji u Riċevibbli mixtrija tal-kumpaniji. Titoli miżmuma barra mir-reġistru tan-negozju għandhom ikunu inklużi wkoll.

### 72.2. Kundizzjonijiet

608. L-awtorizzazzjoni sabiex ikunu użati indikaturi alternattivi għandha tkun suġġetta għall-kundizzjonijiet fil-paragrafi 14 sa 16.

*72.2.1. Kundizzjoni ġenerali*

609. L-istituzzjoni ta’ kreditu tissodisfa l-kriterji ta’ kwalifikazzjoni stabbiliti fil-paragrafu 17.

*72.2.2. Kundizzjonijiet speċifiċi għall-operazzjonijiet bankarji retail u dawk kummerċjali*

610. L-istituzzjoni ta’ kreditu hija l-aktar attiva f'attivitajiet bankarji *retail* u kummerċjali, li għandhom jammontaw għal mill-anqas 90% tad-dħul tagħha.

611. L-istituzzjoni ta’ kreditu tista’ turi lill-awtoritajiet kompetenti li proporzjon sinifikanti mill-attivitajiet bankarji *retail* u kummerċjali tagħha jikkonsistu f’self assoċjat ma’ probabbiltà għolja ta’ inadempjenza, u li l-metodu standardizzat alternattiv jipprovdi bażi aħjar biex ikun stmat ir-riskju operattiv.

## 73. KRITERJI TA' KWALIFIKAZZJONI

612. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jissodisfaw il-kriterji ta’ kwalifikazzjoni li ġejjin, minbarra l-istandards ġenerali ta' ġestjoni tar-riskju stabbiliti fl-Artikolu 22 u l-Anness V.

(a) L-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandu jkollhom sistema ta’ stimar u ġestjoni dokumentata tajjeb għar-riskju operattiv b’responsabbiltajiet ċari assenjati għal din is-sistema. Huma għandhom jidentifikaw l-iskoperturi tagħhom għar-riskju

operattiv u jieħdu nota tad-*data* relevanti dwar ir-riskju operattiv, inkluża dik dwar it-telf sostanzjali. Din is-sistema għandha tkun suġġetta għal analiżi indipendenti regolari.

(b) Is-sistema ta' riskju operattiv għandha tkun integrata mill-qrib fil-proċessi ta' ġestjoni tar-riskju ta' l-istituzzjoni ta' kreditu. Il-prodott tagħha għandu jkun parti integrali mill-proċess ta' monitoraġġ u kontroll tal-profil tar-riskju operattiv ta' l-istituzzjoni ta' kreditu.

(c) L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jimplimentaw sistema ta' rappurtar tal-ġestjoni li tipprovdi rapport dwar ir-riskju operattiv għal funzjonijiet relevanti fi ħdan l-istituzzjonijiet ta' kreditu. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom proċeduri għat-teħid ta' azzjoni xierqa skond l-informazzjoni fir-rapporti tal-ġestjoni.

## Parti 3 – Metodi Avvanzati ta' Kejl

### 74. KRITERJI TA' KWALIFIKAZZJONI

613. Sabiex ikunu eliġibbli għal Metodu Avvanzat ta' Kejl , l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jissodisfaw lill-awtoritajiet kompetenti li huma jissodisfaw il-kriterji ta' kwalifikazzjoni, flimkien ma' l-istandards ta' ġestjoni tar-riskju fl-Artikoli 22 u l-Anness V.

### 74.1. Standards Kwalifikattivi

614. Is-sistema ta' kejl tar-riskju operattiv intern ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun integrata mill-qrib fil-proċessi ta' kuljum tagħha tal-ġestjoni tar-riskju.

615. L-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha funzjoni indipendenti ta' ġestjoni tar-riskju għar-riskju operattiv.

616. Għandu jkun hemm rappurtaġġ regolari ta' skoperturi ta' riskju operattiv u esperjenza ta' telf. L-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha proċeduri biex tittieħed l-azzjoni korrettiva xierqa.

617. Is-sistema tal-ġestjoni tar-riskju ta' l-istituzzjoni trid tkun dokumentata tajjeb. L-istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha mekkaniżmi stabbiliti sabiex jiżguraw il-konformità u l-*policies* dwar kif għandu jkun trattat in-nuqqas ta' konformità.

618. Il-proċessi ta' ġestjoni tar-riskju operattiv u s-sistemi ta' kejl għandhom ikunu suġġetti għal analiżijiet regolari magħmula minn awdituri interni u/jew esterni.

619. Il-validazzjoni tas-sistema ta' kejl tar-riskju operattiv mill-awtoritajiet kompetenti għandha tinkludi l-elementi li ġejjin:

(a) Verifikar li l-proċessi ta' validazzjoni interna jaħdmu b'mod sodisfaċenti;

(b) Żgurar li l-moviment u l-proċessi tad-*data* assoċjati mas-sistema tal-ġestjoni tar-riskju jkunu trasparenti u aċċessibbli.

### 74.2. Standards Kwantitattivi

#### *74.2.1. Proċess*

620. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jikkalkulaw l-obbligu tal-kapital tagħhom bħala li jinkludi sew it-telf mistenni u kif ukoll dak mhux mistenni, sakemm ma jkunux jistgħu juru li t-telf mistenni huwa rifless b'mod adegwat fil-prattiki interni tagħhom tan-negozju. Il-kejl tar-riskju operattiv għandu jirrifletti *tail events* potenzjalment qawwija, u jilħaq livell ta' korrettezza komparabbli għal intervall ta' kunfidenza ta' 99.9% fuq perjodu ta' sena.

621. Is-sistema ta' kejl tar-riskju operattiv ta' istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha ċerti elementi ewlenin sabiex tilħaq l-istandard ta' korrettezza stabbilit hawn fuq. Dawn l-elementi għandhom jinkludu l-użu ta' *data* interna, *data* esterna, analiżi ta' xenarji u fatturi li jirriflettu l-ambjent tan-negozju u s-sistemi ta' kontroll intern kif stabbiliti

fil-paragrafi 13 sa 24 aktar 'l isfel. Istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha metodu dokumentat tajjeb sabiex tagħti l-piżijiet differenzjati għal dawn l-erba' elementi fis-sistema ġenerali tagħha ta' kejl tar-riskju.

622. Is-sistema ta' kejl tar-riskju għandha tirrifletti l-kawżi ewlenin tar-riskju li jaffettwaw il-forma tad-'denb' tad-distribuzzjoni ta' l-estimi tat-telf.

623. Korrelazzjonijiet fir-riskju tat-telf operattiv fuq stimi ta' riskju operattiv individwali jistgħu jkunu rikonoxxuti biss jekk istituzzjoni ta' kreditu tista' turi għas-sodisfazzjon ta' l-awtoritajiet kompetenti li s-sistemi tagħha għall-kejl tal-korrelazzjonijiet huma korretti, implimentati b'integrità, u jqisu l-inċertezza li tikkonċerna stimi ta' korrelazzjoni bħal dawn, partikolarment f'perjodi ta' tensjoni. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jivvalidaw l-ipoteżijiet tagħhom dwar il-korrelazzjoni permezz ta' metodi kwantitattivi u kwalitattivi xierqa.

624. Is-sistema ta' kejl tar-riskju għandha tkun konsistenti internament u għandha tevita l-għadd doppju ta' stimi kwalitattivi jew metodi ta' mitigazzjoni tar-riskju rikonoxxuti f'oqsma oħra tal-qafas ta' l-adegwatezza tal-kapital.

*74.2.2. Data* Interna

625. Il-miżuri ta' riskju operattiv ġenerati internament għandhom ikunu bbażati fuq perjodu minimu ta' osservazzjoni storika ta' ħames snin. Meta istituzzjoni ta' kreditu tgħaddi għall-ewwel darba għal Metodu Avvanzat ta' Kejl, huwa aċċettabbli perjodu ta' osservazzjoni storika ta' tliet snin.

626. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu kapaċi jikklassifikaw id-*data* storika interna tat-telf skond il-linji ta' negozju definiti fil-Parti 2 u skond it-tipi ta' avveniment definiti fil-Parti 5, u li jipprovdu dik id-*data* lill-awtoritajiet kompetenti meta dawn jitolbuhielhom. Irid ikun hemm kriterji dokumentati u oġġettivi għall-allokazzjoni tat-telf għal-linji ta' negozju u avvenimenti speċifikati. It-telf tar-riskju operattiv li hu relatat mar-riskju tal-kreditu u li storikament ġie inkluż fid-*databases* interni tar-riskju tal-kreditu għandu jkun irreġistrat fid-*databases* tar-riskju operattiv u identifikat separatament. Dan it-telf m'għandux ikun suġġett għat-tnaqqis għar-riskju operattiv, sakemm ikompli jkun trattat bħala riskju ta' kreditu għall-fini ta' l-ikkalkular ta' l-obbligu tal-kapital minimu. Telf tar-riskju operattiv relatat mar-riskji tas-suq għandu jkun inkluż taħt l-obbligu tal-kapital għar-riskju operattiv.

627. Id-*data* interna dwar it-telf ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tkun kompluta billi tirrifletti l-attivitajiet u l-iskoperturi sostanzjali kollha mis-sotto-sistemi u postijiet ġeografiċi kollha xierqa. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu jistgħu jiġġustifikaw li kwalunkwe attivitajiet jew skoperturi esklużi, sew individwalment u flimkien, ma jkollhomx impatt sostanzjali fuq l-estimi ġenerali tar-riskju. Għandu jkun stabbilit limitu minimu xieraq ta' telf għall-ġbir intern ta' *data* dwar it-telf.

628. Minbarra l-informazzjoni dwar ammonti ta' telf gross, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom jiġbru informazzjoni dwar id-data ta' l-avveniment, kull irkupru ta' ammonti grossi ta' telf kif ukoll xi informazzjoni deskrittiva dwar il-kawżi ta' l-avveniment ta' telf.

629. Għandu jkun hemm kriterji speċifiċi għall-allokazzjoni ta' *data* dwar telf li tirriżulta minn avveniment f'funzjoni ċentralizzata jew attività li tkopri aktar minn linja ta' negozju waħda, kif ukoll minn avvenimenti relatati fuq perjodu ta' żmien.

630. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandu jkollhom proċeduri dokumentati għall-evalwazzjoni tar-relevanza kurrenti tad-*data* storika tat-telf, inklużi dawk is-sitwazzjonijiet li fihom jistgħu jintużaw l-aġġustamenti diskrezjonali, *scaling* u aġġustamenti oħra, sa liema punt jistgħu jintużaw u min hu awtorizzat li jieħu dawn id-deċiżjonijiet.

*74.2.3.* *Data* esterna

631. Is-sistema ta' kejl tar-riskju operattiv ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tuża d-*data* esterna relevanti, partikolarment fejn ikun hemm x'jindika li l-istituzzjoni ta' kreditu hija esposta għal telf mhux frekwenti imma potenzjalment kbir. Istituzzjoni ta' kreditu għandu jkollha proċess sistematiku sabiex tiddetermina s-sitwazzjonijiet li għalihom għandha tintuża d-*data* esterna u l-metodoloġiji li għandhom jintużaw sabiex tkun inkorporata d-*data* fis-sistema tal-kejl tagħha. Il-kundizzjonijiet u l-prattiki għall-użu tad-data esterna għandhom ikunu analizzati regolarment, dokumentati u suġġeti għal analiżi indipendenti perjodika.

*74.2.4. Analiżi tax-xenarji*

632. L-istituzzjoni ta' kreditu għandha tuża analiżi tax-xenarju ta' opinjoni esperta flimkien ma' *data* esterna sabiex tevalwa l-iskopertura tagħha għal avvenimenti ta' qawwa kbira. Matul iż-żmien, dawn l-evalwazzjonijiet jinħteġilhom li jkunu vvalidati u evalwati mill-ġdid permezz ta' tqabbil ma' l-esperjenza reali tat-telf sabiex ikun żgurat li dawn ikunu raġonevoli.

*74.2.5. L-ambjent kummerċjali u l-fatturi ta' kontroll intern*

633. Il-metodoloġija ta' l-evalwazzjoni tar-riskju tal-kumpanija kollha ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tirrifletti l-fatturi ewlenin ta' l-ambjent kummerċjali u l-kontroll intern li jistgħu jibdlu l-profil tar-riskju operattiv tagħha.

634. L-għażla ta' kull fattur għandha tkun iġġustifikata bħala kawża sinifikanti ta' riskju, fuq il-bażi ta' l-esperjenza u bl-involviment ta' ġudizzju espert dwar l-oqsma tan-negozju kkonċernati.

635. Is-sensittività ta' l-estimi tar-riskju għal bidliet fil-fatturi u fl-allokazzjoni tal-piż differenzjat relattiv tad-diversi fatturi għandha tkun raġunata tajjeb. Minbarra li jirrifletti bidliet fir-riskju dovuti għat-titjib fil-kontrolli tar-riskju, il-qafas għandu wkoll jirrifletti żidiet potenzjali fir-riskju dovuti għal kumplessità akbar ta' l-attivitajiet jew għal volum akbar ta' negozju.

636. Dan il-qafas għandu jkun dokumentat u suġġett għal analiżi indipendenti fl-istituzzjoni ta' kreditu u minn awtoritajiet kompetenti. Matul iż-żmien, il-proċess u r-riżultati jinħtieġu li jkunu validati u evalwati mill-ġdid permezz ta' tqabbil ma' l-esperjenza reali interna tat-telf u *data* esterna relevanti.

## 75. IMPATT TA' L-ASSIGURAZZJONI

637. L-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikunu jistgħu jirrikonoxxu l-impatt ta' l-assigurazzjoni suġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti fil-paragrafi 26 sa 29.

638. Dak li jipprovdiha jkun awtorizzat li jipprovdi l-assigurazzjoni jew ir-riassigurazzjoni (*re-insurance*).

639. Dak li jipprovdiha jkollu abbiltà minima ta' ħlas ta' klejms ta' A (jew ekwivalenti għaliha);

(a) Il-polza ta' l-assigurazzjoni għandu jkollha terminu inizjali ta' mhux anqas minn sena. Għal poloz b'terminu residwu ta' anqas minn sena, l-istituzzjoni ta' kreditu għandha tagħmel *haircuts* xierqa li jirriflettu t-terminu residwu dejjem jonqos tal-polza, sa *haircut* sħiħa ta' 100% għal poloz b'terminu residwu ta' 90 jum jew anqas;

(b) Il-polza ta' l-assigurazzjoni għandha żmien ta' notifika minimu ta' 90 jum għall-ikkanċellar tal-kuntratt;

(c) Il-politika ta' assigurazzjoni m'għandhiex esklużjonijiet jew limitazzjonijiet li jidħlu fis-seħħ minħabba azzjonijiet ta' superviżjoni jew, fil-każ ta' istituzzjoni ta' kreditu li tkun falliet, li jwaqqfu lill-istituzzjoni ta' kreditu, lir-riċevitur jew lil-likwidatur milli jirkupraw id-danni sofferti jew l-ispejjeż minfuqa mill-istituzzjoni ta' kreditu, minbarra fir-rigward ta' avvenimenti li jseħħu wara l-bidu tal-proċeduri tar-riċevitura jew tal-likwidazzjoni fir-rigward ta' l-istituzzjoni ta' kreditu; fuq il-kundizzjoni li l-polza ta' l-assigurazzjoni tista' teskludi kull multa, penali jew danni punitivi li jirriżultaw minn azzjonijiet mill-awtoritajiet kompetenti;

(d) Il-kalkoli tal-mitigazzjoni tar-riskju għandhom jirriflettu l-kopertura ta' l-assigurazzjoni b'mod trasparenti fir-relazzjoni tagħha ma', u f'konsistenza ma', il-probabbiltà attwali u l-impatt tat-telf użat biex ikun stabbilit b'mod ġenerali l-kapital tar-riskju operattiv;

(e) L-assigurazzjoni hija pprovduta minn entità ta' parti terza. Fil-każ ta' assigurazzjoni permezz ta' kumpaniji kkontrollati jew affiljati, l-iskopertura għandha tkun trasferita lil entità terza indipendenti, pereżempju permezz ta' riassigurazzjoni, li tissodisfa l-kriterji ta' l-eliġġibilità;

(f) Il-qafas għar-rikonoxximent ta' l-assigurazzjoni huwa rraġunat u ddokumentat tajjeb;

640. Il-metodoloġija għar-rikonoxximent ta' l-assigurazzjoni għandha tirrifletti dawn l-elementi permezz ta' skonti jew *haircuts* fl-ammont tar-rikonoxximent ta' l-assigurazzjoni:

(a) It-terminu residwu tal-polza, fejn dan ikun ta' anqas minn sena, kif innutat aktar 'il fuq;

(b) It-termini ta' l-ikkanċellar tal-polza, fejn anqas minn sena;

(c) L-inċertezza tal-ħlas flimkien man-nuqqasijiet fl-allinjament tal-kopertura tal-poloz ta' l-assigurazzjoni.

641. It-tnaqqis fl-obbligi tal-kapital li jirriżulta mir-rikonoxximent ta' l-assigurazzjoni m'għandux jaqbeż l-20% ta' l-obbligu tal-kapital għar-riskju operattiv qabel ir-rikonoxximent tal-metodi tal-mitigazzjoni tar-riskju.

## 76. Applikazzjoni għall-użu ta' metodu avvanzat ta' kejl fuq il-bażi ta' grupp sħiħ

642. Meta Metodu Avvanzat ta' Kejl ikun maħsub biex jintuża mill-istituzzjoni ta' kreditu *parent* ta' l-UE u s-sussidjarji tagħha, jew mis-sussidjarji ta' *parent holding company* finanzjarja ta' l-UE, l-applikazzjoni għandha tinkludi deskrizzjoni tal-metodoloġija użata għall-allokazzjoni tal-kapital tar-riskju operattiv bejn l-entitajiet differenti tal-grupp.

643. L-applikazzjoni għandha tindika jekk u kif l-effetti tad-diversifikazzjoni humiex maħsuba li jkunu inklużi fis-sistema tal-kejl tar-riskju.

## Parti 4 – Użu flimkien tal-metodoloġiji differenti

### 77. UŻU TA' METODU AVVANZAT TA' KEJL FLIMKIEN MA' METODI OĦRA

644. Istituzzjoni ta’ kreditu tista’ tuża Metodu Avvanzat ta’ Kejl flimkien mal-Metodu ta’ l-Indikatur Bażiku jew il-Metodu Standardizzat, sakemm ikunu ssodisfati l-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) Ir-riskji operattivi kollha ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu jkunu riflessi. L-awtorità kompetenti għandha tkun sodisfatta bil-metodoloġija użata biex ikunu koperti attivitajiet, postijiet ġeografiċi, strutturi legali differenti u diviżjonijiet relevanti oħra determinati fuq bażi interna.

(b) Il-kriterji ta’ kwalifikazzjoni stabbiliti fil-Partijiet 2 u 3 huma mwettqa għal dik il-parti ta' l-attivitajiet koperta mill-Metodu Standardizzat u l-Metodi Avvanzat ta’ Kejl rispettivament.

645. Każ b’każ, l-awtorità kompetenti tista’ timponi dawn il-kundizzjonijiet addizzjonali l-oħra li ġejjin:

(a) Fid-data ta’ l-implimentazzjoni tal-Metodu Avvanzat ta’ Kejl , parti sinifikanti mir-riskji operattivi ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu hija riflessa mill-Metodu Avvanzat ta’ Kejl ;

(b) L-istituzzjoni ta’ kreditu timpenja ruħha li tapplika l-Metodu Avvanzat ta’ Kejl għal parti sostanzjali ta’ l-operazzjonijiet tagħha f'limitu ta' żmien li tkun qablet dwaru ma' l-awtoritajiet kompetenti.

### 78. UŻU FLIMKIEN TAL-METODU TA’ L-INDIKATUR BAŻIKU U TAL-METODU STANDARDIZZAT

646. Istituzzjoni ta’ kreditu tista' tuża taħlita tal-Metodu ta' l-Indikatur Bażiku u l-Metodu Standardizzat biss f'ċirkustanzi eċċezzjonali bħall-akkwist riċenti ta’ negozji ġodda li jistgħu jinħtieġu perjodu ta' tranżizzjoni għall-applikazzjoni tal-Metodu Standardizzat.

647. L-użu flimkien tal-Metodu ta’ l-Indikatur Bażiku u l-Metodu Standardizzat għandu jkun fuq il-kundizzjoni li jkun hemm impenn mill-istituzzjoni ta' kreditu li tapplika l-Metodu Standardizzat fil-limitu ta’ żmien li tkun qablet dwaru ma' l-awtoritajiet kompetenti.

## Parti 5 – Klassifikazzjoni ta’ l-avvenimenti ta’ telf

Tabella 3

| Kategorija tat-Tip ta’ Avveniment | Definizzjoni |
|---|---|
| Frodi intern | Telf dovut għal attivitajiet maħsuba biex jiffrodaw, jimmiżappropprjaw il-proprjetà jew ma jħarsux ir-regolamenti, il-liġi jew il-politika tal-kumpanija, minbarra avvenimenti ta’ diversità/diskriminazzjoni, li jinvolvu mill-anqas parti interna waħda. |
| Frodi estern | Telf dovut għal atti maħsuba biex jiffrodaw, jimmiżapproprjaw il-proprjetà jew ma jħarsux il-liġi, minn parti terza |
| Prattiki ta’ l-Impjieg u Sigurtà fuq il-post tax-Xogħol | Telf li jirriżulta minn atti mhux konsistenti mal-liġijiet u l-ftehimiet ta’ l-impjieg, is-saħħa jew is-sigurtà, minn ħlas ta' klejms ta' korriment personali, jew minn avvenimenti ta' diversità/diskriminazzjoni |
| Klijenti, Prodotti u Prattiki tan-Negozju | Telf li jirriżulta minn nuqqas mhux intenzjonat jew b’negliġenza li jkun issodisfat obbligu professjonali lejn klijenti speċifiċi (inklużi obbligi fiduċjarji u ta’ adattabilità), jew min-natura jew diżinn ta’ prodott. |
| Dannu għall-Assi Fiżiċi | Telf dovut għal telf ta’, jew danni għal, assi fiżiċi bħala riżultat ta’ diżastru naturali jew avvenimenti oħra. |
| Tfixkil ta’ negozju u nuqqas ta’ funzjonament tas-sistemi | Telf dovut għal tfixkil ta' negozju jew nuqqas ta' funzjonament tas-sistemi |
| Eżekuzzjoni, Ikkunsinjar u Ġestjoni tal-Proċessi | Telf minn proċessar tat-tranżazzjonijiet jew ġestjoni tal-proċessi li ma jirnexxux minn relazzjonijiet ma' kontropartijiet tan-negozju u bejjiegħa |

# ANNESS XI

## Kriterji tekniċi dwar l-analiżi u l-evalwazzjoni mill-awtoritajiet kompetenti

648. Minbarra r-riskju tal-kreditu, tas-suq u dak operattiv, l-analiżi u l-evalwazzjoni mwettqa mill-awtoritajiet kompetenti skond l-Artikolu 124 għandhom jinkludu dan li ġej:

(a) ir-riżultati ta' l-i*stress test* imwettaq mill-istituzzjonijiet ta' kreditu bl-applikazzjoni tal-metodu IRB;

(b) l-iskopertura għal, u l-ġestjoni ta', riskju tal-likwidità u riskju tal-konċentrazzjoni mill-istituzzjonijiet ta' kreditu, inkluża l-konformità tagħhom ma' l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 108 sa 118;

(c) is-saħħa, l-adattabilità u l-manjiera ta' l-applikazzjoni tal-*policies* u l-proċeduri implimentati mill-istituzzjonijiet ta' kreditu għall-ġestjoni tar-riskju residwu assoċjat ma' l-użu ta' modi rikonoxxuti ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu;

(d) il-punt sa fejn il-fondi proprji miżmuma mill-istituzzjoni ta' kreditu fir-rigward ta' l-assi li hija tkun ittotilizzat huma adegwati wara li tkun ġiet ikkunsidrata s-sustanza ekonomika tat-tranżazzjoni, inkluż il-grad tat-trasferiment tar-riskju milħuq.

649. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jissorveljaw jekk istituzzjoni ta' kreditu tkunx provdiet appoġġ impliċitu għal titolizzazzjoni. Jekk jinstab li istituzzjoni ta' kreditu tkun provdiet appoġġ impliċitu f'aktar minn okkażjoni waħda l-awtorità kompetenti għandha tieħu l-miżuri xierqa li jirriflettu l-aspettattiva akbar li hija tkun se tipprovdi appoġġ fil-futur għat-titolizzazzjonijiet tagħha u b'hekk ma takkwistax trasferiment sinifikanti ta' riskju.

**ANNESS XII**

**Kriterji tekniċi dwar l-iżvelar**

**PARTI 1 – KRITERJI ĠENERALI**

650. L-informazzjoni għandha tkun ikkunsidrata bħala sostanzjali fl-iżvelar jekk in-nuqqas tagħha jew il-preżentazzjoni b'mod inkorrett (*misstatement*) tagħha jistgħu jibdlu jew jinfluwenzaw l-evalwazzjoni jew id-deċiżjoni ta' utent li jiddependi fuq dik l-informazzjoni għall-iskop tat-teħid ta' deċiżjonijiet ekonomiċi.

651. L-informazzjoni għandha titqies bħala propjetà ta' istituzzjoni ta' kreditu jekk it-tixrid ta' dik l-informazzjoni fost il-pubbliku jkun jagħmel ħsara lill-pożizzjoni kompetittiva tagħha. Dan jista' jinkludi informazzjoni dwar prodotti jew sistemi li, jekk tkun żvelata lill-kompetituri, tnaqqas mill-valur ta' l-investimenti ta' l-istituzzjoni ta' kreditu fihom.

652. L-informazzjoni għandha titqies bħala kunfidenzjali jekk ikun hemm obbligi lejn il-klijenti jew relazzjonijiet oħra ta' kontroparti li jorbtu lill-istituzzjoni ta' kreditu għall-kunfidenzjalità.

653. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jobbligaw lill-istituzzjonijiet ta' kreditu sabiex jevalwaw il-ħtieġa li jippubblikaw parti mill-iżvelar jew l-iżvelar kollu aktar ta' spiss milli darba kull sena fid-dawl tal-karatteristiċi relevanti tan-negozju tagħhom bħall-iskala ta' l-operazzjonijiet, il-firxa ta' l-attivitajiet, il-preżenza f'pajjiżi differenti, l-involviment f'setturi finanzjarji differenti, u l-parteċipazzjoni fi swieq finanzjarji internazzjonali u sistemi ta' ħlas, saldu u kklerjar internazzjonali. Dik l-istima għandha tagħti attenzjoni partikolari lill-bżonn possibbli għal aktar żvelar ta' elementi ta' informazzjoni stabbiliti fil-Parti 2, il-paragrafi 3(b) u 3(e), u 4(b) sa 4(f), u informazzjoni dwar l-iskopertura għar-riskju u elementi oħra li għandhom tendenza li jinbidlu malajr.

654. L-obbligu ta' l-iżvelar f'Parti 2, paragrafu 4, ittra (f) għandu jkun ipprovdut skond l-Artikolu 72 (1) u (2).

**Parti 2 – Obbligi ġenerali**

655. L-għanijiet u l-*policies* tal-ġestjoni tar-riskju ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għandhom ikunu żvelati għal kull kategorija separata ta' riskju, inklużi r-riskji li ssir referenza għalihom fil-paragrafi 1 sa 13. Dan l-iżvelar għandu jinkludi:

(a) l-istrateġiji u l-proċessi biex ikunu ġestiti dawk ir-riskji;

(b) l-istruttura u l-organizzazzjoni tal-funzjoni relevanti tal-ġestjoni tar-riskju jew arranġamenti oħra xierqa;

(c) il-firxa u n-natura tas-sistemi tar-rappurtar u kejl tar-riskju;

(d) il-*policies* għall-kopertura (*hedging*) u l-mitigazzjoni tar-riskju, u l-istrateġiji u l-proċessi għall-monitoraġġ ta' l-effikaċja tal-koperturi u l-mitiganti.

656. L-informazzjoni li ġejja dwar il-firxa ta' l-applikazzjoni ta' l-obbligi ta' din id-Direttiva għandha tkun żvelata :

(a) l-isem ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu li għaliha japplikaw l-obbligi ta’ din id-Direttiva;

(b) profil tad-differenzi fil-bażi tal-konsolidazzjoni għall-fini tal-kontabilità u dawk prudenzjali, b’deskrizzjoni qasira ta’ l-entitajiet li huma:

(i) ikkonsolidati għal kollox,

(ii) ikkonsolidati b’mod proporzjonali,

(iii) imnaqqsa mill-fondi proprji,

(iv) la kkonsolidati u lanqas imnaqqsa;

(c) kull xkiel sostanzjali jew legali kurrenti jew previst għat-trasferiment bla dewmien tal-fondi proprji jew il-ħlas lura ta’ l-obbligazzjonijiet (*liabilities*) bejn il-*parent undertaking* u s-sussidjarji tagħha;

(d) l-ammont komplessiv b’kemm il-fondi proprji huma anqas mill-minimu obbligatorju fis-sussidjarji kollha mhux inklużi fil-konsolidazzjoni, u l-isem jew l-ismijiet ta’ dawn is-sussidjarji;

(e) Jekk applikabbli, il-fatt li jkun sar użu mid-dispożizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 69 u 70.

657. L-informazzjoni li ġejja għandha tkun żvelata mill-istituzzjonijiet ta’ kreditu dwar il-fondi proprji tagħhom:

(a) informazzjoni fil-qosor dwar it-termini u l-kundizzjonijiet tal-karatteristiċi prinċipali ta' l-elementi kollha tal-fondi proprji u l-komponenti tagħhom;

(b) l-ammont tal-fondi proprji oriġinali, bi żvelar separat ta’ l-elementi pożittivi kollha u t-tnaqqis kollu;

(c) l-ammont totali tal-fondi proprji addizzjonali, u l-fondi proprji kif definiti fl-[Anness V Direttiva 93/6/KEE];

(d) tnaqqis mill-fondi proprji oriġinali u addizzjonali skond l-Artikolu 66(1) punt (c), bi żvelar separat ta’ l-elementi msemmija fl-Artikolu 57, punt (q);

(e) fondi proprji eliġibbli totali, wara t-tnaqqis u l-limiti stabbiliti fl-Artikolu 66.

658. L-informazzjoni li ġejja għandha tkun żvelata dwar il-konformità mill-istituzzjoni ta’ kreditu ma’ l-obbligi stabbiliti fl-Artikoli 75 u 123:

(a) deskrizzjoni qasira tal-mod li bih l-istituzzjoni ta' kreditu tevalwa l-adegwatezza tal-kapital intern tagħha sabiex dan jappoġġja l-attivitajiet kurrenti u futuri;

(b) għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jikkalkulaw l-ammonti ta' l-iskopertura bil-piż differenzjat skond ir-riskju skond l-Artikoli 78 sa 83, 8 fil-mija ta' l-

ammonti ta' skopertura b'piż differenzjat skond ir-riskju għal kull waħda mill-klassijiet ta' skoperturi speċifikati fl-Artikolu 79;

(c) għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw l-ammonti ta' l-iskopertura bil-piż differenzjat skond ir-riskju skond l-Artikoli 84 sa 89, 8 fil-mija ta' l-ammonti ta' skopertura bil-piż differenzjat skond ir-riskju għal kull waħda mill-klassijiet ta' skopertura speċifikati fl-Artikolu 86. Għall-klassi ta' l-iskoperturi *retail*, dan l-obbligu japplika għal kull waħda mill-kategoriji ta' skoperturi li jikkorrispondu għalihom il-korrelazzjonijiet differenti fl-Anness VII, Parti 1, paragrafi 9 sa 11. Għall-klassi ta' l-iskoperturi għall-kapital, dan l-obbligu japplika għal:

(i) kull wieħed mill-metodi pprovduti fl-Anness VII, Parti 1, paragrafi 15 sa 25;

(ii) skoperturi nnegozjati fuq il-boroż, skoperturi ta' kapital privat f'portfolji diversifikati biżżejjed, u skoperturi oħra;

(iii) skoperturi suġġetti għal tranżizzjoni ta' superviżjoni dwar l-obbligi tal-kapital;

(iv) skoperturi suġġetti għal klawżoli ta' salvagwardja dwar l-obbligi tal-kapital;

(d) obbligi kapitali minimi kkalkulati skond l-Artikolu 75, punti (b) u (c);

(e) obbligi kapitali minimi kkalkulati skond l-Artikoli 103 sa 105, u żvelati separatament;

(f) il-proporzjonijiet tas-solvenza kkalkulati fuq il-bażi tal-fondi proprji totali u l-fondi proprji oriġinali.

659. Għandha tkun żvelata l-informazzjoni li ġejja dwar l-iskopertura ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għar-riskju ta' kreditu u għar-riskju tad-dilwizzjoni:

(a) id-definizzjonijiet għall-fini tal-kontabilità ta' skaduti u deterjorati;

(b) deskrizzjoni tal-metodoloġiji u l-metodi adottati sabiex ikunu stabbiliti l-aġġustamenti u proviżjonijiet tal-valur;

(c) l-ammont totali ta' skoperturi wara l-ikkalkular fuq bażi netta għall-iskopijiet ta' kontabilità u mingħajr ma jitqiesu l-effetti tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu, u l-ammont medju ta' l-iskoperturi matul il-perjodu mqassma skond it-tipi differenti ta' klassijet ta' skopertura;

(d) id-distribuzzjoni ġeografika ta' l-iskoperturi, imqassma f'żoni sinifikanti skond il-klassijiet ta' l-iskopertura materjali, u ddettaljati aktar jekk ikun xieraq;

(e) Id-distribuzzjoni ta' l-iskoperturi skond l-industrija jew it-tip ta' kontroparti, imqassma skond il-klassijiet ta' l-iskopertura, u ddettaljati aktar jekk ikun xieraq;

(f) it-tqassim skond il-maturità residwa ta' l-iskoperturi kollha, imqassma skond il-klassijiet ta' l-iskopertura, u ddettaljati aktar jekk ikun xieraq;

(g) skond l-industrija jew tip ta' kontroparti sinifikanti, l-ammont ta':

(i) skoperturi deterjorati u skaduti, pprovduti separatament,

(ii) aġġustamenti fil-valur u proviżjonijiet,

(iii) bidliet għal aġġustamenti fil-valur matul il-perjodu;

(h) l-ammont ta' skoperturi deterjorati u skaduti, pprovduti separatament, imqassma skond iż-żoni ġeografiċi sinifikanti, inklużi, jekk ikun prattiku, l-ammonti ta' l-aġġustamenti fil-valur u l-proviżjonijiet relatati ma' kull żona ġeografika;

(i) ir-rikonċiljazzjoni tal-bidliet fil-valur ta' l-aġġustamenti u l-proviżjonijiet għal skoperturi deterjorati, murija separatament. L-informazzjoni għandha tinkludi:

(i) deskrizzjoni tat-tip ta' aġġustamenti fil-valur u proviżjonijiet,

(ii) il-bilanċi tal-ftuħ,

(iii) l-ammonti meħuda kontra proviżjonijiet matul il-perjodu,

(iv) l-ammonti mwarrba jew meħuda lura għal telf stmat probabbli fuq skoperturi matul il-perjodu, kull aġġustament ieħor inklużi dawk l-aġġustamenti determinati minn differenzi fir-rati tal-kambju, kumbinazzjonijiet ta' kummerċ, akkwisti u tneħħijiet ta' sussidjarji u trasferimenti bejn il-proviżjonijiet,

(v) il-bilanċi ta' l-għeluq.

Aġġustamenti fil-valur u rkupri rreġistrati direttament fir-rapport tal-qligħ (*income statement*) għandhom ikunu żvelati separatament.

660. Għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw l-ammonti ta' skopertura bil-piż differenzjat skond ir-riskju skond l-Artikoli 78 sa 83, l-informazzjoni li ġejja għandha tkun żvelata għal kull waħda mill-klassijiet ta' skopertura speċifikati fl-Artikolu 79:

(a) l-ismijiet ta' l-ECAI u l-ECA nominati u r-raġunijiet għall-bidliet li jkun hemm;

(b) il-klassijiet ta' skopertura li għalihom kull ECAI jew ECA tintuża;

(c) deskrizzjoni tal-proċess użat għat-trasferiment tal-ħarġiet u l-ħruġ ta' stimi tal-kreditu fuq elementi mhux inklużi fir-reġistru tan-negozju;

(d) l-assoċjazzjoni tal-klassifikazzjoni esterna ta' kull ECAI jew ECA nominat mal-passi tal-kwalità tal-kreditu preskritti fl-Anness VI, billi jitqies li din l-informazzjoni m'għandhiex għalfejn tkun żvelata jekk l-istituzzjoni ta' kreditu tkun tikkonforma ma' l-assoċjazzjoni standard ippubblikata mill-awtorità kompetenti;

(e) il-valuri ta’ l-iskopertura u l-valuri ta’ l-iskopertura wara l-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu assoċjati ma’ kull pass tal-kwalità tal-kreditu preskritt fl-Anness VI, kif ukoll dawk imnaqqsa mill-fondi proprji.

661. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jikkalkulaw l-ammonti ta’ l-iskopertura bil-piż differenzjat skond ir-riskju skond l-Anness VII, Parti 1, paragrafi 5 jew 17 sa 19 għandhom jiżvelaw l-iskopertura assenjata għal kull kategorija tat-tabella fil-paragrafu 5 li ssir referenza għaliha aktar 'il fuq, jew għal kull riskju differenzjat imsemmi fil-paragrafi 17 sa 19 li ssir referenza għalih aktar 'il fuq.

662. L-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jikkalkulaw l-obbligi tal-kapital tagħhom skond l-Artikolu 75, punti (b) u (c) għandhom jiżvelaw dawk l-obbligi separatament għal kull riskju msemmi f’dawk id-dispożizzjonijiet.

663. L-informazzjoni li ġejja għandha tkun żvelata minn kull istituzzjoni ta’ kreditu li tikkalkula l-obbligi tal-kapital tagħha skond l-[Anness VIII tad-Direttiva 93/6/KEE]:

(a) għal kull subportfoljo kopert:

(i) il-karatteristiċi tal-mudelli użati,

(ii) deskrizzjoni ta’ l-i*stress testing* applikat għas-subportfoljo,

(iii) deskrizzjoni tal-mod użat għall-ittestjar retrospettiv u l-validazzjoni tal-preċiżjoni u l-konsistenza tal-mudelli interni u l-proċessi ta’ mmudellar;

(b) il-firxa ta’ aċċettazzjoni mill-awtorità kompetenti;

(c) għassubportfolji taħt il-mudell:

(i) il-valuri għoljin, medji u baxxi tal-*value-at-risk* matul il-perjodu ta' rappurtar u fl-aħħar tal-perjodu,

(ii) tqabbil tal-valuri tal-*value-at-risk* mal-gwadanji u t-telf attwali li jkollha l-istituzzjoni ta' kreditu, b'analiżi ta' l-anomaliji importanti fir-riżultati ta' l-ittestjar retrospettiv.

664. L-informazzjoni li ġejja dwar ir-riskju operattiv għandha tkun żvelata mill-istituzzjoni ta’ kreditu:

(a) il-metodoloġiji għall-evalwazzjoni ta’ l-obbligi tal-fondi proprji għar-riskju operattiv li tikkwalifika għalihom l-istituzzjoni ta’ kreditu;

(b) deskrizzjoni tal-metodoloġija stabbilita fl-Artikolu 105, jekk użata mill-istituzzjoni ta’ kreditu, inkluża diskussjoni dwar il-fatturi interni u esterni relevanti kkunsidrati fil-metodu ta’ kejl ta’ l-istituzzjoni ta’ kreditu. Fil-każ ta’ l-użu parzjali, il-firxa tal-metodoloġiji differenti użati.

665. Għandha tkun żvelata l-informazzjoni li ġejja dwar l-iskoperturi għal strumenti tal-kapital mhux inklużi fir-reġistru tan-negozju :

(a) id-differenzjazzjoni bejn l-iskoperturi bbażata fuq l-għanijiet tagħhom, inkluż għal raġunijiet ta' relazzjoni ta' gwadan kapitali u strateġiċi, u ħarsa lejn il-metodi tal-kontabilità u l-metodoloġiji ta' valutazzjoni użati, inklużi ipoteżijiet ewlenin u metodi li jaffettwaw il-valutazzjoni u kull bidla sinifikanti f'dawn il-metodi;

(b) il-valur tal-karta tal-bilanċ, il-valur ġust (*fair value*) u, għal dawk innegozjati fuq il-boroż, tqabbil mal-prezz tas-suq fejn dan ikun sostanzjalment differenti mill-valur ġust;

(c) it-tipi, in-natura u l-ammonti ta' l-iskoperturi nneogozjati fuq il-boroż, skoperturi ta' kapital privat f'portfolji ddiversifikati biżżejjed, u skoperturi oħra;

(d) il-qligħ jew it-telf kumulattiv li jirriżulta mill-bejgħ u l-likwidazzjonijiet fil-perjodu;

(e) il-qligħ u t-telf totali mhux realizzat, il-qligħ u t-telf mir-rivalutazzjoni li jkun għadu mhux realizzat, u kull wieħed minn dawk l-ammonti inklużi fil-fondi proprji oriġinali jew addizzjonali.

666. Għandha tkun żvelata mill-istituzzjonijiet ta' kreditu l-informazzjoni li ġejja dwar l-iskopertura tagħhom għar-riskju ta' rati ta' l-interessi fuq pożizzjonijiet mhux inklużi fir-reġistru tan-negozju:

(a) in-natura tar-riskju tar-rati ta' l-interessi u l-ipoteżijiet ewlenin (inklużi ipoteżijiet dwar il-ħlas lura kmieni tas-self u l-komportament ta' depożiti mingħajr maturità), u l-kejl tal-frekwenza tar-riskju tar-rati ta' l-interessi;

(b) il-varjazzjoni fil-qligħ, il-valur ekonomiku jew kejl ieħor relevanti użat mill-amministrazzjoni għall-impatt ta' tlugħ jew inżul fir-rati ta' l-interessi skond il-metodu li bih l-amministrazzjoni tkejjel ir-riskju tar-rati ta' l-interessi, imqassam skond il-valuta.

667. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw l-ammonti ta' skopertura b'piż differenzjat skond ir-riskju skond l-Artikoli 94 sa 101 għandhom jiżvelaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) diskussjoni ta' l-għanijiet ta' l-istituzzjoni ta' kreditu fir-rigward ta' l-attività ta' titolizzazzjoni;

(b) ir-rwoli ta' l-istituzzjoni ta' kreditu fil-proċess ta' titolizzazzjoni;

(c) indikazzjoni ta' kemm ikun kbir l-involviment ta' l-istituzzjoni ta' kreditu f'kull waħda minnhom;

(d) il-metodi ta' kif ikunu kkalkulati l-ammonti ta' l-iskopertura, bil-piż differenzjat skond ir-riskju, li l-istituzzjoni ta' kreditu tkun qed issegwi għall-attivitajiet tagħha ta' titolizzazzjoni;

(e) deskrizzjoni qasira tal-*policies* tal-kontabilità ta' l-istituzzjoni ta' kreditu għall-attivitajiet tat-titolizzazzjoni, inklużi:

(i) jekk it-tranżazzjonijiet ikunux trattati bħala bejgħ jew bħala finanzjamenti,

(ii) ir-rikonoxximent tal-qligħ fuq il-bejgħ,

(iii) l-ipoteżijiet ewlenin għall-valutazzjoni ta' interessi miżmuma,

(iv) it-trattament tat-titolizzazzjonijiet sintetiċi jekk dawn ma jkunux koperti minn *policies* oħrajn tal-kontabilità;

(f) l-ismijiet ta' l-ECAI użati għat-titolizzazzjonijiet u t-tipi ta' skopertura li għaliha tintuża kull aġenzija;

(g) l-ammont totali pendenti ta' skoperturi titolizzati mill-istituzzjoni ta' kreditu u suġġett għall-qafas tat-titolizzazzjonji (imqassam fit-tradizzjonali u s-sintetiku), skond it-tip ta' skopertura;

(h) għal skoperturi titolizzati mill-istituzzjoniji ta' kreditu u suġġetti għall-qafas ta' titolizzazzjoni, tqassim skond it-tip ta' skopertura ta' l-ammont ta' skoperturi titolizzati deterjorati u skaduti, u t-telf rikonoxxut mill-istituzzjoni ta' kreditu matul il-perjodu;

(i) l-ammont totali ta' pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmuma jew mixtrija, imqassma skond it-tip ta' skopertura;

(j) l-ammont aggregat tal-pożizzjonijiet ta' titolizzazzjoni miżmuma jew mixtrija, imqassma f'numru sinifikanti ta' kategoriji ta' piż tar-riskju. Pożizzjonijiet li ġew differenzjati skond ir-riskju b'1250% jew imnaqqsa għandhom ikunu żvelati separatament;

(k) l-ammont aggregat pendenti ta' skoperturi titolizzati li jiġġeddu mqassma skond l-interessi ta' l-oriġinatur u ta' l-investitur;

(l) deskrizzjoni qasira ta' l-attività ta' titolizzazzjoni matul il-perjodu, inkluż l-ammont ta' skoperturi titolizzati (skond it-tip ta' skopertura), u l-qligħ jew telf rikonoxxut fuq il-bejgħ skond it-tip ta' skopertura.

**79. Parti 3 – Rekwiżiti li jikkwalifikaw għall-użu ta' strumenti jew metodoloġiji partikolari**

668. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw l-ammonti ta' skoperturi bil-piż differenzjat skond ir-riskju skond l-Artikoli 84 sa 89 għandhom jiżvelaw din l-informazzjoni li ġejja:

(a) l-aċċettazzjoni tal-metodu jew tat-tranżizzjoni mill-awtorità kompetenti

(b) spjegazzjoni u analiżi ta':

(i) l-istruttura tas-sistemi tal-klassifikazzjoni interna u r-relazzjoni bejn il-klassifikazzjonijiet interni u esterni,

(ii) l-użu ta’ l-istimi interni għal raġunijiet oħra minbarra l-ikkalkular ta' l-ammonti ta' skopertura bil-piż differenzjat skond ir-riskju skond l-Artikoli 84 sa 89,

(iii) il-proċess għall-ġestjoni u r-rikonoxximent tal-mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu,

(iv) il-mekkaniżmi ta’ kontroll għal sistemi ta’ klassifikazzjoni inkluża deskrizzjoni ta’ indipendenza, responsabbiltà, u analiżi tas-sistema tal-klassifikazzjoni;

(c) deskrizzjoni tal-proċess ta’ klassifikazzjoni interna, mogħti separatament għall-klassijiet ta’ skopertura li ġejjin:

(i) gvernijiet ċentrali u banek ċentrali,

(ii) istituzzjonijiet,

(iii) kumpaniji, inklużi SME, self speċjalizzat u riċevibbli mixtrija tal-kumpaniji,

(iv) *retail*, għal kull waħda mill-kategoriji ta’ skoperturi li jikkorrispondu għalihom il-korrelazzjonijiet differenti fl-Anness VII, Parti 1, paragrafi 9 sa 11,

(v) strumenti tal-kapital;

(d) il-valuri ta’ l-iskopertura għal kull waħda mill-klassijiet ta’ skopertura speċifikati fl-Artikolu 86. Skoperturi għal gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, istituzzjonijiet ta’ kreditu u kumpaniji fejn l-istituzzjonijiet ta’ kreditu jużaw l-istimi tagħhom stess ta' LGDs jew fatturi ta' konverżjoni (*conversion factors*) għall-ikkalkular ta’ ammonti ta’ skopertura bil-piż differenzjat skond ir-riskju għandhom ikunu żvelati separatament minn skoperturi li għalihom l-istituzzjonijiet ta’ kreditu ma jużawx stimi bħal dawn;

(e) għal kull waħda mill-klassijiet ta’ skopertura: gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, istituzzjonijiet, kumpaniji u kapital, u fuq numru kbir biżżejjed ta' klassijiet ta' debitur (inkluża dik ta’ l-inadempjenza), sabiex jippermettu differenzjazzjoni sinifikanti tar-riskju tal-kreditu, l-istituzzjonijiet ta’ kreditu għandhom jiżvelaw:

(i) l-iskoperturi totali (għall-klassijiet ta’ skopertura gvernijiet ċentrali u banek ċentrali, istituzzjonijiet u kumpaniji, is-somma tas-self pendenti u l-valuri ta’ l-iskoperturi għal impenji mhux użati; għall-istrumenti tal-kapital, l-ammont pendenti),

(ii) għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jużaw l-istimi tagħhom stess ta’ l-LGD għall-ikkalkular ta’ l-ammonti ta’ l-iskoperturi bil-piż differenzjat skond ir-riskju, l-LGD medja bil-piż differenzjat skond ir-riskju f’perċentwali,

(iii) il-piż medju tar-riskju, differenzjat skond l-iskopertura,

(iv) għall-istituzzjonijiet ta’ kreditu li jużaw l-istimi tagħhom stess għall-fatturi ta’ konverżjoni għall-ikkalkular ta’ l-ammonti ta' skoperturi bil-piż differenzjat skond ir-riskju, l-ammont ta' impenji mhux użati u l-valuri ta' skopertura għal kull klassi ta' skopertura;

(f) għall-klassi ta' skopertura *retail* u għal kull waħda mill-kategoriji kif definiti taħt (c) aktar 'il fuq, jew l-iskoperturi deskritti taħt (e) aktar 'il fuq (jekk ikun applikabbli, fuq bażi ta' *pooling*), jew analiżi ta' l-iskoperturi (self pendenti u valuri ta' skoperturi għal impenji mhux użati) kontra numru suffiċjenti ta' gradi EL sabiex tkun possibbli differenzjazzjoni sinifikanti tar-riskju tal-kreditu (jekk applikabbli fuq bażi ta' *pooling*);

(g) l-aġġustamenti attwali tal-valuri fil-perjodu preċedenti għal kull klassi ta' skopertura (għar-*retail*, għal kull waħda mill-kategoriji kif definiti taħt (c) aktar 'il fuq) u kif din hija differenti mill-esperjenza tal-passat;

(h) deskrizzjoni tal-fatturi li affettwaw l-esperjenza ta' telf waqt il-perjodu preċedenti (pereżempju, jekk l-istituzzjoni ta' kreditu esperjenzatx rati ta' nuqqas ta' ħlas aktar għolja mill-medja, jew LGDs u fatturi ta' konverżjoni aktar għoja mill-medja);

(i) l-istimi ta' l-istituzzjoni ta' kreditu meta mqabbla mar-riżultati attwali fuq perjodu itwal. Bħala minimu, dan għandu jinkludi informazzjoni dwar stimi ta' telf imqabbla ma' telf attwali f'kull waħda mill-klassijiet ta' skopertura (għar-*retail*, għal kull waħda mill-kategoriji kif definiti taħt (c) aktar 'il fuq) fuq perjodu twil biżżejjed biex jippermetti evalwazzjoni relevanti tal-funzjonament tal-proċessi tal-klassifikazzjoni interna għal kull klassi ta' skopertura (għar-*retail* għal kull waħda mill-kategoriji kif definiti taħt (c) aktar 'il fuq). Fejn ikun xieraq, l-istituzzjonijiet ta' kreditu għandhom ikomplu jiddiżagregaw dan sabiex jipprovdu analiżi tal-PD u, għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw l-istimi tagħhom stess ta' l-LGDs u/jew il-fatturi ta' konverżjoni, ir-riżultati ta' l-LGD u l-fatturi ta' konverżjoni mqabbla ma' l-istimi pprovduti fl-iżvelar ta' l-istima kwantitattiva tar-riskju aktar 'il fuq.

Għall-iskopijiet ta' (c) aktar 'il fuq, id-deskrizzjoni għandha tinkludi t-tipi ta' skopertura inklużi fil-klassi ta' skopertura, id-definizzjonijiet, metodi u *data* għall-istima u l-validazzjoni tal-PD u, jekk applikabbli, l-LGD u l-fatturi ta' konverżjoni, inklużi ipoteżijiet użati biex jinkisbu l-valuri ta' dawn il-fatturi varjabbli, u deskrizzjoni tad-devjazzjonijiet sostanzjali mid-definizzjoni ta' nuqqas ta' ħlas kif stabbilit fl-Anness VII, Parti 4, paragrafi 44 sa 48, inklużi s-segmenti wiesa' affettwati minn dawn id-devjazzjonijiet.

669. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li japplikaw il-metodi ta' mitigazzjoni tar-riskju tal-kreditu għandhom jiżvelaw l-informazzjoni li ġejja:

(a) il-*policies* u proċessi għal, u indikazzjonijiet dwar sa liema punt l-entità tagħmel użu minn, ikkalkular fuq bażi netta fuq il-karta tal-bilanċ u barra minnha;

(b) il-*policies* u l-proċessi għall-valutazzjoni u l-ġestjoni tal-kollateral;

(c) deskrizzjoni tat-tipi ewlenin ta' kollateral meħuda mill-istituzzjoni ta' kreditu;

(d) it-tipi ewlenin ta' garanti u kontroparti tad-derivattivi tal-kreditu u l-kwalità tal-kreditu tagħhom;

(e) informazzjoni dwar konċentrazzjonijiet tar-riskji tas-suq jew tal-kreditu fi ħdan il-mitigazzjoni tal-kreditu meħuda;

(f) għal istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw l-ammonti ta' skopertura differenzjati skond ir-riskju skond l-Artikoli 78 sa 83 jew 84 sa 89, imma mingħajr ma jipprovdu stimi proprji ta' l-LGDs jew fatturi ta' konverżjoni fir-rigward tal-klassi ta' skopertura, separatament għal kull klassi ta' skopertura, il-valur totali ta' l-iskopertura (wara, fejn ikun applikabbli, ikkalkular fuq bażi netta fuq il-karta tal-bilanċ jew barra minnha) li hu kopert – wara l-applikazzjoni ta' l-aġġustamenti għall-volatilità – permezz ta' kollateral finanzjarju eliġibbli, u kollateral eliġibbli ieħor;

(g) għall-istituzzjonijiet ta' kreditu li jikkalkulaw l-ammonti ta' skopertura b'piż differenzjat skond ir-riskju f'konformità ma' l-Artikoli 78 sa 83 jew 84 sa 89, separatament għal kull klassi ta' skopertura, l-iskopertura totali (wara, jekk ikun applikabbli, ikkalkular fuq bażi netta fuq il-karta tal-bilanċ jew barra minnha) li hi koperta b'garanziji jew derivattivi tal-kreditu. Għall-klassi ta' l-iskopertura għall-kapital, dan l-obbligu japplika għal kull waħda mill-metodoloġiji pprovduti fl-Anness VII, Parti 1, paragrafi 15 sa 24.

670. L-istituzzjonijiet ta' kreditu li jużaw il-metodu stabbilit fl-Artikolu 105 għall-ikkalkular ta' l-obbligi tagħhom tal-fondi proprji għar-riskju operattiv għandhom jiżvelaw deskrizzjoni ta' l-użu ta' assigurazzjoni għall-iskop tal-mitigazzjoni tar-riskju.